



# B

Is-sett ewliewni ta'
l-indikaturi

B

# Is-sett ewliewni ta' l-indikaturi


**L-introduzzjoni tas-suġġett** ..... 255

**It-tniġġis ta' l-arja u l-ħsara fl-ożonu**

01 L-emissjonijiet tas-sustanzi aċidużi ..... 256
02 L-emissjonijiet tal-prekursuri ta' l-ożonu ..... 260
03 L-emissjonijiet tal-partiċelli ewlenin u ta' l-prekursuri tal-partiċelli sekondarji ..... 264
04 Il-qbiż tal- valuri ta' l-ogħla livelli tal-kwalità ta' l-arja fiż-żoni urbani ..... 268
05 L-espożizzjoni ta' l-ekosistemi għall-aċidifikazzjoni, l-l-effett ta' sustanzi nutrittivi fuq l-ilmijiet (ewtrofizzazzjoni) u l-ożonu ..... 272
06 Il-produzzjoni u l-konsum ta' sustanzi li jagħmlu ħsara fl-ożonu ..... 276

**Il-biodiversità**

07 L-ispeċi fil-periklu u l-ispeċi protetti ..... 280
08 Żoni magħżula ..... 284
09 Id-diversità ta' l-ispeċi ..... 288

**Il-bidla fil-klima**

10 L-emissjonijiet u t-tneħħija tal-gassijiet b'effett ta' serra ..... 292
11 It-tbassir ta' l-emissjonijiet u t-tneħħija tal-gassijiet b'effett ta' serra ..... 296
12 It-temperatura globali u Ewropea ..... 300
13 Il-konċentrazzjonijiet atmosferiċi tal-gassijiet b'effett ta' serra ..... 304

**Terrestri**

14 It-teħid ta' l-art ..... 308
15 Il-progress fl-amministrazzjoni tas-siti kkontaminati ..... 312

**L-iskart**

16 Il-ġenerazzjoni ta' l-iskart muniċipali ..... 316
17 Il-ġenerazzjoni u r-riċiklaġġ ta' l-iskart li ġej mill-ippakkjar ..... 320

**L-ilma**

18 L-użu tar-riżorsi ta' l-ilma ħelu ..... 324
19 Sustanzi li jikkunsmaw l-ossiġenu fi xmajjar ..... 328
20 Nutrijenti fl-ilma ħelu ..... 332
21 In-nutrijenti fl-ilmijiet transitorji, fl–ilmijiet ta' max-xtut u fil-baħar ..... 336
22 Il-kwalità ta' l-ilma għall-għawm ..... 340
23 Il-klorofilla fl-ilmijiet transitorji, ta' max-xtut u tal-baħar ..... 344
24 It-tisfija tad-Drenaġġ ..... 348

**Agrikoltura**

25 Il-bilanċ nutrittiv totali ..... 352
26 Art użata għall-biedja organika ..... 356

**Enerġija**

27 Il-konsum finali ta' enerġija skond is-settur ..... 360
28 L-intensità totali ta' l-enerġija ..... 364
29 Il-konsum totali ta' enerġija skond il-karburant ..... 368
30 Il-konsum ta' enerġija rinnovabbli ..... 372
31 Elettriku minn sorsi rinnovabbli ..... 376

**L-industrija tas-sajd**

32 L-istat tal-popolazzjonijiet tal-ħut tal-baħar ..... 380
33 Il-produzzjoni ta' l-akkwakultura ..... 384
34 Il-kapaċità tal-flotta tas-sajd ..... 388

**Trasport**

35 Id-domanda għat-trasport tal-passiġġieri ..... 392
36 Id-domanda għat-trasport tal-merkanzija ..... 396
37 L-użu ta' karburanti alternattivi u aktar nodfa ..... 400



# L-introduzzjoni tas-suġġett

It-taqsima B tar-rapport tippreżenta taqsira ta' erba' paġni għal kull wieħed mis-37 indikatur tas-sett ewlieni ta' l-EEA, fuq il-bażi ta' l-informazzjoni disponibbli fin-nofs ta' l-2005. Għal kull indikatur, nagħtu l-mistoqsija politika ewlenija, il-messaġġ prinċipali u l-valutazzjoni. Dawn huma segwiti b'informazzjoni fuq id-definizzjoni ta' l-indikatur, Il-bażi loġika ta' l-indikatur, il-kuntest politiku u taqsima fuq l-inċertezza.

Minbarra li fih innfisu huwa sors importanti ta' tagħrif, is-sett ewlieni jsaħħaħ kemm il-valutazzjoni li hemm f'Taqsima A, kif ukoll l-analiżi tal-pajjiżi li hemm f'Taqsima Ċ. F'dawk it-taqsimiet wieħed jista' jsib ir-referenzi għall-indikaturi u kif dawn ġew użati.

L-ispeċifikazzjonijiet sħaħ ta' l-indikaturi, l-ispjegazzjonijiet tekniċi, it-twiddib u l-valutazzjonijiet huma disponibbli fil-website ta' l-EEA (bħalissa f'www.eea.eu.int/coreset). Il-valutazzjonijiet sejrin jiġu aġġornati fuq bażi regolari hekk kif tagħrif ġdid isir disponibbli.

L-EEA identifikat sett ewlieni ta' indikaturi sabiex:

- tipprovdi bażi maniġabbli u stabbli għall-valutazzjonijiet tal-progress ibbażati fuq l-indikaturi kontra l-prijoritajiet ambjentali tal-politika;
- tagħti prijorità fit-titijib tal-kwalità u fil-kopertura ta' l informazzjoni li għandu jtejjeb it-tqabbil u ċ-ċertezza ta' l-informazzjoni u tal-valutazzjonijiet;
- isawwar l-kontribuzzjonijiet ghal inizjattivi oħrajn ibbażati fuq l-indikaturi ġewwa l-Ewropa u fil-bqija tad-dinja.

L-istabbiliment u l-iżvilupp tas-sett ewlieni ta' l-indikaturi ta' l-EEA kien ir-riżultat tal-ħtieġa, li jiġu identifikati numru żgħir ta' indikaturi b'relevanza politika li huma stabbli, iżda mhux statiċi, u li jagħtu tweġibiet għal mistoqsijiet magħżula li għandhom prijorità politika. Madankollu, għandhom jiġu kkunsidrati ma' informazzjoni oħra jekk dawn iridu jkunu effettivi fir-rappurtaġġ ta' l-ambjent.

Is-sett ewlieni jkopri sitt temi ambjentali (t-tniġġis ta' l-arja u l-ħsara fl-ożonu, il-bidla fil-klima, l-iskart, l-ilma, il-biodiversità u l-ambjent terrestri) u erba' setturi (l-agrikultura, l-enerġija, it-trasport u s-sajd).

L-indikaturi fis-sett ewlieni ġew magħżula minn sett ħafna ikbar fuq il-bażi tal-kriterji wżati b'mod komuni f'postijiet oħra fl-Ewropa u fl-OECD. Ingħatat attenzjoni partikolari għar-relevanza tal-prioritajiet politiċi, għanijiet u miri; għad-disponibbiltà malajr u bla limitu ta' tagħrif ta' kwalità għolja, u l-applikazzjoni ta' metodi stabbiliti sew għall-kalkolazzjoni permezz ta' l-indikaturi.

Is-sett ewlieni, u b'mod partikolari l-valutazzjonijiet u l-messaġġi prinċipali tiegħu, huwa mmirat l-aktar lejn dawk li jagħmlu l-politika fuq il-livell ta' l-UE u fuq il-livell nazzjonali, li jistgħu jużaw ir-riżultati biex jinfurmaw bil-progress li jkun qiegħed isir fil-politika tagħhom. L-istituzzjonijiet kemm ta' l-UE kif ukoll dawk nazzjonali, jistgħu jużaw ukoll is-sett ewlieni sabiex jappoġġjaw il-konformità tac-cirkular ta' l informazzjoni fuq il-livell ta' l-UE.

L-esperti ta' l-ambjent jistgħu jużawh bħala għodda għax-xogħol tagħhom billi jużaw l-informazzjoni u l-metodoloġiji bażi biex jagħmlu l-analiżi tagħhom. Jistgħu wkoll iħarsu lejn is-sett b'mod kritiku, jagħtu t-tweġibiet tagħhom u b'hekk ikunu qegħdin jikkontribwixxu wkoll għal żviluppi futuri fis-sett ewlieni ta' l-EEA.

Dawk li jużawh b'mod ġenerali ser ikollhom aċċess għas-sett ewlieni fuq il-web b'mod li jinftiehem malajr u jkunu jistgħu jużaw l-għodda u l-informazzjoni disponibbli biex jagħmlu l-analiżi u l-preżentazzjonijiet tagħhom.

# 01 L-emissjonijiet tas-sustanzi aċidużi

## Il-mistoqsija politika ewlenija

Xi progress qiegħed isir biex jitnaqqsu l-emissjonijiet ta' sustanzi aċidużi li jniġġsu madwar l-Ewropa?

## Il-messaġġ prinċipali

L-emissjonijiet ta' gassijiet aċidużi naqsu b'mod sinifikanti f'ħafna mill-pajjiżi membri ta' l-EEA. Bejn l-1990 u l-2002, l-emissjonijiet naqsu b'43 % fil-UE-15 u b' 58 % fl-UE-10, avolja kien hemm żieda fl-attività ekonomika (GDP). Fil-pajjiżi membri kollha ta' l-EEA, ħlief f'Malta, l-emissjonijiet naqsu b'44 %.

## Il-valutazzjoni ta' l-indikatur

L-emissjonijiet ta' gassijiet aċidużi naqsu b'mod sinifikanti f'ħafna mill-pajjiżi membri ta' l-EEA. Fl-UE-15, l-emissjonijiet naqsu b'43 % bejn l-1990 u l-2002, l-aktar b'riżultat tat-tnaqqis fl-emissjonijiet tad-dijossidu tal-kubrit, li kkontribwixxa għal 77 % tat-tnaqqis totali. L-emissjonijiet mis-setturi ta' l-enerġija, ta' l-industrija u tat-trasport ġew ilkoll imnaqqsa b'mod sinifikanti, u kkontribwew għal 52 %, 16 % u 13 % rispettivament tat-tnaqqis fl-emissjonijiet tal-gassijiet aċidużi mkejla. Dan it-tnaqqis huwa dovut l-aktar għall-bidla mill-karburant għall-gas naturali, ir-ristrutturar ekonomiku tal-Länder il-ġdid fil-Ġermanja u l-introduzzjoni tat-tneħħija tal-kubrit mill-gass taċ-ċmieni f'xi impjanti ta' l-enerġija. S'issa, it-tnaqqis wassal biex l-UE-15 tkun fit-triq it-tajba biex tilħaq il-mira ġenerali għat-tnaqqis fl-emissjonijiet aċidużi sa l-2010.

L-emissjonijiet ta' gassijiet aċidużi naqsu wkoll b'mod sinifikanti fl-UE-10 u fil-pajjiżi kandidati (CC-4). L-emissjonijiet fl-Istati Membri ta' l-UE-10 naqsu b' 58 % bejn l-1990 u l-2002, l-aktar b'riżultat ukoll tat-tnaqqis kbir fl-emissjonijiet tad-dijossidu tal-kubrit bħal fil-pajjiżi ta' l-UE-15.

It-tnaqqis fl-emissjonijiet ta' l-ossidu tan-nitroġenu huwa r-riżultat tal-miżuri tat-tnaqqis fit-trasport ta' l-art u fl-impjanti l-kbar tal-kombustjoni.

## Id-definizzjoni ta' l-indikatur

L-indikaturi ilhom jimmarkaw it-tendenzi fl-emissjonijiet antropoġeniċi ta' sustanzi aċiduċi sa mis-snin disgħin: ossidi tan-nitroġenu, ammonja, u dijossidu tal-kubrit, ilkoll ġew imkejla skond il-potenzjal aċiduż tagħhom. L-indikatur jipprovdi wkoll informazzjoni dwar il-bidla fl-emissjonijiet fis-setturi ewlenin li jipproduċuhom.

## Il-bażi loġika ta' l-indikatur

L-emissjonijiet ta' sustanzi aċidużi jikkawżaw ħsara għas-saħħa tal-bniedem, għall-ekosistemi, għall-bini u għall-materjali (korrużjoni). L-effetti assoċjati ma' kull sustanza li tniġġes jiddependu fuq il-potenzjal tiegħu li jsir aċiduż u l-karatteristiċi ta' l-ekosistemi u tal-materjali. Id-depożitu ta' sustanzi aċidużi spiss għadu jaqbeż it-tagħbijat kritiċi ta' l-ekosistemi madwar l-Ewropa.

L-indikatur jappoġġja l-valutazzjoni tal-progress tat-twettiq tal-Protokoll ta' Gotenburg taħt il-Konvenzjoni dwar it-Tniġġis ta' l-Arja li jivjaġġa ghal distanzi twal u jaqsam minn pajjiż ghal iehor ta' l-1979 (*Convention on Long-range Transboundary Air Pollution* — CLRTAP) u d-Direttiva ta' l-UE dwar il-Livelli Nazzjonali Massimi ta' l-Emissjonijiet (*National Emission Ceilings* — NECD) (2001/81/KE).

## Il-kuntest politiku

Il-miri tal-livelli massimi ta' l-emissjonijiet għall-$NO_X$, l-$SO_2$ u l-$NH_3$ huma speċifikati kemm fid-Direttiva ta' l-UE dwar il-Livelli Nazzjonali Massimi ta' l-Emissjonijiet kif ukoll fil-Protokoll ta' Gotenburg taħt il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-tniġġis ta' l-arja transkonfini f'distanza kbira (CLRTAP). Il-miri għat-tnaqqis fl-emissjonijiet mill-UE-10 taħt l-NECD ġew speċifikati fit-trattat ta' adeżjoni fl-Unjoni Ewropea, fl-2003.

L-NECD ġeneralment jinvolvi miri kemmxejn iktar stretti mill-Protokoll ta' Gotenburg għat-tnaqqis ta' l-emissjonijiet mill-pajjiżi ta' l-UE-15 sa l-2010.

**Figura 1** **It-tendenzi fl-emissjonijiet ta' sustanzi aċidużi li jniġġsu (il-pajjiżi membri ta' l-EEA), 1990–2002**




**Nota:** Informazzjoni minn Malta mhux disponibbli.

Is-sors ta' l-informazzjoni: Informazzjoni mill-2004 irrapportat uffiċjalment l-emissjonijiet nazzjonali u settorjali totali lill-Konvenzjoni UNECE/EMEPdwar it-tniġġis ta' l-arja li jivjagga ghal distanzi twal u jaqsam minn pajjiz ghal iehor.

**Figura 2** **It-tendenzi fl-emissjonijiet ta' sustanzi aċidużi li jniġġsu (UE-15), 1990–2002**




**Nota:** Is-sors ta' l-informazzjoni: Informazzjoni mill-2004 irrapportat uffiċjalment l-emissjonijiet nazzjonali u settorjali totali lill-Konvenzjoni UNECE/EMEP dwar it-tniġġis ta' l-arja li jivjaġġa ghal distanzi twal u jaqsmu minn pajjiz ghal iehor.

**Figura 3** **Il-bidla fl-emissjoni ta' sustanzi aċidużi (EFTA-3 u UE-15) meta mqabbla mal-miri tal-NECD għall-2010 (UE-15 biss), 1990–2002**




**Nota:** Is-sors ta' l-informazzjoni mill-2004 irrapportat uffiċjalment l-emissjonijiet nazzjonali u settorjali totali lill-Konvenzjoni dwar it-tniġġis ta' l-arja li jivjagga ghal distanzi twal u jaqsam minn pajjiz ghal iehor ta' l-UNECE/EMEP. (Rif: www.eea.eu.int/coreset).

**Figura 4 Il-bidla fl-emissjoni ta' sustanzi aċidużi (CC-4 u UE-10) mqabbla mal-miri NECD ta' l-2010 (UE-10 biss), 1990–2002**




**Nota:** Informazzjoni minn Malta mhux disponibbli.

Is-sors ta' l-informazzjoni: Informazzjoni mill-2004 irrapportat uffiċjalment l-emissjonijiet nazzjonali u settorjali totali lill-Konvenzjoni l-UNECE/EMEP dwar it-tniġġis ta' l-arja li jivjagga ghal distanzi twal u jaqsam minn pajjiż ghal iehor. (Rif: www.eea.eu.int/coreset).

## L-inċertezza fl-indikatur

L-użu ta' fatturi potenzjalment aċidużi jwassal għal xi inċertezzi. Hemm is-suppożizzjoni li l-fatturi huma rappreżentattivi ta' l-Ewropa kollha; jistgħu jiġu kkalkolati fatturi differenti fuq skala lokali.

L-EEA tuża informazzjoni mogħtija uffiċjalment mill-Istati Membri ta' l-UE u minn stati membri oħra ta' l-EEA li jużaw linji gwida komuni biex jikkalkulaw u jirrappurtaw l-emissjonijiet ta' sustanzi li jniġġsu l-arja.

L-istimi tal-$NO_X$, l-$SO_2$ u l-$NH_3$ fl-Ewropa huma maħsubin li għandhom inċetezza ta' xi +/– 30 %, 10 % u 50 % rispettivament.

**Figura 5** **Il-kontribuzzjoni għall-bidla totali fl-emissjonijiet ta' sustanzi li jniġġsu għal kull settur u sustanza (UE-15), 2002**




**Nota:** Il-marki ta' 'Il-kontribuzzjoni għall-bidla' juru l-kontribuzzjonijiet għall-bidla totali fl-emissjonijiet bejn l-1990–2002 magħmula minn settur speċifiku/sustanzi aċidużi.

Is-sors ta' l-informazzjoni: Informazzjoni mill-2004 irrapportat uffiċjalment l-emissjonijiet nazzjonali u settorjali totali lill-Konvenzjoni UNECE/EMEP dwar it-tniġġis ta' l-arja li jivjagga ghal distanzi twal u jaqsam minn pajjiz ghal iehor (Rif: www.eea.eu.int/coreset).

# 02 L-emissjonijiet tal-prekursuri ta' l-ożonu

## Il-mistoqsija politika ewlenija

Xi progress qiegħed isir biex jitnaqqsu l-emissjonijiet ta' prekursuri ta' l-ożonu madwar l-Ewropa?

## Il-messaġġ prinċipali

L-emissjonijiet ta' gassijiet li jiffurmaw l-ożonu (il-prekursuri ta' l-ożonu fuq il-livell ta' l-art) tnaqqsu bi 33 % mill-pajjiżi membri ta' l-EEA bejn l-1990 u l-2002, l-aktar b'riżultat ta' l-introduzzjoni tal-katalizzaturi fil-karozzi l-ġodda.

## Il-valutazzjoni ta' l-indikatur

L-emissjonijiet totali tal-prekursuri ta' l-ożonu tnaqqsu bi 33 % madwar il-pajjiżi membri ta' l-EEA bejn l-1990 u l-2002. Għall-pajjiżi ta' l-UE-15, l-emissjonijiet tnaqqsu b'35 %.

It-tnaqqis fl-emissjonijiet ta' l-UE-15 mill-1990 huwa dovut l-aktar għar-riżultat tat-tkomplija fl-introduzzjoni ta' converters katalitiċi fil-karozzi u penetrazzjoni akbar tad-diesel, iżda wkoll għar-riżultat tat-twettiq tad-direttiva dwar is-solventi fil-proċessi industrijali. L-emissjonijiet mis-setturi ta' l-enerġija u tat-trasport ġew it-tnejn imnaqqsa b'mod sinifikanti, u kkontribwew għal 10 % u 65 % rispettivament fit-tnaqqis totali fl-emissjonijiet imkejla tal-prekursuri ta' l-ożonu. It-tnaqqis fl-emissjonijiet tal-prekursuri ta' l-ożonu kopert bid-direttiva nazzjonali dwar l-ogħla livelli ta' emissjonijiet (komposti organiċi volatili li ma jinkludux il-metanu, NMVOCs, u l-ossidu tan-nitroġenu, $NO_X$) wassal biex l-UE-15 tkun fit-triq it-tajba biex tilħaq il-mira ġenerali għat-tnaqqis ta' dawn l-emissjonijiet fl-2010.

L-emissjonijiet ta' komposti organiċi volatili li ma jinkludux il-metanu (38 % ta' l-emissjonijiet totali imkejla) kif ukoll l-ossidi tan-nitroġenu (48 % ta' l-emissjonijiet totali imkejla) kkontribwew l-aktar għall-formazzjoni ta' l-ożonu troposferiku fl-2002. Il-monossidu karbonju u l-metanu kkontribwew għal 13 % u 1 % rispettivament.

L-emissjonijiet ta' $NO_X$ u NMVOC tnaqqsu b'mod sinifikanti bejn l-1990 u l-2002, u kkontribwew għal 37 % u 44 % rispettivament tat-tnaqqis totali fl-emissjonijiet tal-prekursuri.

Fl-UE-10 ([1]), l-emissjonijiet totali tal-prekursuri ta' l-ożonu tnaqqsu b' 42 % bejn l-1990 u l-2002. L-emissjonijiet ta' komposti organiċi volatili li ma jinkludux il-metanu (32 % tat-total) u ta' l-ossidu tan-nitroġenu (51 % tat-total) kienu l-aktar sustanzi li jniġġsu li kienu qegħdin jikkontribwixxu għall-formazzjoni ta' l-ożonu troposferiku fil-pajjiżi ta' l-UE-10 fl-2002.

## Id-definizzjoni ta' l-indikatur

Dan l-indikatur jimmarka t-tendenza mill-1990 ta' l-emissjonijiet antropoġeniċi tal-prekursuri ta' l-ożonu: l-ossidu tan-nitroġenu, il-monossidu karboniku, il-metanu u komposti organiċi volatili li ma jinkludux il-metanu, kull wieħed imkejjel skond il-potenzjal tiegħu li jifforma l-ożonu troposferiku. L-indikatur jipprovdi wkoll informazzjoni dwar il-bidla fl-emissjonijiet skond is-setturi ewlenin li jipproduċuhom.

## Il-bażi loġika ta' l-indikatur

L-ożonu huwa ossidant qawwi u l-ożonu troposferiku jista' jkollu effetti ħżiena fuq is-saħħa tal-bniedem u fuq l-ekosistemi. Il-kontribuzzjonijiet relevanti tal-prekursuri ta' l-ożonu jistgħu jiġu eżaminati fuq il-bażi tal-potenzjal troposferiku tagħhom li jiffurmaw l-ożonu (TOFP).

## Il-kuntest politiku

Il-miri ta' l-ogħla livelli ta' l-emissjonijiet tal-$NO_X$ u l-NMVOCs huma speċifikati kemm fid-Direttiva dwar il-Livelli Nazzjonali Massimi ta' l-Emissjonijiet ta' l-UE (NECD) kif ukoll fil-Protokoll ta' Gothenburg taħt il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-tniġġis ta' l-arja li jivjaġġa ghal distanzi twal li jaqsmu minn pajjiż ghal iehor. (CLRTAP). Il-miri għat-tnaqqis fl-emissjonijiet

([1]) Informazzjoni minn Malta mhux disponibbli.

**Figura 1** **Tendenzi fl-emissjoni tal-prekursuri ta' l-ożonu (ktunnellati NMVOC-ekwivalenti) għall-pajjiżi membri ta' l-EEA, 1990–2002**




**Nota:** Informazzjoni minn Malta mhux disponibbli.
Is-sors ta' l-informazzjoni: Informazzjoni mill-2004 irrapportat uffiċjalment l-emissjonijiet nazzjonali u settorjali totali lill-Konvenzjoni UNECE/EMEP u l-UNFCCC dwar it-tniġġis ta' l-arja li jivjaġġa għal distanzi twal u jaqsam minn pajjiż għal iehor.

**Figura 2** **Tendenzi fl-emissjoni tal-prekursuri ta' l-ożonu (ktunnellati NMVOC-ekwivalenti) għall-UE-15, 1990–2002**




**Nota:** Is-sors ta' l-informazzjoni: Informazzjoni mill-2004 irrapportat uffiċjalment l-emissjonijiet nazzjonali u settorjali totali lill-Konvenzjoni UNFCCC dwar it-tniġġis ta' l-arja li jivjagga għal distanzi twal u jaqsam minn pajjiz għal iehor.

**Figura 3** **Il-bidla fl-emissjoni tal-prekursuri ta' l-ożonu (EFTA-3 u EU-15) meta mqabbla mal-miri tal-NECD ta' l-2010 (UE-15 biss), 1990–2002**




**Nota:** Is-sors ta' l-informazzjoni: Informazzjoni mill-2004 irrapportat uffiċjalment l-emissjonijiet nazzjonali u settorjali totali lill-Konvenzjoni l-UNECE/EMEP u l-UNFCCC dwar it-tniġġis ta' l-arja li jivjagga għal distanzi twal u jaqsam minn pajjiz għal iehor (Rif: www.eea.eu.int/coreset).

**Figura 4** **Il-bidla fl-emissjonijiet tal-prekursuri ta' l-ożonu (CC-4 u UE-10) meta mqabbla mal-miri tal-NECD ta' l-2010 (UE-10 biss), 1990–2002**




**Nota:** Informazzjoni minn Malta mhux disponibbli.

Is-sors ta' l-informazzjoni: Informazzjoni mill-2004 irrapportat uffiċjalment l-emissjonijiet nazzjonali u settorjali totali lill-Konvenzjoni l-UNECE/EMEP u l-UNFCCC dwar it-tniġġis ta' l-arja li jivjagga ghal distanzi twal u jaqsam minn pajjiz ghal iehor (Rif: www.eea.eu.int/coreset).

ta' l-UE-10 fin-NECD ġew speċifikati fit-trattat ta' adeżjoni fl-Unjoni Ewropea fl-2003. Ma hemm l-ebda miri speċifiċi għall-emissjonijiet fl-UE tal-monossidu tal-karbonju (CO) jew tal-metanu ($CH_4$).

Ġeneralment, l-NECD jinvolvi miri kemmxejn iktar stretti minn dawk tal-Protokoll ta' Gotenburg għat-tnaqqis ta' l-emissjonijiet.

## L-inċertezzi fl-indikatur

L-EEA tuża informazzjoni mogħtija uffiċjalment mill-Istati Membri ta' l-UE u minn pajjiżi membri oħra ta' l-EEA li jsegwu linji gwida komuni għall-kalkolazzjoni u r-reġistrazzjoni ta' l-emissjonijiet tas-sustanzi li jniġġsu l-arja $NO_X$, NMVOC u CO, u IPCC għall-gassijiet b'effett ta' serra $CH_4$.

L-istimi ta' l-emissjonijiet ta' $NO_X$, NMVOC, CO u $CH_4$ fl-Ewropa huma maħsubin li għandhom inċertezza ta' madwar +/– 30 %, 50 %, 30 % u 20 % rispettivament. L-użu tal-fatturi li għandhom il-potenzjal li jiffurmaw l-ożonu jwassal għal xi inċertezzi. Huwa maħsub li l-fatturi huma rappreżentattivi għall-Ewropa kollha; l-inċertezzi huma akbar u fatturi oħra huma aktar relevanti fuq l-iskala lokali. Ir-rappurtaġġ mhux sħiħ u l-intrapolazzjoni u l-ekstrapolazzjoni li jirriżultaw jistgħu jagħmluha diffiċli biex wieħed jifhem it-tendenzi.

**Figura 5** **Il-kontribuzzjoni għall-bidla fl-emissjonijiet tal-prekursuri ta' l-ożonu għal kull settur u pollutant (UE-15), 1990–2002**




**Nota:** Informazzjoni għal Malta mhux disponibbli.

Is-sors ta' l-informazzjoni: Informazzjonimill-2004 irrapportat uffiċjalment l-emissjonijiet nazzjonali u settorjali totali lill-Konvenzjoni l-UNECE/EMEP u l-UNFCCC dwar it-tniġġis ta' l-arja li jivjagga ghal distanzi twal li jaqsmu minn pajjiz ghal iehor (Rif: www.eea.eu.int/coreset).

# 03 L-emissjonijiet tal-partiċelli ewlenin u ta' l-prekursuri tal-partiċelli sekondarji

## Il-mistoqsija politika ewlenija

Xi progress qiegħed isir biex jitnaqqsu l-emissjonijiet ta' trab fin ($PM_{10}$) u tal-prekursuri tagħhom madwar l-UE-15?

## Il-messaġġ prinċipali

L-emissjonijiet totali ta' trab fin fl-UE-15 tnaqqsu b'39 % bejn l-1990 u 2002. Dan seħħ l-aktar minħabba t-tnaqqis fl-emissjonijiet ta' prekursuri tal-particellii sekondarji iżda wkoll minħabba t-tnaqqis fl-emissjonijiet primarji ta' $PM_{10}$ mill-industriji ta' l-enerġija.

## Il-valutazzjoni ta' l-indikatur

L-emissjonijiet fl-UE ta' trab fin tnaqqsu b'39 % bejn l-1990 u l-2002. L-emissjonijiet ta' $NO_X$ (55 %) u $SO_2$ (20 %) kienu l-aktar sustanzi li kkontribwew għall-formazzjoni tal-particelli fl-UE-15 fl-2002. It-tnaqqis fl-emissjonijiet totali bejn l-1990 sa l-2002 kien dovut l-aktar għall-introduzzjoni tal-miżuri, jew għat-titjib fil-miżuri biex dawn is-sustanzi li jniġġsu jitnaqqsu fis-settur ta' l-enerġija, tat-trasport ta' l-art u ta' l-industrija. Dawn it-tliet setturi kkontribwew għal 46 %, 22 % u 16 % rispettivament mit-tnaqqis totali.

## Id-definizzjoni ta' l-indikatur

Dan l-indikatur jimmarka t-tendenzi fl-emissjonijiet ta' inqas minn 10 µm ($PM_{10}$) tal-materja tal-particelli primarji u tal-prekursuri sekondarji, miġbura skond il-potenzjal għall-formazzjoni tal-particelli ta' kull prekursur ikkunsidrat.

L-indikatur jipprovdi wkoll informazzjoni dwar il-bidla fl-emissjonijiet mis-setturi ewlenin li jipproduċuhom.

## Il-bażi loġika ta' l-indikatur

F'dawn l-aħħar snin, il-provi xjentifiċi ġew imsaħħa b'ħafna studji epidemjoloġiċi li jindikaw l-assoċjazzjoni bejn kemm l-espożizzjoni fit-tul kif ukoll dik fil-qosor ta' trab fin u l-varji impatti serji fuq is-saħħa. Il-particelli

**Figura 1 Emissjonijiet ta' particelli, kemm primarji kif ukoll sekondarji (UE-15), 1990–2002**




**Nota:** Is-sors ta' l-informazzjoni: Informazzjoni mogħtija fl-2004 tirrapporta uffiċjalment l-emissjonijiet nazzjonali, kemm dawk totali, kif ukoll dawk settorali lill-Konvenzjoni UNECE/EMEP dwar it-tniġġis ta' l-arja li jivjagga ghal distanzi twal u jaqsam minn pajjiz ghal iehor. Meta l-pajjiżi ma rrappurtawx l-emissjonijiet ta' $PM_{10}$ primarju, stimi ġew miksuba mill-mudell RAINS (IIASA) (Rif: www.eea.eu.int/coreset).

għandhom effetti ħżiena fuq is-saħħa tal-bniedem u jistgħu jkunu responsabbli għal u/jew jikkontribwixxu għal numru ta' problemi fin-nifs. F'dan il-kuntest, it-terminu, il-particelli jirreferi għat-total ta' l-emissjonijiet ta' $PM_{10}$ u l-emissjonijiet imkejla tal-prekursuri sekondarji tal-$PM_{10}$. Il-$PM_{10}$ primarji jirreferu għal trab fin (definiti bħala li għandhom dijametru ajrudinamiku ta' 10 µm jew inqas) li jiġu rilaxxati direttament fl-atmosfera. Il-prekursuri sekondarji tal-$PM_{10}$ huma sustanzi li jniġġsu li huma ttrasformati parzjalment f'partiċellii b'reazzjonijiet

**Figura 2** **Bidla fl-emissjonijiet tal-partiċelli primarji u sekondarji (EFTA-3 u UE-15), 1990–2002**




**Nota:** Is-sors ta' l-informazzjoni: Informazzjoni mill-2004 tirrapporta uffiċjalment l-emissjonijiet nazzjonali, kemm dawk totali, kif ukoll dawk settorjali lill- Konvenzjoni UNECE/EMEP dwar it-tniġġis ta' l-arja li jivjagga ghal distanzi twal u jaqsam minn pajjiz ghal iehor. Meta l-pajjiżi ma rrappurtawx l-emissjonijiet ta' $PM_{10}$ primarju, stimi ġew miksuba mill-mudell RAINS (IIASA) (Rif: www.eea.eu.int/coreset).

foto-kimiċi fl-atmosfera. Parti kbira tal-popolazzjoni urbana hija esposta għal livelli ta' trab fin f'livell ogħla mill-valuri tal-limiti stabbiliti għall-protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem. Riċentement, kien hemm numru ta' inizjattivi politiċi bil-għan li jiġu kkontrollati l-konċentrazzjonijiet tal-particelli u minħabba dan, jipproteġu s-saħħa tal-bniedem.

## Il-kuntest politiku

Ma hemm l-ebda mira speċifika għall-emissjonijiet fl-UE tal-$PM_{10}$ primarju. Il-miżuri huma bħalissa mmirati lejn il-kontroll ta' l-emissjonijiet tal-prekursuri sekondarji tal-$PM_{10}$. Hemm diversi direttivi u protokolli, iżda, li jaffettwaw l-emissjonijiet ta' $PM_{10}$ primarju inklużi l-livelli tal-kwalità ta' l-arja għall-$PM_{10}$, fid-direttiva sekondarja li ġiet wara d-direttiva ta' l-istruttura dwar il-kwalità ta' l-arja tal-madwar u l-livelli ta' l-emissjonijiet għal sorsi speċifiċi kemm mobbli kif ukoll stazzjonarji għall $PM_{10}$ primarju u l-prekursuri sekondarji tal-$PM_{10}$.

Għall-prekursuri tal-particelli, il-miri ta' l-ogħla livelli ta' l-emissjonijiet ta' l-$NO_X$, $SO_2$ u $NH_3$ huma speċifikati kemm fid-Direttiva ta' l-UE dwar il-Livelli Nazzjonali Massimi ta' l-Emissjonijiet (NECD) kif ukoll fil-Protokoll ta' Gotenburg fil-Konvenzjoni dwar it-tniġġis ta' l-arja li jivjagga ghal distanzi twal u jaqsam minn pajjiz ghal iehor ta' l-Unjoni Ewropea (CLRTAP). Il-miri għat-tnaqqis ta' l-emissjonijiet mill-UE-10 ġew speċifikati fit-Trattat ta' Adeżjoni fl-Unjoni

**Figura 3 Il-kontribuzzjonijiet għall-bdil fl-emissjonijiet ta' partiċelli kemm primarji kif ukoll sekondarji ($PM_{10}$), għal kull settur u għal kull sustanza li tniggeż (UE-15), 2002**




**Nota:** Il-marki ta' 'Il-kontribuzzjoni għall-bidla' juru l-kontribuzzjonijiet għall-bidla totali fl-emissjonijiet bejn 1990–2002 magħmula minn settur speċifiku/sustanzi li jniġġsu.

Is-sors ta' l-informazzjoni:Informazzjoni mill-2004 irrapportat uffiċjalment l-emissjonijiet nazzjonali u settorjali totali lill-Konvenzjoni UNECE/EMEP dwar it-tniġġis ta' l-arja li jivjaġġa ghal distanzi twal u jaqsam minn pajjiż ghal iehor. Meta l-pajjiżi ma rrappurtawx l-emissjonijiet tal-$PM_{10}$ primarju, inkisbu stimi mill-mudell RAINS (IIASA) (Rif: www.eea.eu.int/coreset).

Ewropea fl-2003 sabiex ikunu jistgħu jaqblu mal-NECD. Barra minn hekk, it-trattat ta' adeżjoni jinkludi wkoll il-miri ta' l-emissjonijiet għar-reġjun kollu ta' l-UE-25.

## L-inċertezza fl-indikatur

L-EEA tuża informazzjoni mogħtija uffiċjalment mill-Istati Membri ta' l-UE u minn pajjiżi oħra ta' l-EEA li jsegwu linji gwida komuni fuq il-kalkolazzjoni u r-reġistrazzjoni ta' l-emissjonijiet għall-sustanzi li jniġġsu l — arja.

Huwa maħsub li l-istimi tal-$NO_X$, tal-$SO_2$ u tal-$NH_3$ fl-Ewropa għandhom inċertezza ta' madwar 30 %, 10 % u 50 % rispettivament.

L-informazzjoni dwar l-emissjonijiet tal-$PM_{10}$ primarju hija ġeneralment iktar inċerta minn dik dwar l-emissjonijiet tal-prekursuri sekondarji tal-$PM_{10}$.

L-użu ta' fatturi ġeneriċi li jiffurmaw il-particelli jwassal għal xi inċertezzi. Huwa maħsub li l-fatturi huma rappreżentattivi ta' l-Ewropa kollha; fatturi differenti jistgħu jiġu stmati fuq skala lokali.



# 04 Il-qbiż tal- valuri ta' l-ogħla livelli tal-kwalità ta' l-arja fiż-żoni urbani

## Il-mistoqsija politika ewlenija

Xi progress qiegħed isir biex jitnaqqsu l-konċentrazzjonijiet ta' sustanzi li jniġġsu l-arja f'żoni urbani għal taħt l-ogħla livelli tal-valuri (għall-$SO_2$, $NO_2$ u $PM_{10}$) jew il-valuri fil-mira (għall-ożonu) definiti fid-direttiva ta' qafas dwar il-kwalità ta' l-arja u d-direttivi sekondarji tagħha?

## Il-messaġġ prinċipali

Parti kbira mill-popolazzjoni urbana hija esposta għal konċentrazzjonijiet ta' sustanzi li jniġġsu l-arja ogħla mil-limitu stabbilit għas-saħħa jew mill-valuri li għandhom jintlaħqu definiti mid-direttivi dwar il-kwalità ta' l-arja. Tidher tendenza 'l isfel kbira fl-espożizzjoni għal $SO_2$ iżda ma jidher li hemm l-ebda tendenza 'l isfel ghal sustanzi li jniġġsu ohrajn.

Il-$PM_{10}$ hija kwistjoni tal-kwalità ta' l-arja pan-Ewropea. L-ogħla valuri huma maqbużin fl-istazzjonijiet urbani li jkejlu l-konċentrazzjonijiet ta' l-isfond fi kważi l-pajjiżi kollha.

L-ożonu wkoll, huwa problema mifruxa avolja l-valuri fil-mira li għandhom jintlaħqu u li għandhom x'jaqsmu mas-saħħa jinqabżu b'mod inqas frekwenti fil-majjistral milli fin-nofsinhar, fiċ-ċentru jew fil-lvant ta' l-Ewropa.

Il-limiti tal-valuri ta' l-$NO_2$ huma maqbużin fiż-żoni b'popolazzjoni densa fil-majjistral ta' l-Ewropa u fil-mases kbar tan-nofsinhar, taċ-ċentru u tal-lvant ta' l-Ewropa.

F'uħud mill-pajjiżi Ewropej tal-lvant biss ġie osservat li l-valuri tal-limitu tal-$SO_2$ jinqabżu.

## Il-valutazzjoni ta' l-indikatur

Il-partikuli tal-$PM_{10}$ fl-atmosfera jirriżultaw mill-emissjonijiet diretti ($PM_{10}$ primarji) jew l-emissjonijiet tal-prekursuri tal-partikuli (l-ossidu tan-nitroġenu, id-dijossidu tal-kubrit, l-ammonja u l-komposti organiċi) li jiġu mibdula parzjalment f'partikuli (PM sekondarji) b'reazzjonijiet kimiċi fl-atmosfera.

Ghalkemm l-monitoraġġ tal-$PM_{10}$ huwa limitat, jidher ċar li proporzjon sinifikanti tal-popolazzjoni urbana (25–55 %) hija esposta għal konċentrazzjonijiet tal-materja ta' trab fin li jaqbżu l-limiti tal-valuri ta' l-UE mfassla għall-protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem (Figura 1).

Figura 2 turi tendenza 'l isfel fl-ogħla valuri medji ta' $PM_{10}$ ta' kuljum sa l-2001.

Ghalkemm t-tnaqqis fl-emissjonijiet tal-prekursuri ta' l-ożonu jidher li wassal għal konċentrazzjonijiet iżgħar ta' ożonu troposferiku, il-valur ta' l-ożonu li għandu jintlaħaq u li għandu x'jaqsam mas-saħħa, jinqabeż fuq żona wiesa' u b'marġni kbir. Xi 30 % tal-popolazzjoni urbana ġiet esposta għal konċentazzjonijiet ogħla mil-livell ta' 120 µg $O_3/m^3$ għal iktar minn 25 jum waqt l-2002 (Figura 3).

Informazzjoni minn numru konsistenti ta' stazzjonijiet fuq il-perjodu bejn 1996–2002 bil-kemm turi varjazzjoni sinifikanti tas-26 l-ogħla medja massima ta' kuljum ta' 8-siegħat (Figura 4).

**Figura 1** **Qbiż fil-livell tal-valuri tal-kwalità ta' l-arja ta' $PM_{10}$ f'żoni urbani (pajjiżi membri ta' l-EEA), 1996–2002**




**Nota:** Qabel l-1997, ma kienx hemm informazzjoni rappreżentattiva tal-monitoraġġ disponibbli. Fil-perjodu ta' bejn l-1997–2002 il-popolazzjoni totali li fuqha saru l-istimi ta' l-espożizzjoni żdiedet minn 34 għal 106 miljun minħabba żieda fin-numru ta' stazzjonijiet ta' monitoraġġ li jirrappurtaw l-informazzjoni dwar il-kwalità ta' l-arja. Varjazzjonijiet fil-klassijiet ta' espożizzjoni minn sena għal sena jistgħu parzjalment jiġu kkawżati minn varjazzjoni meterjoloġika u parzjalment minn bidla fit-territorju studjat.

Informazzjoni: sors: Airbase (Rif: www.eea.eu.int/coreset).

**Figura 2** **L-ogħla konċentrazzjoni ta' kuljum ta' $PM_{10}$ (is-36 l-ogħla medja-24 siegħa kuljum) osservata fi stazzjonijiet urbani (il-pajjiżi membri ta' l-EEA), 1997–2002**




**Nota:** Is-sors ta' l-informazzjoni: Airbase (Rif: www.eea.eu.int/coreset).

Madwar 30 % tal-popolazzjoni urbana tgħix fi bliet b'konċentrazzjonijiet ta' l-isfond urban ogħla mil-limitu annwali tal-valur ta' 40 µg/m³ ta' dijossidu tan-nitroġenu. Madankollu, il-valuri tal-limitu probabbilment li jinqabżu wkoll fi bliet fejn il-konċentrazzjoni ta' l-isfond urban tkun taħt il-valur tal-limitu, b'mod partikolari f'postijiet popolari f'żoni b'densità tat-traffiku għolja.

Is-sors ewlieni ta' l-emissjonijiet ta' l-ossidi tan-nitroġenu ($NO_X$) fl-arja huwa l-użu tal-karburant: it-trasport ta' l-art, l-impjanti ta' l-enerġija u l-bojlers industrijali huma responsabbli għal aktar minn 95 % ta' l-emissjonijiet Ewropej. L-infurzar tal-leġiżlazzjoni ta' l-UE li hemm bħalissa (impjanti kbar tal-kombustjoni u d-direttiva IPPC, il-programm taż-żejt awtomatiku, id-direttiva NEC) u l-protokolli tal-CLRTAP irriżultaw fi tnaqqis ta' l-emissjonijiet. Dan it-tnaqqis għadu mhuwiex rifless fil-konċentrazzjonijiet medji annwali osservati fi stazzjonijiet tal-monitoraġġ urban li jkejlu l-konċentrazzjonijiet ta' l-isfond.

Il-kubrit fil-faħam, fiż-żejt u fil-metalli mhux raffinati tal-minerali huwa s-sors ewlieni ta' l-emissjonijiet tad-dijossidu tal-kubrit fl-atmosfera. Sa mis-snin sittin, ħafna mill-kombustjoni tal-karburants li fihom il-kubrit ġiet imneħħija minn żoni urbani u minn żoni ppopolati oħra, l-ewwel fil-punent ta' l-Ewropa, u issa dejjem iktar f'ħafna mill-pajjiżi ċentrali u tal-lvant ta' l-Ewropa. L-ikbar sorsi diretti jibqgħu (l-impjanti ta' l-enerġija u l-industriji) is-sorsi predominanti ta' l-emissjonijiet tad-dijossidu tal-kubrit. Minħabba t-tnaqqis sinifikanti fl-emissjonijiet f'dawn l-aħħar għaxar snin, il-perċentwal tal-popolazzjoni urbana esposta għal konċentrazzjonijiet ogħla mill-valur tal-limitu ta' l-UE ġie mnaqqas għal inqas minn 1 %.

## Id-definizzjoni ta' l-indikatur

L-indikatur jippreżenta l-perċentwal tal-popolazzjoni urbana fl-Ewropa li hija potenzjalment esposta għall-konċentazzjonijiet tad-(f' µg/m³) dijossidu tal-kubrit, $PM_{10}$, tad-dijossidu tan-nitroġenu u ożonu fl-arja tal-madwar, ogħla mil-limitu ta' l-UE jew mill-valur fil-mira stabbilit għall-protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem. Fejn hemm diversi valuri tal-limitu (ara s-sezzjoni dwar il-kuntest politiku) l-indikatur jippreżenta l-każ l-iktar iebes.

Il-popolazzjoni urbana kkunsidrata hija n-numru totali ta' persuni li jgħixu fl-ibliet li għandhom għallinqas stazzjon għall-monitoraġġ wieħed.

**Figura 3 Il-qbiż tal-valuri fil-mira tal-kwalità ta' l-arja għall-ożonu f'żoni urbani (pajjiżi membri ta' l-EEA), 1996–2002**




**Nota:** Fil-perjodu ta' bejn l-1996 u l-2002 il-popolazzjoni totali li għaliha saru l-istimi għall-espożizzjoni, żdiedet minn 50 miljun għal 110 miljuni minħabba żieda fin-numru ta' stazzjonijiet ta' monitoraġġ li jirrappurtaw taħt id-Deċiżjoni EoI. Informazzjoni ta' qabel l-1996 b'rappurtaġġ ta' inqas minn 50 miljun ruħ mhijiex waħda rappreżentattiva tas-sitwazzjoni Ewropea. Varjazzjonijiet minn sena għal sena fil-klassijiet ta' l-espożizzjoni jistgħu parzjalment jiġu kkawżati minħabba varjazzjoni meterjoloġika u parzjalment minħabba l-bidla fit-territorju studjat.

Is-sors ta' l-informazzjoni: Airbase (Rif: www.eea.eu.int/coreset).

## Il-bażi loġika ta' l-indikatur

Studji epidemoloġiċi rrapportaw rabtiet statistikament sinifikanti bejn l-espożizzjoni għal qasir żmien, u speċjalment l-espożizzjoni fit-tul għal konċentrazzjonijiet miżjuda tal-PM fl-isfond u ż-żieda fil-mard u l-mewt (prematura). Il-livelli tal-PM li jistgħu jkunu relevanti għas-saħħa tal-bniedem huma espressi b'mod komuni f'termini tal-konċentrazzjoni tal-massa tal-particelli li jidħlu fin-nifs b'dijametru ajrudinamiku ekwivalenti ugwali għal jew inqas minn 10 µm ($PM_{10}$). Ir-rabtiet tal-frak fin ($PM_{2.5}$) mas-saħħa huma saħansitra iktar evidenti. Għalkemm l-evidenza kollha dwar l-effetti tal-PM fuq is-saħħa qegħda tiżdied malajr m'huwiex possibbli li jiġi identifikat livell ta' konċentrazzjoni li taħtu ma jinstabux effetti fuq is-saħħa. Ma hemm għalhekk, l-ebda linja gwida rrakkomandata mill-WHO dwar il-kwalità ta' l-arja għall-PM, iżda l-UE iffissat valur tal-limitu.

L-espożizzjoni għal konċentrazzjonijiet għoljin ta' ożonu għal perjodu ta' ftit jiem jista' jkollha effetti negattivi fuq is-saħħa, b'mod partikolari infjammazzjonijiet u tnaqqis fil-funzjoni tal-pulmuni. L-espożizzjoni għal konċentrazzjonijiet moderati ta' l-ożonu għal perjodi twal tista' twassal għal tnaqqis fil-funzjoni tal-pulmun fit-tfal iż-żgħar.

L-espożizzjoni għad-dijossidu tan-nitroġenu għal żmien qasir tista' tirriżulta fi ħsara fil-pajp tan-nifs u fil-pulmun, u f'żieda fir-rispons għall-allerġiji wara espożizzjoni akuta. Studji tossikoloġiċi juru li l-espożizzjoni fit-tul għad-dijossidru tan-nitroġenu tista' tipprovoka bidliet irreversibbli fl-istruttura u l-funzjoni tal-pulmun.

Id-dijossidu tal-kubrit huwa fih innifsu tossiku għall-bniedem, bl-azzjoni ewlenija tiegħu tkun fuq il-funzjonijiet respiratorji. Indirettament, jista' jaffettwa is-saħħa tal-bniedem għaliex dan jinbidel f'aċidu tal-kubrit u sulfat fil-forma ta' materja fina tal-partikuli.

## Il-kuntest politiku

Dan l-indikatur huwa informazzjoni relevanti għall-programm Arja Nadifa għall-Ewropa) (*Clean Air for Europe Programme* — CAFE). Id-Direttiva ta' Qafas dwar l-istima u l-immaniġġjar tal-Kwalità ta' l-Arja (96/62/KE) tiddefinixxi kriterji u strateġiji bażiċi għall-amministrazzjoni u l-valutazzjoni tal-kwalità ta' l-arja għal sett ta' sustanzi li jniġġsu li għandhom effetti fuq is-saħħa. F'erba' direttivi 'sekondarji', tistabbilixxi l-qafas li fih, l-UE stabbiliet il-valuri tal-limitu għall-$SO_2$, l-$NO_2$, il-$PM_{10}$, ċ-ċomb, CO u l-petrol u l-livelli fil-mira fil-każ ta' l-ożonu, metalli tqal u *polyaromatic hydrocarbons* biex tiġi protetta s-saħħa tal-bniedem.

Il-miri għat-tnaqqis ta' l-emissjonijiet nazzjonali ġew imfassla fil-Protokoll ta' Gotenburg mill-CLRTAP, u bid-Direttiva dwar il-Livelli Nazzjonali Massimi ta' l-Emissjonijiet ta' l-UE (NECD; 2001/81/KE). Dawn għandhom l-għan li jindirizzaw, fl-istess ħin, il-problemi relatati mal-kwalità ta' l-arja tal-madwar ikkawżati minn sustanzi speċifiċi li jaffettwaw is-saħħa tal-bniedem, kif

**Figura 4** **L-ogħla konċentrazzjoni ta' l-ożonu (is-26 l-ogħla medja massima ta' 8 sigħat kuljum) osservata fi stazzjonijiet bi sfond urban (il-pajjiżi membri ta' l-EEA), 1996–2002**




**Nota:** Is-sors ta' l-informazzjoni : Airbase (Rif: www.eea.eu.int/coreset).

ukoll il-livell ta' l-art ta' l-ożonu, ta' l-aċidifikazzjonu u l-effett ta' sustanzi nutrittivi li jaffettwaw l-ekosistemi.

Il-miri wżati għal dawn l-indikaturi huma l-limiti tal-valuri mfassla fid-Direttiva tal-Kunsill 1999/30/KE għad-dijossidu tal-kubrit, għad-dijossidu tan-nitroġenu, għall-materja tal-particelli u ċ-ċomb fl-arja tal-madwar u l-valur fil-mira u l-għan fit-tul għall-ożonu għall-protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem stabbiliti fid-Direttiva tal-Kunsill 2002/3/KE.

## L-inċertezza fl-indikatur

Huwa ssopponut li informazzjoni dwar il-kwalità ta' l-arja mogħtija uffiċjalment lill-Kummissjoni Ewropea taħt id-deċiżjoni għall-iskambju ta' informazzjoni ġiet ivvalidata minn sors ta' informazzjoni fuq skala nazzjonali. Spiss, il-karatteristiċi u r-rappreżentattività ta' l-istazzjon mhumiex iddokumentati biżżejjed. Ġeneralment, l-informazzjoni mhijiex rappreżentattiva tal-popolazzjoni urbana kollha fil-pajjiż. F'analiżi dwar is-sensittività, l-indikatur kien ibbażat fuq l-iktar stazzjon espost fil-belt. F'din il-kalkolazzjoni ta' l-agħar każ, l-akbar numru ta' jiem li fihom inqabeż il-livell, osservati fi kwalunkwe stazzjon li kien qiegħed jaħdem (ikklassifikati bħala urbani, tat-triq, oħrajn jew mhux definiti) huwa meqjus bħala rappreżentattiv tal-belt kollha. Lokalment, l-indikatur huwa suġġett għall-varjazzjonijiet minn sena għal sena minħabba varjazzjoni meterjoloġika.

It-tagħrif dwar il-$PM_{10}$ ġie kkunsidrat mill-istazzjonijiet tal-monitoraġġ li jużaw il-metodu ta' referenza (gravimetrija) u metodi oħrajn. Id-dokumentazzjoni mhijiex waħda sħiħa, anki jekk il-pajjiżi applikaw fatturi ta' korrezzjoni fil-metodi mhux ta' referenza, u jekk għamlu dan, liema minnhom użaw. Inċertezzi assoċjati ma' dan in-nuqqas ta' tagħrif jista' jirriżulta fi żball sistematiku sa 30 %. In-numru tas-serje tat-tagħrif disponibbli jvarja b'mod konsiderevoli minn sena għal sena u mhuwiex biżżejjed għall-perjodu ta' qabel l-1997.

# 05 L-espożizzjoni ta' l-ekosistemi għall-aċidifikazzjoni, l-l-effett ta' sustanzi nutrittivi fuq l-ilmijiet (ewtrofizzazzjoni) u l-ożonu

## Il-mistoqsija politika ewlenija

Xi progress qiegħed isir biex jintlaħqu l-miri biex tiġi mnaqqsa l-espożizzjoni ta' l-ekosistemi għall-aċidifikazzjoni, l-effett ta' sustanzi nutrittivi u għall-ożonu?

## Il-messaġġ prinċipali

Mill-1980, kien hemm tnaqqis ċar fl-aċidifikazzjoni ta' l-ambjent ta' l-Ewropa, iżda dan it-titjib naqas mis-sena 2000. Hemm bżonn ta' attenzjoni kontinwa u ta' iktar azzjoni biex jiġi żgurat li l-miri li jridu jintlaħqu sa l-2010 jintlaħqu.

L-effett ta' sustanzi nutrittivi naqset kemmxejn mill-1980. Madanakollu, bil-pjanijiet li hemm bħalissa, huwa mistenni ftit żvilupp sa l-2010.

Ħafna mill-kultivazzjonijiet agrikoli huma esposti għal-livelli ta' ożonu li huma ogħla minn dawk tal-pjan fit-tul ta' l-UE mfassal għall-protezzjoni tagħhom u parti sinifikanti hija esposta għal livelli ogħla mill-valur immirat li jintlaħaq sa l-2010.

## Il-valutazzjoni ta' l-indikatur

Mill-1980, kien hemm tnaqqis sostanzjali fiż-żona suġġetta għad-**depożitu ta' aċidità żejda** (ara Figura 1) ([1]).

L-informazzjoni bbażata fuq il-pajjiżi tindika li sas-sena 2000, il-pajjiżi kollha ħlief sitta, diġà kellhom inqas minn 50 % taż-żoni ta' l-ekosistemi tagħhom f'livelli ogħla mil-livelli kritiċi ta' aċidità. Qiegħed jiġi antiċipat iktar progress sostanzjali għal prattikament il-pajjiżi kollha bejn il-perjodu 2000–2010.

Hemm inqas progress fl-effett ta' sustanzi nutrittivi (ewtrofizzazzjoni) fuq l-ekosistemi (Figura 1). Kien hemm titjib limitat fuq il-livell Ewropew mill-1980, iżda huwa mistenni titjib limitat ħafna fil-pajjiżi individwali bejn is-sena 2000 u s-sena 2010. Il-kontinent Ewropew kollu għad għandu inqas problemi mill-pajjiżi ta' l-UE-25.

Il-valur fil-mira għall-**ożonu** huwa maqbuż f'parti sostanzjali taż-żoni ħarratija ta' l-EEA-31: fl-2002, madwar 38 % taż-żona totali ta' 133 miljun ha (Figura 2 u Mappa 1). Il-mira fit-tul qegħda tintlaħaq f'inqas minn 9 % taż-żona ħarratija totali, l-aktar fir-Renju Unit, fl-Irlanda u fil-parti tat-tramuntana ta' l-Iskandinavja.

## Id-definizzjoni ta' l-indikatur

L-indikatur (Figura 1 u 2) juri l-ekosistemi jew iż-żoni ħarratija li huma soġġetti għal depożiti jew għal konċentrazzjonijiet tal-madwar ta' sustanzi li jniġġsu l-arja f'livelli ogħla minn 'l hekk imsejjaħ 'livell kritiku' jew il-livell ta' l-ekosistemi jew kultivazzjoni partikolari.

It-tagħbija jew il-livell kritiku hija ddefinita bħala l-kwalità stmata tas-sustanzi li jniġġsu ddepożitati jew tal-konċentrazzjoni tal-madwar, li taħtha, l-espożizzjonijiet għal-dawn is-sustanzi huma tali li ma jagħtux lok għal effetti ħżiena sinifikanti, skond it-tagħrif li hemm fil-preżent.'

Għalhekk, din it-tagħbija kritika hija indikazzjoni ta' kemm ekosistema jew kultivazzjoni tista' tiflaħ fuq perjodu ta' żmien twil mingħajr ma jkollha effetti ħżiena.

Il-perċentwal maqbuż taż-żona ta' l-ekosistema jew tal-kultivazzjoni, jindika l-firxa ta' l-effetti sinifikanti li jistgħu jkunu ta' ħsara fuq perjodu ta' żmien twil. Il-kobor tal-qbiż huwa għalhekk indikazzjoni ta' l-implikazzjoni ta' l-effetti ta' ħsara li jista' jkun hemm fil-futur.

It-tagħbija kritika ta' l-aċidità hija mfissra f'ekwivalenti aċidużi ($H^+$) għal kull ettaru kull sena (eq $H^+.ha^{-1}.a^{-1}$).

L-espożizzjoni ta' l-ożonu, il-livell kritiku, il-valur fil-mira ta' l-UE u l-għan fit-tul, huma mfissra bħala l-espożizzjoni akkumulata għal konċentrazzjonijiet ta' iktar minn 40 ppb (xi 80 $\mu g/m^3$) ta' ożonu (AOT40) fl-unità li ġejja: $(mg/m^3)h$.

## Il-bażi loġika ta' l-indikatur

Id-depożiti tal-kubrit u tal-komposti tan-nitroġenu jikkontribwixxu għall-aċidifikazzjoni tal-ħamrija u ta' l-ilmijiet tal-wiċċ, għat-tnixxix tan-nutrijenti tal-pjanti u għall-ħsara għall-flora u l-fawna. Id-depożiti tal-komposti tan-nitroġenu jistgħu jwasslu għall-effett ta' sustanzi nutrittivi, għal taqlib fl-ekosistemi naturali, għal żieda fiż-żahar ta' l-alka fl-ilma tal-kosta u għal konċentrazzjonijiet ogħla ta' nitrat fl-ilma li jiġi minn taħt l-art.

([1]) Huwa diffiċli li wieħed jistma t-titjib kwantitattiv li sar mill-1990 minħabba li l-istatus ta' l-aċidifikazzjoni f'din is-sena bażi (1990) għad irid jerġa' jiġi kkalkulat permezz ta' l-aħħar tagħbijat kritiċi u metodoloġija għall-kalkulazzjoni tas-sediment.

**Figura 1** **Iż-żona ta' l-ekosistema li ġarrbet ħsara fl-UE-25 u fl-Ewropa kollha (qbiż medju akkumulat tat-tagħbijat kritiċi), 1980–2020**




**Nota:** Is-sors ta' l-informazzjoni wzat biex jgi kkalkolat il-qbiż tal-limitu : EMEP/MSC-W.

Is-sors ta' l-informazzjoni: UNECE — iċ-ċentru tal-Koordinament ta' l-Effetti (Rif: www.eea.eu.int/coreset).

**Figura 2** **L-espożizzjoni tal-kultivazzjoni għall-ożonu (l-espożizzjoni mfissra bħala AOT40 f' (mg/m³)h fil-pajjiżi membri ta' l-EEA, 1996–2002** (2)




**Nota:** Il-valur fil-mira għall-protezzjoni tal-veġitazzjoni huwa ta' 18 (mg/m³)h waqt li l-mira li trid tintlaħaq fit-tul hija ta' 6 (mg/m³)h.

Il-parti mmarkata 'l-ebda nformazzjoni' tirreferi għaż-żoni fil-Ġreċja, l-Iżlanda, in-Norveġja, l-Iżvezja, l-Estonja, il-Litwanja, il-Latvja, Malta, ir-Rumanija, u l-Islovenja li għalihom jew m'hemmx informazzjoni dwar l-ożonu minn stazzjonijiet fi sfond rurali jew ma tista' tinkiseb l-ebda informazzjoni dettaljata ta' l-art. Il-Bulgarija, Ċipru, u t-Turkija mhumiex inklużi.

Is-sors ta' l-informazzjoni: Airbase (Rif: www.eea.eu.int/coreset).

Kemm post, bejn wieħed u ieħor, jista' jiflaħ depożiti ta' sustanzi aċidużi jew ewtrofikanti, mingħajr ma jiġrilu ebda ħsara, ('it-tagħbija kritika'), jista' jitqies bħala l-limitu tal-kwantità totali tal-komposti ddepożitati li jniġġsu l-arja. Dan m'għandux jinqabeż jekk l-ekosistemi jeħtieġu jiġu protetti mill-perikolu tal-ħsara, skond it-tagħrif li hemm bħalissa.

L-ożonu fil-livell ta' l-art huwa meqjus bħala waħda mill-problemi l-aktar prominenti relatati mat-tniġġis ta' l-arja fl-Ewropa, l-aktar minħabba l-effetti tiegħu fuq is-saħħa tal-bniedem, fuq l-ekosistemi naturali u fuq il-kultivazzjoni. L-ogħla livelli stabbiliti mill-EU għall-protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u l-vegitazzjoni, u livelli kritici li gew mifthema taħt il-Konvenzjoni LRTAP għall-istess għan, huma maqbuża b'mod wiesa' u b'ammonti sostanzjali.

(2) T-total tad-differenzi bejn il-konċentrazzjoni ta' l-ożonu meħuda kull siegħa u 40 ppb għal kull siegħa meta l-konċentrazzjoni taqbeż il- 40 ppb waqt staġun tat-tkabbir relevanti, eż għall-foresti u l-kultivazzjonijiet.

**Mappa 1** **Espożizzjoni ogħla mill-valuri fli-mira ta' AOT40 għall-veġitazzjoni ta' madwar l-istazzjonijiet rurali għall-istudju ta' l-ożonu (il-pajjiżi membri ta' l-EEA), 2002**




**Nota:** Perjodu ta' referenza: Mejju-Lulju 2002 (il- Kriging interpolazzjoni madwar l-istazzjonijiet rurali).

Is-sors ta' l-informazzjoni: Airbase (Rif: www.eea.eu.int/coreset).

## Il-kuntest politiku

Dan l-indikatur jipprovdi informazzjoni relevanti għall-programm Clean Air for Europe (Arja Nadifa għall-Ewropa) (CAFE). Il-Kummissjoni żviluppat strateġija għat-tnaqqis kemm ta' l-ożonu kif ukoll ta' l-aċidifikazzjoni, u din wasslet għad-Direttiva Sekondarja dwar l-Ożonu (2002/3/KE) u Direttiva dwar il-Livelli Nazzjonali Massimi ta' l-Emissjonijiet (2001/81/KE). F'din il-leġiżlazzjoni, ġew imfassla valuri li jridu jintlaħqu għal-livelli ta' ożonu u għall-emissjonijiet tal-prekursuri għall-2010. L-għanijiet fit-tul ta' l-UE huma ferm konsistenti ma' l-għanijiet fit-tul ta' ebda qbiż tat-tagħbijat u tal-livelli kritiċi kif definiti fil-protokolli ta' l-UN-ECE CLRTAP biex jiġu mnaqqsa l-aċidifikazzjoni, l-ewtrofikazzjoni u l-ożonu fuq il-livell ta' l-art.

In-negozjati għal ftehim fuq it-tnaqqis fl-emissjonijiet kienu bbażati fuq mudelli ta' kalkolazzjonijiet, u r-rappurtaġġ tat-tnaqqis fl-emissjonijiet skond dawn il-ftehim jindika t-titjib fil-kwalità ambjentali meħtieġ mill-għanijiet tal-politika:

**Id-Direttiva dwar il-Livelli Nazzjonali Massimi ta' l-Emissjonijiet (NECD) 2001/81/KE, Artikolu 5**
Aċidifikazzjoni: Tnaqqis fiż-żoni li jaqbżu t-tagħbijat kritiċi għall-aċidifikazzjoni b'50 % (f'kull kaxxa tal-grid ta' riżoluzzjoni ta' 150 km) bejn l-1990 u l-2010.

L-espożizzjoni ta' l-ożonu fil-livell ta' l-art li għandha x'taqsam mal-veġetazzjoni: Sa l-2010, Il-piż ta' l-ożonu fil-livell ta' l-art 'il fuq mil-livell kritiku għall-ħxejjex u veġetazzjoni semi-naturali (AOT40 = 3 ppm.h) għandu jkun imnaqqas b'terz fil-*grid cells* kollha meta paragunar mas-sitwazzjoni fl-1990. B'żieda ma' dan, il-koncentrazzjoni ta' l-ożonu fil-livell ta' l-art m'għandux jaqbeż il-limitu assolut ta' 10 ppm.h espress bħala eċċess tal-livell kritiku ta' 3 ppm.h f'kull *grid cell*.

**Il-Protokoll ta' Gotenburg UNECE CLRTAP (1999)**
Il-protokoll jistabbilixxi l-limiti ta' l-emissjonijiet bid-dati ppjanati li fihom għandhom jintlaħqu l-miri biex jitnaqqsu l-aċidifikazzjoni, l-ewtrofikazzjoni u l-ożonu fuq il-livell ta' l-art. Waqt li l-oggettivi għall-kwalità ambjentali m'humiex speċifikati, l-ilħuq b'mod sħiħ tal-miri ta' l-emissjonijiet huwa maħsub li jwassal għal titjib fl-istat ta' l-ambjent.

**Id-Direttiva Sekondarja ta' l-Ożonu ta' l-UE (2002/3/EC)**
Id-direttiva dwar l-ożonu tiddefinixxi l-valur fil-mira għall-protezzjoni tal-veġitazzjoni bħala valur-AOT40 (ikkalkulat minn valuri meħudin kull siegħa minn Mejju sa Lulju) ta' 18 (mg/m$^3$)h, fuq medja ta' aktar minn ħames snin. Dan il-valur fil-mira għandu jintlaħaq fl-2010. (Artiklu 2, inċiż 9). Tiddefinixxi wkoll għan fit-tul ta' 6 (mg/m$^3$)h bħala AOT40.

## L-inċertezza fl-indikatur

Il-qbiż tal-livell fid-depożiti tat-tagħbijat kritiċi għall-aċidifikazzjoni u l-ewtrofikazzjoni ppreżentati f'dan l-indikatur, huwa fih innifsu kalkolu miksub mill-emissjonijiet ta' l-arja rrapportati. Jintużaw stimi mudelli għad-depożiti tas-sustanzi li jniġġsu, u mhux id-depożiti osservati nfushom, minħabba l-kopertura tagħhom ta' territorju akbar. Il-mudelli kompjuterizzati jużaw it-totali ta' l-emissjonijiet nazzjonali tas-sustanzi li jniġġsu rrappurtati uffiċjalment u d-distribuzzjoni ġeografika tagħhom permezz ta' proċeduri ddokumentati.

Madankollu, il-kopertura, kemm dik temporali kif ukoll dik territorjali, mhijiex perfetta minħabba li numru ta' totali nazzjonali annwali u distrubizzjonijiet ġeografiċi ma jiġux irrappurtati skond l-iskedi taż-żmien. Reċentement, ir-riżoluzzjoni ta' l-istimi tal-kompjuter tjiebet għal medji tal-grid ta' 50 km. Is-sorsi lokali tas-sustanzi li jniġġsu jew il-karatteristiċi ġeografiċi taħt din l-iskala mhumiex ser jiġu identifikati sew. Il-parametri meterjoloġiċi wzati għall-mudelli tas-sorsi tas-sustanzi li jniġġsu huma l-aktar kalkoli wżati, b'xi aġġustamenti lejn il-kundizzjonijiet osservati.

L-istimi tat-tagħbija kritika huma rrapportati minn sorsi nazzjonali uffiċjali, iżda għandhom ix-xkiel tal-kopertura ġeografika u tal-komparabiltà. Ir-rapurtagg li sar l-aħħar, fl-2004, ta stimi għal 16 mit-38 pajjiż parteċipant ta' l-EEA. Għal disa' pajjiżi oħra, sottomissjonijiet li kienu saru qabel ġew irrappurtati bħala li kienu għadhom validi. Dawk li kienu qegħdin jirrappurtaw għamlu dan għal firxa ta' klassijiet ta' ekosistemi, għalkemm l-ekosistemi rrappurtati tipikament koprew inqas minn 50 % taż-żona totali tal-pajjiż tagħhom. Għal pajjiżi oħra, tintuża informazzjoni dwar it-tagħbijat kritiċi li tkun ġiet sottomessa l-aħħar.

L-inċertezza fil-metodoloġija ta' l-indikatur għall-ożonu tirriżulta minħabba l-inċertezza fil-*mapping* ta' AOT40 ibbażata fuq l-interpolazzjoni ta' kejl minn punt fi stazzjonijiet fl-isfond. Id-definizzjonijiet differenti tal-valuri ta' AOT40 (akkumulazzjoni mit-8.00 sa 20.00 wara d-dħul fis-seħħ tad-Direttiva dwar l-Ożonu jew l-akkumulazzjoni waqt is-sigħat tad-dawl skond id-definizzjoni f' NECD) huma mistennija li jintroduċu inkonsistenzi żgħar fis-sett ta' l-informazzjoni.

Fuq il-livell ta' l-informazzjoni, wieħed jassumi li l-informazzjoni dwar il-kwalità ta' l-arja mogħtija uffiċja. lment lill-Kummissjoni taħt id-deċiżjoni ta' l-iskambju ta' informazzjoni, u lill-EMEP taħt il-UNECE CLRTAP, ġiet ivverifikata mill-fornitur ta' l-informazzjoni nazzjonali. Spiss, il-karatteristiċi u r-rappreżentattività ta' l-istazzjonijiet mhumiex iddokumentati sew u l-kopertura tat-territorju u tal-ħin mhijiex waħda sħiħa. Il-bdil minn sena għal sena fid-densità tal-monitoraġġ sejjer jinfluwenza ż-żona totali immonitorjata. L-indikatur huwa suġġett għall-oxxilazzjonijet minn sena għal sena minħabba li huwa sensittiv l-aktar għal kundizzjonijiet episodiċi, u dawn jiddependu fuq sitwazzjonijiet meterjoloġiċi partikolari, li l-okkorrenza tagħhom tvarja minn sena għal sena.

# 06 Il-produzzjoni u l-konsum ta' sustanzi li jagħmlu ħsara fl-ożonu

## Il-mistoqsija politika ewlenija

Is-sustanzi li jagħmlu ħsara fl-ożonu qegħdin jitneħħew bil-mod il-mod skond l-iskeda li sar qbil fuqha?

## Il-messaġġ prinċipali

Il-produzzjoni u l-konsum totali tas-sustanzi li jagħmlu ħsara fl-ożonu fl-EEA-31 naqsu b'mod sinifikanti sa l-1996 u minn dak iż-żmien ġew stabbilizzati.

## Il-valutazzjoni ta' l-indikatur

Il-produzzjoni u l-konsum tas-sustanzi li jagħmlu ħsara fl-ożonu (ODS) ilhom jitnaqqsu b'mod sinifikanti mit-tmeninijiet (Figuri 1 u 2). Dan huwa r-riżultat dirett tal-politika internazzjonali (il-Protokoll ta' Montreal u l-emendi u l-aġġustamenti tiegħu) biex jitwaqqfu, bil-mod il-mod, il-produzzjoni u l-konsum ta' dawn is-sustanzi. Il-produzzjoni u l-konsum fl-EEA-31 huma ddominati mill-pajjiżi ta' l-UE-15, li huma responsabbli għal 80–100 % tal-produzzjoni u tal-konsum totali ta' l-ODS. It-tnaqqis ġenerali huwa skond ir-regolamenti internazzjonali u l-iskeda li sar qbil fuqha.

## Id-definizzjoni ta' l-indikatur

Dan l-indikatur jimmarka l-produzzjoni u l-konsum annwali tas-sustanzi li jagħmlu ħsara fl-ożonu (Ozone Depleting Substabces — ODS) fl-Ewropa. ODS huma kimiċi li għandhom ħajja twila li fihom il-klorur jew/u l-bromur u li jeqirdu s-saff ta' l-ożonu stratosferiku.

**Figura 1** **Il-produzzjoni ta' sustanzi li jagħmlu ħsara fl-ożonu (EEA-31), 1989–2000**




**Nota:** Is-sors ta' l-informazzjoni: UNEP (Rif: www.eea.eu.int/coreset).

**Figura 2 Il-konsum ta' sustanzi li jagħmlu ħsara fl-ożonu (EEA-31), 1989–2000**




**Nota:** Is-sors ta' l-informazzjoni: UNEP (Rif: www.eea.eu.int/coreset).

Sa mill-1994, il-pajjiżi żviluppati ma tħallewx jipproduċu jew jikkunsmaw l-aloġeni u mill-1995, is-CFCs, *carbon tetrachloride* u l-*methyl chloroform*. Għadha titħalla produzzjoni limitata ta' ODS, għal użu speċifiku u essenzjali (e.ż. l-*inhalers* b'dożi mkejla), u biex il-pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw jissodisfaw il-bżonnijiet bażiċi tagħhom.

L-indikatur qiegħed jiġi ppreżentat bħala miljuni ta' kg ta' ODS imkejla skond il-potenzjal tagħhom li jnaqqru l-ożonu (ODP).

## Il-bażi loġika ta' l-indikatur

Sa minn nofs is-snin tmenin, bdew jittieħdu miżuri politiċi biex jrażżnu jew jeliminaw gradwalment il-produzzjoni u l-konsum ta' sustanzi li jagħmlu ħsara fl-ożonu (ODS), sabiex is-saff ta' l-ożonu stratosferiku jiġi protett. Dan l-indikatur jimmarka l-progress tal-limitazzjoni u ta' l-eliminazzjoni b'mod gradwali tal-produzzjoni u tal-konsum.

Il-politika tiffoka fuq il-produzzjoni u l-konsum, u mhux fuq l-emissjonijiet ta' l-ODS. Dan minħabba li huwa ħafna

**Tabella 1 Artikolu 5(1) u l-pajjiżi li ma jaqgħux taħt l-Artikolu 5(1) tal-Protokoll ta' Montreal**

| Il-Protokoll ta' Montreal | Il-pajjiżi membri ta' l-EEA |
|---|---|
| Artikolu 5(1) | Ċipru, Malta, ir-Rumanija u Turkija |
| Il-pajjiżi li ma jaqgħux taħt l-Artikolu 5(1) | Il-pajjiżi membri l-oħra ta' l-EEA |

**Tabella 2 Taqsira ta' l-iskeda għat-tneħħija bil-mod il-mod mill-pajjiżi li ma jaqgħux taħt l-Artikolu 5 (1), inklużi l-aġġustamenti ta' Beijing**

| Grupp | L-iskeda għat-tnaqqis bil-mod il-mod għall-pajjiżi li ma jaqgħux taħt l-artikolu 5(1) | Rimarki |
|---|---|---|
| Anness-A, grupp 1: CFCs (CFC-11, CFC-12, CFC-113, CFC-114, CFC-115) | Livell bażi: 1986<br>tnaqqis ta' 100 % sa 01.01.1996 (b'eżenzjonijiet essenzjali għall-użu possibbli) | Applikabbli għall-produzzjoni u l-konsum |
| Anness A, grupp 2: Aloġeni (halon 1211, halon 1301, halon 2402) | Livell bażi: 1986<br>tnaqqis ta' 100 % sa 01.01.1994 (b'eżenzjonijiet essenzjali għall-użu possibbli) | Applikabbli għall-produzzjoni u l-konsum |
| Anness B, grupp 1: is-CFCs aloġenati għal kollox kollha (CFC-13, CFC-111, CFC-112, CFC-211, CFC-212, CFC-213, CFC-214, CFC-215, CFC-216, CFC-217) | Livell bażi: 1989<br>tnaqqis ta' 100 % sa 01.01.1996 (b'eżenzjonijiet essenzjali għall-użu possibbli) | Applikabbli għall-produzzjoni u l-konsum |
| Anness B, grupp 2: Carbon tetrachloride ($CCl_4$) | Livell bażi: 1989<br>tnaqqis ta' 100 % sa 01.01.1996 (b'eżenzjonijiet essenzjali għall-użu possibbli) | Applikabbli għall-produzzjoni u l-konsum |
| Anness B, grupp 3: 1,1,1-trichloroethane ($CH_3CCl_3$) (= methyl chloroform) | Livell bażi: 1989<br>tnaqqis ta' 100 % sa 01.01.1996 (b'eżenzjonijiet essenzjali għall-użu possibbli) | Applikabbli għall-produzzjoni u l-konsum |
| Anness Ċ, grupp 1: HCFCs (HydroChloroFluoroCarbons) | Livell bażi: konsum ta' HCFC fl-1989 + 2.8 % tal-konsum ta' CFC fl-1989<br>Iffriżar: 1996<br>tnaqqis ta' 35 % sa 01.01.2004<br>tnaqqis ta' 65 % sa 01.01.2010<br>tnaqqis ta' 90 % sa 01.01.2015<br>tnaqqis ta' 99.5 % sa 01.01.2020, u minn hemm 'l quddiem il-konsum ikun ristrett għall-manutenzjoni tar-refriġerazzjoni u ta' l-arja kkundizzjonata li jkun jeżisti f'dak iż-żmien.<br>tnaqqis ta' 100 % sa 01.01.2030 | Applikabbli għall-konsum |
| | Livell bażi: Medja tal-produzzjoni ta' l-HCFC fl-1989 + 2.8 % tal-produzzjoni ta' CFC ta' l-1989 u l-konsum ta' l-HCFC ta' l-1989 + 2.8 % tal-konsum ta' CFC ta' l-1989<br>Iffriżar: 01.01.2004, fil-livell bażi tal-produzzjoni | Applikabbli għall-produzzjoni |
| Anness Ċ, grupp 2: HBFCs (HydroBromoFluoroCarbons) | Livell bażi: is-sena mhux speċifikata.<br>tnaqqis ta' 100 % sa 01.01.1996 (b'eżenzjonijiet essenzjali għall-użu possibbli) | Applikabbli għall-produzzjoni u l-konsum |
| Anness Ċ, grupp 3: Bromochloromethane ($CH_2BrCl$) | Livell bażi: is-sena mhux speċifikata.<br>tnaqqis ta' 100 % sa 01.01.2002 (b'eżenzjonijiet essenzjali għall-użu possibbli) | Applikabbli għall-produzzjoni u l-konsum |
| Anness E, grupp 1: Methyl bromide ($CH_3Br$) | Livell bażi: 1991<br>Iffriżar: 01.01.1995<br>tnaqqis ta' 25 % sa 01.01.1999<br>tnaqqis ta' 50 % sa 01.01.2001<br>tnaqqis ta' 75 % sa 01.01.2003<br>tnaqqis ta' 100 % sa 01.01.2005 (b'eżenzjonijiet essenzjali għall-użu possibbli) | Applikabbli għall-produzzjoni u l-konsum |

aktar diffiċli li l-emissjonijiet jiġu kkontrollati b'mod preċiż minn diversi sorsi żgħar milli mill-produzzjoni u l-konsum industrijali. Il-konsum jikkontrolla l-produzzjoni industrijali. Il-produzzjoni u l-konsum jistgħu jippreċedu ħafna snin qabel l-emissjonijiet, minħabba li l-emissjonijiet ġeneralment iseħħu wara li jintremew il-prodotti li fihom jintużaw l-ODS (ċilindri għat-tifi tan-nar, refriġeraturi, eċċ.).

Ir-rilaxx ta' l-ODS fl-atmosfera jwassal għal tnaqqir tas-saff ta' l-ożonu stratosferiku, li jipproteġi l-bniedem u l-ambjent mir-radjazzjoni ultravjola (UV) perikoluża mitfugħa mix-xemx. L-ożonu jinqered mill-atomi tal-klorur u tal-bromur li jiġu mitluqa fl-istratosfera minn kimiċi magħmula mill-bniedem — CFCs, aloġeni, *methyl chloroform, carbon tetrachloride*, HCFCs (ilkoll antropoġeniċi għal kollox) u *methyl chloride* u *methyl bromide*. Iħsara fl-ożonu stratosferiku jwassal għal żieda fir-radjazzjoni ultravjola fil-wiċċ ambjentali. Dan iġib miegħu firxa wiesa ta' effetti ħżiena fuq is-saħħa tal-bniedem, fuq l-ekosistemi kemm ta' l-ilma kif ukoll ta' l-art u fuq il-katini ta' l-ikel.

## Il-kuntest politiku

Wara l-Konvenzjoni ta' Vjenna (1985) u l-Protokoll ta' Montrael (1987) u l-emendi u l-aġġustamenti tagħhom, ittieħdu miżuri politiċi biex il-produzzjoni u l-konsum tas-sustanzi li jnaqqru l-ożonu jiġu llimitati jew eliminati bil-mod il-mod.

Il-mira internazzjonali taħt il-Konvenzjoni u l-Protokolli ta' l-Ożonu hija l-eliminazzjoni totali ta' l-ODS skond l-iskeda mogħtija taħt.

Il-pajjiżi li jaqgħu taħt l-Artikolu 5, paragrafu 1 tal-Protokoll ta' Montrael huma kkunsidrati, taħt il-protokoll, bħala pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw. L-iskedi għall-eliminazzjoni bil-mod il-mod għall-pajjiżi li jaqgħu taħt l-Artikolu 5(1) huma mdewwma b'10–20 sena meta mqabbla mal-pajjiżi li ma jaqgħux taħt l-Artikolu 5 (1) (Tabella 1).

## L-inċertezza fl-indikatur

Żewġ settijiet ta' informazzjoni huma wżati fil-folji ta' fatti: (1) l-informazzjoni ta' l-UNEP, kif irrappurtata mill-pajjiżi lis-Segretarjat ta' l-Ożonu ta' l-UNEP (informazzjoni mogħtija fir-rigward tal-produzzjoni u l-konsum), u (2) l-informazzjoni tad-DĠ Ambjent kif irrappurtata mill-kumpaniji lid-DĠ Ambjent (informazzjoni mogħtija għall-produzzjoni, konsum, importazzjoni u esportazzjoni). Ġeneralment, l-informazzjoni dwar il-produzzjoni tiġi rrappurtata biss meta l-eżekuzzjoni individwali tal-kumpanija ma jkunx jista' joħroġ mill-istatistika. Għalhekk, jekk kumpanija waħda jew żewġ kumpaniji f'pajjiż jew grupp ta' pajjiżi tipproduċi sustanza waħda biss, jista' jkun hemm nieqes xi informazzjoni minħabba l-protezzjoni tal-privatezza tal-kumpaniji.

L-inċertezza fl-istatistika mhijex magħrufa minħabba li l-istima ta' l-inċertezza mhijiex irrappurtata mill-kumpaniji. Il-figuri għall-produzzjoni ġeneralment huma magħrufin aħjar minn dawk tal-konsum, minħabba li l-produzzjoni sseħħ biss fi ftit fabbriki, waqt li l-ODS jintużaw (konsum) f'ħafna fabbriki.

L-emissjonijiet huma iktar inċerti mill-figuri tal-konsum, minħabba li l-emissjonijiet iseħħu meta l-prodotti li fihom jiġu wżati l-ODS (ċilindri għat-tifi tan-nar, refriġeraturi, eċċ.) jintremew. Mhuwiex magħruf meta dawn il-prodotti jintremew, u għalhekk, mhuwiex magħruf meta jseħħu l-emissjonijiet li joħorġu minnhom.

Id-definizzjoni ta' produzzjoni hija differenti fid-DĠ Ambjent minn dik fl-informazzjoni ta' l-UNEP. Fl-informazzjoni tad-DĠ Ambjent, il-produzzjoni hija l-produzzjoni reali mingħajr it-tnaqqis ta' l-ODS irkuprat jew meqrud jew dak użat bħala feedstock (prodotti intermedji li jintużaw biex jiġu prodotti aktar ODS).

Tista' tinkiseb stima ta' l-inċertezza għall-UE-15 billi l-informazzjoni tad-DĠ Ambjent titqabbel ma' l-informazzjoni ta' l-UNEP.

# 07 L-ispeċi fil-periklu u l-ispeċi protetti

## Il-mistoqsija politika ewlenija

X’miżuri qegħdin jittieħdu biex tiġi kkonservata jew ristawrata l-biodiversità?

## Il-messaġġ prinċipali

L-identifikazzjoni u t-twaqqif ta’ listi ta’ speċi protetti kemm fuq livell nazzjonali kif ukoll fuq livell internazzjonali huma l-ewwel pass importanti għall-konservazzjoni tad-diversità ta’ l-ispeċi. Il-pajjiżi Ewropej qablu biex, jgħaqqdu l-isforzi tagħhom biex jikkonservaw l-ispeċi fil-perikolu billi jniżżluhom għall-protezzjoni taħt id-direttivi ta’ l-UE u/jew il-Konvenzjoni ta’ Berna. Xi wħud mill-ispeċi tal-fawna selvaġġa li jinsabu fil-perikolu mad-dinja kollha, li kienu preżenti fl-Ewropa fl-2004, bħalissa qegħdin taħt status ta’ protezzjoni Ewropea — iżda mhux kollha. Ir-responsabbiltà ta’ l-UE lejn il-komunità dinjija għall-konservazzjoni ta’ dawn l-ispeċi hija waħda kbira.

## Il-valutazzjoni ta’ l-indikatur

Skond l-IUCN (2004), 147 vertebru (mammiferi, għasafar, rettili, amfibji u ħut) u 310 speċi invertebri (krustaċeji, insetti u molluski) li jinsabu fl-UE-25 huma kkunsidrati bħala fil-perikolu mad-dinja kollha minħabba li ġew ikkategorizzati bħala, f’perikolu kbir, fil-perikolu u vulnerabbli.

Il-valutazzjoni ġenerali turi li l-istatus ta’ protezzjoni speċifiku taħt il-leġiżlazzjoni ta’ l-UE u tal-Konvenzjoni ta’ Berna jeżisti għall-ispeċi kollha ta’ għasafar tad-dinja li huma fil-perikolu u għal perċentwal mhux ħażin ta’ rettili u mammiferi. Madankollu, ħafna mill-amfibji u mill-ħut li huma fil-perikolu mad-dinja kollha, kif ukoll mill-ispeċi ta’ invertebri li jeżistu fl-UE-25 mhumiex protetti fuq livell Ewropew. Ma hemmx informazzjoni disponibbli minnufih dwar jekk dawn jirċievux protezzjoni fuq livell nazzjonali, fejn dawn huma preżenti.

L-20 speċi kollha ta’ għasafar li huma fil-perikolu mad-dinja kollha li jinsabu fl-UE-25 huma protetti, jew taħt id-Direttiva ta’ l-għasafar ta’ l-UE (li, filwaqt li tipproteġi l-ispeċi ta’ l-għasafar, tniżżel, fl-Anness 1 tagħha, numru ta’ speċi li jeħtieġu amministazzjoni stretta ta’ l-ħabitat), jew fil-Konvenzjoni ta’ Berna (Anness II).

S’issa, sa 86 % ta’ l-ispeċi tar-rettili u tal-mammiferi ġew protetti fuq livell Ewropew: 12 mill-14-il speċi tar-rettili f’perikolu globali u 28 mill-35 speċi ta’ mammiferi ġew inklużi fid-Direttiva ta’ l-UE dwar l-ħabitati (Annessi II u IV) jew fil-Konvenzjoni ta’ Berna (Anness II).

S’issa, inqas min-nofs l-amfibji u l-ispeċi tal-ħut ġew protetti taħt il-leġiżlazzjoni Ewropea; 7 mill-15-il speċi ta’ amfibji u 24 mit-63 speċi ta’ ħut ġew inklużi fil-listi leġislattivi.

Id-differenza li hemm għall-ispeċi invertebri hija kbira. 43 biss mit-310 speċi ġew inklużi f’dawn il-listi.

L-indikatur, fil-forma preżenti tiegħu, ma jistax jeżamina l-effettività tal-politika ta’ l-UE dwar il-biodiversità. Jista’ biss jikkonferma kemm hi kbira r-responsabbilità ta’ l-Ewropa lejn il-komunità globali u juri sa liema punt ir-responsabbiltajiet globali huma koperti, bil-leġiżlazzjoni Ewropea.

## Id-definizzjoni ta’ l-indikatur

Dan l-indikatur juri n-numru u l-perċentwal ta’ l-ispeċi ta’ fawna selvaġġa li huma fil-perikolu mad-dinja kollha, li kienu jinsabu fl-UE-25 fl-2004, u li ngħataw status ta’ protezzjoni Ewropea permezz tad-direttivi dwar l-għasafar u l-ħabitati ta’ l-UE jew il-Konvenzjoni ta’ Berna. L-indikatur iqis il-modifiki li saru għal-listi leġiżlattivi ta’ l-ispeċi minħabba t-tkabbir ta’ l-UE.

**Figura 1** **Il-perċentwal ta' l-ispeċi li huma fil-perikolu mad-dinja kollha u li huma nklużi fil-listi ta' l-ispeċi protetti fid-direttivi ta' l-UE u fil-Konvenzjoni ta' Berna**

In-numru ta' l-ispeċi mhuwiex inkluż




**Nota:** Is-sors ta' l-informazzjoni: Il-lista ta' l-IUCN tal-2004, Annessi għad-Direttivi ta' l-UE dwar l-għasafar u l-ħabitati u l-Konvenzjoni ta' Berna (Rif: www.eea.eu.int/coreset).

## Il-bażi loġika ta' l-indikatur

Hemm bosta modi kif jista' jiġi eżaminat il-progress li qiegħed isir biex tintlaħaq il-mira li jitwaqqaf it-telf tal-biodiversità fl-Ewropa sa l-2010.

L-Unjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tan-Natura (IUCN) ilha tikkontrolla l-firxa u r-rata tat-tnaqqis tal-biodiversità għal diversi deċenni billi tqassam l-ispeċi f'kategoriji ta' perikolu permezz ta' valutazzjoni dettaljata ta' l-informazzjoni kontra sett ta' kriterji oġġettivi, standard u kwantitattiva. Din il-valutazzjoni ssir fuq livell globali u l-iktar waħda riċenti ġiet ippublikata fl-2004.

Speċi li huma fil-perikolu mad-dinja kollha jinsabu kemm fl-Ewropa kif ukoll barra l-Ewropa u xi wħud minnhom ma jistgħux jiġu kklassifikati bħala fil-perikolu fuq livell reġjonali jew fuq livell nazzjonali fl-UE. Kemm il-leġiżlazzjoni Ewropea li hija marbuta wkoll mal-politika Ewropea dwar in-natura u l-biodiversita, tqis ir-responsabbilità ta' l-UE lejn il-komunità globali, jidher mill-informazzjoni li jipprovdi l-indikatur fuq in-numru ta' speċi li jinsabu fil-perikolu mad-dinja kollha li huma protetti fuq livell Ewropew.

## L-inċertezza fl-indikatur

Fil-preżent, l-indikatur ma jidentifikax kemm-il speċi ta' fawna selvaġġa elenkata bħala li hija fil-perikolu mad-dinja kollha, tinsab biss fl-Ewropa. Ma jikkunsidrax ukoll il-protezzjoni ta' l-ispeċi li għalkemm mhumiex elenkati fil-listi ta' l-ispeċi li huma fil-perikolu mad-dinja kollha, huma fil-perikolu fl-Ewropa. Fl-aħħarnett, ma jinkludix informazzjoni fuq il-pjanti.

## Il-kuntest politiku

It-twaqqif tat-telf tal-biodiversità sa l-2010 huwa mira mfissra mis-6EAP u mill-Kunsill Ewropew ta' Gotenburg, u dan ġie msaħħaħ ukoll mill-Kunsill ta' l-Ambjent fi Brussell f'Ġunju 2004.

Il-Kunsill jenfasizza wkoll 'l-importanza tal-monitoraġġ, ta' l-evalwazzjoni u tar-rappurtaġġ dwar il-progress li jkun qiegħed isir biex jintlaħqu l-miri ta' l-2010, u li huwa assolutament essenzjali li l-kwistjonijiet dwar il-biodiversità jiġu kkomunikati b'mod effettiv kemm lill-pubbliku in ġenerali, kif ukoll lil dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet sabiex jagħtu lok għal tweġibiet politiċi addattati'.

## Il-miri

Ma hemm l-ebda miri kwantitattivi speċifiċi għal dan l-indikatur.

Il-mira għat-'twaqqif tat-telf tal-biodiversità sa l-2010' timplika mhux biss li l-estinzjoni ta' l-ispeċi trid tiġi mwaqqfa, iżda wkoll li l-ispeċi fil-perikolu jridu jingħataw status aħjar.



# 08 Żoni magħżula

## Il-mistoqsija politika ewlenija

X'miżuri qegħdin jittieħdu biex tiġi assigurata l-konservazzjoni *in situ* tal-komponenti tal-biodiversità?

## Il-messaġġ prinċipali

Il-konservazzjoni *in situ* ta' l-ispeċi ta' l-ħabitati u ta' l-ekosistemi tinvolvi l-istabbiliment ta' żoni protetti. Iż-żieda fiż-żona totali tas-siti fin-netwerk tan-Natura Ekoloġika Ewropea 2000, waqt l-aħħar għaxar snin, huwa sinjal tajjeb ta' l-impenn lejn il-konservazzjoni tal-biodiversità. Uħud mis-siti tan-Natura 2000 jinkludu żoni li għadhom ma ntagħżlux taħt il-liġijiet nazzjonali u għalhekk jikkontribwixxu għal żieda diretta fiż-żona totali magħżula għall-konservazzjoni *in situ* tal-komponenti tal-biodiversità fl-Ewropa.

## Il-valutazzjoni ta' l-indikatur

Mad-dinja kollha, il-pajjiżi jużaw l-għażla ta' żoni protetti bħala mezz biex jikkonservaw il-komponenti tal-biodiversità (fatturi ereditarji, speċi, ħabitati, ekosistemi), b'kull pajjiż japplika l-kriterji għall-għażla u għall-għanijiet tiegħu. Perspettiva komuni ta' l-UE ġiet definita bid-direttivi dwar l-għasafar u l-ħabitat. Fuq il-bażi ta' dawn, l-Istati Membri ta' l-UE ikklassifikaw u/jew ipproponew siti biex jiġi stabbilit in-netwerk Ewropew Natura 2000.

L-indikatur juri li kien hemm żieda regolari fiż-żona totali tas-siti magħżula għan-netwerk Natura 2000 fl-aħħar għaxar snin, minn bejn wieħed u ieħor 8 sa 29 miljun ha taħt id-direttiva dwar l-għasafar (bħala żoni speċjali protetti) u minn 0 sa, bejn wieħed u ieħor, 45 miljun ha taħt id-direttiva ta' l-ħabitati (bħala siti ta' importanza għall-komunità). Xi pajjiżi għandhom rappreżentazzjoni akbar minn oħrajn ta' l-ispeċi u l-ħabitati elenkati fiż-żewġ direttivi. Għalhekk dawn il-pajjiżi għażlu partijiet akbar tat-territorju tagħhom, kif huwa l-każ tal-pajjiżi tan-nofsinhar ta' l-Ewropa, u tal-pajjiżi l-kbar tat-tramuntana. Spanja tinsab fl-ewwel post għax ikkontribwixxiet għal aktar minn 10 miljun ha. Hija segwita mill-Iżvezja b'madwar 5 miljun ha.

It-tieni parti ta' l-indikatur turi kemm is-siti magħżula fuq livell nazzjonali, li diġà jeżistu, qegħdin jissodisfaw il-kriterji tad-direttivi Ewropej. Tipprovdi wkoll ritratt ta' l-importanza tal-kontribuzzjoni tal-leġiżlazzjoni Ewropea għall-konservazzjoni *in situ* fl-Ewropa.

## Id-definizzjoni ta' l-indikatur

L-indikatur jinkludi żewġ partijiet:

- l-*erja* totali tal-wiċċ tas-siti magħżulin maż-żmien taħt id-direttivi dwar l-għasafar u dwar l-ħabitati minn kull Stat Membru ta' l-UE-15;
- il-proporzjon tal-kopertura totali tas-siti magħżulin minn pajjiż wieħed biss taħt id-direttivi dwar l-għasafar u dwar l-ħabitati tal-KE protetta permezz ta' leġiżlazzjoni nazzjonali u koperta bit-tnejn.

## Il-bażi loġika ta' l-indikatur

Hemm numru ta' modi biex jiġi evalwat il-progress li jkun qiegħed isir biex tintlaħaq il-mira li jitwaqqaf it-telf tal-biodiversità sa l-2010.

L-indikatur għandu l-għan li jikkalkula l-progress tal-konservazzjoni in situ tal-komponenti tal-biodiversità u dan jinvolvi l-istabbiliment ta' żoni protetti. Fil-livell ta' l-UE, il-progress jidher l-aktar permezz tat-twaqqif tan-netwerk Natura 2000. Fl-ewwel parti, informazzjoni kwantitattiva fuq iż-żona totali, li tinkludi wkoll in-netwerk Natura 2000, matul iż-żmien fl-UE-15, hija mqassma skond il-pajjiż.

It-tieni parti ta' l-indikatur teżamina jekk huwiex probabbli li t-twaqqif tan-network Natura 2000 jżidx il-wiċċ totali ta' żoni protetti fl-Ewropa, billi teżamina l-proporzjon

**Figura 1** **Iż-żona tal-wiċċ totali tas-siti magħżula għad-direttiva dwar l-ħabitati maż-żmien (siti ta' importanza Komunitarja — SCI)**




**Nota:** Is-sors ta' l-informazzjoni: Natura 2000, Diċembru 2004 (Rif: www.eea.eu.int/coreset).

taż-żoni magħżula fuq livell nazzjonali inklużi fin-network Natura 2000, minn kull Stat Membru, f'ċertu żmien.

## Il-kuntest politiku

It-twaqqif tat-telf tal-biodiversità sa l-2010' hija mira mfissra mis-sitt pjan t'azzjoni ambjentali ta' l-UE u mill-Kunsill Ewropew f'Gotenburg (2001). Din il-mira ġiet approvata b'mod sħiħ fuq livell Pan-Ewropew fl-2003. Il-Kunsill Ewropew ħajjar ukoll lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jimplimentaw il-programm il-ġdid tax-xogħol fuq iż-żoni protetti magħżula fil-kuntest tal-Konvenzjoni fuq id-Diversità Bioloġika fl-2004. Dan il-programm jinkludi l-bżonn li tiġi aġġornata l-informazzjoni dwar l-istatus, it-tendenzi u t-theddid taż-żoni protetti.

Fuq il-livell ta' l-UE, il-politika dwar il-konservazzjoni tan-natura hija essenzjalment magħmula minn żewġ liġijiet: id-direttiva dwar l-għasafar u d-direttiva dwar l-ħabitati. Flimkien huma jwaqqfu struttura leġiżlattiva għall-protezzjoni u l-konservazzjoni tal-ħajja selvaġġa u l-ħabitati ta' l-UE.

## Il-miri

Fuq livell globali, il-Konvenzjoni fuq id-Diversità Bioloġika (CBD) waqqfet miri relevanti li għandhom jintlaħqu sa l-2010: Il-Mira 1.1 hija l-konservazzjoni effettiva ta' għallinqas 10 % ta' kull reġjun ekoloġiku tad-dinja u l-mira 1.2 hija l-protezzjoni ta' żoni ta' importanza partikolari għall-biodiversità.

**Figura 2 Iż-żona tal-wiċċ totali tas-siti magħżula fid-direttiva dwar l-għasafar maż-żmien (żoni bi protezzjoni speċjali — SPA)**




**Nota:** Is-sors ta' l-informazzjoni: Natura 2000, Diċembru 2004 (Rif: www.eea.eu.int/coreset).

Fuq il-livell Pan-Ewropew, il-mira hija t-twaqqif sħiħ, sa l-2008, ta' Netwerk Ekoloġiku Pan-Ewropew li tiegħu, in-netwerk Natura 2000 huwa parti.

Fuq il-livell ta' l-UE, l-Istati Membri għandhom jikkontribwixxu għat-twaqqif tan-Natura 2000 fil-proporzjon għar-rappreżentattività tat-tipi ta' ħabitati naturali u l-ispeċi msemmija fid-direttivi fit-territorju tagħhom.

Għal dak li għandu x'jaqsam maż-żmien, in-netwerk Natura 2000 għandu jintemm fuq l-art sa l-2005, imwettasq fis-siti marini sas-sena 2008 u sa l-2010, jrid ikun hemm qbil fuq u jridu jkunu bdew jiġu mwettqa l-għanijiet ta' l-amministrazzjoni għas-siti kollha.

## L-inċertezza fl-indikatur

L-indikatur bħalissa ma jindirizzax il-miri kollha li jridu jintlaħqu, speċjalment l-adegwatezza u l-evalwazzjoni tas-siti ta' l-amministrazzjoni. L-UE-10 ma ġewx eżaminati.

**Figura 3** **Il-proporzjon taż-żona totali tal-wiċċ magħżula biss għad-direttiva ta' l-ħabitati, protetta biss minn liġijiet nazzjonali u koperta mit-tnejn (siti t' importanza Komunitarja — SCI)**




**Nota:** Is-sors ta' l-informazzjoni-: CDDA, Ottubru 2004; Id-*database* għal siti proposti ta' importanza komunitarja, Diċembru 2004 (Rif: www.eea.eu.int/coreset).

**Figura 4** **Il-proporzjon taż-żona totali tal-wiċċ magħżula biss taħt id-direttiva ta' l-għasfar, protetta biss minn liġijiet nazzjonali u koperta mit-tnejn (żoni ta' protezzjoni speċjali – SPA)**




**Nota:** Is-sors ta' l-informazzjoni: CDDA, Ottubru 2004; Id-*database* taż-żoni bi protezzjoni speċjali, Diċembru 2004 (Rif: www.eea.eu.int/coreset).

# 09 Id-diversità ta' l-ispeċi

## Il-mistoqsija politika ewlenija

X'inhu l-istat u x'inhi t-tendenza tal-biodiversità fl-Ewropa?

## Il-messaġġ prinċipali

Il-popolazzjonijiet ta' l-ispeċi magħżula fl-Ewropa qegħdin jonqsu. Mill-bidu tas-sebgħinijiet, l-ispeċi tal-friefet u ta' l-għasafar relatati ma' tipi ta' ħabitati differenti madwar l-Ewropa urew tnaqqis fil-popolazzjoni ta' bejn 2 % u 37 %. It-tnaqqis jista' jkun relatat ma' tendenzi simili fit-tip ta' l-art koperta ta' l-ħabitati speċifiċi bejn l-1990 u l-2000, speċjalment ċerta art mistgħadra kif ukoll art b'xagħri u art b' siġar baxxi.

## Il-valutazzjoni ta' l-indikatur

L-indikatur jagħmel konnessjoni bejn it-tendenzi tal-popolazzjoni ta' speċi li jappartjenu għaż-żewġ gruppi (għasafar u friefet) u t-tendenzi fil-livelli ta' tipi ta' ħabitati differenti mnissla minn analiżi dwar il-bdil fil-kopertura tat-tip ta' art għall-1990–2000.

Il-valutazzjoni hija bbażata fuq 295 speċi ta' friefet u 47 speċi ta' għasafar marbutin ma' 5 tipi differenti ta' ħabitati mifruxa f'diversi pajjiżi Ewropej. Ir-riżultati jvarjaw fost gruppi ta' speċi/ħabitati, iżda huwa impressjonanti li kemm l-għasafar kif ukoll il-friefet marbutin ma' tipi differenti ta' ħabitati juru tnaqqis fl-ħabitati kollha eżaminati.

It-tnaqqis fil-popolazzjonijiet ta' l-ispeċi ta' għasafar u friefet ta' art mistgħadra jista' jiġi spjegat mit-telf dirett ta' l-ħabitat, kif ukoll mid-degradazzjoni ta' l-ħabitat minħabba l-frammentazzjoni u l-iżolament. It-tajn, l-art moxa u l-art mgħaddra, li huma ħabitati speċifiċi ta' l-art mistgħadra, huma l-aktar li naqsu fl-erja (bi 3.4 %) madwar l-UE 25 bejn 1990–2000, riżultat ibbażat fuq it-tibdil ta' aktar minn 25 ettaru osservat.

Ix-xagħri u artijiet b'siġar żgħar għandhom diversità partikolarment għolja ta' speċi ta' friefet, sa għallinqas 92 speċi ta' l-ħabitati eżaminati. It-telf dirett ta' l-ħabitat (b'1.6 %) kif ukoll id-degradazzjoni ta' l-ħabitat permezz tal-frammentazzjoni u l-iżolament ukoll għandhom rwol fit-tnaqqis ferm sustanzjali (28 %) osservat fost l-ispeċi tal-friefet.

**Figura 1 Tendenzi fil-popolazzjonijiet ta' l-għasafar u tal-friefet fl-UE-25 (% tnaqqis)**




**Nota:** In-numri fil-parentesi juri n-numru ta' speċi kkunsidrati f'kull tip ta' ħabitat. It-tendenzi ta' l-għasafar huma tal-perjodu bejn l-1980–2002. It-tendenzi tal-friefet huma tal-perjodu bejn l-1972/1973–1997/1998.

Is-sors ta' l-informazzjoni: il-proġett tal-Monitoraġġ ta' l-Għasafar Komuni Pan-Ewropew (EBCC, BirdLife Int, RSPB), Il-Konservazzjoni Olandiża tal-Friefet (Rif: www.eea.eu.int/coreset).

L-ogħla numru ta' speċi eżaminati, iġifieri 206 speċi ta' friefet u 23 speċi ta' għasafar, jinsab fl-ħabitat ta' l-oqsma tar-raba'. Dawn l-ispeċi huma tipiċi f'żoni miftuħa tal-ħaxix bħal żoni maħduma b'mod estensiv, artijiet bil-ħaxix, bwar u mergħat. Iż-żewġ gruppi ta' speċi juru tendenzi simili ħafna fit-tnaqqis: 28 % u 22 % rispettivament. Ir-raġunijiet prinċipali li għandhom x'jaqsmu ma' dan it-tnaqqis huma t-telf estensiv ta' l-oqsma tar-raba' bi ftit jew mingħajr ebda teħid ta' nutrijenti, l-erbiċidi u l-pestiċidi u ż-żieda fl-intensifikazzjoni agrikola li twassal fost fatturi oħra għat-telf marġinali ta' ħabitati u l-arbuxelli u użu ogħla tal-fertilizzanti, ta' l-erbiċidi u ta' l-insettiċidi.

**Figura 2** **Il-bidla fil-wiċċ ta' l-art mill-1990 sa l-2000 espressa bħala % tal-livell ta' l-1990, akkumulata f'kategoriji ta' livell 1 ta' l-ħabitati ta' EUNIS**




**Nota:** Is-sors ta' l- informazzjoni: Is-servizz ta' l-informazzjoni ta' l-EEA (Rif: www.eea.eu.int/coreset).

Iż-żona ta' l-ħabitati fil-boskijiet u l-foresti żdiedet b'0.6 % mill-1990, li f'termini assoluti din tammonta għal madwar 600 000 ettaru. L-ispeċi li għandhom rabta ma' l-ħabitati tal-boskijiet u l-foresti, iżda, naqsu. Id-89 speċi ta' farfett li jinstabu f'dan l-ħabitat juru tnaqqis ta' 24 % u l-għasafar li jinstabu fil-boskijiet, parkijiet u ġonna juru tnaqqis ta' 2 %. Kważi l-foresti kollha fl-Ewropa huma, sa ċertu punt, amministrati u l-iskemi varji ta' amministrazzjoni żgur għandhom impatt fuq id-diversità ta' l-ispeċi. Per eżempju il-preżenza ta' l-injam niexef u s-siġar xjuħ huma ta' importanza għall-għasafar biex ibejtu u jieklu u l-qtugħ tas-siġar tal-foresti huwa fattur importanti għall-friefet tal-foresta.

## Id-definizzjoni ta' l-indikatur

Dan l-indikatur huwa magħmul minn żewġ partijiet:

- It-tendenzi fil-popolazzjoni ta' l-ispeċi u l-gruppi ta' l-ispeċi. Bħalissa, l-gruppi ta' speċi li qegħdin jiġu kkunsidrati huma: l-għasafar, l-aktar dawk li jinsabu fl-oqsma tar-raba', il-boskijiet, il-parkijiet u l-ġonna u l-invertebri, l-aktar il-friefet. Hija mogħtija wkoll ir-referenza tal-ħin tas-settijiet ta' l-informazzjoni dwar l-ispeċi użati.
- Il-bidla fiż-żona ta' 10 tipi prinċipali ta' ħabitati ta' EUNIS ikkalkulati fuq il-bdil fil-kopertura ta' l-art bejn żewġ żminijiet partikolari.

## Il-bażi loġika ta' l-indikatur

L-indikatur jippreżenta informazzjoni fuq l-istat u t-tendenzi tal-biodiversità fl-Ewropa, u jindirizza l-ispeċi u l-ħabitati tagħhom b'mod interkonness. Sabiex jiġi ndirizzat dan is-suġġett, il-klassifikazzjoni estiża ta' organiżmi ħajjin jew estinti tista' tiġi eżaminata permezz ta' medda ta' ħabitati ma' l-Ewropa kollha. Minħabba d-disponibbiltà ta' l-informazzjoni fuq livell Ewropew, l-għasafar u l-friefet ġew magħżula bħala rappreżentattivi ta' l-ispeċi u tal-biodiversità ta' l-ħabitati b'mod ġenerali. Speċi miż-żewġ gruppi huma marbuta ma' medda ta' ħabitati differenti u t-tendenzi tagħhom jistgħu wkoll jitqiesu bħala rappreżentattivi tal-kwalità ta' ħabitat fir-rigward ta' speċi oħrajn.

Fil-każ ta' l-għasafar, l-ispeċi eżaminati huma kollha (numerużi u mifruxa ma' kullimkien) għasafar komuni li jbejtu li jifirxu fuq żoni kbar Ewropej, b'rabta ma' l-ħabitati fl-oqsma tar-raba', fil-boskijiet, fil-parkijiet u fil-ġonna.

**Figura 3 Kopertura temporali għat-tliet settijiet ta' dati**




Fil-każ tal-friefet, l-ispeċi eżaminati għalkemm mhumiex neċessarjament preżenti fil-pajjiżi kollha, xorta waħda jistgħu jkunu relatati ma' wieħed mill-erba' tipi kbar ta' ħabitati ta' l-EUNIS jiġifieri l-oqsma tar-raba', l-foresti l-moxa, s-siġar baxxi u l-art mistgħaddra.

Interpretazzjoni tat-tendenzi li jirriżultaw mill-popolazzjoni ta' l-ispeċi għal kull tip ta' ħabitati teħtieġ il-valutazzjoni tat-tendenzi fiż-żona ta' l-ħabitati. Għal dan l-indikatur, il-metodu wżata huwa li jiġi analizzat il-bdil li seħħ fil-wiċċ ta' l-art fit-tipi ta' ħabitati differenti bejn l-1990 u l-2000.

L-iżvilupp futur ta' l-indikatur jinvolvi b'mod ċar l-estensjoni ta' dan il-kunċett għal speċi oħra u għal gruppi ta' speċi oħra, filwaqt li jeħtieġu jiġu definiti wkoll kriterji komuni għall-inklużjoni jew għat-tneħħija ta' speċi u bit-titjib fl-għażla ta' l-ispeċi fir-rigward ta' l-ħabitati tagħhom.

## Il-kuntest politiku

'It-trażżin tat-telf tal-biodiversità sa l-2010' huwa l-għan ta' l-istrateġija Ewropea għall-iżvilupp sostennibbli adottat fl-2001 u approvat aktar fuq livell Pan Ewropew fl-2003 bir-riżoluzzjoni dwar il-Biodiversità ta' Kiev. Politika relevanti oħra tal-Komunità Ewropea tinkludi s-sitt programm t' azzjoni ambjentali u l-istrateġija tal-biodiversità u l-pjanijiet ta' azzjoni tal-Komunità Ewropea.

Fuq livell globali il-Konvenzjoni fuq id-Divesità Bioloġika fl-2002 obbligat lill-partijiet biex jilħqu tnaqqis sinifikanti fir-rata kurrenti tat-telf tal-biodiversità fuq livell globali, reġjonali u nazzjonali sa l-2010.

## Il-miri

Il-mira ġenerali hija li jitrażżan it-telf tal-biodiversità sa l-2010.

L-ebda mira kwantitattiva m'hija identifikata.

## L-inċertezza fl-indikatur

Fil-preżent, l-indikatur joħloq inċertezza fuq livelli varji. L-akbar inċertezzi huma n-nuqqas ġenerali ta' informazzjoni minn gruppi ta' speċi oħra u l-kopertura ġeografika jew temporali ta' l-informazzjoni li għadha ma tlestietx. Barra minn hekk, l-informazzjoni hija bbażata fuq xogħol volontarju mill-NGOs li jiddependu fuq għajnuna finanzjarja u riżorsi kontinwi.

*L-għasafar li jinsabu fl-oqsma ta' l-art tar-raba', fil-boskijiet, fil-parkijiet u fil-ġonna:* minħabba li l-għażla ta' l-ispeċi ġiet ibbażata fuq il-ġudizzju ta' l-esperti u mhux fuq provi statistiċi ta' l-eżistenza ta' kull speċi, qiegħed jiġi antiċipat li r-rabtiet għall-ħabitati jistgħu ma jkunux b'saħħithom. L-istess lista ta' l-ispeċi ta' għasafar intużat għall-pajjiżi kollha.

*Il-Friefet:* ftit pajjiżi biss jistudjaw il-friefet (ir-Renju Unit, l-Olanda, u l-Belġju) iżda n-netwerk qiegħed jissaħħaħ sew. It-tendenzi tal-friefet użati għal din il-valutazzjoni huma għalhekk ibbażati fuq it-tendenzi fid-distribuzzjoni bħala rappreżentattivi fit-tendenzi tal-popolazzjoni.

**Is-settijiet ta' dati – studji ġeografiċi u temporali fuq il-livell ta' l-UE**
Speċifikament fuq l-għasafar li jinsabu fl-oqsma tar-raba', fil-boskijiet, fil-parkijiet u fil-ġonna: Hemm informazzjoni disponibbli għal 16-il Stati Membru ta' l-UE-25 għas-snin 1980–2002 (ma hemm ebda informazzjoni disponibbli għal Ċipru, il-Finlandja, il-Greċja, il-Litwanja, il-Lussemburgu, Malta, il-Portugall, is-Slovenja u s-Slovakkja.) L-informazzjoni tirrifletti perjodi differenti ta' monitoraġġ fost il-pajjiżi.

Speċifikament fuq il-friefet: ma hemmx informazzjoni tal-monitoraġġ disponibbli għall-ispeċi kollha; tintuża informazzjoni tad-distribuzzjoni.

**Is-settiijiet ta' dati – ir-rappreżentattività ta' l-informazzjoni fuq livell nazzjonali**
L-għasafar fl-oqsma tar-raba', fil-boskijiet, fil-parkijiet u fil-ġonna: ir-rappreżentattività tat-tagħrif fuq il-livell ta' l-UE huwa kbir minħabba li l-ispeċi magħżula huma mifruxin b'mod wiesa' madwar l-Ewropa. Fuq livell nazzjonali, iżda, uħud mill-ispeċi magħżula jistgħu jkunu inqas rappreżentattivi, u speċi oħrajn mhux magħżula għal dan l-indikatur jistgħu jkunu iktar rappreżentattivi għall-ekosistemi ta' l-oqsma tar-raba' jew tal-foresti tal-pajjiż.

Il-Friefet: rappreżentattività tajba minħabba li l-informazzjoni ttieħdet minn kwestjonarji mwieġba minn esperti nazzjonali.

**Is-settiijiet ta' dati – paraguni**
L-għasafar fl-oqsma tar-raba', il-boskijiet, il-parkijiet u l-ġonna: il-komparabbiltà ġenerali hija tajba għall-UE-25. Il-ġbir ta' l-informazzjoni huwa bbażat fuq skema ta' studju Pan Ewropew li tuża metodoloġija li hija konformi madwar il-pajjiżi kollha.

Il-friefet: il-komparabbiltà hija tajba.

# 10 L-emissjonijiet u t-tneħħija tal-gassijiet b'effett ta' serra

## Il-mistoqsija prinċipali tal-politika

Xi progress qiegħed isir biex jitnaqqsu l-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra (*Greenhouse* gas — GHG) fl-Ewropa u biex jintlaħqu l-miri tal-Protokoll ta' Kyoto?

## Il-messaġġ prinċipali

L-emissjonijiet totali ta' GHG fl-UE-15 fl-2003 kienu 1.7 % inqas mil-livelli tas-sena bażi. Żidiet fl-emissjonijiet tad-diossidu tal-karbonju ġew ikkumpensati bi tnaqqis fl-emissjonijiet ta' l-ossidu tan-nitroġenu, tal-metanu u *fluorinated gas*. L-emissjonijiet tad-diossidu tal-karbonju mit-trasport ta' l-art żdied, waqt li l-emissjonijiet mill-industrija tal-manufattura naqas.

L-emissjonijiet totali ta' GHG fl-UE-15 (inklużi l-mekkaniżmi flessibli fil-Protokoll ta' Kyoto) fl-2003 kienu 1.9 punti ta' indiċi ogħla mil-linja ipotetika tal-mira ta' l-UE. Ħafna mill-Istati Membri ta' l-UE-15 ma kinux fuq it-triq it-tajba biex jissodisfaw il-miri ta' qsim tal-piżijiet tagħhom. L-emissjonijiet totali ta' GHG fl-UE-10 naqsu b'mod konsiderevoli (bi 32.2 %) bejn is-sena bażi aggregata u l-2003, l-aktar minħabba l-proċess transitorju ta' ristrutturar ekonomiku għall-ekonomiji tas-suq. Ħafna mill-Istati Membri ta' l-UE-10 huma fit-triq it-tajba biex jilħqu l-miri tagħhom ta' Kyoto.

## Il-valutazzjoni ta' l-indikatur

L-emissjonijiet totali ta' l-UE-15 fl-2003 kienu 1.7 % inqas mil-livelli tas-sena bażi. Erba' Stati Membri ta' UE-15 (Franza, il-Ġermanja, l-Iżvezja u r-Renju Unit) kienu taħt il-livelli fil-mira tagħhom ta' qsim tal-piżjiet, għajr għall-mekkaniżmi ta' Kyoto. Il-Lussemburgu u l-Pajjiżi l-Baxxi kienu taħt il-livelli fil-mira tagħhom ta' qsim tal-piżjiet, inklużi l-mekkaniżmi ta' Kyoto. Disa' Stati Membri kienu f'livelli ogħla mil-livelli fil-mira tagħhom ta' qsim tal-piżjiet: il-Greċja u l-Portugall (għajr il-mekkanizmi ta' Kyoto), l-Awstrija, il-Belġju, id-Danimarka, il-Finlandja, l-Irlanda, l-Italja, l-Olanda u Spanja (inklużi l-mekkaniżmi ta' Kyoto). Kien hemm tnaqqis konsiderevoli fl-emissjonijiet fil-Ġermanja, u fir-Renju Unit, l-aktar żewġ pajjiżi fl-UE li joħorġu emissjonijiet, li t-tnejn flimkien huma responsabbli għal 40 % ta' l-emissjonijiet totali ta' GHG ta' l-UE-15; it-tnaqqis mill-1990 sa l-2003 kien ta' 18.5 % fil-Ġermanja u ta' 13.3 % fir-Renju Unit. Meta mqabbla ma' l-2002, l-emissjonijiet fl-UE-15 fl-2003 żdiedu b'1.3 %, l-aktar minħabba ż-żieda mill-industriji ta' l-enerġija (b'2.1 %), minħabba ż-żieda fil-produzzjoni ta' l-enerġija termali u żieda ta' 5 % fil-konsum tal-faħam fl-istazzjonijiet ta' l-enerġija termali. Mill-1990 sa l-2003, l-emissjonijiet tal-$CO_2$ mit-trasport ta' l-UE-15 (20 % ta' l-emissjonijiet totali ta' GHG fl-UE-15) żdiedu bi 23 % minħabba ż-żieda fit-trasport ta' l-art kważi fl-Istati Membri kollha. L-emissjonijiet ta' $CO_2$ mill-industriji ta' l-enerġija żdiedu bi 3.3 % minħabba żieda fil-konsum tal-fuwil mill-fossili fl-elettriku pubbliku u f'impjanti tas-sħana, iżda l-Ġermanja u r-Renju Unit naqsu l-emissjonijiet tagħhom bi 12 % u 10 %, rispettivament. Fil-Ġermanja, dan sar permezz tat-titjib fl-effiċjenża ta' l-impjanti li jaħdmu bil-faħam u fir- Renju Unit minħabba l-bidla tal-fuwil mill-faħam għall-gass fil-produzzjoni ta' l-enerġija. Irriżulta tnaqqis fl-UE-15 ta' l-emissjonijiet ta' $CO_2$ mill-industriji tal-manifattura u tal-kostruzzjoni (bi 11 %), l-aktar minħabba t-titjib fl-effiċjenza u l-bidla strutturali fil-Ġermanja, wara li reġgħet ingħaqdet. L-emissjonijiet ta' $CH_4$ minn emissjonijiet li jaħarbu kienu dawk li naqsu l-aktar (bi 52 %), minħabba t-tnaqqis fit-tħaffir għall-faħam, segwit mis-settur ta' l-iskart (bi 34 %), l-aktar minħabba t-tnaqqis ta' skart biodegradabbli fil-miżbliet u l-installazzjoni ta' rkupru tal-gas mill-miżbliet. L-emissjonijiet industrijali ta' l-$N_2O$ naqsu bi 56 %, l-aktar minħabba l-miżuri speċifiċi f'impjanti tal-produzzjoni ta' l-aċidu adipiku. L-emissjonijiet ta' l-$N_2O$ mill-ħamrija agrikola naqqsu bi 11 %, minħabba nuqqas fl-użu tal-fertilizzanti u tad-demel. L-emissjonijiet tal-HFC, PFC u $SF_6$ mill-proċessi industrijali, li huma responsabbli għal 1.6 % ta' l-emissjonijiet tal-GHG, naqsu bi 4 %. L-Istati Membri kollha ta' l-UE-10 li daħlu fl-UE fl-2004 għandhom jissodisfaw il-miri ta' Kyoto tagħhom b'mod individwali (Ċipru u Malta m'għandhom l-ebda mira ta' Kyoto). Mill-1990, l-emissjonijiet totali naqsu b'mod sostanzjali kważi fl-UE-10 kollha, l-aktar minħabba l-introduzzjoni ta' l-ekonomiji tas-suq u r-ristrutturar li seħħ wara jew l-għeluq ta' industriji li kienu jniġġsu ħafna u li kienu jużaw ħafna enerġija. L-emissjonijiet mit-trasport bdew jiżdiedu fit-tieni nofs tad-disgħinijiet. L-emissjonijiet fi kważi l-pajjiżi ta' l-UE-10 kollha, iżda, kienu taħt il-miri lineari tagħhom – għalhekk kienu fit-triq it-tajba biex jilħqu l-miri ta' Kyoto tagħhom.

Skond it-tendenzi ta' l-emissjonijiet tagħhom sa l-2003, il-pajjiżi ta' adeżjoni fl-UE, ir-Rumanija u l-Bulgarija, kif ukoll l-Iżlanda, pajjiż membru ta' l-EEA, kienu fit-triq it-tajba biex jilħqu l-miri ta' Kyoto tagħhom.

**Figura 1** **L-iżvilupp ta' l-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra fl-UE-15 mis-sena bażi sa l-2003 u kemm għad fadal biex tintlaħaq il-mira lineari (ipotetika) ta' l-UE ta' Kyoto (esklużi l-mekkaniżmi ta' flessibiltà)**




**Nota:** Is-sors ta' l-informazzjoni: servizz ta' tagħrif EEA (Rif: www.eea.eu.int/coreset).

Skond l-emissjonijiet tagħhom sa l-2003, Liechtenstein u n-Norveġja, it-tnejn li huma pajjiżi membri ta' l-EEA, ma kinux fit-triq it-tajba biex jilħqu l-miri ta' Kyoto tagħhom.

## Id-definizzjoni ta' l-indikatur

Dan l-indikatur juri t-tendenzi li hemm bħalissa fl-emissjonijiet GHG antropoġeniċi fir-rigward tal-miri ta' l-UE u l-Istati Membri. L-emissjonijiet huma ppreżentati skond it-tip ta' gass u huma peżati skond il-potenzjal tagħhom li jgħollu t-temperatura tad-dinja. L-indikatur jipprovdi wkoll informazzjoni dwar l-emissjonijiet minn setturi industrijali ta' l-enerġija, mit-trasport ta' l-art u trasport ieħor, mill-industrija (proċessi u enerġija), minn oħrajn (enerġija), l-emissjonijiet li jaħarbu, mill-iskart, mill-agrikoltura u minn oħrajn (mhux ta' l-enerġija). L-informazzjoni kollha hija rrappreżentata f' ekwivalenti ta' miljuni ta' tunnellati ta' $CO_2$.

## Il-bażi loġika ta' l-indikatur

Hemm provi dejjem akbar li l-emisjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra qegħdin jikkawżaw żieda fit-temperaturi ta' l-arja tal-wiċċ kemm fuq livell globali, kif ukoll fl-Ewropa u dawn qegħdin iwasslu għal bidla fil-klima. Il-konsegwenzi li jistgħu jseħħu fuq livell globali jinkludu livell ogħla tal-baħar, żieda fil-frekwenza, fl-intensità ta' l-għarar u ta' nixfa, bdil fil-biota u fil-produttività ta' l-ikel u żieda fil-mard. Sforzi biex jitnaqqsu jew jiġu limitati l-effetti tal-bdil fil-klima huma ffukati fuq it-tnaqqis ta' l-emissjonijiet kollha ta' gassijiet b'effett ta' serra koperti bil-protokoll ta' Kyoto. Dan l-indikatur jgħin fil-valutazzjoni annwali tal-Kummissjoni tal-progress fit-tnaqqis ta' l-emissjonijiet fl-UE u fl-Istati Membri individwali biex jintlaħqu l-miri tal-Protokoll ta' Kyoto taħt il-Mekkaniżmu għall-Monitoraġġ tal-Gassijiet b'effett ta' Serra ta' l-UE (Deċiżjoni tal-Kunsill 280/2004/KE li tikkonċerna l-mekkaniżmu għall-monitoraġġ ta' l-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra tal-Komunità u biex jiġi mwettaq il-Protokoll ta' Kyoto).

## Il-kuntest politiku

L-indikatur janalizza t-tendenza fl-emissjonijiet totali ta' GHG fl-UE mill-1990 'l quddiem fir-rigward tal-miri ta' l-UE u ta' l-Istati Membri. Għall-Istati Membri ta' l-UE-15, il-miri huma dawk indikati fid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/358/KE, li fiha, l-Istati Membri qablu li xi pajjiżi jkunu jistgħu jżidu l-emissjonijiet tagħhom, fil-limiti, diment li dawn jiġu kkumpensati bi tnaqqis f'oħrajn. Il-mira tal-Protokoll ta' Kyoto ta' l-UE-15 għall-2008–2012 huwa tnaqqis ta' 8 % mil-livelli ta' l-1990 għall-grupp ta' sitt gassijiet b'effett ta' serra. Għall-UE-10 il-pajjiżi ta' adeżjoni fl-UE u għal pajjiżi membri oħra fl-EEA, il-miri huma inklużi fil-Protokoll ta' Kyoto. Għal ħarsa ġenerali tal-miri nazzjonali ta' Kyoto ara l-websajt ta' l-IMS.

**Figura 2** **Kemm kien għad fadal biex jintlaħqu l-miri ta' l-UE-15 fl-2003 (Il-Protokoll ta' Kyoto ta' l-UE u l-miri biex jinqasam il-piż fl-Istati Membri ta' l-UE)**




**Nota:** Is-sors ta' l-informazzjoni: EEA Data service (Rif: www.eea.eu.int/coreset).

**Figura 3** **L-iżvilupp fl-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra fl-UE-10 mis-sena bażi sa l-2003**




**Nota:** Għajr Malta u Ċipru, li ma għandhomx miri taħt il-Protokoll ta' Kyoto.

## L-inċertezza fl-indikatur

L-EEA tuża informazzjoni mogħtija uffiċjalment mill-Istati Membri ta' l-UE u minn pajjiżi oħra ta' l-EEA li jagħmlu l-valutazzjonijiet tagħhom ta' l-inċertezza ta' l-informazzjoni rrappurtata (gwida ta' prattika tajba u amministrazzjoni inċerta fl-inventarji nazzjonali tal-GHG: Bord Intergovernattiv dwar il-Bidla fil-Klima (*Intergovernmental Panel on Climate Change*-IPCC)). L-IPCC jissuġġerixxi li l-inċertezza fuq l-istimi ta' emissjonijiet totali ta' GWP imkejla, għall-maġġoranza tal-pajjiżi Ewropej hija probabbli li tkun inqas minn +/– 20 %. It-tendenzi fl-emissjonijiet totali ta' GHG huma mistennija li jkunu iktar preċiżi mill-istimi totali ta' l-emissjonijiet għal snin individwali. L-IPCC jissuġġerixxi li l-inċertezza fit-tendenzi ta' l-emissjonijiet totali ta' GHG hija +/– 4 % to 5 %. Din is-sena, għall-ewwl darba, l-istimi fl-inċertezza ġew ikkalkolati għall-UE-15. Ir-riżultati jissuġġerixxu li l-inċertezza fuq il-livell ta' l-UE-15 hija ta' bejn +/– 4 % u 8 % għall-emissjonijiet totali ta' GHG fl-UE-15.

Għall-UE-10 u l-pajjiżi kandidati għad-dħul fl-UE, l-inċertezzi huma maħsuba li huma ogħla minn dawk għall-UE-15 minħabba n-nuqqasijiet fl-informazzjoni. L-indikatur ta' l-emissjonijiet tal-GHG huwa indikatur stabbilit u huwa wżat b'mod regolari minn organizzazzjonijiet internazzjonali u fuq livell nazzjonali.

**Figura 4** **Il-bidla fl-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra fl-UE-15 skond is-settur u l-gass 1990–2003**




**Note:** Sors ta' l-informazzjoni: EEA Data service (Rif: www.eea.eu.int/coreset).

Kwalunkwe inċertezzi involuti fil-kalkolazzjoni u fis-settijiet ta' informazzjoni għandhom jigu kkomunikati b'eżattezza fil-valutazzjoni, biex messaġġi ħżiena ma jitħallewx jinfluwenzaw il-proċess politiku.

# 11 It-tbassir ta' l-emissjonijiet u t-tneħħija tal-gassijiet b'effett ta' serra

## Il-mistoqsija politika ewlenija

Xi progress huwa mbassar biex jintlaħqu l-miri li hemm fil-Protokoll ta' Kyoto għall-Ewropa biex jitnaqqsu l-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra (GHG) sa l-2010: bil-politika u l-miżuri domestiċi li hemm bħalissa, bil-politika u l-miżuri domestiċi addizzjonali u bl-użu addizzjonali tal-mekkaniżmi ta' Kyoto?

## Il-messaġġ prinċipali

It-tbassir totali għall-UE-15 sa l-2010, ibbażat fuq il-politika u l-miżuri domestiċi li hemm bħalissa, juri li l-emissjonijiet ser jonqsu sa 1.6 % taħt il-livell tas-sena bażi. Fid-dawl ta' l-impenn li ttieħed Kyoto sabiex l-emissjonijiet jitnaqqsu bi 8 % sa l-2010 meta mqabbla mas-sena ta' riferiment, wieħed jinnota li għad hemm 6.4 % sabiex dan l-impenn ikun jista' jintlaħaq.

It-tfaddil minn miżuri addizzjonali li qegħdin jiġu ppjanati ser iwassal għal tnaqqis ta' 6.8 % fl-emissjonijiet — li xorta waħda mhuwiex biżżejjed biex tintlaħaq il-mira. L-użu tal-mekkaniżmi ta' Kyoto minn Stati Membri jnaqqas l-emissjonijet bi 2.5 % oħra, u dan iwassal għal tnaqqis totali ta' 9.3 %, biżżejjed biex tintlaħaq il-mira għall-UE-15. Madankollu, biex dan iseħħ, jiddependi fuq il-qabża tal-miri stabbiliti minn xi Stati Membri. Il-pajjiżi kollha ta' l-UE-10 jbassru li l-miżuri domestiċi eżistenti ser ikunu biżżejjed biex jilħqu l-miri tagħhom taħt il-Protokoll ta' Kyoto sa l-2010, waħda minnhom billi jużaw depożiti ta' faħam. Fil-każ tal-pajjiżi l-oħra ta' l-EEA, l-Iżlanda u l-pajjiżi kandidati ta' l-UE, il-Bulgarija u r-Rumanija, dawn huma fit-triq it-tajba biex jilħqu l-miri tagħhom fil-Protokoll ta' Kyoto, waqt li n-Norveġja u Liechtenstein, bil-politika u l-miżuri domestiċi eżistenti li għandhom, mhumiex ser jilħqu l-miri tagħhom.

## Il-valutazzjoni ta' l-indikatur

Fil-każ ta' l-UE-15, it-tbassir kollu ta' l-emissjonijiet totali ta' GHG għall-2010, ibbażat ([1]) fuq il-politika u l-emissjonijiet domestiċi li hemm bħalissa, juri tnaqqis żgħir ta' 1.6 % taħt il-livelli tas-sena bażi. Dan ifisser li t-tnaqqis fl-emissjonijiet ta' 1.7 % li hemm bħalissa, u li ġie miksub fl-2003, meta mqabbel mal-livelli tas-sena bażi, huwa mbassar li jistabilizza sa l-2010. Dan l-iżvilupp, jekk titqies il-politika u l-miżuri domestiċi eżistenti biss, iwassal għal differenza ta' 6.4 % sabiex ikun jista' jintlaħaq l-impenn meħud mill-UE taħt il-Protokoll ta' Kyoto ta' tnaqqis ta' 8 % sa l-2010 meta mqabbla mal-livelli tas-sena bażi. L-użu tal-mekkaniżmi ta' Kyoto mill-Awstrija, il-Belġju, id-Danimarka, il-Finlandja, l-Irlanda, l-Italja, il-Lussemburgu, l-Olanda u Spanja, li l-effetti kwantitattivi tagħhom ġew approvati mill-Kummissjoni fl-iskema kummerċjali ta' l-emissjonijiet ta' l-UE, jwassal sabiex id-differenza mill-UE-15 tkompli tikber b'2.5 %. Dan iwassal sabiex l-UE15 ikunu qegħdin 3.9 % il-bogħod mill-mira tagħhom, u dan meta jingħaddu flimkien il-miżuri domestiċi eżistenti u l-użu tal-mekkaniżmi ta' Kyoto. L-Iżvezja u r-Renju Unit ibassru li l-politika u l-miżuri domestiċi eżistenti tagħhom ser ikunu biżżejjed biex jilħqu l-miri ta' qsim tal-piż tagħhom. Dawn l-Istati Membri jistgħu saħansitra wkoll jissuperaw il-miri tagħhom. L-emissjonijiet fl-Awstrija, il-Belġju, id-Danimarka, il-Finlandja, Franza, il-Ġermanja, il-Greċja, l-Irlanda, l-Italja, l-Lussemburgu, l-Olanda, il-Portugall u Spanja huma lkoll mbassra li jkunu f'livelli ferm ogħla mill-impenn imwiegħed minnhom fuq il-bażi tal-miżuri domestiċi eżistenti tagħhom. Id-differenzi relattivi jvarjaw minn 30 % għal Spanja għal madwar 1 % għall-Ġermanja. Bl-użu tal-mekkaniżmi ta' Kyoto, u l-miżuri domestiċi eżistenti, il-Lussemburgu ser jilħaq il-miri tiegħu. Tfaddil mill-politika u l-miżuri addizzjonali li qegħdin jiġu ppjanati mill-Istati Membri ser iwassal għal tnaqqis totali fl-emissjonijiet ta' madwar 6.8 % mill-1990, dan xorta waħda għadu mhux biżżejjed biex ikopri t-tnaqqis imbassar għall-UE-15 bl-użu tal-politika u l-miżuri domestiċi eżistenti.

Fil-każ ta' l-UE-10, il-pajjiżi kollha li għandhom miżuri eżistenti, ħlief għall-Islovenja, għandhom tbassir li juri li l-emissjonijiet fl-2010 sejrin ikunu aktar baxxi mill-impenn imwiegħed minnhom taħt Kyoto. Il-mira ta' l-Islovenja fil-Protokoll ta' Kyoto tista' tintlaħaq billi jitqiesu d-depożiti tal-faħam mill-LULUCF (l-użu ta' l-art, l-bidla fl-użu ta' l-art u l-forestrija).

Fil-każ tal-pajjiżi l-oħra ta' l-EEA, l-Iżlanda u l-pajjiżi kandidati ta' l-UE, il-Bulgarija u r-Rumanija, dawn mistennija saħansitra li jmorru aħjar milli mistenni minnhom fir-rigward tal-miri tagħhom fil-Protokoll ta' Kyoto, waqt li n-Norveġja u Liechtenstein mhumiex ser jilħquhom bil-politika u l-miżuri domestiċi eżistenti.

([1]) It-tbassir tal-'miżuri domestiċi eżistenti' jinkludi l-politika u l-miżuri implimentati u adottati bħalissa.

**Figura 1** **Id-differenzi relattivi bejn it-tbassir tal-GHG u l-miri ta' l-2010, ibbażat fuq il-politika u l-miżuri domestiċi eżistenti addizzjonali u l-bidla bl-użu tal-mekkaniżmu ta' Kyoto**




**Nota:** Is-sors tal-informazzjoni: Is-Servizz tad-Dati ta' l-EEA (Rif: www.eea.eu.int/coreset).

**Figura 2** **L-emissjonijiet attwali u mbassra tal-gassijiet b'effett ta' serra għall-UE-15 meta mqabbla mal-miri ta' Kyoto għall-2008–2012**




**Nota:** Is-sors tal-informazzjoni: Is-Servizz tad-Dati ta' l-EEA (Rif: www.eea.eu.int/coreset).

**Figura 3** **L-emissjonijiet totali tal-gassijiet b'effett ta' serra, kemm attwali kif ukoll dawk imbassra, għall-Istati Membri l-ġodda.**




**Nota:** L-emissjonijiet antiki tal-GHG u t-tbassir tal-GHG jinkludu t-tmien Stati Membri li għandhom miri taħt il-Protokoll ta' Kyoto (Ċipru u Malta mhumiex inklużi).

Is-sors ta' l-informazzjoni (Rif: www.eea.eu.int/coreset).

Bil-miżuri eżistenti, l-emissjonijiet totali ta' GHG mill-ħruq ta' karburanti fossili fl-impjanti ta' l-enerġija u setturi oħra (eż: fid-djar u s-servizzi; industrija) għajr fis-settur tat-trasport (60 % ta' l-emissjonijiet totali ta' GHG ta' l-UE-15) huma mbassra li jistabbilizzaw fil-livell ta' l-2003 (jew 3 % taħt il-livell ta' l-1990) sa l-2010, u li jonqsu sa 9 % taħt il-livelli ta' l-1990 b'miżuri addizzjonali.

Bil-miżuri eżistenti, l-emissjonijiet totali ta' GHG mit-trasport (21 % ta' l-emissjonijiet totali tal-GHG mill-UE-15) huma mbassra li ser jogħlew sa 31 % fuq il-livelli ta' l-1990 sa l-2010, u li jkunu 22 % ogħla mil-livelli tal-1990 b'miżuri addizzjonali.

Bil-miżuri eżistenti L-emissjonijiet totali ta' GHG mill-agrikoltura (10 % ta' l-emissjonijiet totali tal-GHG mill-UE-15) huma mbassra li ser jonqsu sa 13 % taħt il-livelli ta' l-1990 sa l-2010, u 15 % taħt il-livelli ta' l-1990 b'miżuri addizzjonali. Ir-raġunijiet ewlenin huma t-tnaqqis fin-numru ta' bhejjem u t-tnaqqis fl-użu tal-fertilizzant u demel.

Bil-miżuri eżistenti, l-emissjonijiet totali ta' GHG mill-proċessi industrijali (6 % ta' l-emissjonijiet totali tal-GHG mill-UE-15) huma mbassra li jkunu 4 % taħt il-livelli tas-sena bażi sa l-2010 u 20 % taħt il-livelli tas-sena bażi bil-miżuri addizzjonali.

Bil-miżuri eżistenti, l-emissjonijiet totali ta' GHG mill-ġestjoni ta' l-iskart (2 % ta' l-emissjonijiet totali tal-GHG mill-UE-15) huma mbassra li jonqsu sa 52 % taħt il-livelli ta' l-1990 sa l-2010. It-tnaqqis fl-iskart biodegradabbli li qiegħed jintefa' fil-miżbliet u s-sehem dejjem akbar ta' $CH_4$ irkuprat mill-miżbliet, huma r-raġunijiet ewlenin għat-tnaqqis fl-emissjonijiet.

## Id-definizzjoni ta' l-indikatur

Dan l-indikatur juri t-tendenzi mbassra għall-emissjonijiet antropoġeniċi tal-gassijiet b'effett ta' serra fir-rigward tal-miri ta' l-UE u ta' l-Istati Membri, bil-politika u l-miżuri eżistenti u/jew il-politika addizzjonali u/jew l-użu

tal-mekkaniżmi ta' Kyoto. L-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra huma ppreżentati skond it-tip ta' gass u huma analizzati skond il-potenzjal tagħhom li jsaħħnu d-dinja. L-indikatur jipprovdi wkoll informazzjoni dwar l-emissjonijiet skond is-setturi: il-ħruq ta' karburanti fossili fl-impjanti ta' l-enerġija u setturi oħra (eż. fid-djar u s-servizzi; fl-industrija); fit-trasport; fil-proċessi industrijali; fl-iskart; fl-agrikoltura u oħrajn (inklużi s-solventi). L-informazzjoni kollha hija miġbura f'miljuni ta' tunnellati li huma ekwivalenti għal $CO_2$.

## Il-bażi loġika ta' l-indikatur

Hemm evidenza dejjem akbar li l-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra qegħdin jikkawżaw żieda fit-temperatura ta' l-arja tal-wiċċ kemm tad-dinja kif ukoll ta' l-Ewropa, u dan qiegħed iwassal għal bidla fil-klima. Il-konsegwenzi li jista' jkun kemm fuq livell globali jinkludu żieda fil-livell tal-baħar, żieda fil-frekwenza u fl-intensità ta' l-għargħar u fin-nuqqas ta' xita, bidla fil-ħlejjaq u l-produttività ta' l-ikel u żieda fil-mard. L-isforzi biex jitnaqqsu jew jiġu limitati l-effetti tal-bidla fil-klima huma ffukati fuq il-limitazzjoni ta' l-emissjonijiet kollha tal-gassijiet b'effett ta' serra.

Dan l-indikatur isaħħaħ il-valutazzjoni annwali tal-Kummissjoni tal-progress li qiegħed isir biex jitnaqqsu l-emissjonijiet fl-UE u fl-Istati Membri individwali biex jilħqu l-miri tagħhom fil-Protokoll ta' Kyoto skond il-mekkaniżmu tal-monitoraġġ tal-gassijiet b'effett ta' serra ta' l-UE (id-Deċiżjoni tal-Kunsill 280/2004/KE li tikkonċerna l-mekkaniżmu għall-monitoraġġ ta' l-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra tal-Komunità u biex jiġi implimentat il-Protokoll ta' Kyoto).

## Il-kuntest politiku

Għall-Istati Membri ta' l-UE-15, il-miri huma dawk stabbiliti fid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/358/KE li fiha l-Istati Membri qablu li xi pajjiżi għandhom jitħallew iżidu l-emissjonijiet tagħhom, f'ċertu limiti, diment li dan jiġi kkumpensat bi tnaqqis f'oħrajn. Il-mira tal-Protokoll ta' Kyoto għall-UE-15 bejn l-2008–2012 huwa t-tnaqqis ta' 8 % mil-livelli ta' l-1990 għall-grupp ta' sitt gassijiet b'effett ta' serra. Għall-UE-10 u għall-pajjiżi ta' adeżjoni u għall-pajjiżi membri l-oħra ta' l-EEA, il-miri huma inklużi fil-Protokoll ta' Kyoto. Għal ħarsa ġenerali tal-miri nazzjonali tal-Protokoll ta' Kyoto ara l-*website* ta' l-IMS.

## L-inċertezzi fl-indikatur

L-inċertezza fit-tbassir ta' l-emissjonijiet tal-GHG ma ġietx stmata. Madankollu, diversi pajjiżi jagħmlu analiżi tas-sensittività fuq it-tbassir tagħhom.

# 12 It-temperatura globali u Ewropea

## Il-mistoqsija politika ewlenija

Iż-żieda fit-temperatura medja tad-dinja ser tibqa', fil-miri tal-politika ta' l-UE, ta' mhux iktar minn 2 °C ogħla mil-livelli pre-industrijali sa l-2100, u r-rata taż-żieda tat-temperatura tad-dinja ser tibqa' fil-mira mbassra ta' mhux iktar minn 0.2 °C għal kull perjodu ta' għaxar snin?

## Il-messaġġ prinċipali

Iż-żieda fit-temperatura medja tad-dinja osservata fl-aħħar għaxar snin mhijiex normali, kemm fid-daqs, kif ukoll fir-rata tal-bidla. Iż-żieda fit-temperatura sa l-2004 kienet ta' xi 0.7 +/– 0.2 °C meta mqabbla mal-livelli pre-injustrijali, li hija madwar terz tal-mira tal-politika ta' l-UE ta' mhux aktar minn 2 °C. Skond il-Bord Intergovernattiv dwar il-Bidla fil-Klima (IPCC) huwa probabbli li t-temperatura medja tad-dinja togħla b'1.4–5.8 °C bejn l-1990 u l-2100, u għalhekk il-mira ta' l-UE tista' tinqabeż bejn l-2040 and 2070.

Ir-rata tal-bidla globali bħalissa hija ta' xi 0.18 +/– 0.05 °C għal kull deċennu, valur li probabbilment jaqbeż kwalunkwe rata medja ta' 100 sena ta' tisħin globali f'dawn l-aħħar 1 000 sena.

## Il-valutazzjoni ta' l-indikatur

Fid-dinja b'mod ġenerali u fl-Ewropa b'mod partikolari kien hemm żidiet konsiderevoli fit-temperatura f'dawn l-aħħar 100 sena (Figura 1) speċjalment fl-aħħar għexieren ta' snin.

B'mod globali, iż-żieda fit-temperatura sa l-2004 kienet ta' xi 0.7 +/– 0.2 °C meta mqabbla mal-livelli pre-industrijali, jiġifieri madwar terz tal-mira tal-politika ta' l-UE biex il-medja tas-sħana globali tiġi limitata għal mhux iktar minn 2 °C ogħla mil-livell pre-industrijali. Dawn il-bidliet mhumiex normali kemm fid-daqs tal-bidla kif ukoll fir-rata tal-bidla. (Figura 2). Il-perjodu tas-snin disgħin, kien l-aktar deċennu sħun li qatt ġie rreġistrat u l-1998 kienet l-iktar sena sħuna, segwita mill-2003, 2002, u l-2004.

Huwa probabbli li t-temperatura medja tad-dinja tiżdied bi 1.4–5.8 °C bejn l-1990 u l-2100, jekk wieħed jassumi li ma ssirx politika oħra dwar il-bidla fil-klima għajr il-Protokoll ta' Kyoto u jekk titqies l-inċertezza fis-sensittività tal-klima. Jekk wieħed iqis it-tbassir ta' din il-firxa, il-mira ta' l-UE tista' tinqabeż bejn l-2040 u l-2070.

Ir-rata taż-żieda fit-temperatura tad-dinja bħalissa hija ta' xi 0.18 +/– 0.05 °C kull deċennu, li hija diġà viċin il-mira indikattiva ta' 0.2 °C kull ghaxar snin. Fil-firxa tax-xenarji eżaminati mill-IPCC, huwa probabbli li l-mira indikattiva proposta ta' 0.2 °C kull ghaxar snin tinqabeż fis-snin li ġejjin.

It-temperatura fl-Ewropa żdiedet iktar mill-medja globali b'żieda ta' kważi 1 °C mill-1900. L-iktar sena sħuna fl-Ewropa kienet is-sena 2000 u s-seba' l-iktar snin sħan seħħew kollha matul dawn l-aħħar 14-il sena. Iż-żieda fit-temperatura seħħet aktar fix-xitwa milli fis-sajf.

## Id-definizzjoni ta' l-indikatur

L-indikatur juri t-tendenzi fit-temperatura medja annwali kemm globali kif ukoll ta' l-Ewropa, u t-temperatura sajf/xitwa ta' l-Ewropa (kollha mqabbla mal-medja ta' bejn 1961–1990). L-unitajiet huma °C u °C kull ghaxar snin.

## Il-bażi loġika ta' l-indikatur

It-temperatura ta' l-arja tal-wiċċ tagħti wieħed mill-iktar sinjali ċari tal-bidla fil-klima speċjalment fis-snin li m'ilhomx li għaddew. Din ilha tiġi mkejla għal ħafna snin u anke sekli. Hemm dejjem iktar provi li l-emissjonijiet antropoġeniċi tal-gassijiet b'effett ta' serra huma dawk l-aktar responsabbli għaż-żidiet rapidi osservati dan l-aħħar fit-temperatura medja. Fatturi naturali bħall-vulkani u l-attività solari jistgħu, fil-maġġorparti, jispjegaw il-varjazzjoni fit-temperatura san-nofs tas-seklu 20, iżda fir-realtà jistgħu jispjegaw biss parti żgħira taż-żieda riċenti fit-temperatura.

Effetti possibbli tal-bidla fil-klima jinkludu żieda fil-livell tal-baħar, żieda fil-frekwenza u fl-intensità ta' l-għargħar u fin-nuqqas ta' xita, bidla fil-ħlejjaq u l-produzzjoni ta' l-ikel u żieda fil-mard infettiv. It-tendenzi u t-tbassir tat-temperaturi medji globali ta' kull sena jistgħu jkunu indikattivi ghal-miri ta' l-UE. Madankollu, it-temperaturi ta' l-Ewropa juru differenzi kbar mill-punent (marittimu) sal-lvant (kontinentali), fin-nofsinhar (Mediterran) u fit-tramuntana (Artiku) u differenzi reġjonali, it-temperaturi tax-xitwa/sajf u l-ġranet kisħin/sħan juru l-varjazzjonijiet fit-temperatura matul sena. Ir-rata u d-distribuzzjoni ta' l-ispazju tal-bidla fit-temperatura hija importanti, per eżempju, biex jiġi stabbilit jekk huwiex possibbli li l-ekosistemi naturali jaddattaw irwieħhom għall-bidla fil-klima.

**Figura 1** **Id-devjazzjonijiet fit-temperatura medja annwali globali bejn l-1850–2004 meta mqabbla mal-medja ta' bejn 1961–1990 (fi °C)**




**Nota:** Is-sors ta' l-informazzjoni KNMI, It-Taqsima għar-riċerka dwar il-Klima (CRU), http://www.cru.uea.ac.uk/cru/data file tavegl.dat (Rif: www.eea.eu.int/coreset).

## Il-kuntest politiku

L-indikatur jista' jwieġeb il-mistoqsijiet b'relevanza politika: iż-żieda fit-temperatura medja tad-dinja ser tibqa fil-mira tal-politika ta' l-UE (2 °C ogħla mil-livelli pre-industrijali)? Iż-żieda fir-rata tat-temperatura medja globali ser tibqa' fil-mira indikattiva proposta ta' żieda ta' 0.2 °C kull ghaxar snin?

Biex jiġu evitati impatti serji minħabba l-bidla fil-klima, il-Kunsill Ewropew, fis-sitt programm ta' azzjoni ambjentali tiegħu (6EAP, 2002), li reġa' ġie kkonfermat mill-Kunsill Ambjentali u mill-Kunsill Ewropew ta' Marzu 2005, ippropona li ż-żieda fit-temperatura medja globali għandha tiġi limitata għal mhux iktar minn 2 °C ogħla mil-livelli pre-industrijali (xi 1.3 °C ogħla mit-temperatura medja globali ta' bħalissa). Barra minn hekk, xi studji, pproponew mira 'sostennibbli' li tillimita ir-rata tat-tisħin antorpoġeniku tad-dinja għal 0.1 sa 0.2 °C kull ghaxar snin.

Il-miri kemm għall-bidla assoluta fit-temperatura (jiġifieri 2 °C) kif ukoll għar-rata tal-bidla (jiġifieri 0.1–0.2 °C kull ghaxar snin) inizjalment ittieħdu mir-rati ta' migrazzjoni ta' speċi ta' pjanti magħżula u l-bidliet fil-passat ta' temperaturi naturali. Il-mira ta' l-UE għaż-żieda fit-temperatura globali (jiġifieri 2 °C), dan l-aħħar ġiet ikkonfermata bħala mira tajba kemm minn perspettiva xjentifika kif ukoll minn perspettiva politika.

**Figura 2 Il-medja globali tal-bidla fit-temperatura (fi °C kull ghaxar snin)**




**Nota:** Is-sors ta' l-informazzjoni KNMI, It-Taqsima għar-riċerka dwar il-Klima (CRU) http://www.cru.uea.ac.uk/cru/data file tavegl.dat (Rif: www.eea.eu.int/coreset).

## L-inċertezzi fl-indikatur

Iż-żieda osservata fit-temperatura medja ta' l-arja, b'mod partikolari fl-aħħar għaxar snin, hija waħda mis-sinjali l-iktar ċari tal-bidla fil-klima globali.

It-temperatura ġiet imkejla matul is-sekli. Hemm qbil ġenerali fuq il-metodoloġija li għandha livell baxx ta' inċertezza. Il-gruppi ta' dati wżati fl-indikaturi ġew ivverifikati u kkoreġuti minhabba bdil fil-metodoloġija u fil-post (rurali fil-passat, u issa iktar urban). L-inċertezza hija akbar għall-bidliet mbassra fit-temperatura li parzjalment ġejja min-nuqqas ta' nformazzjoni fuq parti mis-sistema tal-klima inkluż is-sensittività tal-klima (żieda fit-temperatura b'riżultat ta' konċentrazzjonijiet doppji ta' $CO_2$) u l-varjazzjoni fit-temperatura staġjonali.

It-temperatura ilha tiġi imkejla f'ħafna postijiet fl-Ewropa għal ħafna għexieren ta' snin. L-inċertezza naqset fl-aħħar għexieren ta' snin minħabba użu akbar tal-metodoloġiji li fuqhom hemm qbil u sistemi dejjem iktar frekwenti ta' monitoraġġ.

Il-valuri annwali tat-temperaturi globali u Ewropej huma preċiżi bejn wieħed u ieħor sa +/– 0.05 °C (żewġ żbalji *standard*) għall-perjodu sa mill-1951. Kienu erba' darbiet iktar inċerti waqt is-snin 1850ijiet u l-preċiżjoni tjiebet b'mod gradwali bejn l-1860 u l-1950 ħlief għad-deterjorazzjoni temporanja fil-perijodu tal-gwerra, li fih inġabret ftit informazzjoni. Teknoloġiji ġodda, speċjalment dawk li għandhom x'jaqsmu mas-sensittività mill-bogħod ser iżidu s-servizz u jnaqqsu l-inċertezza fit-temperatura.

**Figura 3** **Id-devjazzjonijiet fit-temperatura fl-Ewropa — annwali, tax-xitwa u tas-sajf (fi °C, imfissra fuq medja ta' 10 snin meta mqabbla mal-medja ta' bejn l-1961–1990)**




**Nota:** Is-sors ta' l-informazzjoni KNMI, (http://climexp.knmi.nl) ibbażat fuq It-Taqsima għar-Riċerka dwar il-Klima (CRU), fajl CruTemp2v. (Rif: www.eea.eu.int/coreset).

# 13 Il-konċentrazzjonijiet atmosferiċi tal-gassijiet b’effett ta’ serra

## Il-mistoqsija politika ewlenija

Il-konċentrazzjonijiet tal-gassijiet b’effett ta’ serra (GHG) ser jibqgħu taħt il-550 ppm ekwivalenti ta’ $CO_2$ fuq perjodu ta’ żmien twil, il-livell meħtieġ biex iż-żieda fit-temperatura tibqa’ sa 2 °C ogħla mil-livelli pre-industrijali ([1])?

## Il-messaġġ prinċipali

Il-konċentrazzjonijiet atmosferiċi tad-diossidu tal-karbonju ($CO_2$), il-GHG ewlieni, żdiedu b’34 % meta mqabbla mal-livelli pre-industrijali, b’riżultat ta’ l-attivitajiet tal-bniedem, b’żieda aċċelerata mill-1950. Konċentrazzjonijiet oħra ta’ GHG ukoll għolew b’riżultat ta’ l-attivitajiet tal-bniedem. Il-konċentrazzjonijiet preżenti ta’ $CO_2$ u $CH_4$ ma nqabżux matul l-aħħar 420 000 sena u l-konċentrazzjoni preżenti ta’ $N_2O$ ma nqabżitx għall-inqas għal dawn l-aħħar 1 000 sena.

It-tbassir bażi ta’ l-IPCC juri li huwa probabbli li l-konċentrazzjonijiet ta’ GHG jaqbżu l-livelli ta’ 550 ppm ekwivalenti ta’ $CO_2$ fil-ftit għexieren ta’ snin li ġejjin (qabel l-2050).

## Il-valutazzjoni ta’ l-indikatur

Il-konċentrazzjoni tal-GHG fl-atmosfera żdiedet waqt is-seklu 20 b’riżultat ta’ l-attivitajiet tal-bniedem, l-aktar minħabba l-użu tal-karburanti tal-fossili (eż: għall-ġenerazzjoni ta’ l-enerġija elettrika), l-attivitajiet agrikoli u l-bidla fl-użu ta’ l-art (l-aktar id-deforestazzjoni) u ser tkompli tiżdied. Iż-żieda saret partikolarment mgħaġġla mill-1950. Meta mqabbla mal-perjodu pre-industrijali (qabel l-1750) il-konċentrazzjonijiet tad-diossidu tal-karbonju ($CO_2$), tal-metanu ($CH_4$) u l-ossidu tan-nitroġenu ($N_2O$) żdiedu bi 34 %, 153 %, u 17 %, rispettivament. Il-konċentrazzjonijiet preżenti ta’ $CO_2$ (372 parti għal kull miljun, ppm) u $CH_4$ (1 772 parti għal kull biljun, ppb) ma nqabżux f’dawn l-aħħar 420 000 sena (probabbilment li għall-$CO_2$ lanqas waqt l-aħħar 20 miljun sena); il-konċentrazzjoni preżenti ta’ $N_2O$ (317 ppb) ma nqabżitx għallinqas matul dawn l-aħħar 1 000 sena.

L-IPCC bassar diversi konċentrazzjonijiet futuri ta’ GHG għas-seklu 21, li jvarjaw minħabba firxa ta’ xenarji ta’ żviluppi soċjo-ekonomiċi, teknoloġiċi u demografiċi. Dawn ix-xenarji ma jassumu ebda implimentazzjoni ta’ miżuri speċifiċi tal-politika bbażati fuq il-klima. F’dawn ix-xenarji, il-konċentrazzjonijiet ta’ GHG huma maħsuba li ser jiżdiedu sa 650–1 350 ppm ekwivalenti ta’ $CO_2$ sa l-2100. Huwa probabbli ferm li l-ħruq tal-karburanti fossili ser ikun il-kawża ewlenija ta’ din iż-żieda fis-seklu 21.

It-tbassir ta’ l-IPCC juri li huwa probabbli li l-konċentrazzjonijiet atmosferiċi globali ta’ GHG jaqbżu l-550 ppm ekwivalenti ta’ $CO_2$ fil-ftit għexieren ta’ snin li ġejjin (qabel l-2050). Jekk dan il-livell jinqabeż, hemm ftit ċans li ż-żieda fit-temperatura globali tibqa’ taħt il-mira ta’ l-UE ta’ mhux iktar minn 2 gradi C ogħla mil-livelli pre-industrijali. Huwa għalhekk neċessarju li jsir tnaqqis sostanzjali fl-emissjonijiet globali biex tintlaħaq din il-mira.

## Id-definizzjoni ta’ l-indikatur

L-indikatur juri t-tendenzi u t-tbassir tal-konċentrazzjonijiet ta’ GHG. Il-GHG li jaqgħu taħt il-Protokoll ta’ Kyoto ($CO_2$, $CH_4$, $N_2O$, HFCs, PFCs, u $SF_6$) huma koperti. L-effetti tal-konċentrazzjonijiet tal-GHG fuq l-effett ta’ serra mtejjeb huma ppreżentati bħala konċentrazzjoni ekwivalenti għall-$CO_2$. Il-medji annwali globali huma meqjusin. Il-konċentrazzjonijiet ekwivalenti ta’ $CO_2$ huma kkalkulati minn konċentrazzjonijiet mkejla ta’ GHG (partijiet għal kull miljun f’ekwivalenti ta’ $CO_2$).

([1]) Riċerki xjentifiċi li saru dan l-aħħar juru li biex ikun hemm ċans tajjeb li tintlaħaq il-mira politika ta’ l-UE biex iż-żieda fit-temperatura globali tiġi limitata għal 2 °C ogħla mil-livelli pre-industrijali, il-konċentrazzjonijiet globali ta’ GHG jridu jiġu stabilizzati f’livelli ħafna iktar baxxi eż. 450 ppm ekwivalenti ta’ $CO_2$.

## Il-bażi loġika ta' l-indikatur

L-indikatur juri t-tendenzi fil-konċentrazzjonijiet ta' GHG. Huwa l-indikatur prinċipali wżat fin-negozjati internazzjonali għat-tnaqqis fl-emissjonijiet futuri (wara l-2012). Iż-żieda fil-konċentrazzjonijiet ta' GHG hija meqjusa bħala waħda mill-kawżiet l-aktar importanti taż-żieda fit-temperatura tad-dinja. Din iż-żieda twassal għal tkabbir fil-forza radjuattiva u għal effett ta' serra aktar intensiv, u dan wassal għal żieda fit-temperatura medja globali kemm tal-wiċċ tad-dinja kif ukoll ta' l-atmosfera ta' isfel.

Għalkemm ħafna mill-emissjonijiet iseħħu fl-emisfera tat-tramuntana, l-użu tal-valuri medji globali huwa ġġustifikat minħabba li l-ħajja atmosferika tal-GHG hija twila meta mqabbla maż-żmien tat-taħlit atmosferiku globali. Dan iwassal għal taħlit pjuttost uniformi madwar il-globu. L-indikatur juri wkoll l-importanza relattiva tal-gassijiet differenti għal żieda fl-effett ta' serra.

Iż-żieda fil-konċentrazzjonijiet ta' GHG twassal għal forza radjuattiva u taffetwa l-*budget* ta' l-enerġija tad-dinja u tas-sistema tal-klima. Kemm il-forza radjuattiva, kif ukoll il-konċentrazzjoni ekwivalenti

**Figura 1 Konċentrazzjonijiet imkejla u mbassra ta' l-effett ta' serra taħt 'Kyoto'**




**Nota:** Is-sors ta' l-informazzjoni SIO; ALE/GAGE/AGAGE; NOAA/CMDL; IPCC, 2001 (Rif: www.eea.eu.int/coreset).

ta' $CO_2$ jintużaw bħala indikaturi biex jiġi indikat kif jiġi affetwat il-*budget* tad-dinja dwar ir-radjazzjoni. Il-konċentrazzjoni ekwivalenti ta' $CO_2$ hija definita bħala l-konċentrazzjoni ta' $CO_2$ li tikkawża l-istess ammont ta' ta' forza radjuattiva bħat-taħlit ta' $CO_2$ u GHG oħrajn. Hawnhekk, il-konċentrazzjonijiet ekwivalenti ta' $CO_2$, huma preżenti, u mhux forzi radjuattivi, minħabba li jistgħu jinftehmu iktar malajr mill-pubbliku in ġenerali. Il-konċentrazzjonijiet ekwivalenti ta' $CO_2$ jistgħu jintużaw faċilment ukoll biex jimmarkaw il-progress li qiegħed isir biex tintlaħaq il-mira fit-tul ta' l-UE dwar il-klima biex jiġu stabilizzati l-konċentrazzjonijiet ta' GHG ferm taħt 550 ppm ekwivalenti ta' $CO_2$. CFC u HCFC mhumiex meqjusin f'dan l-indikatur minħabba li l-mira ta' l-UE dwar l-istablizzazzjoni tal-konċentrazzjoni tapplika biss għall-GHG ta' Kyoto. Żidiet fil-konċentrazzjonijiet ta' GHG iseħħu l-aktar minħabba l-emissjonijiet minn attivitajiet tal-bniedem, inklużi l-użu tal-karburanti fossili għall-ġenerazzjoni ta' l-enerġija u tas-sħana, għat-trasport u d-djar u għall-agrikoltura u l-industrija.

## Il-kuntest politiku

Dan l-indikatur huwa mmirat biex jgħin fil-valutazzjoni tal-progress lejn il-mira fit-tul ta' l-UE biex tiġi limitata ż-żieda fit-temperatura globali sa inqas minn 2 °C ogħla mil-livelli pre-industrijali, u b'konnessjoni ma' dan, l-istabilizzazzjoni tal-konċentrazzjoni ta' GHG sew taħt il-550ppm ekwivalenti ta' $CO_2$ (Deċiżjoni Nru 1600/2002/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Lulju 2002, li tistabbilixxi s-Sitt Programm ta' Azzjoni tal-Komunità dwar l-Ambjent, ikkonfermata mill-konklużjonijiet tal-Kunsill Ambjentali ta' Marzu 2005).

L-għan aħħari tal-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti fuq it-Tibdil tal-Klima (UNFCCC) huwa *li l-konċentrazzjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra jiġu stabbilizzati fl-atmosfera f'livell li ma jippermettix interferenza antropoġenika perikoluża mas-sistema tal-klima. Dan il-livell għandu jintlaħaq fi żmien biżżejjed li jippermetti lill-ekosistemi jaddattaw naturalment għat-tibdil fil-klima, biex jiġi aċċertat illi l-produzzjoni ta' l-ikel ma tiġix mhedda u sabiex l-iżvilupp ekonomiku ikun jista' jkompli b'mod sostenibbli.*

Biex jintlaħaq l-għan ta' l-UNFCCC, l-UE speċifikat miri aktar kwantitattivi fis-sitt pjan ta' azzjoni ambjentali (is-6 EAP) li jispeċifika li l-għan fit-tul ta' l-UE dwar il-bidla fil-klima huwa li ż-żieda fit-temperaturi globali tiġi limitata għal massimu ta' 2 °C meta mqabbla mal-livelli pre-industrijali. Il-mira ġiet ikkonfermata mill-Kunsilli ta' l-Ambjent ta' l-20 ta' Diċembru 2004 u 22–23 ta' Marzu 2005. Skond il-konklużjonijiet tal-Kunsill Ambjentali ta' Diċembru 2004, tista' tkun meħtieġa l-istabbilizzazzjoni ta' konċentrazzjonijiet ta' ferm inqas minn 550 ppm ekwivalenti ta' $CO_2$ u l-emissjonijiet globali ta' GHG ikunu jridu jilħqu l-ogħla livell f'żewġ għexieren ta' snin, flimkien ma' tnaqqis sostanzjali ta' għallinqas 15 % u forsi sa 50 % sa l-2050 meta mqabbla mal-livelli ta' l-1990.

## L-inċertezzi fl-indikatur

Il-konċentrazzjonijiet globali medji minn bejn wieħed u ieħor l-1980 jiġu kkalkolati mill-medji tal-miżuri minn diversi sistemi ta' stazzjonijiet ta' l-art (SIO, NOAA/CMDL, ALE/GAGE/AGAGE), li lkoll jikkonsistu f'diversi stazzjonijiet mifruxa mad-dinja kollha. L-użu ta' valuri medji globali huwa ġġustifikat minħabba li ż-żmien li fih is-sorsi u t-tnaqqis jitbiddlu ilu jiġi mqabbel ma' dak tat-taħlit atmosferiku globali.

Il-preċiżjonijiet assoluti tal-konċentrazzjonijiet medji annwali globali qegħdin fl-ordni ta' 1 % għal $CO_2$, $CH_4$ u $N_2O$, u CFC; għall-HFC, PFC, u $SF_6$, il-preċiżjonijiet assoluti jistgħu jkunu sa 10–20 %. Il-varjazzjonijiet minn sena għal sena huma ħafna iktar preċiżi. Il-kalkulazzjonijiet tal-forza radjuattiva għandhom preċiżjoni assoluta ta' 10 %; it-tendenzi tal-forza radjuattiva huma ħafna iktar preċiżi.

Is-sorsi dominanti ta' l-iżbalji għal forzi radjuattivi huma l-inċertezzi fil-mudell tat-trasferiment radjattiv fl-atmosfera tad-dinja u l-parametri spettroskopiċi tal-molekuli involuti. Il-forza radjuattiva hija kkalkulata bl-użu tal-parametri li għandhom x'jaqsmu mal-konċentrazzjonijiet imkejla ta' GHG mal-forzi radjuattivi. L-inċertezza ġenerali fil-kalkoli tal-forzi radjuattivi (l-ispeċji kollha f'daqqa) hija stmata li hija 10 %. Il-forza radjuattiva hija espressa wkoll bħala konċentrazzjoni ekwivalenti ta' $CO_2$; it-tnejn għandhom l-istess inċertezza. L-inċertezza fit-tendenza tal-forza radjuattiva/konċentrazzjoni ekwivalenti ta' $CO_2$ hija stabbilita mill-preċiżjoni tal-metodu aktar milli

mill-inċertezza assoluta deskritta hawn fuq. L-inċertezza fit-tendenza hija għalhekk ħafna inqas minn 10 % u hija stabbilita mill-preċiżjoni tal-kejl tal-konċentrazzjoni (0.1 %).

Huwa importanti li wieħed jinnota li l-potenzjal għaż-żieda fit-temperatura tad-dinja ma jintużax biex tiġi kkalkulata l-forza radjuattiva. Jintuża biss biex jitqabblu l-effetti tal-klima matul iż-żmien ta' l-emissjonijiet ta' GHG differenti.

L-inċertezzi fit-tbassir tal-mudelli għandhom x'jaqsmu ma' l-inċertezzi fix-xenarji ta' l-emissjonijiet, il-mudelli tal-klima globali u d-dati u s-suppożizzjonijiet użati.

Il-kejl dirett għandu komparabbilità tajba. Għalkemm il-metodi biex jiġu kkalkolati l-forzi radjuattivi u l-ekwivalenti ta' $CO_2$ huma maħsubin li jitjiebu aktar, kwalunkwe aġġornament ta' dawn il-metodi jiġi applikat għas-sett sħiħ ta' dati li jkopri s-snin kollha ħalli dan ma jaffetwax il-komparabbiltà ta' l-indikatur maż-żmien.



# 14 It-teħid ta' l-art

## Il-mistoqsija politika ewlenija

Kemm u f'liema proporzjonijiet l-art agrikola, il-foresti u l-art semi-naturali u l-art naturali qiegħdin jittieħdu jew għal żvilupp urban jew għal żvilupp artifiċjali ta' art oħra?

## Il-messaġġ prinċipali

It-teħid ta' l-art minħabba l-espansjoni ta' żoni artifiċjali u infrastruttura relatata ma' dan, huwa l-kawża prinċipali taż-żieda fl-użu ta' l-art fuq livell Ewropew. Iż-żoni agrikoli u f'livell inqas, il-foresti u ż-żoni semi-naturali u naturali qegħdin jispiċċaw minħabba l-iżvilupp ta' l-uċuħ artifiċjali. Dan jaffettwa l-biodiversità minħabba li jnaqqas l-abitati u l-ambjent fejn jgħixu numru ta' speċi u jaqsam il-pajsaġġ li jżommhom ħajjin u jgħaqqadhom.

## Il-valutazzjoni ta' l-indikatur

L-ikbar kategorija ta' art li qegħda tintuża għall-iżvilupp urban jew għal żvilupp artifiċjali ieħor (medja għal 23 pajjiż Ewropew) hija l-art agrikola. Fl-1990–2000, 48 % taż-żoni kollha li ġew mibdula f'uċuħ artifiċjali kienu art li tinħadem jew raba' b'kultivazzjonijiet permanenti. Dan il-proċess huwa partikolment sinifikanti fid-Danimarka (80 %) u fil-Ġermanja (72 %). Il-mergħat u l-art agrikola li fiha jitkabbru prodotti differenti, huma bħala medja, il-kategorija ta' art li jmiss li tittieħed, u din tirrappreżenta 36 % tat-total. F'diversi pajjiżi jew reġjuni, iżda, dawn il-pajsaġġi huma l-akbar sors ta' art li qegħda tittieħed (f'sens generali') per eżempju fl-Irlanda (80 %) u fl-Olanda (60 %).

Il-proporzjon ta' foresti u art naturali li qiegħed jintuża għall-iżvilupp artifiċjali waqt il-perjodu huwa sinifikanti fil-Portugall (35 %), Spanja (31 %) u l-Greċja (23 %).

## Il-mistoqsija speċifika tal-politika: Liema huma l-kawżiet għaż-żieda fl-iżvilupp ta' l-art urbana u l-iżvilupp ta' art artifiċjali oħra?

Fuq livell Ewropew, id-djar, is-servizzi u d-divertiment kienu l-kaġun ta' nofs iż-żieda ġenerali fiż-żoni urbani u f'żoni oħra artifiċjali bejn l-1990 u l-2000. Madankollu, is-sitwazzjoni tvarja bejn il-pajjiżi b'proporzjonijiet ta' art ġdida użati għad-djar, għas-servizz u użu rikreattiv ogħla minn 70 % (il-Lussemburgu u l-Irlanda) għal pajjiżi bħall-Greċja (16 %) u l-Polonja (22 %) fejn l-iżvilupp urban isir l-aktar minħabba l-attività industrijali/kummerċjali.

Is-siti industrijali/kummerċjali huma s-settur li jmiss li huwa responsabbli għat-teħid ta' art, b'31 % tat-teħid medju ta' l-art fl-Ewropa waqt dan il-perjodu. Dan is-settur, iżda, għandu l-ikbar proporzjoni ta' teħid ġdid fil-Belġju (48 %), l-Greċja (43 %) u l-Ungerija (32 %).

It-teħid ta' l-art għall-minjieri, l-barrieri u l-miżbliet kien relattivament importanti f'pajjiżi b'teħid baxx ta' art artifiċjali mill-1990–2000 kif ukoll fil-Polonja (43 %) fejn il-minjieri huma settur ewlieni ta' l-ekonomija. Fuq il-livell Ewropew, il-peċentwal tat-teħid il-ġdid totali tal-minjieri, barrieri u miżbliet huwa ta' 14 %.

It-teħid ta' l-art għall-infrastruttura tat-trasport (3.2 % ta' l-użu artifiċjali totali) huwa sottovalutat fl-istħarriġ li huma bbażati fuq is-sensittività mill-bogħod bħal *Corine land cover* (CLC). It-teħid ta' l-art għal fatturi linejari bħat-toroq u l-linji tal-ferrovija mhuwiex inkluż fl-istatistiċi, li jiffukaw biss fuq l-infrastrutturi taż-żona (eż: ajruporti u portijiet). Għalhekk, it-telf tal-ħamrija u l-frammentazzjoni minħabba l-infrasrutturi linejari għandhom jiġu osservati b'mod differenti.

## Il-mistoqsija speċifika tal-politika: Fejn seħħ it-teħid ta' l-art l-aktar importanti għall-użu artifiċjali?

It-teħid ta' l-art għal żvilupp urban jew żvilupp artifiċjali ieħor fi 23 pajjiż Ewropew koperti mill-*Corine land cover* 2000 kien ta' 917 224 ettaru f'ghaxar snin. Dan jirrappreżenta 0.3 % tat-territorju totali ta' dawn il-pajjiżi. Dan jista' jidher perċentwal baxx, iżda d-differenzi fl-ispazju huma importanti ħafna u l-firxa urbana f'ħafna reġuni hija intensa ħafna.

Meta wieħed jikkunsidra l-kontribuzzjoni ta' kull pajjiż għall-firxa totali l-ġdida kemm urbana kif ukoll infrastrutturali fl-Ewropa, il-valuri medji annwali jvarjaw minn 22 % (il-Ġermanja) għal 0.02 % (il-Latvja), b'valuri intermedji fi Franza (15 %), Spanja (13.3 %) u l-Italja (9.1 %). Id-differenzi bejn il-pajjiżi għandhom x'jaqsmu mad-daqs tagħhom u d-densità tal-popolazzjoni (Figura 3).

Ir-rata li biha qegħda tittieħed l-art, li ġiet osservata permezz ta' tqabbil mal-firxa inizjali taż-żoni urbani jew

żoni artifiċjali oħra fl-1990 tagħti stampa oħra (Figura 4). Minn din il-perspettiva, il-valur medju fit-23 pajjiż Ewropew studjat mill-CLC2000 ivarja sa żieda annwali ta' 0.7 %. L-iżvilupp urban qiegħed jikber l-iktar malajr fl-Irlanda (żieda ta' 3.1 % fiż-żoni urbani kull sena), fil-Portugall (2.8 %), fi Spanja (1.9 %) u fl-Olanda (1.6 %). Dan it-tqabbil, iżda, jirrifletti kundizzjonijiet inizjali differenti. Per eżempju, l-Irlanda kellha ammont żgħir ħafna ta' żoni urbani fl-1990 u l-Olanda kellha uħud mill-ikbar żoni fl-Ewropa. Ġeneralment, il-firxa urbana fl-UE-10 hija inqas minn dik fil-pajjiżi ta' l-UE-15, f'termini assoluti u relattivi.

## Id-definizzjoni ta' l-indikatur

Iż-żieda fl-ammont ta' art agrikola, foresti u art semi-naturali u art naturali meħuda għall-iżvilupp urban u għal żvilupp artifiċjali ieħor. Dawn jinkludu żoni magħluqa mill-kostruzzjoni u mill-infrastruttura urbana kif ukoll żoni urbani bla permessi għall-bini u faċilitajiet ta' l-isport u tad-divertiment. Il-kawżi ewlenin li jwasslu għat-teħid ta' l-art huma mqassma fi proċessi li jirriżultaw mill-estensjoni ta':

- id-djar, is-servizzi u d-divertiment,
- is-siti industrijali u kummerċjali,
- is-sistemi tat-trasport u l-infrastruttura, u
- mini, barrieri u miżbliet.

**Figura 1** **Il-kontribuzzjoni relattiva tal-kategoriji ta' l-użu ta' l-art minn żvilupp urban u użu artifiċjali ieħor**




**Nota:** Is-sors ta' l-informazzjoni L-informazzjoni dwar l-art u l-ekosistemi, ibbażata fuq il-bażi tad-dati *Corine land cover* (Rif: www.eea.eu.int/coreset).

**Figura 2** **L-użu ta' l-art minn diversi tipi ta' attivitajiet tal-bniedem kull sena fi 23 pajjiż Ewropej 1990–2000**




**Nota:** Is-sors ta' l-informazzjoni L-informazzjoni dwar l-art u l-ekosistemi, ibbażata fuq il-bażi tad-dati *Corine land cover* (Rif: www.eea.eu.int/coreset).

## Ir-raġuni fundamentali wara l-indikatur

L-użu ta' l-art mill-infrastruttura urbana u minn infrastrutturi relatati għandu l-ogħla impatt fuq l-ambjent kemm minħabba li titgħatta l-ħamrija kif ukoll minħabba tfixkil ikkawżat mit-trasport, mill-istorbju, mill-użu tar-riżorsi, mir-rimi ta' l-iskart u mit-tniġġis. Is-sistemi tat-trasport li jagħqdu l-bliet ikomplu jżidu mal-frammentazzjoni u d-degradazzjoni tal-pajsaġġ naturali. L-intensità u l-modi tal-firxa urbana huma r-riżultat ta' tliet fatturi ewlenin: l-iżvilupp ekonomiku, id-domanda għad-djar u l-estenzjoni tas-sistemi tat-trasport. Avolja r-regoli sussidjarji jassenjaw ir-responsabbiltà ta' l-art u ta' l-ipjannar urban għal-livelli nazzjonali u reġjonali, ħafna mill-politika Ewropea għandha effett kemm dirett kif ukoll indirett fuq l-iżvilupp urban.

**Figura 3 It-teħid medju ta' l-art urbana annwali bħala perċentwal tat-teħid ta' l-art urbana totali ta' l-Ewropa-23 1990–2000**




**Nota:** Is-sors ta' l-informazzjoni: L-informazzjoni dwar l-art u l-ekosistemi hija bbażata fuq il-bażi tad-dati *Corine land cover* (Rif: www.eea.eu.int/coreset).

**Figura 4 It-teħid medju ta' l-art urbana annwali 1990–2000 bħala perċentwal ta' l-art artifiċjali ta' l-1990**




**Nota:** Is-sors ta' l-informazzjoni: L-informazzjoni dwar l-art u l-ekosistemi hija bbażata fuq il-bażi tad-dati *Corine land cover* (Rif: www.eea.eu.int/coreset).

Iż-żoni mibnija żdiedu b'mod regolari fl-Ewropa kollha għal għaxar snin u dan kompla t-tendenza li kien hemm fit-tmeninjiet. L-istess jista' jingħad għall-infrastrutturi tat-trasport, b'riżultat tal-livelli dejjem jogħlew tal-għajxien, tan-nies li joqogħdu l-bogħod mill-post fejn jaħdmu, tal-liberalizzazzjoni tas-suq intern ta' l-UE, tal-globalizzazzjoni ta' l-ekonomija u tal-katini u s-sistemi ta' produzzjoni iktar kumplessi. Iż-żieda fil-prosperità qegħda żżid id-domanda għat-tieni dar. Iż-żieda fit-talba għall-art kemm għall-bini kif ukoll għal infrastruttura ġdida ta' trasport għadha għaddejja.

## Il-kuntest politiku

L-għan ewlieni tal-politika ta' dan l-indikatur huwa li tiġi mkejla l-pressjoni li ġejja mill-iżvilupp ta' l-art urbana u ta' l-art artifiċjali oħra fuq pajsaġġi naturali u amministrati li huma neċessarji 'biex jipproteġu u jirrestawraw il-funzjoni tas-sistemi naturali u jitrażżan it-telf tal-biodiversità' (inklużi fis-sitt pjan ta' azzjoni ambjentali).

Referenzi importanti jistgħu jinstabu fis-sitt Pjan ta' Azzjoni Ambjentali (6EAP, KUMM(2001)31) u d-dokumenti tematiċi li għandhom x'jaqsmu miegħu, bħall-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni 'Lejn Strateġija Tematika dwar l-Ambjent Urban' (KUMM(2004)60), l-Istrateġija ta' l-UE għal Żvilupp Sostenibbli (KUMM(2001)264), ir-regolament ġenerali l-ġdid għall-Fondi Strutturali (Ir-Regolament tal-Kunsill tal-KE Nru 1260/1999), il-linji gwida għall-INTERREG III (ippubblikati fil-23/05/2000 (OJ C 143)) u l-programm ta' Azzjoni ta' l-ESDP u l-linji gwida ESPON għall-2001–2006.

M'hemm l-ebda miri kwantitattivi għall-użu ta' l-art għall-iżvilupp urban fuq livell Ewropew, avolja dokumenti differenti jirriflettu l-ħtieġa għal ippjannar aħjar għall-iżvilupp urban u għall-estensjoni ta' l-infrastruttura.

## L-inċertezza ta' l-indikatur

L-uċuħ eżaminati bil-*Corine land cover* li għandhom x'jaqsmu ma' l-estensjoni tas-sistemi urbani jistgħu jinkludu biċċiet li ma ġewx mibnija, it-toroq jew uċuħ oħra li ma jistgħux jinbew. Dan huwa partikolarment il-każ ta' bini li ma tkompliex, li huwa meqjus bħala ħaġa waħda. Il-kontroll ta' l-indikatur b'ritratti mis-satelliti jwassal għall-esklużjoni ta' karatteristiċi urbani żgħar fil-kampanja u ħafna mill-infrastrutturi ta' trasport linejari , li huma żgħar wisq biex jiġu osservati b'mod dirett. Għalhekk, jeżistu differenzi bejn ir-riżultati ta' CLC u statistiċi oħra miġbura b'metodoloġiji differenti bħall-punti jew żoni minn fejn jittieħdu l-kampjuni jew ta' l-istħarriġ fl-isħma agrikoli; dan huwa spiss il-każ għall-istatistiċi dwar l-agrikoltura u l-foresti. It-tendenzi iżda, huma ġeneralment iktar simili.

### Ir-rappurtaġġ ġeografiku u tal-ħin fuq livell ta' l-UE

Il-pajjiżi kollha ta' l-UE-25 (ħlief l-Iżvezja, il-Finlandja, Malta u Ċipru) kif ukoll il-Bulgarija u r-Rumanija huma koperti kemm bir-riżultati ta' l-'1990' kif ukoll bir-riżultati ta' l-2000. L-'1990' jirreferi għall-ewwel fażi sperimentali ta' CLC li seħħet bejn l-1986 sa l-1995. L-2000 hija meqjusa bħala karatterizzazzjoni raġonevoli (bi ftit ritratti mis-satelliti biss mill-1999 jew mill-2001, għal raġunijiet ta' kopertura tas-sħab). Għaldaqstant, it-tqabbil bejn il-pajjiżi għandu jsir fuq il-bażi tal-valuri medji annwali. Il-medja tan-numru ta' snin bejn iż-żewġ CLC f'kull pajjiż tidher f'Tabella 1.

### Ir-rappreżentanza tad-dejta fuq livell nazzjonali

Fuq il-livell nazzjonali jista' jkun hemm differenzi fil-ħin bejn reġjuni f'pajjiżi kbar u dawn huma ddokumentati fil-*metadata* ta' CLC.

**Tabella 1 Il-medja tan-numru ta' snin bejn żewġ CLC għal kull pajjiż**

| AT | BE | BG | CZ | DE | DK | EE | ES | FR | GR | HU | IE | IT | LT | LU | LV | NL | PL | PT | RO | SI | SK | UK |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 15 | 10 | 10 | 8 | 10 | 10 | 6 | 14 | 10 | 10 | 8 | 10 | 10 | 5 | 11 | 5 | 14 | 8 | 14 | 8 | 5 | 8 | 10 |

# 15 Il-progress fl-amministrazzjoni tas-siti kkontaminati

## Il-mistoqsija politika ewlenija

Kif qegħdin jiġu indirizzati l-problemi tas-siti kkontaminati (it-tindif ta' kontaminazzjoni antika u l-prevenzjoni ta' kontaminazzjoni ġdida)?

## Il-messaġġ prinċipali

Bosta attivitajiet ekonomiċi għadhom iniġġsu l-ħamrija fl-Ewropa, b'mod partikolari dawk li għandhom x'jaqsmu ma miżuri mhux adegwati ta' rimi ta' skart u t-telf waqt operazzjonijiet industrijali. Fis-snin li ġejjin, l-implimentazzjoni tal-miżuri ta' prevenzjoni li ġew introdotti bil-leġiżlazzjoni li kienet diġà fis-seħħ, huma mistennija li jillimitaw t-tfiegħ ta' sustanzi fil-ħamrija li jikkontaminawha. B'riżultat ta' dan, ħafna mill-isforzi amministrattivi futuri ser ikunu kkonċentrati fuq it-tindif tal-kontaminazzjoni li tkun saret qabel. Dan ser jitlob ammonti kbar mill-fondi pubbliċi. Bħalissa dan diġà jammonta għal medja ta' 25 % ta' l-ispejjeż totali għar-rimedju.

## Il-valutazzjoni ta' l-indikatur

Is-sorsi lokali prinċipali tal-kontaminazzjoni tal-ħamrija fl-Ewropa joriġinaw minn metodi inadegwati ta' rimi ta' skart, telf waqt operazzjonijiet industrijali jew kummerċjali u l-industrija taż-żejt (l-estrazzjoni u t-trasport). Madankollu, il-firxa ta' l-attivitajiet li jniġġsu u l-importanza tagħhom, tista' tvarja b'mod konsiderevoli minn pajjiż għal pajjiż. Dawn il-varjazzjonijiet jistgħu jirriflettu strutturi industrijali u kummerċjali differenti, sistemi differenti ta' klassifikazzjoni jew informazzjoni mhux sħiħa.

Firxa wiesa' ta' attivitajiet industrijali u kummerċjali kellhom impatt fuq il-ħamrija minħabba li jipproduċu għadd kbir ta' sustanzi li jniġġsu. Il-kontaminanti ewlenin li jikkawżaw il-kontaminazzjoni tal-ħamrija u li ġejjin minn sorsi lokali f'siti industrijali u kummerċjali huma rrappurtati li huma l-metalli tqal, iż-żejt minerali, il-*polycyclic aromatic hydrocarbon* (PAH), u l-*chlorinated* u *aromatic hydrocarbons*. Fuq livell globali, dawn waħedhom jaffettwaw 90 % tas-siti li fuqhom hemm informazzjoni dwar is-sustanzi li jikkawżaw kontaminazzjoni, waqt li l-kontrubizzjoni relattiva tagħhom tista' tvarja ħafna minn pajjiż għal pajjiż.

It-twettieq ta' l-oqfsa leġiżlattivi u regolatorji eżistenti (bħad-Direttiva dwar il-Prevenzjoni u l-Kontroll tat-Tniġġis u d-Direttiva dwar it-Terraferma Artifiċjali (*Landfill*)) għandha twassal għal inqas kontaminazzjoni ġdida fil-ħamrija. Madankollu għad hemm bżonn ta' ammont kbir ta' ħin u riżorsi finanzjarji mis-setturi privati u pubbliċi biex tiġi ttrattata l-kontaminazzjoni storika. Dan il-proċess isir fuq diversi livelli, fejn l-aħħar passi (ir-rimedju) jinvolvu ħafna iktar riżorsi mill-ewwel passi (l-investigazzjonijiet fuq is-sit).

F'ħafna mill-pajjiżi li għalihom hemm informazzjoni disponibbli, l-attivitajiet għall-identifikazzjoni tas-siti huma ġeneralment ħafna iktar avvanzati, waqt li investigazzjonijiet dettaljati u l-attivitajiet għall-arranġamenti b'mod ġenerali miexjin bil-mod. (Figura 1). Madankollu, il-progress fl-amministrazzjoni jista' jvarja b'mod konsiderevoli minn pajjiż għal pajjiż.

Il-progress f'kull pajjiż (jiġifieri n-numru ta' siti ttrattati f'kull pass amministrattiv) ma jistax jiġi mqabbel direttament minħabba r-rekwiżiti legali differenti u l-livelli differenti ta' industrijalizzazzjoni u fil-kundizzjonijiet u l-metodi lokali. Per eżempju, perċentwal kbir tar-rimedji li saru meta mqabbla ma' l-istimi tal-bżonnijiet tar-rimedju f'xi pajjiżi jista' jiġi interpretat bħal proċess amministrattiv żviluppat sew. Madankollu, l-istħarriġ f'dawn il-pajjiżi, ġeneralment mhuwiex sħiħ u dan spiss iwassal biex il-problema tiġi sottovalutata.

Avolja ħafna mill-pajjiżi fl-Ewropa għandhom strumenti leġiżlattivi li japplikaw il-prinċipju ta' "min iniġġes iħallas" għat-tindif tas-siti kkontaminati, somom kbar tal-flus tal-pubbliku — medja ta' 25 % ta' l-ispejjeż totali — huma meħtieġa biex jiffinanzjaw l-attivitajiet neċessarji għall-amministrazzjoni. Din hija tendenza komuni ma' l-Ewropa (Figura 2). L-ispejjeż annwali tal-proċessi totali tat-tindif fil-pajjiżi li ġew studjati fil-perjodu bejn 1999–2002 kienu jvarjaw minn inqas minn EUR 2 sa EUR 35 għal kull ras kull sena.

Avolja diġà ntefaq ammont konsiderevoli ta' flus fuq ir-rimedji, dan l-ammont huwa relattivament ftit (sa 8 %) meta mqabbel ma' l-istima ta' l-ispejjeż totali.

**Figura 1** **Ħarsa ġenerali lejn il-progress li qiegħed isir fil-kontroll u fir-rimedju għall-kontaminazzjoni tal-ħamrija għal kull pajjiż**




a) Id-data għall-Belġju tirreferi għal Flanders

**Nota:** L-informazzjoni dwar 'ir-rimedji mitmuma' ma ġietx inkluża. Informazzjoni li hija nieqsa tindika li l-ebda data ma ġiet irrapportata għal dak il-pajjiż partikolari.

Is-sors ta' l-informazzjoni: Eionet priority data flow; Settembru 2003. data ta' l-1999 u 2000 : għall-pajjiżi ta' l-UE u Liechtenstein: fluss ta' data Eionet pilota; Jannar 2002; għall-pajjiżi ta' adeżjoni: domanda għal data lill-pajjiżi membri l-ġodda ta' l-EEA, Frar 2002 (Rif: www.eea.eu.int/coreset).

**Figura 2 In-nefqa annwali fuq ir-rimedju tas-siti kkontaminati skond il-pajjiż**




a) Ir-Rumanija: data mill-1997 u l-2000.
b) Is-Slovenja: data mill-1999 u l-2001.
c) Il-Ġermanja:it-tbassir mill-istimi ta' l-infiq minn uħud mil-'Länder'.
d) Għad-data fuq il-Belġju irreferi għal Flanders.

**Nota:** Is-sors ta' l-informazzjoni (Rif: www.eea.eu.int/coreset).

## Id-definizzjoni ta' l-indikatur

It-terminu "sit ikkontaminat" jirreferi għal żona limitata fejn il-preżenza tal-kontaminazzjoni tal-ħamrija ġiet ikkonfermata u s-severità ta' l-impatti possibbli fuq l-ekosistemi u s-saħħa tal-bniedem huma tali li hemm bżonn ta' rimedji, speċifikament għal dak li għandu x'jaqsam ma' l-użu kurrenti jew ippjanat ta' dan is-sit. Ir-rimedji jew it-tindif tas-siti kkontaminati jistgħu jirriżultaw fl-eliminazzjoni totali jew fit-tnaqqis ta' dawn l-impatti.

It-terminu 'sit potenzjalment ikkontaminat' jinkludi kwalunkwe sit li fih hemm suspett li l-ħamrija hija kkontaminata iżda dan għadu ma ġiex ivverifikat u hemm bżonn ta' investigazzjonijiet biex jiġi vverifikat jekk jeżistux l-impatti relevanti.

L-amministrazzjoni ta' siti kkontaminati hija proċess fuq diversi livelli u għandha l-għan li ttejjeb l-effetti ħżiena fejn ikun hemm suspettat jew fejn ikun ġie vverifikat li saret ħsara lill-ambjent, u li timminimizza kwalunkwe theddid potenzjali (għas-saħħa tal-bniedem, l-organiżmi ta' l-ilma,

tal-ħamrija, abitati, l-oġġetti ta' l-ikel u l-biodiversità, eċċ.). L-amministrazzjoni tas-siti tibda bi stħarriġ u investigazzjoni bażika, li jistgħu jwasslu għall-miżuri ta' rimedju u ta' kura wara, u għall-iżvilupp mill-ġdid ta' l-għelieqi bil-ħamrija.

## Ir-raġuni ta' wara l-indikatur

L-emissjonijiet ta' sustanzi perikolużi minn sorsi lokali jista' jkollhom effetti fit-tul fuq il-kwalità tal-ħamrija, ta' l-ilma, b'mod partikolari l-ilma ta' l-art, b'impatt importanti fuq is-saħħa tal-bniedem u ta' l-ekosistemi.

Madwar l-Ewropa, jista' jiġi identifikat numru ta' attivitajiet ekonomiċi li jikkaġunaw it-tniġġis tal-ħamrija b'mod ċar. Dawn, għandhom x'jaqsmu b'mod partikolari mat-telf li jseħħ waqt operazzjonijiet industrijali u r-rimi ta' iskart minn sorsi muniċipali u industrijali. L-amministrazzjoni ta' siti kkontaminati timmira li tevalwa l-impatti tal-kontaminazzjoni minn sorsi lokali u li tieħu miżuri biex jiġu sodisfatti l-livelli ambjentali skond ir-rekwiżiti legali eżistenti.

L-indikatur jimmarka l-progress fl-amministrazzjoni tas-siti kkontaminati fl-Ewropa u l-infiq relatat minn setturi pubbliċi u privati. Juri wkoll il-kontribuzzjonijiet ta' l-attivitajiet ekonomiċi ewlenin responsabbli għall-kontaminazzjoni tal-ħamrija u l-pollutanti ewlenin involuti.

## Il-kuntest politiku

L-għan ewlieni tal-politika leġiżlattiva mmirata lejn il-protezzjoni tal-ħamrija mill-kontaminazzjoni minn sorsi lokali huwa li tintlaħaq kwalità ta' l-ambjent fejn il-livelli tal-kontaminanti ma jagħtux lok għal impatti sinifikanti jew għal riskji għas-saħħa tal-bniedem.

Fuq livell Ewropew, ir-rimedju u l-prevenzjoni tal-kontaminazzjoni tal-ħamrija ser jiġu indirizzati fl-istrateġija tematika tal-ħamrija (STS). Il-leġiżlazzjoni eżistenti ta' l-UE tindirizza l-protezzjoni ta' l-ilma u tistabbilixxi *standards* għall-kwalità ta' l-ilma, iżda ma jeżistu l-ebda *standards* legali għall-kwalità tal-ħamrija u mhuwiex probabbli li dawn jiġu stabbiliti fil-futur immedjat. Minkejja dan, ħafna pajjiżi membri ta' l-EEA implimentaw miżuri u *standards* speċifiċi għall-kwalità tal-ħamrija u miri politiċi. B'mod ġenerali, il-leġiżlazzjoni għandha l-għan li timpedixxi kontaminazzjoni ġdida, kif ukoll li tistabbilixxi miri għar-rimedju tas-siti fejn l-*istandards* ambjentali tagħhom ikunu diġà nqabżu.

## L-inċertezzi fl-indikatur

L-informazzjoni mogħtija minn dan l-indikatur għandha tiġi interpretata u ppreżentata bi prudenza, minħabba l-inċertezzi fil-metodoloġija u l-problemi fil-komparabbiltà tad-dati.

Ma hemm l-ebda definizzjoni komuni ta' siti kkontaminati madwar l-Ewropa u din toħloq problema meta d-dadti nazzjonali jiġu mqabbla biex isiru valutazzjonijiet ta' l-Ewropa. Għal din ir-raġuni, l-indikatur jiffoka fuq l-impatti tal-kontaminazzjoni u l-progress fl-amministrazzjoni iktar milli fuq id-daqs tal-problema (eż: in-numru ta' siti kkontaminati). Il-komparabbiltà tad-dati fuq livell nazzjonali huwa mistenni li jitjieb hekk kif jiġu introdotti definizzjonijiet komuni fl-UE fil-kuntest tal-STS.

Meta jkunu qegħdin jirrappurataw il-progress li jsir fuq livell nazzjonali (numru ta' siti mistennija) xi pajjiżi jistgħu jbiddlu l-istimi tagħhom fi snin suċċessivi. Dan jista' jiddependi fuq l-istatus tat-tlestija ta' l-inventarji nazzjonali (eż. mhux is-siti kollha huma nklużi fil-bidu tar-reġistrazzjoni, iżda n-numru tas-siti jista' jiżdied b'mod drammatiku wara kontrolli iktar preċiżi; ġie osservat ukoll il-kuntrarju minħabba l-bdil fil-leġiżlazzjoni nazzjonali).

Barra minn hekk, huwa diffiċli li wieħed jikseb stima ta' l-infiq fuq ir-rimedji, speċjalment mis-settur privat, u ftit hemm informazzjoni disponibbli dwar il-kwantitajiet tal-kontaminanti.

Metodoloġiji u speċifikazzjonijiet tad-data mhux ċari biżżejjed setgħu wasslu biex xi pajjiżi jinterpretaw it-talbiet għad-data b'mod differenti. Għalhekk, dan jista' jwassal għal informazzjoni li ma tkunx tista' tiġi mqabbla għal kollox. Dan huwa mistenni li jitjieb fil-futur hekk kif jingħataw speċifikazzjonijet u dokumentazzjoni aħjar tal-metodoloġija.

Mhux il-pajjiżi kollha ġew inklużi fil-kalkolazzjoni ta' l-indikatur (minħabba li d-data nazzjonali mhiex disponibbli). Id-data disponibbli ma jippermettux li ssir evalwazzjoni tat-tendenzi taż-żmien. Ħafna mid-dati jintegraw informazzjoni mill-pajjiż kollu. Madankollu, il-proċess ivarja minn pajjiż għal pajjiż skond il-livell tad-deċentralizzazzjoni. B'mod ġenerali, il-kwalità tad-data u ż-żieda fir-rappreżentanza jiżdiedu biċ-ċentralizzazzjoni ta' l-informazzjoni (reġistri nazzjonali).

# 16 Il-ġenerazzjoni ta’ l-iskart muniċipali

## Il-mistoqsija politika ewlenija

Qegħdin innaqsu l-ġenerazzjoni ta’ l-iskart muniċipali?

## Il-messaġġ prinċipali

Il-ġenerazzjoni ta’ l-iskart muniċipali għal kull ras fil-pajjiżi ta’ l-Ewropa tal-punent ([1]) qegħda tkompli tikber waqt li għadha stabbli fil-pajjiżi ċentrali u tal-lvant ta’ l-Ewropa ([2]).

Il-mira ta’ l-UE biex tiġi mnaqqsa l-ġenerazzjoni ta’ l-iskart sa 300 kg/kull ras/sena sa l-2000 ma ntlaħqitx. Ma saru l-ebda miri ġodda.

## Il-valutazzjoni ta’ l-indikatur

Waħda mill-miri stabbiliti fil-5 Pjan ta’ Azzjoni Ambjentali kienet li titnaqqas il-ġenerazzjoni ta’ l-iskart muniċipali għal kull ras kull sena għall-medja tal-livell ta’ l-UE ta’ l-1985 ta’ 300 kg sas-sena 2000 u mbagħad din tiġi stabbilizzata f’dak il-livell. L-indikatur (Figura 1) juri li l-mira għadha ma ntlaħqitx. Il-mira ma reġgħetx ġiet imsemmija fis-6 EAP.

L-ammont medju ta’ l-iskart muniċipali ġġenerat għal kull ras kull sena f’ħafna pajjiżi fil-punent ta’ l-Ewropa laħaq iktar minn 500 kg.

Ir-rata tal-ġenerazzjoni ta’ l-iskart muniċipali fiċ-ċentru u fil-lvant ta’ l-Ewropa hija inqas minn dik tal-pajjiżi fil-punent ta’ l-Ewropa u l-ġenerazzjoni qegħda tonqos bil-mod. Għad irid jiġi aktar ċċarat jekk dan huwiex minħabba tendenzi differenti ta’ konsum jew minħabba sistemi tal-ġbir u r-rimi ta’ l-iskart muniċipali li mhumiex żviluppati biżżejjed. Is-sistemi ta’ rappurtaġġ iridu jiġu żviluppati aktar ukoll.

## Id-definizzjoni ta’ l-indikatur

L-indikatur jippreżenta l-ġenerazzjoni ta’ l-iskart muniċipali, imfisser f’kg għal kull persuna kull sena. L-iskart muniċipali jirreferi għal skart miġbur minn jew f’isem il-muniċipalitajiet u n-negozji; il-parti ewlenija ta’ l-iskart ġejja mid-djar, iżda l-iskart mill-kummerċ u min-negozji, mill-uffiċini, mill-istituzjonijiet u mill-impriżi żgħar huwa inkluż ukoll.

## Il-bażi loġika ta’ l-indikatur

L-iskart jirrappreżenta telf enormi ta’ riżorsi kemm fil-forma ta’ materjali kif ukoll fil-forma ta’ enerġija. L-ammont ta’ skart prodott jista’ jittieħed bħala indikazzjoni ta’ kemm aħna effiċjenti bħala soċjetà, b’mod partikolari fir-rigward ta’ l-użu tagħna tar-riżorsi naturali u ta’ l-operazzjonijiet tat-trattament ta’ l-iskart.

L-iskart muniċipali bħalissa huwa l-aħjar indikatur disponibbli biex jiġi deskritt l-iżvilupp ġenerali li qiegħed isir fil-ġenerazzjoni u t-trattament ta’ l-iskart fil-pajjiżi Ewropej. Dan minħabba li l-pajjiżi kollha jiġbru l-informazzjoni fuq l-iskart muniċipali; l-informazzjoni fuq skart ieħor, per eżempju l-iskart totali jew l-iskart li ġej mid-djar hija iktar limitata.

L-iskart muniċipali jikkostitwixxi madwar 15 % ta’ l-iskart totali ġġenerat, iżda minħabba l-karattru kumpless u minħabba d-distribuzzjoni tiegħu bejn ħafna ġeneraturi ta’ l-iskart, amministrazzjoni ambjentali tajba ta’ dan l-iskart hija kkumplikata. L-iskart muniċipali jinkludi ħafna materjali li r-riċiklaġġ tagħhom jagħmel tajjeb għall-ambjent.

Minkejja s-sehem limitat tal-ġenerazzjoni totali ta’ l-iskart, il- politika hija ffokata hafna fuq l-iskart muniċipali.

## Il-kuntest politiku

Is-6 programm ta’ Azzjoni ta’ l-UE:

- Effiċjenza akbar tar-riżorsi u l-amministrazzjoni tar-riżorsi u ta’ l-iskart sabiex ikun hawn produzzjoni u sistemi ta’ konsum li huma iktar sostenibbli, u b’hekk l-użu tar-riżorsi u l-ġenerazzjoni ta’ l-iskart ikun jista’ jiġi miksub mir-rata tat-tkabbir ekonomiku, bl-għan li jiġi żgurat li l-konsum tar-riżorsi, kemm li jiġġeddu kif ukoll dawk li ma jiġġeddux, ma jaqbiżx il-livell li jiflaħ l-ambjent.
- Li jintlaħaq tnaqqis ġenerali sinifikanti fil-volum ta’ l-iskart iġġenerat permezz ta’ inizjattivi għall-prevenzjoni ta’ l-iskart, effiċjenza aħjar tar-riżorsi u bidla għal produzzjoni u tendenzi ta’ konsum li huma iktar sostenibbli.

([1]) Il-pajjiżi tal-punent ta’ l-Ewropa huma l-pajjiżi ta’ l-UE15 + in-Norveġja u l-Iżlanda.
([2]) Il-pajjiżi taċ-ċentru u tal-lvant ta’ l-Ewropa huma l-UE-19 — ir-Rumanija u l-Bulgarija.

**Figura 1** **Il-ġenerazzjoni muniċipali ta' l-iskart fil-punent ta' l-Ewropa (WE) u l-pajjizi taċ-ċentru u tal-lvant ta' l-Ewropa (CEE)**




**Nota:** Is-sors ta' l-informazzjoni Eurostat, Bank Dinji (Rif: www.eea.eu.int/coreset).

- Tnaqqis sinifikanti fil-kwantità ta' l-iskart għar-rimi u fil-volum ta' skart perikoluż prodott waqt li tiġi evitata iż-żieda fl-emissjonijiet fl-arja, fl-ilma u fil-ħamrija.
- Li jiġi mħeġġeġ l-użu mill-ġdid. Għandha tingħata preferenza biex jigi rkuprat u speċjalment għar-riċiklaġġ ta' l-iskart li għadu jiġi ġġenerat.

L-istrateġija dwar l-iskart ta' l-UE (Riżoluzzjoni tal-Kunsill tas-7 ta' Mejju 1990 fuq il-politika dwar l-iskart):

- Fejn il-produzzjoni ta' l-iskart ma tistax tiġi evitata, ir-riċiklaġġ u l-użu mill-ġdid għandu jiġi mħeġġeġ.

Komunikazzjoni mill-Kummissjoni dwar ir-reviżjoni ta' l-istrateġija tal-Komunità fuq il-ġestjoni ta' l-iskart (KUMM(96)399):

- Hemm potenzjal kbir għat-tnaqqis u l-użu mill-ġdid ta' l-iskart muniċipali b'mod iktar sostenibbli, u għalhekk għandhom isiru miri ġodda.

Dan l-indikatur huwa wieħed mill-indikaturi strutturali u huwa wżat fil-monitoraġġ ta' l-istrateġija ta' Lisbona.

## Il-miri

Il-5 EAP ta' l-UE kellu l-mira ta' 300 kg skart mid-djar għal kull ras kull sena, iżda fis-6 EAP ma saru l-ebda miri ġodda minħabba l-ftit suċċess li kien hemm bil-mira tal-300 kg. Il-mira għalhekk m'għadhiex relevanti u qegħda tintuża hawnhekk bħala eżempju biss.

## L-inċertezzi fl-indikatur

Jekk l-ebda dati dwar il-ġenerazzjoni ta' l-iskart għall-pajjiżi partikolari u għal sena partikolari ma tkun disponibbli, isiru stimi mill-Eurostat, ibbażati fuq il-metodu lineari li joqgħod bl-aħjar mod, biex jimtela dan il-vojt.

Minħabba d-definizzjonijiet differenti tal-kunċett 'skart muniċipali' u l-fatt li xi pajjiżi rrappurtaw id-data fuq l-iskart muniċipali u oħrajn fuq l-iskart mid-djar, ġeneralment l-informazzjoni ma tistax titqabbel bejn il-pajjiżi membri. Għalhekk, il-Finlandja, il-Greċja, l-Irlanda, in-Norveġja, il-Portugall, Spanja u l-Iżvezja ma jinkludux data fuq l-iskart goff bħala parti mill-iskart muniċipali u spiss ma jinkludux informazzjoni dwar skart mill-ikel u mill-ġnien li jingabru b'mod separat. B'mod ġenerali, il-pajjiżi tan-nofsinhar ta' l-Ewropa jinkludu verament ftit tipi ta' skart taħt l-iskart muniċipali, u dan jindika li l-iskart miġbur bil-mod tradizzjonjali (fil-boroż) huwa apparentament l-uniku kontributur kbir għall-ammont totali ta' l-iskart muniċipali f'dawn il-pajjiżi. It-terminu 'skart mid-djar u mill-attivitajiet kummerċjali' huwa tentattiv biex jiġu identifikati partijiet komuni ta' l-iskart muniċipali li jistgħu jitqabblu. Dan il-kunċett u aktar dettalji dwar il-komparabbiltà ġew ippreżentati f'rapport topiku ta' l-EEA Nru 3/2000.

**Tabella 1** **Il-ġenerazzjoni ta' l-iskart muniċipali fil-pajjiżi tal-punent ta' l-Ewropa (WE) u fil-pajjiżi taċ-ċentru u tal-lvant ta' l-Ewropa (CEE)**

| **L-Ewropa tal-Punent (il-ġenerazzjoni ta' l-iskart f'kg għal kull ras)** | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | **1995** | **1996** | **1997** | **1998** | **1999** | **2000** | **2001** | **2002** | **2003** |
| L-Awstrija | 437 | 516 | 532 | 533 | 563 | 579 | 577 | 611 | 612 |
| Il-Belġju | 443 | 440 | 474 | 470 | 475 | 483 | 461 | 461 | 446 |
| Id-Danimarka | 566 | 618 | 587 | 593 | 626 | 664 | 660 | 667 | 675 |
| Il-Finlandja | *413* | *410* | 447 | 466 | 484 | 503 | 465 | 456 | 450 |
| Franza | 500 | 509 | 516 | 523 | 526 | 537 | 544 | 555 | *560* |
| Il-Ġermanja | 533 | 542 | 556 | 546 | 605 | 609 | 600 | 640 | 638 |
| Il-Ġreċja | 306 | 344 | 372 | 388 | 405 | 421 | 430 | 436 | 441 |
| L-Irlanda | 513 | *523* | *545* | 554 | *576* | 598 | 700 | 695 | *735* |
| L-Italja | 451 | 452 | 463 | 466 | 492 | 502 | 510 | 519 | *520* |
| Il-Lussemburgu | 585 | 582 | 600 | 623 | 644 | 651 | 648 | *653* | *658* |
| L-Olanda | 548 | 562 | 588 | 591 | 597 | 614 | 610 | 613 | 598 |
| Il-Portugall | 391 | 404 | 410 | 428 | 432 | 447 | 462 | 454 | 461 |
| Spanja | *469* | *493* | *513* | 526 | 570 | 587 | 590 | 587 | *616* |
| l-Iżvezja | *379* | *397* | 416 | 430 | 428 | 428 | 442 | 468 | 470 |
| Ir-Renja Unit | 433 | 510 | 531 | 541 | 569 | 576 | 590 | 599 | 610 |
| l-Iżlanda | 914 | 933 | 949 | 967 | 975 | 993 | 1 011 | 1 032 | 1 049 |
| In-Norveġja | 624 | 630 | 617 | 645 | 594 | 613 | 634 | 675 | 695 |
| **L-Ewropa tal-Punent** | 476 | 499 | 513 | 518 | 546 | 556 | 560 | 575 | 580 |

| **L-Ewropa ċentrali u tal-lvant (il-ġenerazzjoni ta' l-iskart muniċipali f'kg per capita)** | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Il-Bulgarija | 694 | 618 | 579 | 497 | 504 | 517 | 506 | 501 | 501 |
| Ċipru | 529 | 571 | 582 | 599 | 607 | 620 | 644 | 654 | 672 |
| Ir-Repubblika Ċeka | *302* | 310 | 318 | 293 | 327 | 334 | 274 | 279 | 280 |
| l-Estonja | 371 | 399 | 424 | 402 | 414 | 462 | 353 | 386 | 420 |
| l-Ungerija | 465 | 474 | 494 | 492 | 491 | 454 | 452 | 457 | *464* |
| Il-Latvja | 261 | 261 | 254 | 248 | 244 | 271 | 302 | 370 | 363 |
| Il-Litwanja | 426 | 401 | 422 | 444 | 350 | 310 | 300 | 288 | 263 |
| Malta | *331* | *342* | *352* | 377 | 461 | 481 | 545 | 471 | 547 |
| Il-Polonja | 285 | 301 | 315 | 306 | 319 | 316 | 287 | 275 | 260 |
| Ir-Romanija | 342 | 326 | 326 | 278 | 315 | 355 | 336 | 375 | *357* |
| Ir-Repubblika Slovakka | 339 | 348 | 316 | 315 | 315 | 316 | 390 | 283 | *319* |
| l-Islovenja | *596* | *590* | *589* | 584 | *549* | *513* | 482 | 487 | 458 |
| **L-Ewropa ċentrali u tal-lvant** | 364 | 362 | 366 | 344 | 357 | 362 | 343 | 343 | 336 |

**Nota:** Ċifri murija b'mod korsiv jindikaw stimi.

Is-sors ta' l-informazzjoni Eurostat, Bank Dinji (Rif: www.eea.eu.int/coreset).



# 17 Il-ġenerazzjoni u r-riċiklaġġ ta' l-iskart li ġej mill-ippakkjar

## Il-mistoqsija politika ewlenija

Qegħdin nimpedixxu l-ġenerazzjoni ta' l-iskart mill-ippakkjar?

## Il-messaġġ prinċipali

Hemm żieda ġenerali fil-kwantitajiet għal kull ras ta' l-ippakkjar li qiegħed jitpoġġa fis-suq. Dan mhuwiex konformi ma' l-għan ġenerali tad-Direttiva dwar l-Ippakkjar u l-Iskart ta' l-Ippakkjar, li timmira li timpedixxi l-produzzjoni ta' skart ta' l-ippakkjar.

Madankollu, il-mira ta' l-UE, li fl-2001, jiġi riċiklat 25 % ta' skart mill-ippakkjar, inqabżet b'mod sinifikanti. Fl-2002 ir-rata tar-riċiklaġġ fl-UE-15 kienet ta' 54 %.

## Il-valutazzjoni ta' l-indikatur

Ir-Renju Unit, id-Danimarka u l-Awstrija biss naqqsu l-ġenerazzjoni tagħhom ta' skart għal kull ras li ġej mill-ippakkjar sa mill-1997; fil-bqija tal-pajjiżi, il-kwantitajiet żdiedu. Madankollu, id-data ta' l-1997 hija inċerta iktar minn dik tas-snin ta' wara, minħabba problemi fis-sistemi ġodda tal-ġbir ta' data li qamu fl-ewwel sena, u dawn, min-naħa tagħhom, jistgħu jinfluwenzaw it-tendenzi apparenti.

Bejn l-1997 u l-2002, iż-żieda fil-ġenerazzjoni ta' skart li ġej mill-ippakkjar fl-UE-15 kważi segwa t-tkabbir fil-PGD: il-ġenerazzjoni żdiedet b'10 % u l-PGD bi 12.6 %.

Hemm differenzi kbar bejn l-Istati Membri fl-użu ta' l-ippakkjar għal kull ras u dawn ivarjaw minn 87 kg/

**Figura 1** **Il-ġenerazzjoni ta' l-iskart li ġej mill-ippakkjar għal kull ras u għal kull pajjiż**




**Nota:** Is-sors ta' l-informazzjoni DĠ Ambjent u l-Bank Dinji (Rif: www.eea.eu.int/coreset).

kull ras fil-Finlandja sa 217 kg/kull ras fl-Irlanda (2002). Il-Figura medja ta' l-2002 għall-UE-15 kienet ta' 172 kg/kull ras. Din il-varjazzjoni tista' in parti tiġi spjegata mill-fatt li l-Istati Membri għandhom definizzjonijiet differenti ta' l-ippakkjar u ftehim differenti tat-tipi ta' skart mill-ippakkjar li għandu jiġi rrapportat mid-DĠ Ambjent. Dan juri l-ħtieġa għall- armonizzazzjoni tal-metodoloġija tad-data skond id-direttiva dwar l-ippakkjar u l-iskart ta' l-ippakkjar

Il-mira għar-riċiklaġġ ta' 25 % tal-materjal kollu ta' l-ippakkjar ta' l-2001 intlaħqet sew f'bażikament il-pajjiżi kollha. Seba' Stati Membri diġà jikkonformaw mal-mira ġenerali tar-riċiklaġġ għall-2008, jekk ma jitqiesx il-materjal 'il-ġdid', l-injam. Ir-rata totali tar-riċiklaġġ ta' l-UE-15 żdiedet minn 45 % fl-1997 għal 54 % fl-2002.

Bħal fil-konsum ta' l-ippakkjar għal kull ras, ir-rata totali tar-riċiklaġġ fl-Istati Membru fl-2002 varjat ħafna, mit-33 % fil-Greċja sa l-74 % fil-Ġermanja.

Biex jintlaħqu dawn il-miri, diversi Stati Membri introduċew ir-responsabbiltà għal min jipproduċi l-iskart u stabbilixxew kumpanniji tar-riċiklaġġ ta' l-ippakkjar. Pajjiżi oħra tejbu s-sistemi tagħhom tal-ġbir u riċiklaġġ.

## Id-definizzjoni ta' l-indikatur

L-indikatur huwa bbażat fuq l-ippakkjar totali użat fl-Istati Membri ta' l-UE imfisser f'kg għal kull ras kull sena. L-ammont ta' ppakkjar użat huwa mistenni li jkun daqs l-ammont ta' skart mill-ippakkjar iġġenerat. Din is-suppożizzjoni hija bbażata fuq il-ħajja qasira ta' l-ippakkjar.

L-ammont ta' l-iskart ta' l-ippakkjar li huwa riċiklat bħala parti mill-ippakkjar użat fl-Istati Membri ta' l-UE jista' jinstab billi l-kwantità ta' skart li ġej mill-ippakkjar li jiġi riċiklat tiġi diviża bil-kwantità totali ta' l-iskart li ġej mill-ippakkjar u dan jiġi mfisser bħala perċentwal.

**Figura 2** **Il-ġenerazzjoni ta' skart ta' l-ippakkjar u l-PGD fl-UE-15**




**Nota:** Is-sors ta' l-informazzjoni DĠ Ambjent u Eurostat (Rif: www.eea.eu.int/coreset).

## Ir-raġuni fundamentali wara l-indikatur

L-ippakkjar juża ħafna riżorsi u għandu ħajja qasira. Hemm impatti fuq l-ambjent minħabba l-estrazzjoni tar-riżorsi, u l-produzzjoni ta' l-ippakkjar, il-ġbir ta' l-iskart li ġej mill-ippakkjar u t-trattament jew ir-rimi ta' l-iskart.

L-iskart li ġej mill-ippakkjar huwa kopert b'regolamenti speċifiċi ta' l-UE u hemm miri speċifiċi kif ghandu jigi riciklat u rkuprat. L-informazzjoni dwar l-ammonti ta' skart li ġej mill-ippakkjar għalhekk tipprovdi indikatur ta' kemm il-politika għall-prevenzjoni ta' l-iskart hija effettiva.

**Figura 3 Ir-riċiklaġġ ta' skart li ġej mill-ippakkjar skond il-pajjiż 2002**




**Nota:** Is-sors ta' l-informazzjoni DĠ Ambjent (Rif: www.eea.eu.int/coreset).

**Tabella 1 Il-ġenerazzjoni ta' skart li ġej mill-ippakkjar għal kull ras u għal kull pajjiż**

| | 1997 | 1998 | 1999 | 2000 | 2001 | 2002 |
|---|---|---|---|---|---|---|
| l-Irlanda | 164 | 184 | 187 | 209 | 212 | 217 |
| Franza | 190 | 199 | 205 | 212 | 208 | 206 |
| l-Italja | 166 | 188 | 193 | 194 | 195 | 197 |
| L-Olanda | 176 | 161 | 164 | 182 | 186 | 193 |
| Il-Lussemburgu | 181 | 181 | 182 | 182 | 181 | 191 |
| Il-Ġermanja | 167 | 172 | 178 | 184 | 182 | 187 |
| Ir-Renju Unit | 171 | 175 | 157 | 156 | 158 | 167 |
| Id-Danimarka | 172 | 158 | 159 | 160 | 161 | 159 |
| Spanja | 147 | 159 | 155 | 164 | 146 | 156 |
| Il-Belġju | 133 | 140 | 145 | 146 | 138 | 144 |
| l-Awstrija | 138 | 140 | 141 | 146 | 137 | 132 |
| Il-Portugall | 84 | 102 | 120 | 123 | 127 | 128 |
| l-Iżvezja | 104 | 108 | 110 | 110 | 114 | 115 |
| Il-Greċja | 68 | 76 | 81 | 88 | 92 | 94 |
| Il-Finlandja | 81 | 82 | 86 | 86 | 88 | 87 |
| UE-15 | 160 | 168 | 169 | 174 | 172 | 176 |

**Nota:** Is-sors ta' l-informazzjoni DĠ Ambjent u l-Bank Dinji (ara Figura 1) (Rif: www.eea.eu.int/coreset).

### Tabella 2 Il-miri tad-direttiva dwar l-ippakkjar u l-iskart ta' l-ippakjar

| Skond il-piż | Miri fi 94/62/KE | Miri fi 2004/12/KE |
|---|---|---|
| Il-mira ġenerali għall-irkupru | Min. 50 %, mass. 65 % | Min. 60 % |
| Il-mira ġenerali għar-riċiklaġġ | Min. 25 %, mass. 45 % | Min. 55 %, mass. 80 % |
| Id-data biex jintlaħqu dawn il-miri | 30 ta' Ġunju 2001 | 31 ta' Diċembru 2008 |

## Il-kuntest politiku

Id-Direttiva tal-Kunsill 94/62 tal-15 ta' Diċembru 1994 dwar l-ippakkjar u l-iskart ta' l-ippakkjar kif emendata bid-Direttiva 2004/12 tal-11 ta' Frar 2004 tistabbilixxi l-miri għar-riċiklaġġ u kif jigi irkuprat materjal magħżul li jiġi użat fl-ippakkar.

Is-6 Programm ta' Azzjoni Ambjentali għandu l-għan li jnaqqas b'mod sinifikanti l-volum ta' skart iġġenerat. Dan ser isir bl-inizjattivi għall-prevenzjoni ta' l-iskart, effiċjenza aħjar tar-risorsi u tendenza favur produzzjoni u stili ta' konsum aktar sostenibbli. Is-6 EAP jinkoraġġixxi wkoll ir-riċiklaġġ u kif jigi rkuprat iktar materjal milli r-rimi ta' skart li qiegħed jiġi ġġenerat.

## L-inċertezza ta' l-indikatur

Id-deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-3 ta' Frar 1997 tistabilixxi l-metodi li l-Istati Membri għandhom jużaw fir-rappurtaġġ annwali skond id-direttiva ta' l-ippakkjar u l-iskart ta' l-ippakkjar. Id-deċiżjoni, iżda, ma tiddiskrivix il-metodi li għandhom jintużaw, biex jiġu stmati l-kwantitajiet ta' l-ippakkjar li qegħdin jitpoġġew fis-suq, jew biex jiġu kkalkulati r-rati ta' meterjal rkuprat u riciklat f'biżżejjed dettall biex tiġi żgurata l-komparabbiltà sħiħa tad-dati.

Minħabba n-nuqqas ta' metodoloġiji armonizzati, id-data nazzjonali dwar skart li ġej mill-ippakkjar mhux dejjem setgħet titqabbel. Xi pajjiżi jinkludu l-iskart kollu li ġej mill-ippakkjar fiċ-ċifra tal-ġenerazzjoni totali ta' l-iskart li ġej mill-ippakkjar, waqt li oħrajn jinkludu biss iċ-ċifra totali għall-erba' taqsimiet obbligatorji ta' skart li ġej mill-ippakkjar: il-ħġieġ, il-metalli, il-plastik u l-karti.

### Figura 4 It-trattament ta' l-iskart li ġej mill-ippakkjar




**Nota:** Is-sors ta' l-informazzjoni DĠ Ambjent (Rif: www.eea.eu.int/coreset).

# 18 L-użu tar-riżorsi ta' l-ilma ħelu

## Il-mistoqsija politika ewlenija

Ir-rata li fih qiegħed jittieħed l-ilma, hija waħda sostenibbli?

## Il-messaġġ prinċipali

L-indiċi ta' l-użu ta' l-ilma (*Water Exploitation Index* — WEI) naqas fi 17-il pajjiż ta' l- EEA bejn l-1990 u l-2002, u dan jirrappreżenta nuqqas konsiderevoli fit-teħid totali ta' l-ilma. Kważi nofs il-popolazzjoni ta' l-Ewropa tgħix f'pajjiżi li għandhom problemi ta' ilma.

## Il-valutazzjoni ta' l-indikatur

Il-livell ta' twissija għall-indiċi ta' l-użu ta' l-ilma (WEI), li jiddistingwi r-reġjun li għandu problemi ta' ilma minn dak li ma għandux, huwa ta' madwar 20 %. Fejn il-WEI jaqbeż l-40 % jista' jkun hemm domanda kbira ħafna għall-ilma u dan ikun jindika użu mhux sostenibbli ta' l-ilma.

Tmien pajjiżi Ewropej jistgħu jitqiesu li għandhom nuqqas ta' ilma, li huma l-Ġermanja, l-Ingilterra u Wales, l-Italja, Malta, il-Belġju, Spanja, il-Bulgarija u Ċipru, u dawn jirrappreżentaw 46 % tal-popolazzjoni Ewropea. F'Ċipru, biss il-WEI jaqbeż l-40 %. Huwa neċessarju iżda li jitqies l-użu għoli ta' l-ilma li ma jintużax għall-konsum (ilma li jintuża biex titnaqqas it-temperatura) fil-Ġermanja, fl-Ingilterra u f'Wales, fil-Bulgarija u fil-Belġju. Ħafna mill-ilma użat fl-erba' pajjiżi l-oħra (l-Italja, Spanja, Ċipru u Malta) huwa għall-konsum (speċjalment għall-irrigazzjoni) u għalhekk hemm pressjoni akbar fuq ir-riżorzi ta' l-ilma f'dawn l-erba' pajjiżi.

Il-WEI naqas fi 17-il pajjiż waqt il-perjodu bejn l-1990 u l-2002, u dan jirrappreżenta tnaqqis konsiderevoli fl-użu totali ta' l-ilma. Ħafna mit-tnaqqis sar fl-UE-10, b'riżultat tat-tnaqqis fl-użu ta' l-ilma f'ħafna mis-setturi ekonomiċi. Din it-tendenza kienet ir-riżultat fit-tibdil istituzzjonali u ekonomiku. Madankollu, ħames pajjżi, (l-Olanda, ir-Renju Unit, il-Greċja, il-Portugall u t-Turkija) żiedu l-WEI tagħhom fl-istess perjodu minħabba ż-żieda fl-użu totali ta' l-ilma.

Is-setturi ekonomiċi kollha għandhom bżonn l-ilma għall-iżvilupp tagħhom. L-agrikoltura, l-industija u ħafna mill-forom tal-produzzjoni ta' l-enerġija ma jkunux possibbli jekk ma jkunx hemm ilma. In-navigazzjoni u varjetà ta' attivitajiet ta' divertiment ukoll jiddependu fuq l-ilma. L-użu l-aktar importanti fl-użu totali ġie identifikat bħala l-użu urban (id-djar u l-industrija mqabbdin mas-sistemi tal-provvista ta' l-ilma pubbliku), l-industrija, l-agrikoltura u l-enerġija (it-tkessiħ ta' l-impjanti ta' l-enerġija). Is-setturi ewlenin li jikkunsmaw l-ilma huma l-irrigazzjoni, l-industrija urbana u l-industrija tal-manifattura.

Il-pajjiżi tan-nofsinhar ta' l-Ewropa huma dawk li għandhom l-ogħla perċentwal ta' użu ta' l-ilma għall-agrikoltura, u dan ġeneralment jammonta għal aktar minn żewġ terżi ta' l-użu totali. L-aktar użu sinifikanti ta' l-ilma f'dawn il-pajjiżi huwa l-użu ta' l-ilma għall-irrigazzjoni fis-settur agrikolu. Il-pajjiżi ċentrali u tat-tramuntana jużaw l-akbar perċentwal ta' ilma biex ikessħu fil-produzzjoni ta' l-enerġija, fil-produzzjoni industrijali u fil-provvista ta' l-ilma għall-pubbliku.

It-tnaqqis fl-attivitajiet industrijali u ta' l-agrikoltura fl-UE-10 u fir-Rumanija u l-Bulgarija, waqt il-proċess ta' tranżizzjoni, wassal għal tnaqqis ta' madwar 70 % f'użu ta' l-ilma għall-għanijiet agrikoli u industrijali f'ħafna mill-pajjiżi. L-attivitajiet agrikoli laħqu l-minimu tagħhom fin-nofs tad-disgħinijiet waqt li riċentement, il-pajjiżi qegħdin iżidu l-produzzjoni agrikola.

L-użu ta' l-ilma għall-agrikoltura, u l-aktar għall-irrigazzjoni, huwa bħala medja erba' darbiet ogħla għal kull ettaru ta' art irrigata, l-aktar fin-nofsinhar ta' l-Ewropa. L-użu ta' l-ilma għall-irrigazzjoni fit-Turkija żdied, u ż-żieda fiż-żona ta' l-art irrigata iggravat il-pressjoni fuq ir-riżorsi ta' l-ilma; din it-tendenza hija mistennija li tkompli bi proġetti ġodda ta' irrigazzjoni.

L-informazzjoni turi tendenzi li l-provvista ta' l-ilma għall-pubbiku qegħda tonqos f'ħafna pajjiżi. Din it-tendenza hija aktar ċara fl-UE-10 u fil-Bulgarija u fir-Rumanija, bi tnaqqis ta' 30 % waqt id-disgħinijiet. F'ħafna minn dawn il-pajjiżi, il-kundizzjonijiet ekonomiċi l-ġodda wasslu biex il-kumpanniji li jipprovdu l-ilma jgħollu l-prezz ta' l-ilma u jinstallaw l-arloġġi ta' l-ilma fid-djar. Dan wassal sabiex in-nies jużaw inqas ilma. Industriji mqabbda mas-sistemi pubbliċi wkoll naqqsu l-produzzjoni industrijali tagħhom u b'hekk l-użu tagħhom ta' ilma. Madankollu n-*'network'* ta' provvista f'ħafna minn dawn il-pajjiżi għadda żmienu u t-telf fis-sistemi ta' distribuzzjoni jeħtieġ volumi kbar ta' estrazzjoni sabiex iżommu l-provvista.

L-ilma użat biex ikessaħ fil-produzzjoni ta' l-enerġija huwa meqjus bħala użu mhux ta' konsum u jammonta għal madwar 30 % ta' l-użu ta' l-ilma fl-Ewropa. Il-pajjiżi Ewropej tal-Punent u l-pajjiżi ċentrali u fit-tramuntana ta' l-Ewropa ta' Lvant huma dawk li l-aktar li jużaw l-ilma għat-tkessiħ; b'mod partikolari aktar minn nofs l-ilma

**Figura 1** **L-indiċi ta' l-użu ta' l-ilma. L-użu totali ta' l-ilma għal kull sena bħala perċentwal tar-riżorsi fit-tul ta' l-ilma ħelu fl-1990 u l-2002**




**Nota:** 1990 = 1991 għall-Ġermanja, Franza, Spanja u l-Latvja;
1990 = 1992 għall-Ungerija u l-Iżlanda;
2002 = 2001 għall-Ġermanja, l-Olanda, il-Bulgarija u t-Turkija;
2002 = 2000 għall-Malta;
2002 = 1999 għal-Lussemburgu, l-Finlandja u l-Awstrija;
2002 = 1998 għall-Italja u l-Portugall;
2002 = 1997 għall-Greċja.

Il-Belġju u l-Irlanda data ta' l-1994 u n-Norveġja data ta' l-1985.

Is-sors ta' l-informazzjoni EEA ibbażat fuq id-data mit-tabelli tad-data ta' l-Eurostat (Rif: www.eea.eu.int/coreset): riżorsi ta' l-ilma li jistgħu jerġgħu jintużaw (miljun m³/sena), LTAA u l-użu annwali ta' l-ilma skond is-sors u s-settur (miljun m³/sena), l-użu totali ta' l-ilma ħelu (ilma tal-wiċċ u l-ilma ta' taħt l-art).

estratt fil-Belġju, il-Ġermanja u l-Estonja huwa wżat għal dan il-għan.

## Id-definizzjoni ta' l-indikatur

L-indiċi ta' l-użu ta' l-ilma (WEI) huwa l-medja ta' l-estrazzjoni annwali totali ta' ilma ħelu diviż bil-medja tar-riżorsa annwali totali li tiġġedded ta' ilma ħelu fuq il-livell nazzjonali, mfissra f'termini perċentwali.

## Il-bażi loġika ta' l-indikatur

Is-sorveljanza ta' l-effiċjenza fl-użu ta' l-ilma minn setturi ekonomiċi differenti fuq il-livell nazzjonali, reġjonali u lokali hija importanti sabiex jiġi żgurat li r-rati ta' estrazzjoni jkunu sostenibbli fuq medda twila ta' żmien, mira tas-sitt Programm ta' Azzjoni Ambjentali ta' l-UE (2001–2010).

L-estrazzjoni ta' l-ilma bħala perċentwal tar-riżorsa ta' l-ilma ħelu tagħti stampa tajba, fuq il-livell nazzjonali, tal-pressjoni fuq ir-riżorsi b'mod sempliċi li tiftiehem malajr, u turi t-tendenzi fuq medda ta' żmien. L-indikatur juri kif l-estrazzjoni totali ta' l-ilma tpoġġi pressjoni fuq ir-riżorsi ta' l-ilma billi jidentifika pajjiżi b'estrazzjoni għolja fir-rigward tar-riżorsi u għalhekk suxxettibbli għal pressjoni fuq l-ilma. Bidliet fil-WEI jgħinu sabiex jiġi analizzat kif bidliet fl-estrazzjoni jaffettwaw ir-riżorsi ta' ilma ħelu billi jżidu l-pressjoni fuqhom jew jagħmluhom aktar sostenibbli.

## Il-kuntest politiku

Il-mira milħuqa tas-sitt Programm ta' Azzjoni Ambjentali ta' l-UE (2001–2010), sabiex jiġi żgurat li r-rati ta' estrazzjoni mir-riżorsi ta' l-ilma jkunu sostenibbli fuq medda twila ta' żmien, jeħtieġ is-sorveljanza ta' l-effiċjenza fl-użu ta' l-ilma f'setturi ekonomiċi differenti fuq il-livell nazzjonali, reġjonali u lokali. Il-WEI huwa parti minn sett ta' indikaturi ta' l-ilma ta' diversi organizzazzjonijiet internazzjonali bħall-UNEP, l-OECD, il-Eurostat u l-*Mediterranean Blue Plan*. Hemm qbil internazzjonali dwar l-użu ta' dan l-indikatur.

M'hemm l-ebda miri kwantitattivi speċifiċi marbuta ma' dan l-indikatur. Madankollu, id-Direttiva ta' Qafas dwar l-Ilma (2000/60/KE) tesiġi li l-pajjiżi jippromwovu l-użu sostenibbli fuq il-bażi ta' protezzjoni fit-tul tar-riżorsi ta' l-ilma disponibbli u li jiżguraw bilanċ bejn l-estrazzjoni u l-mili mill-ġdid ta' l-ilma ta' taħt l-art, bil-għan li tinkiseb qagħda tajba ta' ilma ta' taħt l-art sa l-2015.

## L-inċertezzi fl-indikatur

Id-data fuq il-livell nazzjonali ma tistax tirrifletti sitwazzjonijiet ta' pressjoni fuq l-ilma fil-livell reġjonali jew lokali. L-indikatur ma jirriflettix id-distribuzzjoni ta' l-ispazju mhux uniformi tar-riżorsi u jista' għalhekk jaħbi riskji reġjonali jew lokali ta' pressjoni fuq l-ilma.

Wieħed irid joqgħod attent meta jqabbel pajjiżi, minħabba definizzjonijiet u proċeduri differenti fil-kalkulazzjoni ta' l-użu ta' l-ilma (ngħidu aħna, hemm min jinkludi l-ilma għat-tkessiħ, filwaqt li oħrajn le) u tar-riżorsi ta' l-ilma ħelu, b'mod partikolari l-flussi interni. Xi estrazzjonijiet settorjali, bħal ngħidu aħna l-ilma biex ikessaħ inkluż fid-data dwar l-estrazzjoni industrijali, ma jaqblux ma' l-użu speċifikat.

L-informazzjoni teħtieġ li titqies b'riserva minħabba n-nuqqas ta' definizzjonijiet u proċeduri Ewropej komuni għall-kalkulazzjoni ta' l-estrazzjoni ta' l-ilma u r-riżorsi ta' ilma ħelu. Bħalissa qiegħed isir xogħol bejn il-Eurostat u l-EEA sabiex jiġu standardizzati definizzjonijiet u metodoloġiji għall-kalkulazzjoni tad-data.

L-informazzjoni mhijiex disponibbli għall-pajjiżi kollha kkunsidrati, speċjalment għall-2000 u l-2002, u s-serje ta' dati mill-1990 'il quddiem mhijiex kompluta. Hemm nuqqas ta' nformazzjoni rigward l-użu ta' l-ilma f'xi snin u għal xi pajjiżi, b'mod partikolari l-pajjiżi Nordiċi u l-pajjiżi ta' adeżjoni tan-Nofsinhar.

Evalwazzjonijiet preċiżi li jqisu l-kundizzjonijiet tal-klima jkollhom bżonn l-użu ta' aktar informazzjoni unita fuq il-livell spazjali u ġeografiku.

Huma meħtieġa indikaturi aħjar ta' l-evoluzzjoni tar-riżorsi ta' l-ilma ħelu f'kull pajjiż (ngħidu aħna bl-użu ta' nformazzjoni dwar it-tendenzi fil-ħruġ ta' l-ilma f'xi stazzjonijiet ta' kejl rappreżentattivi f'kull pajjiż). Jekk estrazzjonijiet ta' l-ilma ta' taħt l-art jiġu kkunsidrati separatament minn estrazzjonijiet ta' ilma tal-wiċċ, ikun hemm bżonn ta' indikaturi dwar l-evoluzzjoni tar-riżorsa ta' l-ilma ta' taħt l-art (ngħidu aħna bl-użu ta' nformazzjoni dwar il-livelli ta' pressjoni ta' *piezometers* magħżula f'kull pajjiż). Kalkoli aħjar ta' l-estrazzjoni ta' l-ilma jistgħu jiġu żviluppati jekk wieħed iqis id-diversi użi involuti f'kull settur ekonomiku.



# 19 Sustanzi li jikkunsmaw l-ossiġenu fi xmajjar

## Il-mistoqsija politika ewlenija

It-tniġġis tax-xmajjar b’materjal organiku u ammonju qiegħed jonqos?

## Il-messaġġ prinċipali

Il-konċentrazzjonijiet ta’ materjal organiku u ammonju ġeneralment niżlu f’50 % ta’ l-istazzjonijiet fuq xmajjar Ewropej matul id-disgħinijiet, li jirrifletti titjib fit-trattament ta’ ilma mormi (*waste water treatment*). Madankollu, kien hemm tendenzi ta’ żieda f’10 % ta’ l-istazzjonijiet fuq l-istess perjodu. Ix-xmajjar ta’ l-Ewropa tat-Tramuntana għandhom l-aktar konċentrazzjonijiet baxxi ta’ sustanzi li jikkunsmaw l-ossiġenu mkejjel bħala domanda biokimika għal ossiġenu (*Biochemical Oxygen demand* — BOD) iżda l-konċentrazzjonijiet huma ogħla fi xmajjar f’xi wħud mill-Istati Membri ta’ l-UE-10 u pajjiżi ta’ adeżjoni fejn it-trattament ta’ ilma mormi mhuwiex daqshekk avvanzat. Il-konċentrazzjonijiet ta’ ammonju f’ħafna xmajjar fi Stati Membri ta’ l-UE u f’pajjiżi ta’ adeżjoni għadhom ħafna ogħla mil-livelli ta’ sfond.

## Il-valutazzjoni ta’ l-indikatur

Kien hemm tnaqqis fil-BOD u fil-konċentrazzjonijiet ta’ l-ammonju fl-UE-15, li jirrifletti l-implimentazzjoni tad-direttiva dwar it-trattament ta’ l-ilma urban mormi u għalhekk żieda fil-livelli ta’ trattament ta’ l-ilma mormi. Il-BOD u l-konċentrazzjonijiet ta’ l-ammonju niżlu wkoll fl-UE-10 u fil-pajjiżi ta’ adeżjoni, b’riżultat sa ċertu punt tat-trattament aħjar ta’ ilma mormi iżda wkoll tar-reċessjoni ekonomika li rriżultat fi tnaqqis ta’ industriji ta’ manifattura li jniġġsu. Madankollu, il-livelli tal-BOD u ta’ l-ammonju huma ogħla fl-UE-10 u f’pajjiżi ta’ adeżjoni fejn it-trattament ta’ l-ilma mormi għadu anqas avvanzat milli fl-UE-15. Il-konċentrazzjonijiet ta’ l-ammonju f’ħafna xmajjar huma konsiderevolment ogħla mill-konċentrazzjonijiet ta’ sfond ta’ madwar 15 µg N/l.

It-tnaqqis fil-livell tal-BOD huwa evidenti kważi fil-pajjiżi kollha fejn l-informazzjoni hija disponibbli (Figura 2). L-akbar tnaqqis huwa nnotat fil-pajjiżi li kellhom l-ogħla livelli ta’ BOD fil-bidu tad-disgħinijiet (jiġifieri l-UE-10 u l-pajjiżi ta’ adeżjoni). Madankollu, xi wħud minn dawn il-pajjiżi, bħall-Ungerija, ir-Repubblika Ċeka u l-Bulgarija, għalkemm juru tnaqqis qawwi, xorta għad għandhom l-ogħla konċentrazzjonijiet. Kien hemm ukoll tnaqqis drammatiku fil-livell ta’ ammonju f’xi wħud mill-pajjiżi ta’ l-UE-10 u ta’ adeżjoni, bħall-Polonja u l-Bulgarija (Figura 3). Il-pajjiżi ta’ l-UE-10 u ta’ adeżjoni għandhom firxa wiesgħa ta’ valuri medjani ta’ konċentrazzjoni, bil-Polonja u l-Bulgarija ogħla minn 300 µg N/l, iżda l-Latvja u l-Estonja taħt 100 µg N/l. Il-livelli għadhom ġeneralment l-ogħla fil-pajjiżi tal-Lvant u l-aktar baxxi fil-pajjiżi Ewropej tat-Tramuntana.

F’pajjiżi li għandhom proporzjon kbir tal-popolazzjoni tagħhom imqabbad ma’ impjanti effiċjenti ta’ trattament tad-drenaġġ, il-konċentrazzjonijiet ta’ BOD u ammonju fix-xmajjar huwa baxx. Ħafna mill-UE-10 għad għandhom

**Figura 1** **BOD u konċentrazzjonijiet totali ta’ ammonju fi xmajjar bejn l-1992 u l-2002**




**Nota:** Data dwar il-BOD$_5$ mill-Awstrija, il-Bulgarija, ir-Repubblika Ċeka, id-Danimarka, Franza, l-Ungerija, il-Lussemburgu, ir-Repubblika Slovakka u s-Slovenja; Datta dwar il-BOD$_7$ mill-Estonja. Datta dwar l-ammonju mill-Awstrija, il-Bulgarija, id-Danimarka, l-Estonja, il-Finlandja, Franza, il-Ġermanja, l-Ungerija, il-Latvja, il-Lussemburgu, il-Polonja, ir-Repubblika Slovakka, is-Slovenja, l-Iżvezja u r-Renju Unit.

In-numru ta’ stazzjonijiet ta’ sorveljanza tax-xmajjar inklużi fl-analiżi huma nnotati f’parentesi.

Sors ta’ l-informazzjoni : Is-servizz tad-dati ta’ l-EEA (Rif: www.eea.eu.int/coreset).

**Figura 2** **Tendenzi fil-konċentrazzjoni tal-BOD fi xmajjar bejn l-1992 u l-2002 f’pajjiżi differenti**




**Nota:** Id-data tal-$BOD_5$ intużat għall-pajjiżi kollha ħlief għall-Estonja fejn intużat d-data tal-$BOD_7$.

In-numru ta’ stazzjonijiet ta’ sorveljanza jidher fil-parentesi.

Is-sors ta’ l-informazzjoni Servizz tad-Dati ta’ l-EEA (Rif: www.eea.eu.int/coreset).

**Figura 3** **Tendenzi fil-konċentrazzjoni ta’ ammonju totali fi xmajjar bejn l-1992 u l-2002 f’pajjiżi differenti**




**Nota:** In-numru ta’ stazzjonijiet ta’ sorveljanza jidher fil-parentesi.

Is-sors ta’ l-informazzjoni Is-Servizz tad-Dati ta’ l-EEA (Rif: www.eea.eu.int/coreset).

proporzjon aktar baxx tal-popolazzjoni tagħhom imqabbad ma’ mpjanti ta’ trattament (ara l-indikatur CSI 24), u meta jiġi applikat trattament, dan ikun l-aktar primarju jew sekondarju. Il-konċentrazzjonijiet f’dawn il-pajjiżi għadhom għoljin.

## Id-definizzjoni ta’ l-indikatur

L-indikatur ewlieni għall-istat ta’ ossiġenazzjoni ta’ mases ta’ ilma huwa d-domanda bijokimika għal ossiġenu (BOD) li hija d-domanda għall-ossiġenu li tirriżulta minn organiżmi fl-ilma li jikkunsmaw materjal organiku ossidabbli. L-indikatur jippreżenta s-sitwazzjoni u tendenzi preżenti rigward il-BOD u l-konċentrazzjonijiet ta’ ammonju ($NH_4$) fix-xmajjar. Il-medja annwali għall-BOD wara 5 jew 7t’ijiem inkubazzjoni ($BOD_5$/$BOD_7$) hija mfissra f’mg $O_2$/l u l-medja annwali ta’ konċentrazzjonijiet totali ta’ ammonju f’mikrogrammi N/l. Fil-figuri kollha, id-data ġejja minn stazzjonijiet rappreżentattivi ta’ xmajjar. Stazzjonijiet li m’għandhom l-ebda desinjazzjoni tat-tip huma meqjusin bħala rappreżentattivi u huma inklużi fl-analiżi. Għal Figuri 1, 2 u 3, tendenzi konsistenti tas-serje temporali huma kkalkulati, bl-użu biss ta’ stazzjonijiet li rreġistraw il-konċentrazzjonijiet għal kull sena inkluża fis-serje temporali; għal Figuri 2 u 3, serje temporali konsistenti huma meħudin bħala medja għat-tliet perjodi ta’ żmien 1992 sa 1995, 1995 sa 1999 u 2000 sa 2002.

## Il-loġika ta' l-indikatur

Kwantitajiet kbar ta' materjal organiku (mikrobi u skart organiku li jitħassar) jistgħu jirriżultaw fi kwalità kimika u bijoloġika inferjuri ta' l-ilma tax-xmajjar, ħsara fuq il-bijodiversità ta' komunitajiet akwatiċi, u kontaminazzjoni mikrobijoloġika li tista' taffettwa l-kwalità ta' l-ilma tax-xorb u tal-għawm. Sorsi ta' materjal organiku jinkludu ħruġ minn impjanti ta' trattament ta' l-ilma mormi, skart industrijali u tnixxijiet agrikoli. Tniġġis organiku jwassal għal rati ogħla ta' proċessi metaboliċi li jeħtieġu l-ossiġenu. Dan jista' jwassal għall-iżvilupp ta' żoni ta' l-ilma mingħajr ossiġenu (kundizzjonijiet anaerobiċi). It-trasformazzjoni tan-nitroġenu f'forom

**Figura 4 Konċentrazzjoni preżenti ta' $BOD_5$, $BOD_7$ (mg $O_2$/l) fi xmajjar**




**Nota:** Id-data tal-$BOD_5$ intużat għall-pajjiżi kollha ħlief għall-Estonja, il-Finlandja, il-Latvja u l-Litwanja fejn intużat id-data tal-$BOD_7$; In-numru ta' stazzjonijiet b'medja annwali f'kull faxxa ta' konċentrazzjoni huwa kkalkulat għall-aħħar sena li tagħha d-data hija disponibbli. L-aħħar sena hija l-2002 għall-pajjiżi kollha ħlief għall-Olanda (1998), l-Irlanda (2000) u r-Rumanija (2001).

In-numru ta' stazzjonijiet ta' sorveljanza tax-xmajjar jidher f'parentesi.

Is-sors ta' l-informazzjoni Servizz tad-Dati ta' l-EEA (Rif: www.eea.eu.int/coreset).

ridotti mbagħad twassal għal konċentrazzjonijiet akbar ta' ammonju, li meta jaqbeż ċerti konċentrazzjonijiet isir tossiku għall-ħajja fl-ilma, u dan jiddependi mit-temperatura ta' l-ilma, is-salinità u l-pH.

## Il-kuntest politiku

L-indikatur mhuwiex marbut direttament ma' xi mira speċifika tal-politika iżda juri l-effiċjenza tat-trattament ta' l-ilma maħmuġ (ara CSI 24). Il-kwalità ambjentali ta' l-ilmijiet tal-wiċċ fir-rigward tat-tniġġis organiku u l-ammonju u t-tnaqqis tal-kwantitajiet u l-impatt ta' dawn is-sustanzi li jniġġsu huma, madankollu, miri ta' diversi direttivi fosthom: id-Direttiva (75/440/KEE) dwar il-kwalitá ta' l-ilma tal-wiċċ meħtieġa għall-estrazzjoni ta' l-ilma tax-xorb li tistabbilixxi livelli għall-BOD u l-kontenut ta' ammonju fl-ilma tax-xorb, id-Direttiva (91/676/KEE) dwar il-protezzjoni ta' l-ilmijiet mit-tniġġiż ikkawżat min-nitrati minn sorsi agrikoli, id-Direttiva (91/271/KEE) dwar it-trattament ta' l-ilma urban mormi li timmira li tnaqqas it-tniġġis minn xogħlijiet ta' trattament tad-drenaġġ u ċerti industriji, id-Direttiva (96/61/KEE) għall-prevenzjoni u l-kontroll integrat tat-tniġġis immirata sabiex tikkontrolla u tipprevjeni t-tniġġis ta' l-ilma mill-industrija, u d-direttiva ta' qafas dwar l-ilma li tesiġi li jintlaħaq stat ekoloġiku tajjeb jew potenzjal ekoloġiku tajjeb tax-xmajjar madwar l-UE sa l-2015.

## L-inċertezzi fl-indikatur

Is-settijiet ta' dati għax-xmajjar jinkludu kważi l-pajjiżi kollha fiż-żona ta' l-EEA, iżda l-perjodu li jkopru jvarja minn pajjiż għall-ieħor. Is-sett ta' dati jipprovdi deskrizzjoni ġenerali tal-livelli ta' konċentrazzjoni u t-tendenzi tal-materjal organiku u l-ammonju fi xmajjar Ewropej. Il-biċċa l-kbira tal-pajjiżi jkejlu l-materjal organiku bħala BOD fuq ħamest ijiem iżda numru żgħir ta' pajjiżi jkejlu l-BOD fuq sebat ijiem, li jista' jintroduċi ftit inċertezza fit-tqabbil bejn il-pajjiżi.

# 20 Nutrijenti fl-ilma ħelu

## Il-mistoqsija politika ewlenija

Il-konċentrazzjonijiet nutrijenti qegħdin jonqsu mill-ilma ħelu tagħna?

## Il-messaġġ prinċipali

Il-konċentrazzjonijiet ta' fosfru fl-ilmijiet ġewwiena tal-wiċċ fl-Ewropa ġeneralment naqsu matul id-disgħinijiet, li jirrifletti t-titjib ġenerali fit-trattament ta' ilma mormi matul dan il-perjodu. Madankollu, it-tnaqqis ma kienx biżżejjed biex inaqqas l-effett ta' sustanzi nutrittivi.

Il-konċentrazzjonijiet ta' nitrati fl-ilmijiet ta' taħt l-art Ewropej baqgħu kostanti u huma għoljin f'ċerti reġjuni. Dan jhedded l-estrazzjonijiet ta' l-ilma tax-xorb. Kien hemm tnaqqis żgħir fil-konċentrazzjonijiet ta' nitrati f'xi xmajjar Ewropej matul id-disgħinijiet. It-tnaqqis kien anqas minn dak għall-fosfru minħabba s-suċċess limitat ta' miżuri biex jitnaqqas id-dħul ta' nitrati mill-agrikoltura.

## Il-valutazzjoni ta' l-indikatur

Il-konċentrazzjonijiet ta' ortofosfat fix-xmajjar Ewropej ilhom jonqsu b'mod stabbli ġeneralment tul dawn l-aħħar għaxar snin. Fl-UE-15 dan ġara minħabba miżuri li ddaħħlu b'leġiżlazzjonijiet nazzjonali u Ewropej, b'mod partikolari d-Direttiva dwar it-trattament ta' l-ilma urban mormi li żiedet il-livelli ta' trattament ta' ilma mormi, f'ħafna każi, bi trattament terzjarju akbar li jinvolvi t-tneħħija ta' nutrijenti. Kien hemm ukoll titjib fil-livell tat-trattament ta' ilma mormi fl-UE-10, għalkemm mhux fl-istess livelli ta' l-UE-15. Barra minhekk, ir-riċessjoni transizzjonali fl-ekonomiji ta' l-UE-10 seta' kellha sehem fit-tnaqqis fit-tendenzi tal-fosfru minħabba l-għeluq ta' industriji b'potenzjal ta' tniġġis u tnaqqis fil-produzzjoni agrikola li wasslet għal użu anqas ta' fertilizzanti. Ir-riċessjoni ekonomika f'ħafna mill-pajjiżi ta' l-UE-10 intemmet sa tmiem id-disgħinijiet. Minn dakinhar infetħu ħafna impjanti industrijali ġodda b'teknoloġiji aħjar għat-trattament ta' ilma mormi. L-użu ta' fertilizzanti wkoll reġa' beda jiżdied sa ċertu punt.

Matul dawn l-aħħar għexieren ta' snin, kien hemm ukoll tnaqqis gradwali fil-konċentrazzjonijiet ta' fosfru f'ħafna lagi Ewropej. Madankollu r-rata tat-tnaqqis jidher li naqset jew saħansitra waqfet matul id-disgħinijiet. Bħal fil-każ tax-xmajjar, il-ħruġ ta' ilma urban mormi kien sors ewlieni ta' tniġġis mill-fosfru, iżda billi t-tisfija ġiet imtejba u ħafna żbokki ġew devjati 'l bogħod mil-lagi, dan is-sors ta' tniġġis qiegħed gradwalment isir anqas importanti. Is-sorsi agrikoli ta' fosfru, minn demel ta' l-annimali sat-tniġġis imxerred bi tħaffir u lissija, huma t-tnejn importanti u jeħtieġu attenzjoni akbar biex jinkiseb stat tajjeb fil-lagi u x-xmajjar.

It-titjib f'ċerti lagi ġeneralment kien relattivament bil-mod minkejja l-miżuri meħuda għat-tnaqqis tat-tniġġis. Dan sa ċertu punt ġara minħabba li gie rkuprat bil-mod ikkawżat minn tagħbijiet interni u għax l-ekosistemi jistgħu jkunu reżistenti għat-titjib u għalhekk jibqgħu fi stat ħażin. Problemi bħal dawn jeħtieġu miżuri ta' restawr, b'mod partikolari f'lagi baxxi.

Fuq il-livell Ewropew, hemm xi evidenza ta' tnaqqis fil-konċentrazzjonijiet ta' nitrati fix-xmajjar. It-tnaqqis kien aktar bil-mod milli għall-fosfru għaliex miżuri sabiex jitnaqqsu l-għejun agrikoli ta' nitrati ma ġewx implimentati b'mod konsistenti fil-pajjiżi ta' l-UE u minħabba d-dewmien probabbli bejn it-tnaqqis ta' għejun agrikoli ta' nitroġenu u l-fdalijiet tal-ħamrija, u t-tnaqqis li rriżulta fil-konċentrazzjonijiet ta' nitrati fl-ilmijiet tal-wiċċ u tal-pjan. F'termini ta' nitrati, 15 mill-25 pajjiż b'informazzjoni disponibbli kellhom numru ta' stazzjonijiet tax-xmajjar fejn il-konċentrazzjoni gwida tad-direttiva dwar l-ilma tax-xorb għan-nitrat ta' 25 mg $NO_3$/l inqabżet, u tlieta minn dawn il-pajjiżi kellhom stazzjonijiet fejn il-konċentrazzjoni massima permessa ta' 50 mg $NO_3$/l inqabżet ukoll. Pajjiżi bl-ogħla użu ta' art għall-agrikoltura u bl-ogħla densitajiet ta' popolazzjoni (bħad-Danimarka, il-Ġermanja, l-Ungerija u r-Renju Unit) ġeneralment kellhom konċentrazzjonijiet ogħla ta' nitrati minn dawk bl-anqas (bħall-Estonja, in-Norveġja, il-Finlandja u l-Iżvezja) li jirrifletti l-impatt ta' l-emissjonijiet ta' nitrati mill-agrikoltura fl-ewwel grupp ta' pajjiżi msemmija u xogħlijiet ta' trattament ta' l-ilma mormi fl-aħħar grupp ta' pajjiżi.

Konċentrazzjonijiet medji ta' nitrati f'ilmijiet ta' taħt l-art fl-Ewropa huma ogħla mil-livelli ta' sfond (< 10 mg/l bħala $NO_3$) iżda ma jaqbżux il-50 mg/l bħala $NO_3$. Fuq il-livell Ewropew, il-konċentrazzjonijiet medji annwali f'ilmijiet ta' taħt l-art baqgħu relattivament stabbli mill-bidu tad-disgħinijiet iżda juru livelli differenti reġjonalment. Minħabba livelli tassew baxxi ta' konċentrazzjonijiet medji ta' nitrati (< 2 mg/l bħala $NO_3$) fil-pajjiżi Nordiċi, il-konċentrazzjoni medja ta' nitrati ta' l-Ewropa tagħti stampa mhux bilanċjata tad-distribuzzjoni tan-nitrati. Il-preżentazzjoni t'hawn fuq hija għalhekk maqsuma fis-sub-indikaturi li ġejjin f'pajjiżi tal-Punent, tal-Lvant u dawk Nordiċi.

**Figura 1** **Konċentrazzjonijiet ta' nitrati u fosfru f'mases ta' ilma ħelu fl-Ewropa**




**Nota:** Il-konċentrazzjonijiet huma mfissra bħala valuri medjani ta' konċentrazzjonijiet annwali għal ilmijiet ta' taħt l-art, u valuri medjani ta' konċentrazzjonijiet annwali medji fi xmajjar u lagi.

In-numru ta' stazzjonijiet ta' sorveljanza ta' mases ta' ilma ta' taħt l-art, lagi u xmajjar jidher fil-parentesi.

Lagi: data dwar in-nitrati mill-: Estonja, il-Finlandja, il-Ġermanja, l-Ungerija, il-Latvja u r-Renju Unit; data dwar il-fosfru totali mill-Awstrija, id-Danimarka, l-Estonja, il-Finlandja, il-Ġermanja, l-Ungerija, l-Irlanda u l-Latvja.

Mases ta' ilma ħelu: dataa mill-Awstrija, il-Belġju, il-Bulgarija, id-Danimarka, l-Estonja, il-Finlandja, il-Ġermanja, il-Litwanja, l-Olanda, in-Norveġja, ir-Repubblika Slovakkja u s-Slovenja.

Xmajjar: data mill-Awstrija, il-Bulgarija, id-Danimarka, l-Estonja, il-Finlandja, Franza, il-Ġermanja, l-Ungerija, il-Latvja, il-Litwanja, il-Polonja, is-Slovenja, l-Iżvezja u r-Renju Unit.

Id-data hija mogħtija minn stazzjonijiet rappreżentattivi ta' xmajjar u lagi. Stazzjonijiet li m'għandhom l-ebda desinjazzjoni tat-tip huma meqjusin bħala rappreżentattivi u huma inklużi fl-analiżi.

Is-sors ta' l-informazzjoni Servizz tad-Dati ta' l-EEA (Rif: www.eea.eu.int/coreset).

Bħala medja, l-ilmijiet ta' taħt l-art fl-Ewropa tal-Punent għandhom l-ogħla konċentrazzjonijiet ta' nitrati, minħabba l-aktar prattiċi agrikoli intensivi, id-doppju ta' dawk fl-Ewropa tal-Lvant, fejn l-agrikoltura hija anqas intensiva. L-ilmijiet ta' taħt l-art fin-Norveġja u l-Finlandja ġeneralment għandhom konċentrazzjonijiet baxxi ta' nitrati.

L-agrikoltura hija l-akbar kontributur għat-tniġġis ta' ilma ta' taħt l-art min-nitroġenu, u anki għal ħafna mases ta' ilma tal-wiċċ, billi fertilizzanti nitroġeni u demel jintużaw fuq uċuħ tar-raba' li tinħadem sabiex jiżdied il-ħsad u l-produttività. Fl-UE, il-fertilizzanti minerali jammontaw għal kważi 50 % tad-dħul ta' nitroġenu f'ħamrija agrikola u d-demel għal 40 % (għejun oħra huma t-twaħħil bijoloġiku u d-depożiti atmosferiċi). Il-konsum ta' fertilizzanti nitroġeni (fertilizzanti minerali u demel ta' l-annimali) żdied sa l-aħħar tat-tmeninijiet u mbagħad beda jonqos, iżda f'dawn l-aħħar snin reġa' żdied f'xi pajjiżi ta' l-UE. Il-konsum ta' fertilizzanti nitroġeni għal kull ettaru ta' art li tinħadem huwa ogħla fl-UE-15 milli fl-UE-10 u l-pajjiżi ta' adeżjoni. In-nitroġenu minn fertilizzant eċċessiv jgħaddi mill-ħamrija u huwa rilevat bħala livelli għolja ta' nitrat taħt kundizzjonijiet ajrobiċi u bħala livelli għolja

ta' ammonju taħt kundizzjonijiet anajrobiċi. Ħafna drabi, ir-rata ta' mogħdija hija bil-mod u l-livelli eċċessivi ta' nitroġenu jistgħu jkunu l-effett ta' tniġġis fuq il-wiċċ sa 40 sena ilu, skond il-kundizzjonijiet idro-ġeoloġiċi. Hemm ukoll sorsi oħra ta' nitrati, inkluż il-ħruġ ittrattat ta' drenaġġ, li jista' jikkontribwixxi għal tniġġis minn nitrati f'xi xmajjar.

## Id-definizzjoni ta' l-indikatur

Konċentrazzjonijiet ta' ortofosfat u nitrat fi xmajjar, fosfru u nitrat totali f'lagi u nitrat f'mases ta' ilma ħelu. L-indikatur jista' jintuża biex jippreżenta varjazzjonijiet ġeografiċi f'konċentrazzjonijiet preżenti ta' nutrijenti u tendenzi temporali.

Il-konċentrazzjoni ta' nitrat hija mfissra bħala mg ta' nitrat ($NO_3$)/l, u l-ortofosfat u fosfru totali bħala µg P/l

## Il-loġika ta' l-indikatur

Dħul qawwi ta' nitroġenu u fosfru f'mases ta' ilma minn żoni urbani, l-industrija u żoni agrikoli jista' jwassal għall- effett ta' sustanzi nutrittivi. Din tikkaġuna bidliet ekoloġiċi li jistgħu jirriżultaw fit-telfien ta' speċi ta' pjanti u annimali (tnaqqis fl-istat ekoloġiku) u jkollha impatt negattiv għall-użu ta' ilma għall-konsum mill-bniedem u għanijiet oħra.

Il-kwalità ambjentali ta' l-ilmijiet tal-wiċċ fir-rigward ta' l-effett ta' sustanzi nutrittivi u l-konċentrazzjonijiet ta'

**Figura 2 Konċentrazzjonijiet ta' nitrati fl-ilma ta' taħt l-art f'reġjuni differenti ta' l-Ewropa**




**Nota:** Ewropa tal-Punent: L-Awstrija, il-Belġju, id-Danimarka, il-Ġermanja, l-Olanda; 27 massa ta' Ilma Ħelu. Ewropa tal-Lvant: il-Bulgarija, l-Estonja, il-Litwanja, ir-Repubblika Slovakka, is-Slovenja; 38 massa ta' Ilma Ħelu. Pajjiżi Nordiċi: il-Finlandja, in-Norveġja; 25 massa ta' Ilma Ħelu; id-data ta' l-Iżvezja mhix inkluża minħabba nuqqas ta' nformazzjoni.

Il-konċentrazzjoni massima ta' nitrat permessa (MAC) fl-ilma tax-xorb ta' 20 mg $NO_3$/l hija stabbilita mid-Direttiva 98/83/KE tal-Kunsill dwar il-kwalità ta' l-ilma maħsub għall-konsum uman.

Il-konċentrazzjonijiet ta' sfond f'ilma ta' taħt l-art (< 10 mg $NO_3$/l) instabu li jgħinu fl-evalwazzjoni tal-kejl ta' konċentrazzjonijiet ta' nitrati (b'rabta mal-MAC għall-ilma tax-xorb).

Is-sors ta' l-informazzjoni Servizz tad-Dati ta' l-EEA (Rif: www.eea.eu.int/coreset).

nutrijenti hija l-mira ta' diversi direttivi: id-direttiva ta' qafas dwar l-ilma, id-direttiva dwar in-nitrati, id-direttiva dwar it-trattament ta' l-ilma urban mormi, id-direttiva dwar l-ilma tal-wiċċ u d-direttiva dwar il-ħut ta' l-ilma ħelu. Fil-ġejjieni, il-konċentrazzjonijiet ta' fosfru fil-lagi se jkun rilevanti ħafna f'ħidma taħt id-direttiva ta' qafas dwar l-ilma.

## Il-kuntest politiku

L-indikatur mhuwiex marbut direttament ma' xi mira speċifika tal-politika. Il-kwalità ambjentali ta' l-ilma ħelu fir-rigward ta' l-effett ta' sustanzi nutrittivi u l-konċentrazzjonijiet ta' nutrittivi hija madankollu l-objettiv ta' diversi direttivi. Dawn jinkludu: id-Direttiva (91/676/KEE) dwar il-protezzjoni ta' l-ilmijiet mit-tniġġiż ikkawżat min-nitrati minn sorsi agrikoli, id-Direttiva (91/271/KEE) dwar it-trattament ta' l-ilma urban mormi li timmira li tnaqqas it-tniġġis minn xogħlijiet ta' trattament ta' l-ilma mormi u ċerti industriji, id-Direttiva (96/61/KEE) dwar il-prevenzjoni u l-kontroll integrat tat-tniġġis immirata sabiex tikkontrolla u tipprevjeni t-tniġġis ta' l-ilma mill-industrija, u d-direttiva ta' qafas dwar l-ilma li tesiġi li jintlaħaq stat ekoloġiku tajjeb jew potenzjal ekoloġiku tajjeb tax-xmajjar madwar l-UE sa l-2015. Id-direttiva ta' qafas dwar l-ilma tesiġi wkoll li jintlaħaq stat tajjeb ta' ilma ħelu sa l-2015 kif ukoll li jitreġġgħu lura tendenzi sinifikanti u sostenuti 'l fuq ta' konċentrazzjonijiet ta' sustanzi li jniġġsu. Barra minhekk, id-Direttiva (98/83/KE) dwar l-Ilma tax-Xorb (maħsub għall-konsum mill-Bniedem) tistabbilixxi l-konċentrazzjoni massima permessa għan-nitrati għal 50 mg/l. Ġie ppruvat li l-ilma tax-xorb b'livelli ogħla mil-limitu ta' nitrati jista' jikkaġuna effetti negattivi fuq is-saħħa, speċjalment fi tfal żgħar ta' anqas minn xahrejn. L-ilma ta' taħt l-art huwa sors importanti ħafna ta' ilma tax-xorb f'ħafna pajjiżi u ħafna drabi jintuża bla ma jkun trattat, b'mod partikolari minn bjar privati.

Strateġija prinċipali tas-sitt Programm ta' Azzjoni Ambjentali tal-Komunità Ewropea għas-snin 2001–2010 hija li 'tintegra t-tħassib ambjentali fl-oqsma rilevanti kollha ta' politika' li tista' tirriżulta f'konsiderazzjoni aktar intensa dwar l-applikazzjoni ta' miżuri agro-ambjentali sabiex jitnaqqas it-tniġġis min-nutrijenti ta' l-ambjent akwatiku (bħal ngħidu aħna fil-politika komuni dwar l-agrikoltura).

## L-inċertezzi fl-indikatur

Is-settijiet ta' data dwar l-ilma ħelu u x-xmajjar jinkludu l-pajjiżi kważi kollha ta' l-EEA, iżda l-perjodu ta' żmien li jkopru jvarja minn pajjiż għal ieħor. Il-mod kif ikopru l-lagi mhuwiex daqshekk tajjeb. Il-pajjiżi huma mitluba sabiex jipprovdu data dwar xmajjar u lagi u dwar mases importanti ta' ilma ħelu skond kriterji speċifiċi. Dawn ix-xmajjar, lagi u mases ta' ilma ħelu huma mistennija li jkunu kapaċi jipprovdu deskrizzjoni ġenerali, ibbażata fuq informazzjoni tassew komparabbli, tal-kwalità ta' l-ilma tax-xmajjar, lagi u ilma ħelu fuq il-livell Ewropew.

Il-konċentrazzjonijiet ta' nitrati fl-ilma ħelu joriġinaw primarjament mill-influwenza antropoġenika kkawżata mill-użu ta' art għall-agrikoltura. Il-konċentrazzjonijiet fl-ilma huma l-effett ta' proċess multi-dimensjonali u marbut maż-żmien li jvarja minn massa ta' ilma ħelu għal oħra u għadu s'issa kkwantifikat anqas. Sabiex tkun evalwata l-konċentrazzjoni ta' nitrati fl-ilma ħelu u l-iżvilupp tagħha, parametri marbuta mill-qrib bħal ammonju u ossiġnu maħlul jeħtieġ li jiġu kkunsidrati. Madankollu, hemm nuqqas ta' dati, speċjalment dwar ossiġenu maħlul li jipprovdi tagħrif dwar l-istat ta' l-ossiġnu fil-massa ta' l-ilma (hijiex tonqos jew le).

# 21 In-nutrijenti fl-ilmijiet transitorji, fl–ilmijiet ta’ max-xtut u fil-baħar

## Il-mistoqsija politika ewlenija

Il-konċentrazzjonijiet tan-nutrijenti fl-ilmijiet tal-wiċċ tagħna qegħdin jonqsu?

## Il-messaġġ prinċipali

Il-konċentrazzjonijiet tal-fosfati f’xi żoni max-xtut tal-Baħar Baltiku u tal-Baħar tat-Tramuntana naqsu f’dawn l-aħħar snin, iżda baqgħu stabbli fil-Baħar Ċeltiku u żdiedu f’xi nħawi mal-kosta Taljana. B’mod ġenerali, il-konċentrazzjonijiet tan-nitrati baqgħu stabbli f’dawn l-aħħar snin fil-Baħar Baltiku, fil-Baħar tat-Tramuntana u fil-Baħar Ċeltiku, iżda żdiedu f’xi nħawi mal-kosta Taljana.

## Il-valutazzjoni ta’ l-indikatur

### In-nitrati

Fiż-żoni ta’ l-OSPAR (il-Baħar tat-Tramuntana, il-Kanal Ingliż u l-Ibħra Ċeltiċi) u tal-Helcom (il-Baħar Baltiku li jmiss mal-parallel ta’ Skaw fis-Skagerrak fi 57 °44.8’N), is-sensiela ta’ kampjuni li hija disponibbli ma turi l-ebda xejra ċara tul iż-żmien fil-konċentrazzjonijiet tan-nitrati ma’ wiċċ il-baħar fix-xitwa. Fi 3–4 % ta’ l-istazzjonijiet ġew osservati kemm xejriet ta’ tnaqqis kif ukoll ta’ żieda (Figura 1) u dan żgur li huwa dovut għall-varjazzjoni fil-livell tan-nutrijenti li sseħħ maż-żmien minħabba bidliet fil-kwantità ta’ l-ilma ġieri.

Fil-wiċċ tal-Baħar Baltiku, il-konċentrazzjonijiet tan-nitrati fix-xitwa huma baxxi, saħansitra f’ħafna mill-ilmijiet ta’ mal-kosta (’Il barra, fil-Baħar Baltiku miftuħ, il-konċentrazzjoni ta’ l-isfond hija ta’ madwar 65 µg/l). L-ogħla konċentrazzjonijiet li ġew osservati fil-Baħar ta’ Belt u fil-Kattegat huma dovuti l-aktar għat-taħlit ta’ l-ilmijiet tal-Baltiku mal-Baħar tat-Tramuntana u ma’ l-ilmijiet ta’ Skagerrak. Il-konċentrazzjonijiet akbar li ġejjin minn kwantitajiet lokali ta’ nitrati jidhru l-aktar fl-ilmijiet ta’ mal-kosta tal-Litwanja, fil-Golf ta’ Riga, fil-Golf tal-Finlandja, fil-Golf ta’ Gdansk, fil-Bajja tal-Pommerania u fil-bokok tax-xmajjar Żvediżi.

Fiż-żona ta’ l-OSPAR, il-konċentrazzjonijiet tan-nitrati huma għoljin (> 600 µg/l) minħabba l-kwantitajiet li jinġarru mill-art għal ġo l-ibħra ta’ mal-kosta tal-Belġju, l-Olanda, tal-Ġermanja, tad-Danimarka u fi ftit bokok tax-xmajjar tar-Renju Unit u ta’ l-Irlanda. ’Il barra fil-Baħar tat-Tramuntana u fil-Baħar ta’ l-Irlanda, il-konċentrazzjonijiet ta’ l-isfond huma madwar 129 µg/l u 149 µg/l, f’dan l-ordni. Fl-ilmijiet ta’ mal-kosta Olandiża ġie osservat tnaqqis ġenerali ta’ 10–20 % fil-konċentrazzjonijiet tan-nitrati fix-xitwa. Fil-Baħar Mediterran, il-konċentrazzjonijiet tan-nitrati żdiedu f’24 %, u naqsu f’5 % ta’ l-istazzjonijiet mal-kosta Taljana (Figura 1). Il-konċentrazzjoni ta’ l-isfond hija baxxa, jiġifieri 7 µg/l. Konċentrazzjonijiet relattivament baxxi jinstabu fl-ibħra mal-kosta Griega, madwar Sardinja u mal-peniżola tal-Kalabrija. Konċentrazzjonijiet kemmxejn ogħla jinstabu mal-kosta fil-majjistral u fix-xlokk ta’ l-Italja. Konċentrazzjonijiet għoljin jinstabu fil-parti l-kbira tat-tramuntana u tal-punent tal-Baħar Adrijatiku, kif ukoll viċin ix-xmajjar u l-ibliet mal-kosta tal-punent ta’ l-Italja.

Fil-Baħar l-Iswed, il-konċentrazzjoni ta’ l-isfond tan-nitrati hija baxxa ħafna, jiġifieri 1.4 µg/l. Ġie rrappurtat tnaqqis żgħir fil-konċentrazzjoni tan-nitrati fl-ilmijiet mal-kosta tar-Rumanija flimkien ma’ tnaqqis regolari fl-ilmijiet fid-daħla għall-Bosfru fit-Turkija. Iż-żieda fil-livell kemm tan-nitrati, kif ukoll tal-fosfati, fl-ilmijiet ta’ l-Ukrajna f’dawn l-aħħar snin, hija marbuta ma’ kwantitajiet għoljin ta’ ilma ġieri.

### Il-fosfat

Fil-Baħar Baltiku u fil-Baħar tat-Tramuntana, il-konċentrazzjonijiet tal-fosfati naqsu f’25 % u fi 33 % ta’ l-istazzjonijiet mal-kosta, f’dan l-ordni (Figura 1). Fil-Baħar il-Kbir tat-Tramuntana, it-tnaqqis fil-konċentrazzjonijiet tal-fosfati jidher l-aktar fl-ilmijiet mal-kosta tad-Danimarka u tal-Belġju, u dan huwa aktarx minħabba t-tnaqqis fl-ammonti tal-fosfati mix-xmara Rhine. Ġie osservat ukoll tnaqqis fil-konċentrazzjonijiet tal-fosfati f’xi stazzonijiet fl-ibħra mal-kosta tal-Ġermanja, tan-Norveġja u ta’ l-Iżvezja u ’l barra fil-Baħar tat-Tramuntana (aktar minn 20km mill-kosta). Fiż-żona tal-Baħar Baltiku ġie osservat tnaqqis fil-konċentrazzjonijiet tal-fosfati fl-ilmijiet ta’ max-xtut ta’ ħafna mill-pajjiżi, ħlief fil-Polonja, kif ukoll fl-ibħra miftuħin.

Fiż-żona tal-Baħar Baltiku, il-konċentrazzjoni tal-fosfati ma’ wiċċ il-baħar fix-xitwa hija baxxa ħafna fil-Bajja ta’ Bothnia meta mqabbla mal-konċentrazzjonijiet ta’ l-isfond, ’il barra fil-Baltiku nnifsu u dan jista’ jkun li qiegħed jillimita l-produzzjoni primarja f’din iż-żona. Il-konċentrazzjoni hija kemmxejn ogħla fil-Golf ta’ Riga, fil-Golf ta’ Gdansk u f’xi ilmijiet mal-kosta tal-Litwanja, tal-Ġermanja u tad-Danimarka u fil-bokok tax-xmajjar. Twettqu xi rimedji fl-artijiet mnejn jaqleb l-ilma tax-xita u dan wassal għal tnaqqis fl-użu tal-fertilizzanti. Madankollu, riċerka li saret dan l-aħħar turi li l-konċentrazzjonijiet tal-fosfati, ngħidu aħna ’l barra fil-Baħar Baltiku inkluż il-Kattegat, huma influwenzati bil-kbir mill-proċessi u l-ġarr li jseħħu fl-ilma minħabba

varjazzjonijiet fil-kwantità ta' l-ossiġenu fil-qiegħ ta' l-ilma. Il-konċentrazzjoni tal-fosfati hija għolja ferm fil-Golf tal-Finlandja, minħabba nuqqas t'ossiġnu u minħabba kurrenti li tellgħu ilma mimli fosfati minn qiegħ il-baħar lejn l-aħħar tad-disgħinijiet. Fil-Baħar tat-Tramuntana, fil-Kanal Ingliż u fl-Ibħra Ċeltiċi, il-konċentrazzjonijiet tal-fosfati fl-ilmijiet max-xtut tal-Belġju, ta' l-Olanda, tal-Ġermanja u tad-Danimarka huma għoljin meta mqabbla ma' dawk meħudin 'il barra fil-Baħar tat-Tramuntana. Il-konċentrazzjonijiet fil-bokok tax-xmajjar huma ġeneralment għoljin minħabba l-kontenuti lokali.

Fil-Baħar Mediterran, il-konċentrazzjonijiet tal-fosfati żdiedu fi 26 % u naqsu fi 8 % ta' l-istazzjonijiet mal-kosta Taljana (Figura 1). Qegħdin jiġu osservati konċentrazzjonijiet ogħla mill-valur ta' l-isfond (jiġifieri madwar 1 µg/l) f'ħafna mill-ilmijiet max-xatt u qegħdin jiġu osservati konċentrazzjonijiet ħafna ogħla fil-postijiet li jaħarqu mal-kosti fil-punent u fil-lvant mal-kosta ta' l-Italja.

'Il barra fil-Baħar l-Iswed, il-konċentrazzjoni tal-fosfati fl-isfond hija relattivament għolja (madwar 9 µg/l) meta mqabbla ma' dik tal-Baħar Mediterran u mal-valur tan-nitroġenu fl-isfond. Dan huwa aktarx minħabba n-nuqqas dejjiemi ta' ossiġnu fil-qiegħ tal-biċċa l-kbira tal-Baħar l-Iswed, li ma jħallux il-fosfati jingħaqdu fin-naqal ta' mal-qiegħ. Il-konċentrazzjoni tal-fosfati mal-kosta tat-Turkija hija inqas minn dik li tinsab 'il barra fil-baħar, waqt li hija ogħla fl-ibħra tal-kosta tar-Rumanija minħabba li hija affetwata mix-xmara Danubju. Fil-Baħar l-Iswed ġie rrappurtat tnaqqis żgħir fil-konċentrazzjonijiet tal-fosfati fid-daħla għall-Bosfru fit-Turkija.

**Figura 1** **Taqsira tax-xejriet fil-konċentrazzjonijiet tan-nitrati u tal-fosfati fix-xitwa u l-proporzjon N/P fl-ibħra mal-kosta ta' l-Atlantiku ta' Fuq (l-aktar l-Ibħra Ċeltiċi), il-Baħar Baltiku, fil-Mediterran u fil-Baħar tat-Tramuntana**




**Nota:** L-analiżi tax-xejriet hija msejsa fuq sensiela ta' kampjuni meħudin tul il-perjodu bejn 1985–2003 minn kull stazzjoni ta' monitoraġġ fejn teżisti informazzjoni dwar għallinqas 3 snin bejn l-1995 u l-2003 u informazzjoni dwar għallinqas 5 snin b'kollox. In-numru ta' l-istazzjonijiet jidhru fil-parenteżi.

L-informazzjoni dwar l-Atlantiku (inklużi l-Ibħra Ċeltiċi) ittieħdet mir-Renju Unit, mill-Irlanda u mill-ICES. Dik dwar il-Baħar Baltiku (inklużi l-Baħar ta' Belt u l-Kattegat) ittieħdet mid-Danimarka, mill-Finlandja, mill-Ġermanja, mill-Litwanja, mill-Polonja, mill-Iżvezja u mill-ICES. Dik tal-Mediterran ittieħdet mill-Italja. Dik tal-Baħar tat-Tramuntana (inklużi il-Kanal u l-iSkagerrak) ittieħdet mill-Belġju, mid-Danimarka, mill-Ġermanja, mill-Olanda, min-Norveġja u mill-Iżvezja, mir-Renju Unit u mill-ICES.

Is-sors ta' l-informazzjoni: Is-servizz ta' l-informazzjoni ta' l-EEA, data mill-OSPAR, Helcom, ICES u l-pajjiżi membri ta' l-EEA (www.eea.eu.int).

**Il-proporzjon N/P**
Fil-Baħar Baltiku, il-proporzjon N/P ibbażat fuq il-konċentrazzjonijiet tan-nitrati u tal-fosfati mal-wiċċ fix-xitwa qiegħed jiżdied fl-inħawi kollha (Figura 1) ħlief fl-ilmijiet mal-kosta tal-Polonja. Il-proporzjon N/P huwa għoli (> 32) fil-Bajja tal-Bothnia, fejn huwa probabbli li l-fosfru jillimita l-produzzjoni primarja tal-fitoplankton. Il-proporzjon N/P huwa baxx (< 8) sa relattivament baxx (< 16) f'ħafna miż-żoni 'l barra fil-baħar u mal-kosta tal-Baħar Baltiku, u dan jindika li n-nitroġenu jista' jkun fattur li jillimita t-tkabbir.

Fil-Baħar il-Kbir tat-Tramuntana u fl-Ibħra Ċeltiċi, qegħdin jiġu osservati proporzjonijiet N/P għoljin (> 16) fl-ilmijiet mal-kosta u fil-bokok tax-xmajjar tal-Belġju, ta' l-Olanda, tal-Ġermanja u tad-Danimarka, u dan jista' jfisser li hemm limitazzjoni fil-kwantità ta' fosfru, għallinqas lejn il-bidu ta' l-istaġjun tat-tkabbir. Fl-ilmijiet li jinsabu aktar 'il barra, il-proporzjon N/P huwa ġeneralment inqas minn 16, u dan jista' jfisser li hemm limitazzjoni fil-kwantità tan-nitroġenu.

Fil-Baħar Mediterran hemm proporzjonijiet għoljin ta' N/P (> 32) mal-kosta tat-tramuntana ta' l-Adrijatiku u f'postijiet mal-kosta Taljana u l-kosta tat-tramuntana ta' Sardinja u dan jindika limitazzjoni potenzjali tal-fosfru għallinqas matul xi perjodi ta' l-istaġun tat-tkabbir.

Fil-Baħar l-Iswed, il-proporzjon N/P huwa ġeneralment baxx, l-aktar fil-baħar miftuħ u mal-kosta tat-Turkija, u dan jista' jfisser li hemm limitazzjoni fil-kwantità tan-nitroġenu. Proporzjonijiet għoljin ta' N/P (> 32) jinsabu biss fi ftit stazzjonijiet mal-kosta tar-Rumanija u dan jista' jfisser li hemm limitazzjoni fil-kwantità tal-fosfru.

## Id-definizzjoni ta' l-indikatur

L-indikatur juri x-xejra ġenerali fil-konċentazzjonijiet tan-nitrati u tal-fosfati fix-xitwa (mikrogrammi/ l), u l-proporzjon N/P fl-ibħra reġjonali ta' l-Ewropa. Il-proporzjon ta' N/P huwa bbażat fuq il-konċentrazzjonijiet tal-molekoli. Fil-każ ta' l-istazzjonijiet li jinsabu aktar lejn il-lvant mill-lonġitudni ta' 15-il grad (Bornholm) fil-Baħar Baltiku, il-perjodu tax-xitwa huwa magħmul minn Jannar, Frar u Marzu, filwaqt li għall-istazzjonijiet l-oħra kollha huwa magħmul minn Jannar u Frar. Huma koperti ż-żoni tal-baħar li ġejjin: il-Baħar Baltiku inkluż il-Baħar ta' Belt u l-Kattegat; il-Baħar tat-Tramuntana (il-Baħar il-Kbir tat-Tramuntana ta' l-OSPAR inkluż l-iSkagerrak u l-Kanal Ingliż, iżda mhux il-Kattegat); l-Atlantiku (il-grigal ta' l-Atlantiku inklużi l-ibħra Ċeltiċi, il-Bajja ta' Biscay), il-kosta Iberika u l-Baħar Mediterran kollu.

## Il-bażi loġika ta' l-indikatur

Iż-żieda fin-nitroġenu u fil-fosfru tista' twassal għal sensiela ta' effetti mhux mixtieqa, li jibdew minn tkabbir żejjed fl-algi tal-plankton li jżid l-ammont tal-ħama organiku li jinġema' fil-qiegħ. Dan jista' jiżdied minħabba t-tibdil fil-kompożizzjoni u fil-funzjoni ta' l-ispeċji tal-katina ta' l-ikel li hemm 'il barra fil-baħar (eż it-tkabbir ta' *flagellates* żgħar aktar milli diatomi akbar), li jwassal għal inqas ikel għall-*copepods* u għall-formazzjoni ta' aktar naqal fil-qiegħ. Fiż-żoni fejn l-ilma tal-baħar ikun maqsum f'saffi, iż-żieda fil-konsum ta' l-ossiġnu li sseħħ minħabba dan tista' twassal għal tnaqqis fl-ossiġnu u għal tibdil fl-istruttura tal-komunità ekoloġika, u tista' tikkaġuna l-mewt tal-fawna li tgħix f'qiegħ il-baħar. L-effetti tan-nutrijenti fuq l-ambjent ta' l-ilma jistgħu jżidu wkoll ir-riskju ta' tkabbir mhux normali ta' algi, li wħud minnhom jistgħu jkunu speċi li jġibu ħsara u jwasslu għall-mewt tal-fawna li tgħix f'qiegħ il-baħar, il-mewt tal-ħut, kemm selvaġġ kif ukoll dak fil-gaġeġ, u l-ivvalenar tal-bniedem mill-frott tal-baħar. Fost l-effetti oħra tal-kwantità żejda tan-nutrijenti li tista' tbiddel l-ekosistema tal-kosta, iżżid ir-riskju ta' nuqqas lokali ta' l-ossiġenu u tnaqqas il-biodiversità u l-postijiet għat-trobbija tal-ħut, insibu l-algi kbar (magħmulin minn ħjut irqaq u li jikbru malajr) li joktru u jsiru aktar dominanti fiż-żoni baxxi u kennija.

Il-proporzjon N/P jipprovdi informazzjoni dwar il-limitazzjoni potenzjali tan-nitroġenu jew tal-fosfru fil-produzzjoni tal-fitoplankton primarju.

## Il-kuntest politiku

Qegħdin jittieħdu miżuri biex jitnaqqsu l-effetti l-ħżiena tad-dħul żejjed tan-nutrijenti minħabba l-kaġun tal-bniedem, u biex iitħares l-ambjent tal-baħar permezz ta' diversi inizjattivi fil-livelli kollha — konvenzjonijiet fuq livell dinji, Ewropew, nazzjonali u reġjonali, u Konferenzi Ministerjali. Hemm numru ta' direttivi ta' l-UE li għandhom l-għan li jnaqqsu l-kwantitajiet u l-impatti tan-nutrijenti, fosthom id-Direttiva dwar in-Nitrati (91/676/KEE) li għandha l-għan li tnaqqas it-tniġġis ikkawżat min-nitrati mill-art agrikola; id-Direttiva dwar

it-Trattament tad-Drenaġġ (91/271/KEE) li għandha l-għan li tnaqqas it-tniġġis mill-impjanti għat-tisfija tad-drenaġġ u minn ċerti industriji; id-Direttiva għall-Prevenzjoni u l-Kontroll Integrat tat-Tniġġis (96/61/KEE) li għandha l-għan li tikkontrolla u ma tippermettix it-tniġġis ta' l-ilma mill-industrija; u d-Direttiva li tistabilixxi Qafas għal Azzjoni tal-Komunità fil-Qasam tal-Politika ta' l-Ilma (2000/60/KE) li teħtieġ li jintlaħaq livell ekoloġiku tajjeb jew potenzjal ekoloġiku tajjeb għall-ilmijiet tranżitorji jew tal-kosta madwar l-UE sa l-2015. Il-Kummissjoni Ewropea qegħda tiżviluppa wkoll Strateġija Tematika dwar il-Protezzjoni u l-Ħarsien ta' l-Ambjent tal-Baħar. Hemm aktar miżuri li jirriżultaw minn inizjattivi u linji politiċi internazzjonali, fosthom: Il-Programm Dinji ta' Azzjoni tal-Ġnus Magħquda għall- Ħarsien ta' l-Ambjent tal-Baħar mill-Attivitajiet ibbażati fuq l-art; il-Pjan ta' Azzjoni Mediterranju (MAP) 1975; il-Konvenzjoni ta' Ħelsinki 1992 (Helcom); il-Konvenzjoni ta' OSPAR 1998; u l-Programm Ambjentali tal-Baħar l-Iswed (BSEP).

## L-Għanijiet

L-aktar għan rilevanti li għandu x'jaqsam mal-konċentrazzjonijiet tan-nutrijenti fl-ilma toħroġ mid-Direttiva li tistabilixxi Qafas dwar l-Ilma fejn wieħed mill-għanijiet ambjentali huwa li jintlaħaq livell ekoloġiku tajjeb. Fi ftit kliem, dan ifisser konċentrazzjonijiet/firxiet tan-nutrijenti li huma addattati għat-tip ta' ambjenti ta' l-ilma u li jsostnu l-elementi bioloġiċi u jżommuhom fi stat tajjeb. Minħabba li l-konċentrazzjonijiet naturali u ta' l-isfond tan-nutrijenti ivarjaw kemm bejn l-ibħra reġjonali kif ukoll ġo fihom stess, u jvarja wkoll bejn it-tipi ta' ilma mal-kosta, l-għanijiet jew livelli tan-nutrijenti biex jinkiseb stat ekoloġiku tajjeb iridu jiġu stabbiliti fuq skala lokali.

## L-inċertezzi fl-indikatur

It-test Mann-Kendall li permezz tiegħu jintgħarfu x-xejriet huwa mudell b'saħħtu u aċċettat. Minħabba l-analiżi ta' aktar minn xejra waħda, bejn wieħed u ieħor 5 % tat-testijiet jirriżultaw sinifikanti jekk fil-fatt ma jkunx hemm xejra. L-informazzjoni għal din il-valutazzjoni għadha skarsa meta jitqiesu l-varjazzjonijiet kbar (kemm fuq firxa ta' spazju kif ukoll matul iż-żmien) fl-ilmijiet transitorji, f'dawk ta' mal-kosta u fl-ibħra Ewropej. Meded twal ta' l-ilmijiet mal-kosta ta' l-Ewropa mhumiex koperti fl-analiżi minħabba n-nuqqas ta' informazzjoni. L-analiżi tax-xejriet hija konsistenti biss għall-Baħar tat-Tramuntana u għall-Baħar Baltiku (l-informazzjoni tiġi aġġornata kull sena fil-konvenzjonijiet ta' OSPAR u ta' Helcom) u fl-ilmijiet mal-kosta Taljana. Minħabba l-varjazzjonijiet tal-ħruġ ta' l-ilma ħelu u l-varjazzjoni idro-ġeografika taż-żoni mal-kosta u tal-proċessi ta' ċikli interni, ix-xejriet fil-konċentrazzjonijiet tan-nutrijenti ma jistgħux jitqabblu direttament mal-miżuri li jittieħdu. Għall-istess raġunijiet, il-proporzjon N/P ibbażat fuq il-konċentrazzjonijiet tan-nutrijenti fil-wiċċ matul ix-xitwa ma jistax jintuża direttament biex jiġi stabbilit il-livell tal-limitazzjoni tal-produzzjoni primarja tal-fitoplankton minħabba n-nutrijenti. Il-valutazzjonijiet li huma bbażati fuq il-proporzjonijiet N/P jistgħu jitqiesu bħala li jgħoddu biss għal-limitazzjoni potenzjali tan-nitroġenu jew tal-fosfru għall-pjanti marittimi.

# 22 Il-kwalità ta' l-ilma għall-għawm

## Il-mistoqsija politika ewlenija

Il-kwalità ta' l-ilma għall-għawm qegħda titjieb?

## Il-messaġġ prinċipali

Il-kwalità ta' l-ilma fix-xtajtiet identifikati għall-għawm fl-Ewropa (kemm dawk ta' mal-kosta kif ukoll dawk interni) tjiebet matul id-disgħinijiet u fil-bidu tas-snin elfejn. Fl-2003, 97 % ta' l-ilma mal-kosta li kien tajjeb għall-għawm u 92 % ta' l-ilma intern li kien tajjeb għall-għawm kienu jaqblu mal-livelli obbligatorji.

## Il-valutazzjoni ta' l-indikatur

Bħala konformità mal-livelli obbligatorji stabbiliti fid-Direttiva dwar l-Ilma għall-Għawm, il-kwalità ta' l-ilmijiet ta' l-UE li huma identifikati għall-għawm tjiebet, iżda aktar bil-mod milli kien mistenni. It-tir oriġinali tad-direttiva ta' l-1975 kien li l-Istati Membri jissoddisfaw il-livelli obbligatorji sa l-aħħar ta' l-1985. Fl-2003, 97 % ta' dawn l-ilmijiet mal-kosta u 92 % ta' l-ilmijiet interni kienu jikkonformaw ma' dawn il-livelli. Minkejja t-titjib sinifikattiv fil-kwalità ta' l-ilma għall-għawm wara li ġiet fis-seħħ din id-direttiva 25 sena ilu, 11 % ta' l-ilmijiet max-xtut ta' l-Ewropa li kienu identifikati għall-għawm u 32 % tax-xtajtiet interni fl-Ewropa xorta kienu għadhom ma ssodisfawx il-valuri gwida (mhux obbligatorji) fl-2003. Ir-riżultat miksub fil-każ tal-livelli gwida (mhux obbligatorji) kien ferm inqas minn dak tal-livelli obbligatorji. Dan aktarx ġara minħabba li biex jintlaħqu l-linji gwida, l-Istati Membri jkollhom jonfqu ferm aktar fuq impjanti għat-tisfija tad-drenaġġ u għall-kontroll tas-sorsi mxerrdin ta' tniġġis.

Fl-2003, 100 % ta' l-ilmijiet għall-għawm mal-kosta kienu skond il-livelli obbligatorji f'żewġ pajjiżi (l-Olanda u l-Belġju) (Figura 2). L-agħar riżultat fil-każ ta' l-ilmijiet mal-kosta u l-livelli obbligatorji fl-2003 instab fil-Finlandja b'6.8 % ta' l-ilmijiet għall-għawm li ma kinux skond il-livelli obbligatorji. Għall-kuntrarju tal-fatt li 100 % ta' l-ilmijiet mal-kosta fil-Belġju kienu skond il-livelli obbligatorji, 15.4 % biss tagħhom kienu skond il-livelli gwida, l-inqas għall-pajjiżi ta' l-UE.

Fl-2003, tliet pajjiżi, l-Irlanda, il-Greċja u r-Renju Unit kellhom l-ilmijiet interni tagħhom 100 % skond il-livelli obbligatorji għall-għawm (Figura 3). Għandu jingħad, iżda, li dawn il-pajjiżi, għandhom l-inqas numru ta' ilmijiet interni li huma identifikati għall-għawm fl-UE (9, 4 u 11, f'dan l-ordni) meta mqabbla mal-Ġermanja (1 572) u Franza (1 405) li għandhom l-ogħla numru. Fl-2003, l-Italja kellha l-anqas rata ta' konformità mal-livelli obbligatorji (70.6 %) għall-ilmijiet interni tagħha li huma identifikati għall-għawm.

**Figura 1 Il-perċentwali tal-konformità ta' l-ilmijiet mal-kosta u dawk interni fl-UE li huma identifikati għall-għawm, imqabbel mal-livelli obbligatorji tad-direttiva dwar l-ilma għall-għawn, mill-1992 sa l-2003 għall-UE-15**




**Nota:** Bejn l-1992 u l–1994, 12-il Stat Membru ta' l-UE; Bejn l-1995 u l–1996, 14-il Stat Membru ta' l-UE; Bejn l-1997 u l-2003, 15-il Stat Membru ta' l-UE.

Is-sors ta' l-informazzjoni: DĠ dwar l-Ambjent, mir-rapporti annwali ta' l-Istati Membri (Rif: www.eea.eu.int/coreset).

Fl-2003, il-Kummissjoni Ewropeja bdiet proċeduri dwar ksur tal-liġi kontra disgħa mill-Istati Membri ta' l-UE-15 (il-Belġju, id-Danimarka, il-Ġermanja, Spanja, Franza, l-Irlanda, l-Olanda, il-Portugall u l-Iżvezja) minħabba nuqqas ta' konformità ma' xi aspetti tad-direttiva dwar l-ilmijiet għall-għawm. Fost ir-raġunijiet komuni, kien hemm in-nuqqas ta' konformità mal-livelli meħtieġa u li ma ħadux biżżejjed kampjuni. Il-Kummissjoni nnutat ukoll li n-numru ta' ilmijiet interni għall-għawm fir-Renju Unit kien baxx meta mqabbel ma' ħafna mill-Istati Memrbi l-oħra.

## Id-definizzjoni ta' l-indikatur

The indicator describes the changes over time in the quL-indikatur jiddiskrivi l-bidliet li jseħħu maż-żmien fil-kwalità ta' l-ilmijiet magħżula għall-għawm (kemm dawk interni kif ukoll dawk tal-baħar) fl-Istati Membri ta' l-UE għal dak li għandu x'jaqsam mal-parametri mikrobioloġiċi ("koliformi totali" u "koliformi li ġejjin mill-ħmieġ tal-bniedem") u l-parametri fiżiko-kimiċi (żjut minerali, sustanzi attivi fil-wiċċ u l-fenoli) introdotti

**Figura 2** **Il-perċentwali ta' l-ilmijiet mal-kosta identifikati għall-għawm li huma skond il-livelli obbligatorji u li jissodisfaw il-livelli gwida tad-direttiva dwar l-ilma għall-għawm, għas-sena 2003 u għal kull pajjiż**




**Nota:** Is-sors ta' l-informazzjoni: DĠ dwar l-Ambjent mir-rapporti annwali ta' l-Istati Membri (Rif: www.eea.eu.int/coreset).

mid-Direttiva ta' l-UE dwar l-Ilma għall-Għawm (76/160/KEE). L-istat ta' kemm l-Istati Membri individwali jissoddisfaw il-livelli mitluba qed jiġi ppreżentat għall-aħħar sena li ġiet irrappurtata. L-indikatur, imsejjes fuq ir-rapporti annwali magħmula mill-Istati Membri u mogħtija lill-Unjoni Ewropea, jidher bħala perċentwali ta' l-ilmijiet interni u tal-baħar li huma identifikati għall-għawm, u li huma skond il-livelli obbligatorji u mal-linji gwida għall-parametri mikrobioloġiċi u fiżiko-kimiċi.

## Il-bażi loġika ta' l-indikatur

Id-Direttiva dwar l-ilma għall-għawm (76/160/KEE) saret biex tipproteġi lill-pubbliku minn tniġġis, sew aċċidentali u sew kroniku, li jista' jikkawża l-mard mill-użu ta' l-ilma waqt ir-rikreazzjoni. Għalhekk, l-istudju tal-konformità mad-direttiva jindika l-kwalità ta' l-ilma għall-għawm fejn għandha x'taqsam is-saħħa pubblika, minbarra li jindika wkoll kemm id-direttiva hija tabilħaqq effettiva. Id-direttiva dwar l-ilma għall-għawm hija

**Figura 3** **Il-perċentwali ta' l-ilmijiet għall-għawm interni li huma skond il-livelli obbligatorji u li jissodisfaw il-livelli gwidi tad-direttiva ta' l-ilma għall-għawm, għas-sena 2003 u għal kull pajjiż**




**Nota:** Is-sors ta' l-informazzjoni: DĠ dwar l-Ambjent, mir-rapporti annwali ta' l-Istati Membri (Rif: www.eea.eu.int/coreset).

waħda mill-eqdem biċċiet tal-leġiżlazzjoni ambjentali fl-Ewropa u l-informazzjoni dwar il-konformità tmur lura sas-sebgħinijiet. Skond id-direttiva, l-Istati Membri huma meħtieġa li jidentifikaw l-ilmijiet tal-kosta u dawk interni li huma xierqa għall-għawm u wkoll li jikkontrollaw il-kwalità ta' l-ilma matul l-istaġun ta' l-għawm.

## Il-kuntest politiku u l-għanijiet

Skond id-Direttiva dwar l-ilma għall-għawm (76/160/KEE) l-Istati Membri huma meħtieġa li jidentifikaw l-ilmijiet tal-kosta u dawk interni li huma xierqa għall-għawm u wkoll li jikkontrollaw il-kwalità ta' l-ilma matul l-istaġun ta' l-għawm. L-ilmijiet għall-għawm huma dawk fejn l-għawm huwa awtorizzat mill-awtorità kompetenti u wkoll dawk li fihom normalment jgħumu numru kbir ta' għawwiema. L-istaġun ta' l-għawm huwa mbagħad stabbilit skond il-perjodu meta jkun hemm l-akbar numru ta' għawwiema (Mejju sa Settembru, f'ħafna pajjiżi Ewropej). Il-kwalità ta' l-ilma trid tiġi kkontrollata kull ġimagħtejn waqt l-istaġun ta' l-għawm, kif ukoll ġimagħtejn qabel. Il-frekwenza tal-kampjuni tista' titnaqqas bin-nofs meta l-kampjuni meħuda fis-snin ta' qabel juru riżultati li huma aqwa mill-valuri gwida u meta ma jkun deher l-ebda fattur ġdid li aktarx inaqqas il-kwalità ta' l-ilma. L-Anness 1 tad-direttiva jelenka numru ta' parametri li għandhom jiġu kkontrollati iżda l-attenzjoni kienet fuq il-kwalità batterjoloġika. Id-direttiva tistabbilixxi livelli minimi (obbligatorji) u l-aħjar livelli (gwidi). Għall-konformità mad-direttiva, 95 % tal-kampjuni jridu jkunu skond il-livelli obbligatorji. Biex jiġu kklassifikati bħala li laħqu l-valuri gwida, 80 % tal-kampjuni jridu jkunu skond il-livelli mitluba għall-"koliformi totali" u l-"koliformi li ġejjin mill-ħmieġ tal-bniedem", u 90 % jridu jkunu skond il-livelli mitluba għall-parametri l-oħra. Fl-24 ta' Ottubru 2002, il-Kummissjoni addottat il-proposta biex tiġi riveduta d-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-Kwalità ta' l-Ilma għall-Għawm (KUMM(2002)581). L-abbozz tad-direttiva jipproponi l-użu ta' żewġ parametri indikattivi batterjoloġiċi biss, iżda jistabbilixxi livelli tas-saħħa ogħla mid-Direttiva nru.1976/160. Fuq il-bażi ta' riċerka internazzjonali epidemjoloġika u l-esperjenza fit-twettiq tad-direttivi dwar l-ilma għall-għawm u d-Direttivi ta' qafas dwar l-ilma, id-direttiva riveduta tipprovdi metodi għall-valutazzjoni tal-kwalità u għall-amministrazzjoni fit-tul biex jitnaqqsu kemm il-frekwenza tal-monitoraġġ kif ukoll l-ispejjeż għall-monitoraġġ.

## L-inċertezzi fl-indikatur

Hemm differenzi dwar kif il-pajjiżi interpretaw u wettqu d-direttiva, u dan wassal għal differenzi dwar kemm huwa rappreżentattiv l-ilma għall-għawm li ġie indikat bħala ilma użat għar-rikreazzjoni.

Meta kienet fis-seħħ id-direttiva, l-UE kibret minn 12-il pajjiż fl-1992 għal 15 fl-2003. Għalhekk, is-sensiela ta' kampjuni fuq tul ta' żmien m'hijiex konsistenti fil-firxa ġeografika. L-Istati Membri ta' l-UE-10 huma mistennija jirrappurtaw dwar il-kwalità ta' l-ilmijiet tagħhom li jintużaw għall-għawm fl-2005.

Il-viruses tal-kanal diġestiv tal-bniedem aktarx li huma l-aktar mikrobi li jġibu mard li jittieħed mill-ilma li jintuża għar-rikreazzjoni, iżda l-metodi biex dawn jinstabu huma kkumplikati u jiswew wisq biex isir monitoraġġ ta' rutina, u għalhekk il-parametri ewlenin analizzati għall-konformità mad-direttivi huma l-organiżmi indikatur: il-"koliformi totali" u l-"koliformi li ġejjin mill-ħmieġ tal-bniedem". Il-konformità mal-livelli obbligatorji u l-livelli gwida ta' dawn l-organiżmi indikattivi għalhekk ma tiggarantixxix li ma jkun hemm l-ebda riskju għal saħħet il-bniedem.

# 23 Il-klorofilla fl-ilmijiet transitorji, ta' max-xtut u tal-baħar

## Il-mistoqsija politika ewlenija

L-effett tan-nutrijenti fuq l-ilmijiet tal-wiċċ fl-Ewropa qiegħed jonqos?

## Il-messaġġ prinċipali

Ma kien hemm l-ebda tnaqqis ġenerali fl-effetti tan-nutrijenti fuq l-ambjent ta' l-ilma (kif imkejla mill-konċentrazzjonijiet tal-klorofilla-a) fil-Baħar Baltiku, il-Baħar il-Kbir tat-Tramuntana u fl-ilmijiet ta' max-xtut ta' l-Italja u tal-Greċja. Il-konċentrazzjonijiet tal-klorofilla-a żdiedu fi ftit żoni mal-kosta u naqsu f'oħrajn.

## Il-valutazzjoni ta' l-indikatur

Ma ġiet osservata l-ebda xejra ġenerali fil-konċentrazzjonijiet tal-wiċċ tal-klorofilla-a matul is-sajf, la f'żoni 'l barra fil-baħar Baltiku u fil-Baħar il-Kbir tat-Tramuntana u lanqas fil-Baħar Mediterran max-xtut ta' l-Italja u tal-Greċja (Figura 1). Il-maġġoranza ta' l-istazzjonijiet mal-kosta fit-tliet ibħra ma juru l-ebda xejra, iżda xi stazzjonijiet juru xejriet ta' żieda jew ta' tnaqqis. Ngħidu aħna, fil-Baħar Baltiku, 11 % ta' l-istazzjonijiet mal-kosta juru żieda fil-konċentrazzjonijiet tal-klorofilla-a u 3 % juru tnaqqis. Dan in-nuqqas ta' xejra ġenerali ċara jindika li l-miżuri biex jitnaqqsu l-kwantità tan-nutrijenti għad ma rnexxilhomx inaqqsu l-effetti tagħhom fuq l-ambjent ta' l-ilma b'mod sinifikanti.

Fl-ilmijiet 'il barra tal-Baħar Baltiku nnifsu u fil-Golf tal-Finlandja, hemm konċentrazzjonijiet medji ta' klorofilla-a li f'wiċċ l-ilma huma għoljin (> 2.8 μg/l) matul is-sajf . Dan aktarx li huwa minħabba cyano-batterji tal-Baħar Baltiku li joktru bla rażan fis-sajf. Konċentrazzjonijiet ta' aktar minn 4 μg/l huma osservati fil-bokok tax-xmajjar u fl-ilmijiet ta' mal-kosta u dawn huma affetwati mix-xmajjar jew mill-ibliet f'xi bnadi tax-xtut ta' l-Iżvezja, ta' l-Estonja, tal-Litwanja, tal-Polonja u tal-Ġermanja.

Fil-Baħar tat-Tramuntana, konċentrazzjonijiet għoljin ta' klorofilla-a (> 5.8 μg/l) jidhru fil-bokka tax-xmara Elbe u fl-ilmijiet max-xtut Belġjani, Olandiżi u Daniżi fejn jinħass l-effett tal-ħruġ ta' materjal mix-xmajjar. Konċentrazzjonijiet għoljin jidhru wkoll fil-Bajja ta' Liverpool fil-Baħar Irlandiż. 'Il barra fil-Baħar tat-Tramuntana u fl-iSkagerrak, il-konċentrazzjonijiet tal-klorofilla-a huma ġeneralment baxxi (inqas minn 1.4 μg/l).

Fil-Baħar Mediterran, 12 % ta' l-istazzjonijiet fl-ilmijiet tal-kosta Taljana juru tnaqqis fil-konċentrazzjonijiet tal-klorofilla-a, waqt li 8 % juru żieda (Figura 1). L-inqas konċentrazzjonijiet (< 0.35 μg/l) huma osservati madwar Sardinja u fl-ilmijiet tal-kosta tan-nofsinhar ta' l-Italja u l-Greċja. Konċentrazzjonijiet ogħla (> 0.6 μg/l) jidhru mal-kosta tal-lvant u tal-punent ta' l-Italja u fil-bajja Griega ta' Saronikos. Jinstabu konċentrazzjonijiet għolja (> 1.95 μg/l) fit-tramuntana ta' l-Adrijatiku u mal-kosta tal-punent ta' l-Italja minn Napli sat-tramuntana ta' Ruma.

Ftit li xejn hemm informazzjoni dwar il-klorofilla-a fil-Baħar l-Iswed. L-informazzjoni disponibbli turi l-ogħla livell (> 1.7 μg/l) fl-ilmijiet ta' l-Ukrajna fil-majjistral tal-Baħar l-Iswed.

## Id-definizzjoni ta' l-indikatur

L-indikatur juri xejriet fil-konċentrazzjonijiet medji tal-klorofilla-a matul is-sajf fil-wiċċ ta' l-ibħra reġjonali ta' l-Ewropa. Il-konċentrazzjoni tal-klorofilla-a hija imfissra bħala mikrogrammi/l fl-ogħla 10 metri tal-kolonna ta' l-ilma matul is-sajf.

Il-perjodu tas-sajf huwa:

- Minn Ġunju sa Settembru għall-istazzjonijiet lejn it-tramuntana tal-latitudni ta' 59 grad fil-Baħar Baltiku (il-Golf tal-Botnija u l-Golf tal-Finlandja);
- Minn Mejju sa Settembru għall-istazzjonijiet l-oħra kollha;

Huma koperti ż-żoni ta' l-ibħra li ġejjin:

- Il-Baltiku: iż-żona ta' Helcom inkluż il-Baħar ta' Belt u l- Kattegat;
- Il-Baħar tat-Tramuntana: il-Baħar il-Kbir tat-Tramuntana ta' l-OSPAR inkluż l-iSkagerrak u l-Kanal Ingliż, iżda mhux il-Kattegat;
- L-Atlantiku: il-grigal ta' l-Atlantiku inklużi l-Ibħra Ċeltiċi, il-Bajja ta' Biscay u l-kosta Iberika;
- Il-Mediterran: il-Baħar Mediterran kollu.

## Il-bażi loġika ta' l-indikatur

L-għan ta' l-indikatur huwa li juri l-effetti tal-miżuri meħuda għat-tnaqqis tal-ħruġ tan-nitroġenu u tal-fosfati fil-konċentrazzjonijiet tal-fitoplankton mal-kosta imkejla bħala klorofilla-a. Dan huwa indikatur ta' l-effetti tan-nutrijenti fuq l-ambjent ta' l-ilma (Ara wkoll CSI 21 Nutrijenti fl-ilmijiet transitorji u fl-ilmijiet tal-kosta u tal-baħar.)

L-effett ewlieni tan-nutrijenti fuq l-ambjent ta' l-ilma huwa t-tkabbir eċċessiv ta' l-algi tal-plankton u dan iżid il-konċentrazzjoni tal-klorofilla-a u l-ammont ta' materja organika li tinżel fil-qiegħ. Il-bijomassa tal-fitoplankton hija mkejla l-aktar bħala l-konċentrazzjoni tal-klorofilla-a fil-parti tal-kolonna ta' l-ilma li tirċievi biżżejjed dawl għall-fotosinteżi. It-tkejjil tal-klorofilla-a huwa inkluż f'ħafna mill-programmi ta' monitoraġġ ta' l-effetti tan-nutrijenti fuq l-ambjent ta' l-ilma, u bħala firxa ġeografika fuq livell Ewropew il-klorofilla-a hija l-aktar indikatur bijoloġiku użat għat-tkejjil ta' dawn l-effetti.

L-effetti negattivi ta' meta joktor wisq il-filoplankton huma 1) bidliet fl-istruttura u l-funzjonijiet ta' l-ispeċi tal-katina ta' l-ikel 'il barra fil-baħar, 2) żieda fil-formazzjoni ta' naqal, u 3) żieda fil-konsum ta' l-ossiġnu li jista' jwassal għal tnaqqis fl-ossiġnu u b'riżultat ta' dan, bidliet fl-istruttura tal-komunità ekoloġika jew il-mewt tal-fawna ta' qiegħ il-baħar.

L-effetti tan-nutrijenti fuq l-ambjent ta' l-ilma jistgħu wkoll iħeġġu lil xi algi biex joktru bla rażan u bi ħsara għall-ambjent, u dan jista' jikkawża bdil fil-kulur ta' l-ilma, il-formazzjoni tar-ragħwa, il-mewt tal-fawna ta' qiegħ il-baħar, il-mewt tal-ħut (kemm selvaġġ kif ukoll dawk fil-gaġeġ) jew l-ivvalenar tal-bniedem mill-frott tal-baħar. L-effett ta' dell ikkawżat miż-żieda fil-bijomassa tal-fitoplankton inaqqas il-firxa fil-fond tal-ħaxix tal-baħar u tal-makroalgi. Il-produzzjoni sekondarja tal-fawna ta' qiegħ il-baħar spiss hija limitata mill-kwantità ta' ikel u dan huwa marbut mad-dħul tal-fitoplankton li jegħreq lejn il-qiegħ, u min-naħa tiegħu, dan ukoll għandu x'jaqsam mal-konċentrazzjoni tal-klorofilla-a.

## Il-kuntest politiku

Hemm numru ta' direttivi ta' l-UE li għandhom l-għan li jnaqqsu l-kwantitajiet u l-impatti tan-nutrijenti. Dawn jinkludu: id-Direttiva tan-Nitrati (91/676/KEE) li għandha l-għan li tnaqqas it-tniġġis min-nitrati fl-art agrikola; id-Direttiva dwar it-Tisfija tad-Drenaġġ (91/271/KEE) li

**Figura 1** **Ix-xejriet tal-konċentazzjonijiet medji tal-klorofilla-a fl-ilmijiet mal-kosta tal-Baħar Baltiku, fil-Mediterran (l-aktar fl-ilmijiet Taljani) u fil-Baħar il-Kbir tat-Tramuntana (l-aktar fil-Baħar tat-Tramuntana tal-lvant u fl-iSkagerrak)**




**Nota:** L-analiżi tax-xejriet huma bbażati fuq is-sensiela ta' kampjuni fuq tul ta' żmien bejn l-1985 u l–2003 għal kull stazzjon ta' monitoraġġ li għandu informazzjoni dwar għallinqas tliet snin għall-perjodu bejn l-1995 u l–2003 u għallinqas 5 snin b'kollox. In-numru ta' l-istazzjonijiet qiegħed fil-parenteżi.

L-informazzjoni għall-Baħar Baltiku (inkluż il-Baħar ta' Belt u l-Kattegat) ittieħdet mid-Danimarka, mill-Finlandja, mil-Litwanja, mill-Iżvezja u mill-Kunsill Internazzjonali għall-Esplorazzjoni ta' l-Ibħra (ICES).

L-informazzjoni dawr il-Mediterran ittieħdet mill-Greċja u mill-Italja.

L-informazzjoni dwar il-Baħar tat-Tramuntana (inkluż l-iSkagerrak) ittieħdet mill-Belġju, mid-Danimarka, min-Norveġja, mill-Iżvezja, mir-Renju Unit u mill-ICES.

Is-sors ta' l-informazzjoni: Is-Servizz tad-data ta' l-EEA, id-data mill-OSPAR, Helcom, ICES u mill-pajjiżi membri ta' l-EEA (www.eea.eu.int).

**Tabella 1 In-numru ta' stazzjonijiet mal-kosta għal kull pajjiż li jew ma juru l-ebda xejra, jew inkella juru xejriet ta' tnaqqis jew ta' żieda fil-konċentrazzjonijiet tal-klorofilla-a fil-wiċċ matul is-sajf**

| Pajjiż | Klorofilla | | | Numru ta' stazzjonijiet |
|---|---|---|---|---|
| | Tnaqqis | L-ebda xejra | Żieda | Total |
| **Iż-żona tal-Baħar Baltiku** | | | | |
| Id-Danimarka | 1 | 31 | 1 | 33 |
| Il-Finlandja | 0 | 2 | 1 | 3 |
| Il-Litwanja | 0 | 3 | 3 | 6 |
| L-ilmijiet ta' barra | 0 | 23 | 1 | 24 |
| L-Iżvezja | 1 | 20 | 2 | 23 |
| | | | | |
| **Il-Mediterran** | | | | |
| Il-Greċja | 0 | 6 | 0 | 6 |
| L-Italja | 28 | 178 | 19 | 225 |
| L-ilmijiet ta' barra | 0 | 1 | 0 | 1 |
| | | | | |
| **Iż-żona tal-Baħar tat-Tramuntana** | | | | |
| Il-Belġju | 0 | 12 | 3 | 15 |
| Id-Danimarka | 0 | 9 | 0 | 9 |
| Ir-Renju Unit | 0 | 3 | 0 | 3 |
| In-Norveġja | 0 | 20 | 0 | 20 |
| L-ilmijiet miftuħin | 0 | 64 | 2 | 66 |
| L-Iżvezja | 0 | 5 | 3 | 8 |

**Nota:** L-analiżi tax-xejriet hija bbażata fuq is-sensiela ta' kampjuni fuq tul ta' żmien bejn l-1985 u l–2003 għal kull stazzjoni ta' monitoraġġ li għandu għallinqas informazzjoni mifruxa fuq tliet snin għall-perjodu bejn l-1995 u l–2003 u għallinqas fuq 5 snin b'kollox (Rif: www.eea.eu.int/coreset).

għandha l-għan li tnaqqas it-tniġġis mit-tisfija tad-dranaġġ u minn ċerti industriji; Id-Direttiva dwar il-Prevenzjoni u l-Kontroll Integrat tat-Tniġġis (96/61/KEE) li għandha l-għan li tikkontrolla u ma tippermettix it-tniġġis ta' l-ilma mill-industrija; u d-Direttiva ta' Qafas għall-Azzjoni tal-Komunità fil-qasam tal-Politika ta' l-Ilma (2000/60/KE) li teħtieġ li jintlaħaq livell ekoloġiku tajjeb jew potenzjal ekoloġiku tajjeb għall-ilmijiet transitorji jew tal-kosta madwar l-UE sa l-2015. Il-Kummissjoni Ewropea qegħda tiżviluppa wkoll Strateġija Tematika dwar il-Protezzjoni u l-Konservazzjoni ta' l-Ambjent tal-Baħar li ser tinkludi l-ibħra ta' barra u t-thedid prinċipali li jiffaċċja l-ambjent, bħall-effetti tan-nutrijenti fuq l-ambjent ta' l-ilma.

Xi miżuri joħorġu wkoll min-numru ta' inizjattivi u linji politiċi internazzjonali li jinkludu: Il-Programm ta' Azzjoni Dinji tal-Ġnus Magħquda għall-Ħarsien ta' l-Ambjent tal-Baħar mill-Attivitajiet ibbażati fuq l-art; il-Pjan ta' Azzjoni għall-Mediterran (MAP) 1975; il-Konvenzjoni ta' Ħelsinki (Helcom) dwar il-protezzjoni ta' l-ambjent marittimu taż-żona tal-Baħar Baltiku 1992; il-Konvenzjoni ta' OSPAR għall-protezzjoni ta' l-ambjent marittimi tal-grigal ta' l-Atlantiku 1998; u l-Programm Ambjentali għall-Baħar l-Iswed (BSEP).

## L-Għanijiet

L-għan ewlieni dwar l-konċentrazzjonijiet tal-klorofilla fl-ilma joħroġ mid-direttiva ta' qafas dwar l-ilma fejn wieħed mit-tiri ambjentali huwa li jintlaħaq stat ekoloġiku tajjeb. Stat ekoloġiku tajjeb ifisser konċentrazzjonijiet/firxiet tal-klorofilla (speċifiċi għat-tip ta' ambjent ta' l-ilma) li jsostnu l-elementi bioloġiċi fi stat tajjeb.

Mhux bilfors li l-konċentrazzjonijiet/firxiet tal-klorofilla, li huma ta' tip speċifiku jkollhom x'jaqsmu ma' konċentrazzjonijiet naturali jew ta' sfond. Il-konċentrazzjonijiet naturali jew ta' sfond tal-klorofilla jvarjaw bejn l-ibħra reġjonali, minn sub-żona għal sub-żona fl-ibħra reġjonali, u bejn tipi ta' ambjenti ta' l-ilma mal-kosta f'sub-żona, jiddependi fuq il-fatturi bħall-kwantità ta' nutrijenti naturali, kemm (bħala ħin) in-nutrijenti jdumu fl-ilma, u l-ċiklu bijoloġiku annwali. Għaldaqstant, il-miri jew il-livelli tal-klorofilla li jinħtieġu biex jinkiseb stat ekoloġiku tajjeb għandhom jiġu stabbiliti fuq skala lokali.

## L-inċertezzi fl-indikatur

Minħabba fatturi li jistgħu ifixklu, bħal varjazzjonijiet fil-ħruġ ta' l-ilma ħelu, il-varjazzjoni idro-ġeografika taż-żona tal-kosta u ċ-ċikli interni tan-nutrijenti fl-ilma, fil-ħlejjaq u fin-naqal, huwa xi drabi diffiċli biex tinstab rabta bejn ix-xejriet tal-konċentrazzjonijiet tal-klorofilla-a u l-miżuri għat-tnaqqis tan-nutrijenti.

It-test Mann-Kendall għall-għarfien tax-xejriet, li jintuża għall-analiżi statistika tad-dati, huwa mudell b'saħħtu u aċċettat. Minħabba d-diversi analiżi tax-xejriet, bejn wieħed u ieħor 5 % tat-testijiet magħmula jidhru sinifikanti jekk, fil-fatt ma jkunx hemm xejra.

L-informazzjoni għal din il-valutazzjoni għadha skarsa meta jitqiesu l-varjazzjonijiet kbar, kemm fuq firxa ta' spazju kif ukoll fuq tul ta' żmien, fl-ilmijiet transitorji, dawk ta' max-xtut u dawk fil-ibħra Ewropej. Meded twal ta' l-ilmijiet tal-kosta Ewropej mhumiex koperti fl-analiżi minħabba n-nuqqas ta' informazzjoni. L-analiżi tax-xejriet huma konsistenti biss għal-lvant tal-Baħar tat-Tramuntana, għaż-żona tal-Baħar Baltiku u għall-ilmijiet mal-kosta Taljana.

# 24 It-tisfija tad-Drenaġġ

## Il-mistoqsija politika ewlenija

Kemm hija effettiva l-politika eżistenti dwar it-tnaqqis tar-rimi ta' nutrijenti u materjal organiku?

## Il-messaġġ prinċipali

Mit-tmeninijiet 'l hawn sar titjib qawwi fit-tisfija tad-drenaġġ f'kull parti ta' l-Ewropa, madankollu l-perċentwali tal-popolazzjoni li għandha komunikazzjoni ma' servizz tat-tisfija ta' drenaġġ fl-Ewropa tan-Nofsinhar u tal-Lvant u fil-pajjiżi ta' adeżjoni hija relattivament baxxa.

## Il-valutazzjoni ta' l-indikatur

Matul dawn l-aħħar għoxrin sena, saru bidliet kbar fil-proporzjon tal-popolazzjoni li huwa mqabbad ma' impjant għat-trattament tad-drenaġġ kif ukoll fit-teknoloġija involuta. It-twettiq tad-direttiva dwar it-tisfija tad-drenaġġ (UWWT) għaġġlet bis-sħiħ din ix-xejra. It-tnaqqis fit-tnixxija fl-Ewropa tal-Lvant (UE-10) u fil-pajjiżi ta' adeżjoni hija minħabba r-riċessjoni ekonomika li tirriżulta fi tnaqqis ta' industriji tal-manifuttura li jniġġsu.

Il-parti l-kbira tal-popolazzjoni fil-pajjiżi Nordiċi hija mqabbda ma' impjanti tat-tisfija tad-drenaġġ bl-ogħla livelli ta' trattament terzjarju, li jneħħi n-nutrijenti (fosfru, jew nitroġenu, jew it-tnejn) u l-materjal organiku b'mod effiċjenti. Aktar minn nofs id-drenaġġ fil-pajjiżi ta' l-Ewropa tal-Lvant jirċievi trattament terzjarju. Bħalissa, madwar nofs biss tal-popolazzjoni fil-pajjiżi tan-Nofsinhar u tal-Lvant u tal-pajjiżi ta' adeżjoni, hija mqabbda ma' xi impjant tat-tisfija tad-drenaġġ, u minn 40 sa 50 % ma' trattament sekondarju jew terzjarju. Dan għaliex il-politika sabiex jitnaqqsu l-effetti tan-nutrijenti fuq l-ambjent ta' l-ilma u biex titjieb il-kwalità ta' l-ilma għall-għawm twettqet qabel fil-pajjiżi tat-Tramuntana u taċ-ċentru milli fil-pajjiżi tan-Nofsinhar u tal-Lvant u f'dawk ta' adeżjoni.

Paragun ma' l-indikatur CSI 19 u CSI 20 juri li dawn il-bidliet fit-trattament tejbu l-kwalità ta' l-ilma tal-wiċċ, inkluż il-kwalità ta' l-ilma għall-għawm, bi tnaqqis fil-konċentrazzjonijiet ta' l-ortofosfati, l-ammonja totali u l-materjal organiku matul dawn l-aħħar għaxar snin. L-Istati Membri għamlu investimenti qawwija sabiex jiksbu dan it-titjib iżda madankollu ħafna minnhom qegħdin lura fit-twettiq tad-direttiva ta' l-UWWT jew qegħdin jinterpretawha b'mod differenti jew b'modi li ma jaqblux ma' l-opinjoni tal-Kummissjoni.

Id-direttiva ta' l-UWWT tesiġi mill-Istati Membri li jidentifikaw mases ta' ilma bħala żoni sensittivi, ngħidu aħna skond ir-riskju ta' effetti tan-nutrijenti fuq l-ambjent ta' l-ilma. Sal-31 ta' Diċembru 1998, kellhom jitħaddmu impjanti għat-tisfija tad-drenaġġ bi trattament terzjarju f'kull belt (jew ġabra ta' bini) li għandha l-ekwivalenti ta' popolazzjoni ta' aktar minn 10 000 ruħ u li tferra' għal ġo ambjent sensittiv. Kif indikat fil-Figura 2, żewġ Stati Membri biss ta' l-UE, id-Danimarka u l-Awstrija, qorbu lejn dawn il-ħtiġijiet tad-direttiva. Il-Ġermanja u l-Olanda indikaw it-territorju sħiħ tagħhom bħala żona sensittiva, iżda ma humiex konformi mal-għan li n-nitroġenu jitnaqqas b' 75 %.

Għal bliet kbar li għandhom l-ekwivalenti ta' popolazzjoni ta' aktar minn 150 000 ruħ, l-Istati Membri kienu mitluba jipprovdu trattament aktar avvanzat minn dak sekondarju sal-31 ta' Diċembru 1998 jekk ikunu jferrgħu għal ġo żoni sensittivi, u għallanqas trattament sekondarju sal-31 ta' Diċembru 2000 għal dawk li jferrgħu għal ġo ilmijiet 'normali'. Madankollu, fl-1 ta' Jannar 2002, 158 mill-526 belt li għandhom l-ekwivalenti ta' popolazzjoni ta' aktar minn 150 000 ma kellhomx il-livell xieraq ta' trattament, u 25 żona mibnija ma kellhom l-ebda trattament, fosthom Milan, Cork, Barċellona u Brighton. Minn dak iż-żmien 'l hawn is-sitwazzjoni tjiebet, sa ċertu punt minħabba rappurtaġġ aktar sħiħ lill-Kummissjoni, u sa ċertu punt minħabba titjib veru fit-trattament. Xi wħud mill-ibliet wettqu l-investimenti meħtieġa matul l-1999–2002, filwaqt li oħrajn qegħdin jaħsbu sabiex ilestu x-xogħol dalwaqt.

Theddida oħra għall-ambjent ġejja mir-rimi ta' ħama tad-drenaġġ fl-impjanti tat-trattament. Iż-żieda fil-proporzjon tal-popolazzjoni mqabbda mat-trattament tad-drenaġġ, kif ukoll fil-livell ta' trattament, twassal għal żieda fil-kwantità ta' ħama tad-drenaġġ. Dan ikun irid jintrema, l-aktar billi jinfirex fuq ħamrija, f'miżbliet jew billi jinħaraq b'mod ikkontrollat. Dawn il-metodi ta' rimi jistgħu jittrasferixxu t-tniġġis mill-ilma għall-ħamrija jew għall-arja u jridu jiġu kkunsidrati fil-proċessi ta' twettiq tal-politika rispettiva.

## Definizzjoni ta' l-indikatur

L-indikatur isegwi s-suċċess tal-politika sabiex jitnaqqas it-tniġġis mid-drenaġġ billi jsegwi x-xejriet fil-perċentwali tal-popolazzjoni mqabbda ma' impjanti ta' trattament primarju, sekondarju jew terzjarju mit-tmeninijiet 'l hawn.

**Figura 1** **Bidliet fit-tisfija tad-drenaġġ f'reġjuni ta' l-Ewropa bejn it-tmeninijiet u l-aħħar tad-disgħinijiet**




**Nota:** Huma inklużi biss il-pajjiżi li għandhom informazzjoni mill-perjodi kollha, u n-numru ta' pajjiżi huwa fil-parenteżi.
Nordiċi: in-Norveġja, l-Iżvezja, il-Finlandja.
Ċentru: l-Awstrija, id-Danimarka, l-Ingilterra u Wales, l-Olanda, il-Ġermanja, l-Iżvizzera.
Nofsinhar: il-Greċja, Spanja.
Lvant: l-Estonja, l-Ungerija u l-Polonja.
Pajjiżi ta' Adeżjoni: il-Bulgarija u t-Turkija.

Is-sors ta' l-informazzjoni: Is-Servizz tad-Dati ta' l-EEA, imsejjes fuq informazzjoni mogħtija mill-Istati Membri lill-OECD/Eurostat, Kwestjonarju konġunt, 2002 (Rif: www.eea.eu.int/coreset).

Il-livell ta' konformità mal-UWWTD huwa indikat bħala perċentwali tal-volum totali għal żona sensittiva minn bliet (jew ġabriet ta' bini) kbar u skond il-livelli tat-trattament ta' drenaġġ fi bliet kbar fl-UE (ġabriet ta' bini bl-ekwivalenti ta' popolazzjoni ta' aktar minn 150 000 ruħ).

## Il-bażi loġika ta' l-indikatur

Id-drenaġġ mid-djar u mill-industrija joħloq pressjoni qawwija fuq l-ambjent ta' ilma minħabba l-volumi ta' materjal organiku u ta' nutrijenti kif ukoll ta' sustanzi perikolużi. B'livelli għolja tal-popolazzjoni f'pajjiżi membri ta' l-EEA jgħixu f'ġabriet urbani, parti sew mid-drenaġġ tinġabar mill-katusi imqabbdin ma' impjanti pubbliċi li jsaffu d-drenaġġ. Il-livell tat-trattament qabel ma d-drenaġġ jintrema u s-sensittività ta' l-ilma li għal ġo fih iseħħ dan ir-rimi jiddeterminaw l-iskala ta' l-impatt fuq l-ekosistemi ta' l-ilma. It-tipi ta' trattamenti u l-konformità mad-direttiva huma meqjusa bħala indikatur alternattivi għal-livell ta' tisfija u għat-titjib potenzjali ta' l-ambjent ta' l-ilma.

It-trattament primarju (mekkaniku) ineħħi parti mis-solidi mqanqla fid-drenaġġ, filwaqt li t-trattament sekondarju (bijoloġiku) juża mikrobi ajrobiċi jew anajrobiċi sabiex

**Figura 2** **Il-perċentwali tal-volum totali f'żona sensittiva, u l-perċentwali tal-volum f'żona sensittiva skond il-pajjiż, li mhumiex skond kif mitlub mid-direttiva ta' l-2001 dwar it-trattament tad-drenaġġ**




**Nota:** Kien hemm bidla fil-metodoloġija għall-Iżvezja bejn l-1995 u l-2000.

Sors ta' l-informazzjoni: DG għall-Ambjent, 2004 (Rif: www.eea.eu.int/coreset).

tinqered il-parti l-kbira tal-materja organika u jinżammu ftit min-nutrijenti (madwar 20–30 %). It-trattament terzjarju (avvanzat) ineħħi l-materja organika b'mod saħansitra aktar effiċjenti. Dan ġeneralment jinkludi ż-żamma tal-fosfru u f'xi każijiet it-tneħħija tan-nitroġenu. It-trattament primarju waħdu ma jneħħi l-ebda ammonju filwaqt li t-trattament sekondarju (bijoloġiku) jneħħi madwar 75 %.

## Il-kuntest politiku u l-għanijiet

Id-Direttiva (UWWTD; 91/271/KEE) dwar it-Trattament tad-Drenaġġ timmira sabiex tħares l-ambjent mill-effetti negattivi tar-rimi tad-drenaġġ. Hija tistabbilixxi l-livell ta' trattament meħtieġ qabel ma jintrema u trid titwettaq b'mod sħiħ fl-UE-15 sa l-2005 u fl-UE-10 sal-2008 -2015.

Id-direttiva tesiġi li l-Istati Membri jipprovdu lill-ġabriet ta' bini kollha bl-ekwivalenti ta' popolazzjoni ta' aktar minn 2000 ruħ b'sistemi ta' ġbir u li d-drenaġġ kollu li jinġabar jingħata t-trattament xieraq sa l-2005. Irid jiġi pprovdut trattament sekondarju (jiġifieri trattament bijoloġiku) għall-ġabriet ta' bini kollha bl-ekwivalenti ta' popolazzjoni ta' aktar minn 2000 ruħ li jferrgħu ġo ilma ħelu, filwaqt li trattament aktar avvanzat (trattament terzjarju) huwa meħtieġ għal rimi f'żoni sensittivi. Sabiex tgħin fit-tnaqqis tat-tniġġis minn għadd ta' sorsi ewlenin, id-direttiva dwar il-prevenzjoni u l-kontroll integrat tat-tniġġis (IPPC – *Integrated Pollution Prevention and Control*), li daħlet fis-seħħ fl-1996, fiha ġabra ta' regoli komuni dwar il-permessi għal stallazzjonijiet industrijali.

Il-kisbiet li saru permezz tad-direttivi ta' l-UWWTD u ta' l-IPPC għandhom jitqiesu bħala parti integrata

**Figura 3** **Numru ta' ġabriet ta' bini bl-ekwivalenti ta' popolazzjoni ta' aktar minn 150 000 ruħ fl-UE-15 skond il-livell ta' trattament, (il-qagħda fl-1 ta' Jannar 2002)**




**Nota:** Is-sors ta' l-informazzjoni: Id-DĠ għall-Ambjent, 2004 (Rif: www.eea.eu.int/coreset).

mill-għanijiet tad-Direttiva ta' Qafas dwar l-Ilma (WFD) li jimmiraw għal stat kimiku u ekoloġiku tajjeb għall-ilmijiet kollha sa l-2015.

Il-Kummissjoni Ewropea rrapportat dwar it-twettiq tad-direttiva dwar it-trattament tad-drenaġġ mill-Istati Membri fl-2002 u l-2004 (http://europa.eu.int/comm/environment/water/water-urbanwaste/report/report.html u http://europa.eu.int/comm/ environment/water/water-urbanwaste/report2/report.html).

## L-Inċertezzi fl-Indikatur

Għall-valutazzjoni li tidher fit-Figura 3, il-pajjiżi ngabru fi gruppi sabiex tintwera l-kontribuzzjoni relattiva fuq bażi statistika akbar u sabiex tingħeleb in-natura mhux sħiħa ta' l-informazzjoni. Ix-xejriet tad-dati u ż-żmien huma l-aktar sħaħ għall-Ewropa ċentrali u għall-pajjiżi Nordiċi u l-anqas sħaħ għall-pajjiżi Ewropej tan-Nofsinhar u l-pajjiżi ta' adeżjoni, bl-eċċezzjoni ta' l-Estonja u l-Ungerija.

L-informazzjoni miksuba mill-UWWTD tiffoka biss fuq il-prestazzjoni ta' l-impjant tat-trattament. Iżda s-sistemi għat-trattament tad-drenaġġ jistgħu jinkludu wkoll sistemi ta' katusi b'bokok mnejn ifur l-ilma żejjed wara l-maltemp u ħażniet li jkunu kumplessi u li l-prestazzjoni sħiħa tagħhom tkun diffiċli biex titqies. Minbarra t-trattamenti li jaqgħu taħt il-UWWTD hemm trattamenti oħra possibbli; dawn huma l-aktar ta' tip industrijali, iżda hemm ukoll trattamenti indipendenti ta' rħula iżgħar 'il barra minn żoni urbani li mhumiex inklużi fir-rapporti ta' l-UWWTD. Il-konformità mal-livelli stabbiliti fid-direttiva għalhekk ma tiggarantix li ma jkun hemm ebda tniġġis minħabba drenaġġ. Għall-finijiet tat-trattamenti indipendenti, intużaw metodoloġiji differenti sabiex titkejjel il-konnettività, ngħidu aħna l-Iżvezja tuża n-numru ta' persuni mqabbda mas-sistema minflok l-"ekwivalenti ta' persuni" ([1]).

([1]) Dan jgħodd għall-kwantitajiet ekwivalenti għal kull ras fl-1985 u fl-1995, filwaqt li għall-2000 u l-2002 intużaw il-kwantitajiet għal kull persuna li hija mqabbda mas-sistema. Abbażi ta' studji dwar il-kundizzjonijiet tad-dranaġġ fl-inħawi rurali, saret din l-assunzjoni għas-sena 2000: Kull min jgħix f'żona urbana huwa mqabbad ma' impjant għat-tisfija tad-dranaġġ (MWWTP). Fost in-nies li ma jgħixux f'żoni urbani, 192 000 ruħ huma mqabbda ma' MWWTP, 70 000 m'għandhom ebda trattament tad-dranaġġ, u l-1 163 000 li jifdal għandhom fosos bioloġiċi. 60 % ta' dawn il-fosos għandhom mill-inqas trattament sekondarju.

# 25 Il-bilanċ nutrittiv totali

## Il-mistoqsija politika ewlenija

L-impatt ambjentali tal-biedja qiegħed jitjieb?

## Il-messaġġ prinċipali

Il-bilanċ gross ta' nutrijenti totali tal-biedja juri jekk id-dħul u l-ħruġ ta' nutrijenti f'kull ettaru humiex f'bilanċ jew le. Bilanċ ta' nutrijenti pożittiv kbir (jiġifieri dak li jidħol ikun akbar minn dak li joħroġ) jindika riskju għoli li n-nutrijenti jiskulaw 'l isfel u mbagħad iniġġsu l-ilma.

II-bilanċ totali ta' nitroġenu fuq il-livell ta' l-UE-15 fl-2000 kien ikkalkulat għal 55 kg/ettaru, li huwa 16 % aktar baxx mill-istima għall-1990, li kienet 66 kg/ettaru. Dan varja minn 37 kg/ettaru (fl-Italja) għal 226 kg/ettaru (fl-Olanda). Il-bilanċi nazzjonali totali kollha ta' nitroġenu wrew tnaqqis bejn l-1990 u l-2000, ħlief għall-Irlanda (żieda ta' 22 %) u Spanja (żieda ta' 47 %). It-tnaqqis ġenerali fil-bilanċi żejda ta' nitroġenu jirriżulta minn tnaqqis żgħir fir-rati tad-dħul ta' nitroġenu (b'1 %) u żieda qawwija fir-rati tal-ħruġ tan-nitroġenu (b'10 %).

- Il-bilanċi nazzjonali, madankollu, jistgħu jaħbu differenzi reġjonali importanti fil-bilanċ nutrittiv totali li jiddetermina r-riskju attwali li n-nitroġenu jiskula 'l isfel fuq il-livell reġjonali jew lokali. Stati Membri individwali jistgħu għalhekk ikollhom livelli ta' nitroġenu totali li kollox ma' kollox ikunu aċċettabbli fuq il-livell nazzjonali iżda xorta jkollhom kwantitajiet qawwija ta' nitroġenu li jiskula 'l isfel f'ċerti reġjuni, ngħidu aħna f'żoni b'konċentrazzjonijiet għoljin ta' bhejjem. Hemm numru ta' reġjuni fl-UE-15 b'densitajiet partikolarment għoljin ta' bhejjem (pereżempju t-tramuntanta ta' l-Italja, il-punent ta' Franza, il-grigal ta' Spanja u partijiet mill-pajjiżi tal-Benelux), li jistgħu jkunu żoni reġjonali "jaħarqu"għal bilanċi totali għolja ta' nitroġenu li jwasslu għall-pressjonijiet ambjentali. Stati Membri b'bilanċi għolja ta' nitroġenu qegħdin jagħmlu sforzi sabiex inaqqsu dawn il-pressjonijiet fuq l-ambjent. Huma jibbażaw fuq firxa ta' strumenti politiċi differenti, u jeħtieġu sforz politiku qawwi sabiex jirnexxu ġaladarba t-tnaqqis fil-produzzjoni tal-bhejjem fiż-żoni milquta għandu konsegwenzi soċjali u ekonomiċi importanti.

## Il-valutazzjoni ta' l-indikatur

- Il-bilanċ tan-nutrijenti totali għan-nitroġenu jagħti ħjiel tar-riskju li n-nutrijenti jiskulaw 'l isfel billi jiġu identifikati żoni agrikoli li għandhom volumi għolja ta' nitroġenu. Billi l-indikatur jiġbor fih l-aktar parametri agrikoli importanti li għandhom x'jaqsmu man-nitroġenu żejjed, bħalissa dan huwa l-aktar wieħed fost l-indikatur disponibbli li jagħti stampa eżatta tal-pressjonijiet agrikoli fuq il-kwalità ta' l-ilma. Bilanċi għolja ta' nutrijenti joħolqu pressjoni fuq l-ambjent billi jżidu r-riskju li n-nitrati jiskulaw 'l isfel għal ġo l-ilma tal-pjan. L-użu ta' fertilizzanti minerali u organiċi jista' jwassal ukoll għal tniġġis fl-atmosfera fil-forma ta' diossidu tan-nitroġenu u ammonja, f'dan l-ordni.

- Il-bilanċi totali tan-nitroġenu huma partikolarment għoljin (jiġifieri aktar minn 100 kg N kull ettaru u kull sena) fl-Olanda, il-Belġju, il-Lussemburgu u l-Ġermanja. Huma partikolarment baxxi fil-biċċa l-kbira tal-pajjiżi tal-Mediterran, u dan huwa marbut mal-produzzjoni tal-bhejjem li kollox ma' kollox hija aktar baxxa f'din il-parti ta' l-Ewropa. Bħalissa mhuwiex possibbli li jingħataw stimi tal-bilanċ totali tan-nitroġenu għall-UE-10 jew għall-pajjiżi ta' adeżjoni, billi d-dati statistiċi rilevanti għadhom qed jinħadmu.

## Definizzjoni ta' l-indikatur

L-indikatur jikkalkula nitroġenu li jista' jkun żejjed fuq art agrikola. Dan isir billi jikkalkula l-bilanċ bejn in-nitroġenu kollu li jintefa' fsistema agrikola u n-nitroġenu mneħħi mis-sistema għal kull ettaru ta' art agrikola.

Iż-żidiet huma magħmulin mill-ammont ta' nitroġenu li jintefa' permezz ta' fertilizzanti minerali u ħmieġ ta' l-annimali kif ukoll min-nitroġenu li jitbiddel mill-ħxejjex, minn depożiti mill-arja, u minn xi sorsi oħra żgħar. In-nitroġenu li joħroġ huwa huwa l-kontenut ta' l-uċuħ tar-raba'li jinħasdu, jew li jinsab f'ħaxix u prodotti li jittieklu mill-bhejjem. Il-ħruġ ta' nitroġenu fl-atmosfera, ngħidu aħna bħala $N_2O$, huwa diffiċli biex tistmah u għalhekk m'huwiex ikkunsidrat.

## Il-bażi loġika ta' l-indikatur

Il-bilanċi tan-nutrijenti u minerali jixħtu dawl fuq ir-rabtiet bejn l-użu tan-nutrijenti fil-biedja, il-bidliet fil-kwalità ta' l-ambjent, u l-użu sostenibbli ta' riżorsi nutrittivi għall-ħamrija. Fdalijiet persistenti jindikaw problemi potenzjali għall-ambjent; filwaqt li nuqqas persistenti jindika problemi potenzjali għas-sostenibbiltà ta' l-agrikoltura. Madankollu, għall-impatti ambjentali, il-fattur determinanti ewlieni huwa d-daqs assolut tal-fdal/

**Figura 1 Il-bilanċ nutrittiv totali fuq livell nazzjonali**




**Nota:** Il-kalkoli ta' l-EEA huma msejsa fuq: l-arei ta' l-uċuh tar-raba' għall-ħsad u l-uċuh għall-għalf ta' annimali (mill-ġabra tad-dati ZPA1 ta' l-Eurostat jew mill-istħarriġ dwar l-istruttura ta' l-irziezet); l-ammont ta' bhejjem (mill-ġabra tad-dati ZPA1 ta' l-Eurostat jew mill-istħarriġ dwar l-istruttura ta' l-irziezet); ir-rati tal-ħmieġ tal-bhejjem (mill-OECD jew mill-ko-effiċjenti medji ta' l-Istati Membri); ir-rati tal-fertilizzanti (EFMA); il-bidla tan-nitroġenu mill-arja (mill-OECD jew mill-ko-effiċjenti medji ta' l-istħarriġ dwar l-istruttura ta' l-irziezet ta' l-Istati Membri); id-depożiti atmosferiċi (EMEP); il-produzzjoni (mill-ġabra tad-dati ZPA1 ta' l-Eurostat jew mill-ko-effiċjenti medji ta' l-Istati Membri).

Is-sors ta' l-informazzjoni: Il-*website* ta' l-OECD (http://webdomino1.oecd.org/comnet/agr/aeiquest.nsf) u l-kalkoli ta' l-EEA.

nuqqas ta' nutrijenti marbut ma' prattiċi lokali ta' ġestjoni tan-nutrijenti fil-biedja u l-kundizzjonijiet agro-ekoloġiċi, fosthom it-tip ta' ħamrija u x-xejriet tat-temp (xita, perjodu veġetattiv, eċċ).

Il-bilanċ ta' nutrijenti totali għan-nitroġenu jagħti ħjiel tar-riskji li n-nutrijenti jiskulaw 'l isfel billi jiġu identifikati żoni agrikoli li għandhom volumi għolja ħafna ta' nitroġenu. Billi l-indikatur jiġbor fih l-aktar parametri agrikoli importanti dwar ammonti żejda ta' nitroġenu, fil-preżent dan huwa l-aħjar kejl possibbli tar-riskju li n-nutrijenti jiskulaw 'l isfel.

## Il-kuntest politiku

Il-bilanċ totali ta' nitroġenu għandu x'jaqsam ma' żewġ direttivi ta' l-UE: id-Direttiva dwar in-Nitrati (91/676/KE) u d-Direttiva ta' Qafas dwar l-Ilma (2000/60/KE). Id-direttiva dwar in-nitrati għandha l-għan ġenerali li 'tnaqqas it-tniġġis ta' l-ilma kkawżat jew imħeġġeġ min-nitrati li ġejjin minn sorsi agrikoli u li tevita aktar tniġġis bħalu' (Art. 1). Ġiet iffissata konċentrazzjoni massima ta' nitrati ta' 50 mg/l bħala l-limitu massimu permissibbli, u d-direttiva tillimita l-użu ta' ħmieġ ta' l-annimali fuq l-art għal 170 kg N/ettaru/sena. Id-Direttiva ta' Qafas dwar l-Ilma tesiġi li l-ilma kostali u dak ġewwieni kollu jilħaq 'qagħda tajba' sa l-2015. Qagħda ekoloġika tajba hija mfissra f'termini ta'

kwalità tal-komunità bijoloġika, karatteristiċi idroloġiċi u karatteristiċi kimiċi. Is-sitt programm ta' azzjoni dwar l-ambjent iħeġġeġ it-twettiq sħiħ kemm tad-direttiva dwar in-nitrati kif ukoll tad-Direttiva ta' Qafas dwar l-Ilma sabiex jinkisbu livelli ta' kwalità ta' l-ilma li ma joħolqux la effetti mhux aċċettabbli fuq saħħet il-bniedem u fuq l-ambjent u lanqas riskji għalihom.

## Inċertezzi fl-indikatur

Il-metodu wżat sabiex jitkejjel il-bilanċ ta' nutrijenti totali sa ċertu punt jeħtieġ stimi esperti ta' relazzjonijiet fiżiċi differenti għall-pajjiż kollu. Madankollu, fir-realtà jista' jkun hemm varjazzjonijiet reġjonali kbar f'xi wħud minn dawn, u għalhekk il-figuri reġjonali jridu jiġu interpretati b'attenzjoni. Qabel ma jitqabblu l-Istati Membri, irridu wkoll inżommu f'moħħna li l-istimi huma msejsa fuq metodoloġija armonizzata, li tista' ma tirriflettix il-partikolaritajiet speċifiċi għall-pajjiż fil-każijiet kollha. Barra dan, il-ko-effiċjenti tan-nitroġenu fornuti mill-Istati Membri jistgħu wkoll ivarjaw b'mod qawwi bejn il-pajjiżi, tant li xi drabi tkun diffiċli biex tispjegaha.

Bħala regola ġenerali, l-informazzjoni dwar in-nutrijenti li jidħlu fis-sistema hija aktar preċiża u affidabbli mill-informazzjoni dwar dak li joħroġ. Il-kalkoli dwar il-ħruġ mhux biss huma msejsa l-aktar fuq statistiċi fuq livell nazzjonali li jiġġebbdu għal-livell reġjonali, iżda n-nuqqas ta' informazzjoni (li tista' toqgħod fuqha) dwar il-magħlef u l-ħaxix miġbur iżid element ieħor ta' inċertezza għall-figuri. Billi din l-inċertezza tissokta sal-bilanċ totali tan-nitroġenu, wieħed irid jieħu l-istess prekawzjonijiet qabel ma joħroġ xi konklużjonijiet mir-riżultati tal-bilanċ totali tan-nitroġenu. Madankollu, l-indikatur huwa strument tajjeb sabiex jiġu identifikati żoni agrikoli esposti għal riskju li n-nutrijenti jiskulaw 'l isfel.

L-oqsma fejn il-ġabriet tad-dati statistiċi mhumiex żviluppati biżżejjed jinkludu l-istatistiċi dwar il-fertilizzanti organiċi, l-istatistiċi dwar l-oqsma li jinħadmu għal prodotti sekondarji, l-istatistiċi dwar iż-żrieragħ u l-materjal ieħor għat-tħawwil, u l-istatistiċi għall-produzzjoni mhux kummerċjali u l-fdalijiet.



# 26 Art użata għall-biedja organika

## Il-mistoqsija politika ewlenija

X'inhuma x-xejriet ewlenin fis-sistemi ta' produzzjoni agrikola li jolqtu l-ambjent?

## Il-messaġġ prinċipali

Is-sehem tal-biedja organika qiegħed jikber b'mod qawwi u bħalissa jokkupa madwar 4 % ta' l-art agrikola ta' l-UE-15 u tal-pajjiżi ta' l-EFTA. Il-programmi agro-ambjentali ta' l-UE u d-domanda mill-konsumaturi kienu fatturi ewlenin li wasslu għal din iż-żieda qawwija. Is-sehem ta' l-art organika għadu ferm aktar baxx minn 1 % f'ħafna mill-Istati Membri ta' l-UE-10 u fil-pajjiżi ta' adeżjoni.

## Il-valutazzjoni ta' l-indikatur

- Is-sehem tal-biedja organika huwa ferm ogħla f'pajjiżi tat-tramuntana u taċ-ċentru ta' l-Ewropa milli f'partijiet oħra ta' l-Ewropa — ħlief l-Italja. Barra minn hekk, hemm differenza reġjonali qawwija f'dan is-sehem fi ħdan pajjiżi individwali. Għall-kuntrarju, is-sehem tal-biedja organika huwa tassew baxx f'ħafna mill-pajjiżi ta' l-UE-10 u dawk ta' adeżjoni. Kollox ma' kollox, id-distribuzzjoni tidher li hija influwenzata minn domanda mill-konsumatur għal prodotti organiċi u s-sostenn tal-gvern permezz ta' skemi agro-ambjentali u miżuri oħra.
- Reċensjonijiet riċenti ta' dokumentazzjoni jipprovdu tagħrif dwar l-impatti ambjentali tal-biedja organika meta mqabbla ma' sistemi tradizzjonali ta' ġestjoni iżda r-riżultati mhumiex dejjem ċari ħafna. Il-vantaġġi ambjentali tal-biedja organika huma dokumentati bl-aktar mod ċar għall-bijodiversità kif ukoll għall-ħarsien ta' l-ilma u l-ħamrija. Madankollu, m'hemm l-ebda evidenza ċara ta' tnaqqis fil-ħruġ ta' gassijet b'effett ta' serra. Il-biedja organika aktarx li jkollha impatt ambjentali aktar pożittiv f'żoni b'attività agrikola qawwija milli f'żoni b'sistemi ta' kontribut baxx fil-biedja. S'issa l-introduzzjoni tal-biedja organika hija kkonċentrata f'żoni mifruxa ta' artijiet bil-ħaxix fejn huma meħtieġa anqas bidliet sabiex wieħed jaqleb għall-biedja organika milli f'żoni ddominati mill-biedja intensiva, fejn il-vantaġġi jkunu akbar.

## Definizzjoni ta' l-indikatur

Is-sehem ta' l-area tal-biedja organika (total ta' żoni ta' biedja organika u żoni fil-proċess li jinqalbu għall-biedja organika) bħala perċentwali ta' l-area agrikola totali utilizzata (UAA).

Il-biedja organika tista' tiġi mfissra bħala sistema ta' produzzjoni li tagħti importanza kbira lill-ħarsien ambjentali u l-benesseri ta' l-annimali billi tnaqqas jew telimina l-użu ta' ħlejjaq li huma mibdulin ġenetikament (OĠM) u kimiċi sintetiċi bħal fertilizzanti, pestiċidi u promoturi/regolaturi tat-tkabbir. Minflok, il-bdiewa organiċi jippromwovu l-użu ta' prattiċi kulturali għall-ġestjoni ta' l-agro-ekosistemi u għat-tkabbir tal-ħxejjex u tal-bhejjem. Il-qafas legali għall-biedja organika fl-UE huwa regolat skond ir-Regolament 2092/91 tal-Kunsill u l-emendi li sarulu.

## Il-bażi loġika ta' l-indikatur

Il-biedja organika hija sistema li ġiet żviluppata apposta sabiex tkun sostenibbli għall-ambjent, u hija kkontrollata b'regoli ċari li jistgħu jiġu verifikati. Tidher għalhekk aktar adattata sabiex jiġu identifikati prattiċi ta' biedja li jgħinu 'l-ambjent meta mqabbla ma' tipi oħra ta' biedja li wkoll iqisu l-ħtiġijiet ambjentali, fosthom il-biedja integrata.

Il-biedja tiġi biss ikkunsidrata bħala organika fuq il-livell ta' l-UE jekk tkun skond ir-Regolament 2092/91 (KEE) tal-Kunsill (u l-emendi li sarulu). F'dan il-qafas, il-biedja organika tingħaraf minn metodi oħra ta' produzzjoni agrikola permezz ta' l-applikazzjoni ta' kriterji obbligatorji (regoli tal-produzzjoni), il-proċeduri ta' ċertifikazzjoni (skemi obbligatorji ta' spezzjonijiet) u permezz ta' skema apposta ta' tikketti, li twassal għall-eżistenza ta' suq partikolari, sa ċertu punt maqtugħ mill-ikel li mhux organiku.

## Il-kuntest politiku

Il-biedja organika għandha l-għan li tistabbilixxi sistemi ta' produzzjoni agrikola sostenibbli għall-ambjent. Il-qafas legali tagħha huwa stabbilit skond ir-Regolament 2092/91 tal-Kunsill u l-emendi li sarulu. L-użu tal-biedja organika minn bdiewa individwali hija sostnuta permezz ta' skemi

**Figura 1** **L-area ta' biedja organika fl-Ewropa**




**Nota:** Is-sors ta' l-informazzjoni: L-Istitut tax-Xjenzi Rurali ta' l-Università ta' *Wales*, f'Aberystwyth (Rif: www.eea.eu.int/coreset).

ta' ħlas agro-ambjentali u miżuri oħra ta' żvilupp rurali fuq il-livell ta' l-Istati Membri. Fl-2004 il-Kummissjoni Ewropea ppubblikat 'Pjan ta' Azzjoni Ewropew għall-Biedja u l-Ikel Organiku' (KUMM(2004)415 finali) sabiex tressaq 'il quddiem dan il-metodu ta' biedja dejjem aktar.

M'hemm l-ebda miri partikolari ta' l-UE dwar is-sehem tal-biedja organika bħala area ta' art. Madankollu, għadd ta' Stati Membri ta' l-UE diġà stabbilew miri għal dan, li spiss huma bejn 10 % u 20 % sa l-2010.

## Inċertezzi fl-indikatur

L-eżattezza ta' l-informazzjoni dwar il-biedja organika tvarja xi ftit bejn pajjiż u ieħor u tinkludi stimi proviżorji. Madankollu, l-informazzjoni disponibbli hija meqjusa bħala waħda rappreżentattiva ħafna u li tista' tiġi mqabbla ([1]). F'xi pajjiżi, is-sehem tal-biedja organika għadu pjuttost baxx u jillimita l-possibilità ta' identifikazzjoni ta' xejriet nazzjonali li jistgħu ma jkunux sinifikanti mil-lenti Ewropea.

([1]) Wieħed għandu jinnota li l-art użata għall-biedja organika fl-Iżvezja tinkludi sehem kbir ta' art bil-ħaxix li mhijiex ċertifikata skond ir-Regolament 2092/91 iżda li hija maħduma skond id-dispożizzjonijiet tiegħu.

**Figura 2 Is-sehem ta' l-area ta' biedja organika mqabbel ma' l-area totali agrikola użata**




**Nota:** Is-sors ta' l-informazzjoni: L-Istitut tax-Xjenzi Rurali ta' l-Università ta' *Wales*, f'Aberystwyth (Rif: www.eea.eu.int/coreset).

**Tabella 1 L-Għanijiet ta' l-Istati Membri għas-sehem tal-biedja organika**

| Stat Membru | Titlu tal-Programm | Immirat għas-sena... | Mira |
|---|---|---|---|
| UE | Pjan Ewropew ta' Azzjoni dwar l-Ikel Organiku u l-Biedja (2004) | Ebda sena | Jistabbilixxi 21 azzjoni ewlenija dwar is-suq ta' l-ikel organiku, il-politika pubblika, *standards* u spezzjonijiet |
| L-Awstrija | Aktionsprogramm Biologische Landwirtschaft 2003–2004 | 2006 | Ta' l-anqas 115 000 ettaru ta' art maħduma fl-2005 (~ 8 % ta' l-art maħduma)* |
| Il-Belġju | 'Vlaams actieplan biologische landbouw' — Pjan ta' Azzjoni għall-Fjammingi (2000–2003) | 2010 | 10 % ta' l-art agrikola sa l-2010 |
| Il-Ġermanja | 'Bundesprogramm Ökologischer Landbau' (2000) | 2010 | 20 % ta' l-art agrikola sa l-2010 |
| L-Olanda | 'Tkabbir u tkattir tas-suq organiku' (2001–2004) | 2010 | 10 % ta' l-art agrikola sa l-2010 |
| L-Iżvezja | Pjan ta' Azzjoni (1999) | 2005 | 20 % ta' l-art agrikola sa l-2005 10 % tal-baqar/gniedes/ħrief kollha |
| Ir-Renju Unit | 'Pjan ta' Azzjoni għall-Iżvilupp ta' ikel organiku u biedja organika fl-Ingilterra — sentejn wara' (2004) | 2010 | Is-sehem tar-Renju Unit fis-suq tal-prodotti ta' l-ikel organiku għandu jkun ta' 70 % sa l-2010 |

* Fl-Awstrija, is-sehem li huwa taħt produzzjoni organika huwa akbar fil-każ ta' art bil-ħaxix, milli fil-każ ta' art maħduma; għalhekk il-programm huwa mmirat aktar lejn l-art maħduma.

Nuqqas li nsibu fil-ġabra tad-dati li ntużat huwa li l-aġġornament tagħha jiddependi fuq l-appoġġ u l-iffinanzjar tar-riċerka minn għaqdiet tal-biedja organika.



# 27 Il-konsum finali ta' enerġija skond is-settur

## Il-mistoqsija politika ewlenija

Qegħdin nużaw anqas enerġija?

## Il-messaġġ prinċipali

Il-konsum finali ta' enerġija fl-UE-25 żdied b'madwar 8 % fil-perjodu bejn l-1990 u l-2002. It-trasport kien l-aktar settur li kiber malajr mill-1990 'l hawn u issa huwa l-akbar konsumatur ta' enerġija finali.

## Il-valutazzjoni ta' l-indikatur

Il-konsum finali ta' enerġija fl-UE-25 żdied b'madwar 8 % bejn l-1990 u l-2002, biex sa ċertu punt patta għat-tnaqqis fl-impatt ambjentali tal-produzzjoni ta' enerġija li nkisbu permezz tal-bidliet fit-taħlitiet ta' karburanti u permezz ta' żviluppi teknoloġiċi. Bejn l-2001 u l-2002, il-konsum finali ta' l-enerġija naqas b'1.4 punti perċentwali, dovuti l-aktar għal tnaqqis fis-settur domestiku minħabba li t-tisħin kien inqas meħtieġ peress li t-temperaturi kienu ogħla min-normal matul l-2002.

L-istruttura tal-konsum finali ta' enerġija għaddiet minn bidliet qawwija f'dawn l-aħħar snin. It-trasport kien l-aktar settur li kiber malajr fl-UE-25 bejn l-1990 u l-2002, bil-konsum finali ta' enerġija jiżdied b'24.3 %. Il-konsum finali ta' enerġija mis-servizzi (inkluż mill-biedja) u mid-djar kiber b'10.2 % u 6.5 % rispettivament filwaqt li l-konsum finali ta' enerġija fis-settur industrijali niżel b'7.7 % matul l-istess perjodu. Dawn l-iżviluppi fissru li sa l-2002, it-trasport kien l-akbar konsumatur ta' l-enerġija finali, segwit mill-industrija, id-djar u s-servizzi.

Il-bidliet fl-istruttura tal-konsum finali ta' enerġija kienu xprunati mit-tkabbir mgħaġġel ta' firxa wiesgħa ta' oqsma tas-servizzi u miċ-ċaqliqa lejn industriji tal-manifattura li jikkunsmaw anqas enerġija. L-iżvilupp tas-suq intern wassal għal trasport akbar ta' merkanzija hekk kif il-kumpaniji jisfruttaw il-vantaġġi kompetittivi ta' reġjuni differenti. Dħul personali ogħla ppermetta livelli ogħla ta' għixien, li wassal għal żidiet fl-għadd ta' karozzi privati u apparat domestiku. Livelli ogħla ta' kumdità, riflessi f'domanda akbar għat-tisħin u t-tkessiħ ta' bini, ukoll taw sehemhom għal konsum finali ogħla ta' enerġija.

Hemm differenzi ċari fil-mudell tal-konsum finali ta' enerġija bejn l-UE-15 ta' qabel l-2004 u l-Istati Membri ta' l-UE-10. L-UE-10 rat tnaqqis fil-konsum finali ta' enerġija l-aktar minħabba ristrutturazzjoni ekonomika li segwiet il-bidliet politiċi tal-bidu tad-disgħinijiet. Madankollu, meta l-ekonomija ta' dawn il-pajjiżi irkuprat, il-konsum finali ta' l-enerġija mill-2000 'l hawn żdied daqsxejn.

## Definizzjoni ta' l-indikatur

Il-konsum finali ta' l-enerġija jkopri l-enerġija fornuta lill-konsumatur aħħari għall-użi kollha ta' enerġija, u jinħadem bħala t-total tal-konsum finali ta' enerġija għas-setturi kollha. Dawn jinqasmu sabiex ikopru l-industrija, it-trasport, id-djar, is-servizzi u l-biedja.

L-indikatur jista' jiġi ppreżentat b'mod assolut jew relattiv. Il-kontribut relattiv ta' settur partikolari jitkejjel permezz tal-proporzjon bejn il-konsum finali ta' enerġija għal dak is-settur u l-konsum finali ta' enerġija mkejjel għal sena kalendarja. Dan huwa indikatur siewi li juri l-ħtiġijiet ta' pajjiż skond id-domanda finali għall-enerġija minn kull settur. Peress li s-sehem ta' kull settur jiddependi fuq iċ-ċirkostanzi ekonomiċi tal-pajjiż, it-tqabbil bejn l-ishma ta' pajjiżi differenti ma jfisser xejn jekk miegħu ma jkunx hemm kejl xieraq ta' l-importanza tas-settur fl-ekonomija. Peress li l-attenzjoni qiegħda fuq it-tnaqqis fil-konsum totali ta' enerġija u mhux fuq it-tqassim mill-ġdid ta' dan il-konsum, ix-xejriet fil-valuri assoluti (f'eluf ta' tunnellati ta' materjal ekwivalenti għaż-żejt) għandhom ikunu ppreferuti bħala indikatur aktar validu tal-progress.

## Il-bażi loġika ta' l-indikatur

Ix-xejra tal-konsum finali skond is-settur tagħti ħjiel ġenerali tal-progress li sar fit-tnaqqis tal-konsum ta' l-enerġija u ta' l-impatti ambjentali li huma marbutin mas-setturi differenti (it-trasport, l-industrija, is-servizzi u d-djar). Din tista' tintuża sabiex tgħin fil-monitoraġġ tas-suċċess tal-miżuri politiċi ewlenin li jipprovaw jinfluwenzaw il-konsum ta' l-enerġija u l-effiċjenza f'dan il-qasam.

Il-konsum finali ta' l-enerġija jgħin sabiex tiġi kkalkulata l-iskala ta' l-impatti ambjentali ikkaġunati mill-użu ta' enerġija, bħal ngħidu aħna t-tniġġis ta' l-arja, it-tisħin dinji u t-tniġġis biż-żejt. It-tip u l-qies tal-pressjonijiet fuq l-ambjent marbuta ma' l-enerġija jiddependu kemm fuq is-sorsi ta' l-enerġija (u kif dawn jintużaw) kif ukoll fuq l-ammont totali ta' enerġija kkunsmata. Għaldaqstant, mod wieħed kif jitnaqqas l-piż fuq l-ambjent dovut għall-użu ta' l-enerġija huwa billi tintuża anqas enerġija. Dan jista' jseħħ billi jitnaqqas il-konsum minn attivitajiet marbutin ma' l-enerġija (ngħidu aħna għat-tisħin, il-mobilità personali

**Figura 1 Il-konsum finali ta' enerġija skond is-settur, fl-UE-25**




**Nota:** Is-sors ta' l-informazzjoni: L-Eurostat (Rif: www.eea.eu.int/coreset).

jew trasport ta' merkanzija), jew billi l-enerġija tintuża b'mod aktar effiċjenti (biex hekk tintuża anqas enerġija għal kull unità ta' domanda), jew b'taħlita tat-tnejn.

## Il-kuntest politiku

It-tnaqqis fil-konsum finali ta' enerġija għandu jitqies fil-kuntest ta' l-għan li fl-UE-15 il-ħruġ ta' gassijet b'effett ta' serra jitnaqqsu bi 8 % sa l-2008–2012 meta mqabblin mal-livelli ta' l-1990 u fil-kuntest ta' għanijiet individwali għall-maġġoranza ta' l-UE-10 kif miftiehem fl-1997 taħt il-Protokoll ta' Kyoto (tal-konvenzjoni ta' qafas tal-Ġnus Magħquda dwar il-bidla fil-klima), u tat-titjib fis-sigurtà tal-provvista ta' l-enerġija.

Il-Pjan ta' Azzjoni sabiex Tittejjeb l-Effiċjenza fl-Enerġija fil-Komunità Ewropea (KUMM(2000)247 Finali) jippreżenta firxa wiesgħa ta' linji politiċi u miżuri maħsuba sabiex jeliminaw ix-xkiel għall-effiċjenza fil-qasam ta' l-enerġija. Dan ikompli fuq il-Komunikazzjoni (KUMM(98)246 Finali) 'L-effiċjenza fil-qasam ta' l-enerġija fil-Komunità Ewropea — lejn strateġija għall-użu razzjonali ta' l-enerġija' (appoġġjata permezz tar--Riżoluzzjoni 98/C 394/01 tal-Kunsill dwar l-effiċjenza ta' l-enerġija fil-Komunità Ewropea). Il-pjan ippropona mira indikattiva għall-UE li tnaqqas l-intensità finali ta' l-enerġija b'1 % fis-sena aktar minn 'dak li kieku kien jinkiseb matul il-perjodu bejn l-1998 u l-2010'.

## Tabella 1 Il-konsum finali ta' enerġija skond il-pajjiż

| | Konsum finali ta' enerġija (1 000 TOE) 1990–2002 | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | **1990** | **1995** | **1996** | **1997** | **1998** | **1999** | **2000** | **2001** | **2002** |
| **ŻEE** | 1 108 173 | 1 116 435 | 1 168 855 | 1 156 256 | 1 164 531 | 1 169 296 | 1 174 172 | 1 198 205 | 1 187 846 |
| **UE-25** | 1 002 778 | 1 023 541 | 1 065 662 | 1 056 682 | 1 066 852 | 1 069 130 | 1 068 965 | 1 096 900 | 1 082 742 |
| **UE-15 qabel l-2004** | 858 290 | 895 951 | 933 514 | 926 098 | 942 069 | 947 238 | 950 282 | 972 694 | 959 928 |
| **UE-10** | 151 657 | 127 590 | 132 148 | 130 581 | 124 781 | 121 891 | 118 683 | 124 206 | 122 815 |
| **L-Awstrija** | 18 595 | 20 358 | 21 976 | 21 580 | 22 256 | 21 855 | 22 280 | 24 583 | 24 990 |
| **Il-Belġju** | 31 277 | 34 489 | 36 383 | 36 529 | 37 092 | 36 931 | 36 922 | 37 211 | 35 816 |
| **Il-Bulgarija** | 16 041 | 11 402 | 11 520 | 9 247 | 9 772 | 8 782 | 8 485 | 8 532 | 8 621 |
| **Ċipru** | 1 264 | 1 409 | 1 458 | 1 461 | 1 531 | 1 575 | 1 634 | 1 689 | 1 647 |
| **Ir-Repubblika Ċeka** | 36 678 | 25 405 | 25 612 | 25 566 | 24 323 | 23 167 | 24 114 | 24 131 | 23 829 |
| **Id-Danimarka** | 13 797 | 14 736 | 15 322 | 14 955 | 14 997 | 14 933 | 14 608 | 14 947 | 14 708 |
| **L-Estonja** | 6 002 | 2 648 | 2 895 | 2 962 | 2 609 | 2 355 | 2 362 | 2 516 | 2 586 |
| **Il-Finlandja** | 21 634 | 22 227 | 22 478 | 23 484 | 24 172 | 24 637 | 24 555 | 24 739 | 25 489 |
| **Franza** | 135 709 | 141 243 | 148 621 | 145 654 | 150 829 | 150 719 | 151 624 | 158 652 | 152 686 |
| **Il-Ġermanja** | 227 142 | 222 342 | 230 895 | 226 131 | 224 450 | 219 934 | 213 270 | 215 174 | 210 485 |
| **Il-Greċja** | 14 534 | 15 811 | 16 870 | 17 257 | 18 159 | 18 157 | 18 508 | 19 112 | 19 497 |
| **L-Ungerija** | 18 751 | 15 155 | 15 863 | 15 160 | 15 274 | 15 853 | 15 798 | 16 400 | 16 915 |
| **L-Iżlanda** | 1 602 | 1 660 | 1 726 | 1 753 | 1 819 | 1 953 | 2 057 | 2 071 | 2 152 |
| **L-Irlanda** | 7 265 | 7 910 | 8 229 | 8 655 | 9 308 | 9 835 | 10 520 | 10 932 | 11 038 |
| **L-Italja** | 106 963 | 113 563 | 114 339 | 115 335 | 118 451 | 123 073 | 123 005 | 125 625 | 125 163 |
| **Il-Latvja** | 3 046 | 2 845 | 3 118 | 2 930 | 2 688 | 2 755 | 2 913 | 3 642 | 3 620 |
| **Il-Litwanja** | 9 423 | 4 097 | 3 931 | 3 930 | 4 340 | 3 954 | 3 639 | 3 778 | 3 902 |
| **Il-Lussemburgu** | 3 325 | 3 148 | 3 235 | 3 224 | 3 183 | 3 341 | 3 544 | 3 689 | 3 732 |
| **Malta** | 332 | 435 | 505 | 548 | 529 | 551 | 522 | 445 | 445 |
| **L-Olanda** | 42 632 | 47 431 | 51 413 | 49 103 | 49 307 | 48 470 | 49 745 | 50 775 | 50 641 |
| **In-Norveġja** | 16 087 | 16 854 | 17 669 | 17 466 | 18 187 | 18 659 | 18 087 | 18 561 | 18 125 |
| **Il-Polonja** | 59 574 | 63 414 | 66 189 | 65 312 | 60 377 | 58 843 | 55 573 | 56 196 | 54 418 |
| **Il-Portugall** | 11 208 | 13 042 | 13 863 | 14 550 | 15 421 | 15 982 | 16 937 | 18 069 | 18 342 |
| **Ir-Rumanija** | 33 251 | 25 187 | 30 410 | 27 702 | 25 012 | 21 611 | 22 436 | 22 742 | 23 247 |
| **Is-Slovakkja** | 13 219 | 8 242 | 8 218 | 8 242 | 8 838 | 8 486 | 7 605 | 10 883 | 10 864 |
| **Is-Slovenja** | 3 368 | 3 940 | 4 359 | 4 470 | 4 272 | 4 352 | 4 523 | 4 526 | 4 589 |
| **Spanja** | 56 647 | 63 536 | 65 259 | 67 986 | 71 750 | 74 378 | 79 411 | 83 221 | 85 379 |
| **L-Iżvezja** | 30 498 | 33 679 | 34 603 | 34 119 | 34 251 | 34 076 | 34 532 | 33 132 | 33 668 |
| **It-Turkija** | 31 245 | 37 791 | 41 868 | 43 409 | 42 891 | 49 162 | 54 142 | 49 399 | 52 958 |
| **Ir-Renju Unit** | 137 064 | 142 436 | 150 028 | 147 536 | 148 443 | 150 917 | 150 821 | 152 833 | 148 294 |

**Nota:** It-TOE jirreferi għat-tunnellati ta' materjal ekwivalenti għaż-żejt. Ma hemm l-ebda informazzjoni disponibbli mill-Eurostat dwar l-enerġija fil-każ tal-Liechtenstein.

Is-sors ta' l-informazzjoni: L-Eurostat (Rif: www.eea.eu.int/coreset).

Il-proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-Effiċjenza fl-Użu Finali ta’ l-Enerġija u s-Servizzi ta’ l-Enerġija (KUMM(2003)739) timmira lejn tkabbir fl-użu ta’ l-enerġija bi profitt u effiċjenti fl-UE billi tħeġġeġ miżuri ta’ effiċjenza fl-enerġija u tippromwovi s-suq għas-servizzi ta’ l-enerġija. Hija tirrakkomanda li l-Istati Membri jħaddnu u jilħqu l-għanijiet stabbiliti għat-tnaqqis ta’ 1 % aktar ta’ l-enerġija wżata qabel kull sena — dan ifisser 1 % ta’ l-ammont annwali medju ta’ l-enerġija li tiqassam jew tinbiegħ lill-konsumaturi aħħarin fil-ħames snin ta’ qabel — permezz ta’ effiċjenza akbar fil-qasam ta’ l-enerġija għal perjodu ta’ sitt snin. Fis-sitt sena, il-konsum finali ta’ l-enerġija mbagħad ikun 6 % anqas minn dak li kien ikun mingħajr il-miżuri ta’ effiċjenza. It-tnaqqis għandu jiġi rreġistrat f’dawn is-setturi: id-djar, il-biedja, il-kummerċ u s-settur pubbliku, it-trasport (għajr it-trasport bl-ajru u bil-baħar), u l-industrija (għajr l-industrija li għandha konsum qawwi ta’ enerġija).

Il-Karta l-Ħadra riċenti dwar l-Effiċjenza fil-qasam ta’ l-Enerġija (KUMM(2005)265 finali) ssostni li kollox ma’ kollox, sa l-2020, tista’ tkun iffrankata sa 20 % ta’ l-enerġija b’mod li huwa finanzjarjament effiċjenti. Din timmira li jiġu identifikati dawn l-għażliet effiċjenti u li tinfetaħ diskussjoni dwar kif jistgħu jintlaħqu.

## Inċertezzi fl-indikatur

Tradizzjonalment l-informazzjoni ngħabret mill-Eurostat permezz tal-kwestjonarji annwali konġunti (użati mill-Eurostat u mill-Aġenzija Internazzjonali għall-Enerġija), wara metodoloġija stabbilita u armonizzata. L-informazzjoni tgħaddi għand l-Eurostat b’mod elettroniku, permezz ta’ grupp komuni ta’ Tabelli, u mbagħad tkun ittrattata sabiex jinstabu inkonsistenzi u tiddaħħal f’bażi tad-dati. Normalment ma jkunux meħtieġa stimi għaliex l-informazzjoni annwali tkun sħiħa.

L-analiżi statistika mqassma skond is-setturi tal-konsum finali ta’ enerġija tinkludi l-industrija, it-trasport, id-djar, is-servizzi, il-biedja, l-industrija tas-sajd u setturi oħra. Ix-‘Xejriet Ewropej għall-enerġija u t-trasport sa l-2030’ li sar għad-DĠ għall-Enerġija u t-Trasport tal-Kummissjoni Ewropea jiġbor il-biedja, l-industrija tas-sajd u setturi oħra flimkien mas-settur tas-servizzi, u l-istimi huma msejsa fuq din il-ġabra. Sabiex wieħed ikun konsistenti ma’ dawn l-istimi, l-indikatur tal-grupp ewlieni juża l-istess ġabra. Madankollu, il-ġbir tal-biedja u l-industrija tas-sajd mas-settur tas-servizzi tqnqal dubji minħabba x-xejriet diverġenti tagħhom. Għalhekk, fejn ikun meħtieġ, isiru valutazzjonijiet separati.

Paragun sempliċi tad-distribuzzjoni relattiva tal-konsum totali ta’ l-enerġija bejn is-setturi (jiġifieri l-konsum ta’ enerġija minn kull settur bħala perċentwali tat-total għas-setturi kollha) bejn pajjiżi differenti ma jfisser xejn jekk ma jkunx hemm ukoll ħjiel dwar l-importanza ta’ dawn is-setturi fl-ekonomija tal-pajjiż. Madankollu, anki jekk l-istess setturi f’żewġ pajjiżi jkollhom l-istess importanza għall-ekonomija, il-konsum kollu (primarju) ta’ l-enerġija li tkun meħtieġa qabel ma din tasal għand l-utent aħħari jista’ jinkiseb minn sorsi ta’ enerġija li jniġġsu l-ambjent. Għalhekk, minn lenti ambjentali, il-konsum finali ta’ l-enerġija tas-settur trid tkun analizzata f’dak il-kuntest usa’. Barra minn hekk, it-tnaqqis fil-konsum totali ta’ l-enerġija f’xi settur jista’ jwassal għal piż akbar fuq l-ambjent jekk it-tnaqqis nett fl-użu ta’ enerġija f’dak is-settur iwassal għal żieda netta fl-użu ta’ enerġija f’xi settur ieħor jew jekk ikun hemm qlib għal sorsi ta’ enerġija li jagħmlu aktar ħsara lill-ambjent.

# 28 L-intensità totali ta' l-enerġija

## Il-mistoqsija politika ewlenija

Qegħdin nifirdu l-konsum ta' enerġija mit-tkabbir ekonomiku?

## Il-messaġġ prinċipali

It-tkabbir ekonomiku qiegħed jitlob anqas żiediet fil-konsum ta' enerġija, l-aktar minħabba bidliet strutturali fl-ekonomija. Madankollu, il-konsum totali ta' enerġija għadu jiżdied.

## Il-valutazzjoni ta' l-indikatur

Il-konsum totali ta' l-enerġija fl-UE-25 żdied b'rata medja ta' ftit anqas minn 0.7 % kull sena bejn l-1990 u l-2002, filwaqt li huwa stmat li l-prodott gross domestiku (PGD) kiber b'rata medja ta'2 % kull sena. Minħabba dan, l-intensità totali ta' l-eneġija fl-UE-25 naqset b'rata medja ta' 1.3 % fis-sena. Minkejja din il-firda relattiva bejn il-konsum totali ta' enerġija u t-tkabbir ekonomiku, il-konsum totali ta' enerġija żdied bi 8.4 % matul l-istess żmien.

Il-pajjiżi kollha ta' l-UE-25 ħlief il-Portugall, Spanja u l-Latvja esperjenzaw tnaqqis fl-intensità totali ta' enerġija bejn l-1990 u l-2002. It-tnaqqis medju fis-sena kien ta' 3.3 % fl-UE-10 u ta' 1 % fil-15-il Stat Membru ta' l-UE ta' qabel l-2004. Minkejja din ix-xejra konverġenti, l-intensità totali ta' enerġija fl-UE-10 fl-2002 xorta kienet notevolment ogħla milli fl-Istati Membri ta' l-UE-15.

Ħafna mit-tnaqqis fl-intensità totali ta' l-enerġija seħħ minħabba bidliet strutturali fl-ekonomija. Dawn kienu jinkludu ċ-ċaqliqa mill-industrija għal servizzi li soltu jużaw anqas enerġija, ċaqliq fi ħdan is-settur industrijali minn industriji b'konsum għoli ta' enerġija għal industriji b'valur miżjud ogħla li jużaw anqas enerġija, u bidliet ta' darba f'xi Stati Membri.

Ix-xejriet fl-intensità tal-konsum totali ta' enerġija skond is-settur bejn l-1990 u l-2002 jissuġġerixxu li kien hemm titjib qawwi fl-intensità ta' enerġija fl-industrija u fis-setturi tas-servizzi. Għall-kuntrarju, is-setturi tat-trasport u tad-djar juru biss firda limitata tal-konsum ta' enerġija mit-tkabbir ekonomiku u mit-tkabbir tal-popolazzjoni, f'dan l-ordni. In-nuqqas ta' titjib fl-intensità finali ta' enerġija fis-settur tad-djar huwa influwenzat mil-livelli dejjem jogħlew ta' għixien, li jwasslu għal numru akbar ta' djar, livelli aktar baxxi ta' okkupanza u użu akbar ta' apparat domestiku.

## Definizzjoni ta' l-indikatur

L-intensità totali ta' enerġija hija l-proporzjon bejn il-konsum intern gross ta' enerġija (jew il-konsum totali ta' enerġija) u l-prodott gross domestiku (PGD), maħdum fuq sena kalendarja. Din turi kemm tintuża enerġija għal kull unità tal-PGD.

Il-konsum intern gross ta' enerġija jinħadem bħala t-total tal-konsum intern gross tal-ħames sorsi ta' enerġija: il-karburanti solidi, iż-żejt, il-gass, in-nukleari u dawk rinovabbli. Il-figuri tal-PGD huma meħuda fi prezzijiet invarjabbli sabiex ikun evitat l-impatt ta' l-inflazzjoni, bl-1995 bħala s-sena bażi.

Il-konsum intern gross ta' enerġija jiġi mkejjel f'livelli ekwivalenti għal eluf ta' tunnellati ta' żejt (ktoe) u l-PGD f'miljuni ta' euro bil-prezzijiet tas-suq ta' l-1995. Sabiex it-tqabbil tax-xejriet bejn il-pajjiżi differenti jagħmel aktar sens, l-indikatur huwa ppreżentat bħala indiċi. Kolonna oħra hija inkluża sabiex turi x'intensità attwali ta' enerġija għandhom il-livelli ta' saħħa tal-valuta għall-aħħar sena disponibbli.

## Il-bażi loġika ta' l-indikatur

It-tip u l-qies tal-pressjonijiet fuq l-ambjent marbuta ma' l-enerġija, bħal ngħidu aħna t-tniġġis ta' l-arja u t-tisħin dinji, jiddependi fuq is-sorsi ta' enerġija u fuq kif u f'liema kwantitajiet dawn jintużaw. Mod wieħed kif jistgħu jitnaqqsu l-pressjonijiet fuq l-ambjent hu billi tintuża anqas enerġija. Dan jista' jitwettaq billi titnaqqas id-domanda għal attivitajiet marbutin ma' l-enerġija (ngħidu aħna it-tisħin, il-mobilità personali jew it-trasport ta' merkanzija), jew billi l-enerġija tintuża b'mod aktar effiċjenti (u b'hekk tintuża anqas enerġija għal kull unità ta' domanda), jew taħlita tat-tnejn.

L-indikatur jidentifika l-qies, jekk hemm, ta' kemm jinfirdu minn xulxin il-konsum ta' enerġija u t-tkabbir ekonomiku. Firda relattiva sseħħ meta l-konsum ta' l-enerġija jikber, iżda aktar bil-mod mill-prodott gross domestiku. Firda assoluta sseħħ meta l-konsum ta' l-enerġija jkun stabbli jew jonqos filwaqt li l-PGD jikber. Madankollu, minn lenti ambjentali, l-impatti globali jiddependu fuq l-ammont totali ta' enerġija kkunsmata u fuq il-karburanti użati sabiex tkun iġġenerata l-enerġija.

**Figura 1** **L-intensità totali ta' enerġija, fl-UE-25**

L-indiċi ta' l-intensità ta' enerġija fl-1990 = 100




**Nota:** Xi stimi kienu meħtieġa sabiex jinħadem l-indiċi tal-PGD ta' l-UE-25 għall-1990. L-informazzjoni ta' l-Eurostat ma kinetx disponibbli għal xi snin partikolari fil-każ ta' xi Stati Membri ta' l-UE-25. Għalhekk, il-bażi ta' l-informazzjoni makroekonomika tal-Kummissjoni Ewropea għal kull sena (Ameco) intużat bħala sors ieħor ta' informazzjoni. Il-PGD għas-sena nieqsa jinħadem fuq il-bażi tar-rata tat-tkabbir annwali mill-Ameco, bir-rata tkun applikata għall-aħħar PGD disponibbli mingħand l-Eurostat. Dan il-metodu intuża għar-Repubblika Ċeka (1990–1994), għall-Ungerija (1990), għall-Polonja (1990–1994), għal Malta (1991–1998) u għall-Ġermanja (1990). Madankollu, fil-każ ta' xi pajjiżi oħra u ta' xi snin partikolari, il-PGD ma kienx disponibbli mingħand l-Eurostat jew l-Ameco. Ftit saru premessi sabiex jiġi kkalkulat għall-UE-25. Fil-każ ta' l-Estonja, il-PGD għall-1990–1992 jitqies bħala invarjabbli u jieħu l-valur li ġie osservat fl-1993. Għas-Slovakkja, il-PGD bejn l-1990 u l-1992 għandu l-istess valur ta' l-1992. Fil-każ ta' Malta, il-PGD għall-1990 jitqies bħala ugwali għall-PGD ta' l-1991. Dawn il-premessi ma jgħawġux ix-xejriet osservati fil-PGD ta' l-UE-25, peress li dawn l-aħħar tliet pajjiżi jirrappreżentaw madwar 0.3–0.4 % tal-PGD ta' l-UE-25.

Is-sors ta' l-informazzjoni: Il-bażi tad-dati ta' l-Eurostat u l-Ameco, tal-Kummissjoni Ewropea (Rif: www.eea.eu.int/coreset).

L-indikatur ma juri l-ebda raġuni li taffettwa x-xejriet. It-tnaqqis fl-intensità totali ta' enerġija jista' jkun ir-riżultat ta' titjib fl-effiċjenza ta' l-enerġija jew ta' bidliet fid-domanda għall-enerġija minħabba fatturi oħra li jinkludu bidliet strutturali, soċjali, komportamentali u tekniċi.

## Il-kuntest politiku

Għalkemm ma hemm l-ebda mira dwar l-intensità totali ta' enerġija, hemm numru ta' direttivi, pjanijiet ta' azzjoni u strateġiji tal-Komunità li huma direttament jew indirettament marbuta ma' l-effiċjenza fil-qasam ta' l-enerġija. Ngħidu aħna, is-sitt pjan ta' azzjoni għall-ambjent jitlob il-promozzjoni ta' l-effiċjenza fl-enerġija. Diversi miri dwar l-ambjent u l-enerġija huma wkoll influwenzati mill-bidliet fl-intensità ta' l-enerġija:

- Il-mira indikattiva dwar l-intensità tal-konsum finali ta' enerġija fl-UE, imdaħħla fil-Komunikazzjoni (KUMM(98)246 finali) ta' l-1998 li għandha t-titlu 'L-Effiċjenza ta' l-Enerġija fil-Komunità Ewropea: Lejn Strateġija għall-Użu Razzjonali ta' l-Enerġija', għal titjib ta' 1 % fis-sena fl-intensità tal-konsum finali ta' enerġija mill-1998 'aktar minn dak li kieku kien jinkiseb'.

- Il-miri ta' l-UE u ta' l-UE-10 taħt il-Protokoll ta' Kyoto tal-Konvenzjoni ta' Qafas tal-Ġnus Magħquda dwar il-Bidla fil-Klima (UNFCCC) sabiex jitnaqqas il-ħruġ tal-gassijet b'effett ta' serra.

- Il-ġabra indikattiva tal-miri ta' l-UE dwar ir-rabta bejn is-sħana u l-enerġija, li hija parti mill-iStrateġija tal-Komunità dwar il-Ġenerazzjoni tas-sħana u l-enerġija flimkien. Din għandha l-għan li ssaħħaħ ir-rabta bejn is-sħana u l-enerġija (KUMM(97)514 finali), u timmira lejn sehem ta' 18 % ta' elettriku ġġenerat bil-CHP fil-produzzjoni totali ta' enerġija sa l-2010.

- Id-Direttiva 2004/8/KE ta' l-UE fuq il-promozzjoni ta' ko-ġenerazzjoni bbażata fuq id-domanda għal sħana utli fis-suq intern ta' l-enerġija. L-għan ta' din id-Direttiva huwa li tiżdied l-effiċjenza fil-qasam ta' l-enerġija u li titjieb is-sigurtà tal-provvista billi jinħoloq qafas għall-promozzjoni u għall-iżvilupp ta' ġenerazzjoni ta' sħana u enerġija flimkien b'livell għoli ta effiċjenza fuq il-bażi tad-domanda għal sħana funzjonali u tnaqqis fl-enerġija primarja fis-suq intern ta' l-enerġija.

**Tabella 1 L-intensità totali ta' enerġija skond il-pajjiż**

| | Intensità totali ta' l-enerġija 1995–2002 (1995 = 100) | | | | | | | | | Intensità ta' l-enerġija fl-2002 (TOE għal kull miljun PGD f'PPS) |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | 1995 | 1996 | 1997 | 1998 | 1999 | 2000 | 2001 | 2002 | Differenza medja annwali 1995–2002 | |
| ŻEE | 100.0 | 102.0 | 98.6 | 96.9 | 93.7 | 91.5 | 91.9 | 90.6 | – 1.4 % | 177 |
| UE-25 | 100.0 | 102.0 | 98.8 | 97.3 | 94.2 | 91.8 | 92.4 | 91.0 | – 1.3 % | 174 |
| UE-15 qabel l-2004 | 100.0 | 102.0 | 99.0 | 98.2 | 95.6 | 93.5 | 94.0 | 92.7 | – 1.1 % | 167 |
| UE-10 | 100.0 | 99.9 | 93.6 | 87.3 | 81.2 | 77.1 | 77.5 | 75.5 | – 3.9 % | 249 |
| L-Awstrija | 100.0 | 103.5 | 101.6 | 99.2 | 95.7 | 92.1 | 100.2 | 98.2 | – 0.3 % | 148 |
| Il-Belġju | 100.0 | 105.7 | 104.4 | 104.3 | 102.3 | 99.0 | 95.6 | 89.5 | – 1.6 % | 207 |
| Il-Bulgarija | 100.0 | 109.4 | 102.8 | 96.8 | 85.4 | 81.7 | 81.8 | 76.6 | – 3.7 % | 392 |
| Ċipru | 100.0 | 105.5 | 100.7 | 107.5 | 100.4 | 100.5 | 97.7 | 96.1 | – 0.6 % | 194 |
| Ir-Repubblika Ċeka | 100.0 | 98.7 | 100.0 | 97.7 | 89.7 | 91.8 | 91.4 | 90.0 | – 1.5 % | 282 |
| Id-Danimarka | 100.0 | 110.0 | 99.7 | 95.8 | 90.0 | 85.1 | 85.9 | 83.6 | – 2.5 % | 144 |
| L-Estonja | 100.0 | 101.5 | 90.4 | 81.4 | 76.1 | 66.1 | 69.3 | 62.9 | – 6.4 % | 371 |
| Il-Finlandja | 100.0 | 104.0 | 102.9 | 99.4 | 95.0 | 89.5 | 90.8 | 93.6 | – 0.9 % | 282 |
| Franza | 100.0 | 104.3 | 99.9 | 99.6 | 96.4 | 95.7 | 96.4 | 95.3 | – 0.7 % | 180 |
| Il-Ġermanja | 100.0 | 102.7 | 100.3 | 98.1 | 94.4 | 92.3 | 94.2 | 92.4 | – 1.1 % | 178 |
| Il-Greċja | 100.0 | 102.8 | 99.9 | 101.5 | 97.8 | 98.2 | 97.0 | 96.2 | – 0.5 % | 165 |
| L-Ungerija | 100.0 | 100.9 | 94.6 | 89.4 | 86.7 | 81.1 | 79.5 | 77.6 | – 3.6 % | 204 |
| L-Iżlanda | 100.0 | 109.6 | 109.1 | 110.3 | 121.3 | 120.6 | 122.3 | 124.2 | 3.1 % | 473 |
| L-Irlanda | 100.0 | 98.3 | 92.9 | 90.7 | 86.5 | 80.7 | 79.5 | 76.6 | – 3.7 % | 138 |
| L-Italja | 100.0 | 98.8 | 98.2 | 99.5 | 99.2 | 97.1 | 95.6 | 95.7 | – 0.6 % | 132 |
| Il-Latvja | 100.0 | 92.6 | 79.7 | 74.5 | 84.6 | 76.1 | 82.2 | 75.4 | – 4.0 % | 218 |
| Il-Litwanja | 100.0 | 102.1 | 89.8 | 93.6 | 80.9 | 71.1 | 75.7 | 75.2 | – 4.0 % | 280 |
| Il-Lussemburgu | 100.0 | 98.7 | 89.8 | 82.1 | 80.0 | 77.4 | 79.1 | 81.5 | – 2.9 % | 199 |
| Malta | 100.0 | 106.1 | 106.9 | 108.6 | 103.8 | 94.7 | 84.9 | 82.8 | – 2.7 % | 135 |
| L-Olanda | 100.0 | 100.9 | 95.7 | 91.6 | 87.4 | 85.9 | 86.8 | 87.0 | – 2.0 % | 188 |
| In-Norveġja | 100.0 | 93.1 | 93.2 | 94.8 | 97.2 | 92.2 | 92.6 | 89.3 | – 1.6 % | 184 |
| Il-Polonja | 100.0 | 101.1 | 91.2 | 82.0 | 75.5 | 70.2 | 69.6 | 67.6 | – 5.4 % | 241 |
| Il-Portugall | 100.0 | 96.3 | 98.3 | 100.8 | 104.3 | 101.8 | 102.7 | 107.3 | 1.0 % | 155 |
| Ir-Rumanija | 100.0 | 103.2 | 99.1 | 94.0 | 85.3 | 87.5 | 82.2 | 76.2 | – 3.8 % | 272 |
| Is-Slovakkja | 100.0 | 90.8 | 91.2 | 86.1 | 84.2 | 82.5 | 88.9 | 85.7 | – 2.2 % | 319 |
| Is-Slovenja | 100.0 | 101.2 | 97.8 | 93.6 | 87.6 | 84.8 | 87.4 | 86.2 | – 2.1 % | 217 |
| Spanja | 100.0 | 96.3 | 97.4 | 97.8 | 99.3 | 99.3 | 99.3 | 100.1 | 0.0 % | 154 |
| L-Iżvezja | 100.0 | 101.1 | 96.2 | 93.6 | 89.7 | 81.0 | 86.2 | 84.5 | – 2.4 % | 238 |
| It-Turkija | 100.0 | 101.6 | 99.5 | 98.3 | 101.3 | 102.8 | 103.2 | 100.0 | 0.0 % | 193 |
| Ir-Renju Unit | 100.0 | 101.8 | 96.2 | 96.5 | 93.2 | 90.4 | 88.9 | 85.3 | – 2.2 % | 154 |

**Nota:** Is-sena għall-valur ċitat ta' l-indiċi hija l-1995 billi l-PGD għall-1990 ma kienx disponibbli għall-pajjiżi kollha. L-aħħar kolonna turi l-intensità ta' enerġija mkejla fil-livelli tas-saħħa ta' akkwist (PPS — *Purchasing Power Standards*). Dawn huma rati tal-kambju li jissarrfu f'munita komuni u jegwaljaw is-saħħa ta' akkwist ta' pajjiżi differenti. Huma jeliminaw differenzi fil-livelli tal-valur bejn pajjiżi differenti, u b'hekk jippermettu tqabbil tal-livell tal-PGD b'mod li jagħmel sens. Dawn huma kejl tajjeb ħafna sabiex titqies il-prestazzjoni ta' pajjiż f'xi sena partikulari. It-TOE jirreferi għal-livell ekwivalenti ta' tunnellati ta' żejt. Ma hemm l-ebda informazzjoni disponibbli mill-Eurostat dwar l-enerġija fil-każ tal-Liechtenstein.

Is-sors ta' l-informazzjoni: L-Eurostat (Rif: www.eea.eu.int/coreset).

- Id-Direttiva proposta (KUMM(2003)739 finali) dwar l-Effiċjenza fl-Użu Finali ta' l-Enerġija u s-Servizzi ta' l-Enerġija, tistabbilixxi miri għall-Istati Membri sabiex inaqqsu l-enerġija totali fornuta bejn l-2006 u l-2012 b'1 % fis-sena meta mqabbel mal-provvista ta' bħalissa.

## Inċertezzi fl-indikatur

Tradizzjonalment l-informazzjoni nġabret mill-Eurostat permezz tal-kwestjonarji konġunti ta' kull sena (użati mill-Eurostat u l-Aġenzija Internazzjonali għall-Enerġija), wara metodoloġija stabbilita u armonizzata. L-informazzjoni tgħaddi għand l-Eurostat b'mod elettroniku, permezz ta' ġabra komuni ta' Tabelli, u mbagħad tiġi ttrattata sabiex jinstabu inkonsistenzi u tiddaħħal f'bażi tad-dati. Normalment ma jinħtiġux stimi għaliex l-informazzjoni annwali tkun sħiħa.

Ma hemm l-ebda stima tal-PGD għall-UE-25 fl-1990. Din tinħtieġ sabiex jinħadem l-indiċi tal-PGD għall-UE-25 fl-1990, li huwa disponibbli mingħand l-Eurostat. Fil-każ ta' xi Stati Membri ta' l-UE-25, l-informazzjoni ta' l-Eurostat ma kinetx disponibbli għal xi snin partikolari. Il-bażi tad-dati makroekonomiċi annwali tal-Kummissjoni Ewropea (Ameco) ntużat sabiex inħadem il-PGD għas-snin neqsin u għall-pajjiżi nieqsa billi ġew applikati r-rati tat-tkabbir annwali mill-Ameco għall-aħħar informazzjoni disponibbli dwar il-PGD mill-Eurostat. Dan il-metodu ntuża għar-Repubblika Ċeka (1990–1994), l-Ungerija (1990), il-Polonja (1990–1994), Malta (1990–1998) u l-Ġermanja (1990). Madankollu, f'ċerti każi, il-PGD ma kienx disponibbli mill-Eurostat jew l-Ameco. Bl-iskop waħdieni li tingħata stima għall-UE-25, saru dawn l-ipoteżi: fil-każ ta' l-Estonja, il-PGD bejn l-1990 u l-1992 huwa meqjus li baqa' l-istess u għandu l-valur li kien ġie osservat fl-1993; għas-Slovakkja, il-PGD bejn l-1990 u l-1991 għandu l-valur ta' l-1992; għal Malta, il-PGD fl-1990 huwa meqjus li baqa' l-istess bħall-PGD ta' l-1991. Dawn l-ipoteżi huma konsistenti max-xejriet osservati fil-każ ta' l-UE-25, billi dawn l-aħħar tliet pajjiżi jirrappreżentaw madwar 0.3–0.4 % tal-PGD ta' l-UE-25. L-1995 intgħażlet bħala s-sena bażi għall-indiċi fit-tabella tal-pajjiżi sabiex jiġu evitati l-istimi.

L-intensità fil-konsum ta' enerġija hija marbuta ma' bidliet fil-PGD reali. It-tqabbil ta' l-intensità ta' l-enerġija bejn pajjiżi differenti fuq il-bażi tal-PGD reali jgħodd għax-xejriet iżda mhux ma jiswiex biex jitqabblu l-livelli fl-intensità ta' l-enerġija fi snin u pajjiżi partikolari. Din hija r-raġuni għaliex l-indikatur ewlieni tal-grupp jintwera bħala indiċi. Sabiex titqabbel l-intensità ta' l-enerġija bejn pajjiżi differenti, tidher ukoll kolonna oħra bl-intensitajiet ta' enerġija mfissra fil-livelli tas-saħħa ta' akkwist.

L-intensità ta' l-enerġija mhix biżżejjed sabiex jitkejjel l-impatt ta' l-użu u l-produzzjoni ta' enerġija fuq l-ambjent. Anki meta żewġ pajjiżi jkollhom l-istess intensità ta' enerġija jew juru l-istess xejriet fuq tul ta' żmien, jista' jkun hemm differenzi ambjentali importanti bejniethom. Ir-rabta mal-pressjonijiet ambjentali trid issir fuq il-bażi ta' l-ammonti assoluti tal-karburanti differenti li jintużaw sabiex tkun prodotta dik l-enerġija. L-intensità ta' l-enerġija għalhekk trid dejjem titqiegħed fil-kuntest usa' tat-taħlita attwali ta' karburanti li tintuża sabiex tiġi ġġenerata l-enerġija.

# 29 Il-konsum totali ta' enerġija skond il-karburant

## Il-mistoqsija politika ewlenija

Qegħdin aħna naqilbu għal karburanti li jniġġsu anqas sabiex nissodisfaw il-konsum tagħna ta' enerġija?

## Il-messaġġ prinċipali

Il-karburanti fossili għadhom jiddominaw il-konsum totali ta' enerġija, iżda l-pressjonijiet ambjentali ġew limitati meta minflok il-faħam u l-linjite beda jintuża gass naturali li huwa relattivament nadif.

## Il-valutazzjoni ta' l-indikatur

Is-sehem tal-karburanti fossili (bħall-faħam, linjite, żejt u gass naturali) fil-konsum totali ta' enerġija naqas biss bi ftit bejn l-1990 u l-2002, sabiex laħaq id-79 %. L-użu tagħhom għandu impatt qawwi fuq l-ambjent u huwa l-kawża ewlenija tal-ħruġ ta' gassijiet b'effett ta' serra. Madankollu, il-bidliet fit-taħlita tal-karburanti għamlet ġid lill-ambjent, peress li s-sehem tal-faħam u l-linjite qed jonqos il-ħin kollu u postu qed jittieħed minn gass naturali relattivament aktar nadif, li issa għandu sehem ta' 23 %.

Ħafna mill-bidla bejn il-karburanti fossili seħħet fis-settur tal-ġenerazzjoni ta' l-enerġija. Fl-Istati Membri ta' l-UE-15 ta' qabel l-2004 dan kien sostnut bit-twettiq ta' leġislazzjonijiet ambjentali u bil-liberalizzazzjoni tas-swieq ta' l-elettriku, li ħeġġew l-użu ta' impjanti tal-gass b'ċiklu magħqud minħabba l-effiċjenza għolja tagħhom, in-nefqa kapitali baxxa u l-prezzijiet baxxi tal-gass fil-bidu tas-snin disgħin, u bl-espansjoni tas-sistema tal-gass mifruxa fuq l-UE. Il-bidliet fit-taħlita tal-karburanti fl-UE-10 kienu xprunati mill-proċess ta' trasformazzjoni ekonomika, li wassal għal bidliet fil-prezzijiet tal-karburanti u fit-tassazzjoni u għat-tneħħija tas-sussidji fuq l-enerġija, u minn linji politiċi li jipprivatizzaw u jirristrutturaw is-settur ta' l-enerġija.

L-enerġija minn sorsi li jiġġeddu, li tipikament tħalli impatt ambjentali aktar baxx mill-karburanti fossili, kibret b'mod mgħaġġel f'termini assoluti, iżda telqet minn punt baxx. Minkejja appoġġ akbar fil-livell ta' l-UE u fuq livell nazzjonali, il-kontribut tagħha lejn il-konsum totali ta' enerġija għadu baxx, kważi 6 %. Is-sehem ta' l-enerġija nukleari kiber bil-mod biex laħaq kważi 15 % tal-konsum totali ta' enerġija fl-2002. Filwaqt li l-enerġija nukleari ftit li xejn tniġġes waqt l-operat normali, jeżisti r-riskju ta' ħruġ radjuattiv aċċidentali, u qiegħed jakkumula skart radjuattiv ħafna li għalih għadu ma ġie stabbilit l-ebda metodu ta' rimi li huwa ġeneralment aċċettabbli.

Kollox ma' kollox, il-bidliet fit-taħlita tal-karburanti li tintuża għall-konsum totali ta' l-enerġija għenu sabiex jitnaqqas il-ħruġ tal-gassijet b'effett ta' serra kif ukoll ta' sustanzi aċidużi. Madankollu, kien hemm konsum totali akbar ta' enerġija, li xejjen xi wħud mill-vantaġġi ambjentali tal-bidla fil-karburant. Il-konsum totali ta' l-enerġija fl-UE-25 żdied bi 8.4 % bejn l-1990 u l-2002 għalkemm naqas xi ftit bejn l-2001 u l-2002 minħabba temperaturi ogħla min-normal u minħabba tkabbir bil-mod fil-PGD.

## Definizzjoni ta' l-indikatur

Il-konsum totali ta' l-enerġija, jew inkella l-konsum intern totali ta' enerġija, jirrappreżenta l-kwantità ta' enerġija meħtieġa sabiex tissodisfa l-konsum intern ta' pajjiż. Dan huwa kkalkulat bħala t-total tal-konsum intern gross ta' enerġija minn karburanti solidi, miż-żejt, mill-gass, minn sorsi nukleari u minn sorsi li jiġġeddu. Is-sehem relattiv ta' karburant partikolari jitkejjel permezz tar-relazzjoni bejn il-konsum ta' l-enerġija ġġenerata minn dak il-karburant u l-konsum intern totali ta' enerġija kkalkulat għas-sena kalendarja.

Il-konsum ta' l-enerġija jitkejjel f'livelli ekwivalenti għal eluf ta' tunnellati ta' żejt (ktoe). Is-sehem ta' kull karburant fil-konsum totali ta' enerġija jidher bħala perċentwali.

## Il-bażi loġika ta' l-indikatur

Il-konsum totali ta' l-enerġija huwa indikatur ewlieni li jagħti ħjiel tal-pressjonijiet ambjentali kkawżati mill-produzzjoni u l-konsum ta' enerġija. Dan jinqasam skond is-sors tal-karburant billi l-impatt ambjentali ta' kull karburant huwa partikolari ħafna.

Il-konsum ta' karburanti fossili (bħal ngħidu aħna ż-żejt mhux raffinat, il-prodotti li ġejjin miż-żejt, il-faħam iebes, il-linjite, u l-gass kemm naturali u kemm derivat) jipprovdi indikatur alternattiv tal-konsum tar-riżorsi, tal-ħruġ ta' $CO_2$ u ta' gassijiet oħra b'effett ta' serra, u tat-tniġġis ta'

**Figura 1 Il-Konsum totali ta' l-enerġija fl-UE-25 skond il-karburant**

Livelli ekwivalenti għal miljun tunnellata ta' żejt




**Nota:** Is-sors ta' l-informazzjoni: L-Eurostat (Rif: www.eea.eu.int/coreset).

l-arja (ngħidu aħna l-$SO_2$ u l-$NO_X$). Il-kejl ta' l-impatt ambjentali jiddependi fuq is-sehem relattiv ta' karburanti fossili differenti u fuq kemm jitwettqu miżuri li jnaqqsu t-tniġġis. Ngħidu aħna, għal kull unità ta' enerġija, il-gass naturali fih madwar 40 % anqas karbonju mill-faħam u 25 % anqas karbonju miż-żejt, u fih biss kwantitajiet ċkejknin ta' kubrit.

Il-livell tal-konsum ta' enerġija nukleari jipprovdi ħjiel tax-xejriet fl-ammont ta' skart nukleari ġġenerat u tar-riskji marbuta ma' ħruġijiet u inċidenti radjuattivi. Mill-banda l-oħra, konsum akbar ta' enerġija nukleari minflok il-karburanti fossili għandu jikkontribwixxi sabiex jitnaqqas il-ħruġ ta' $CO_2$.

Il-konsum ta' enerġija minn sorsi li jiġġeddu iqis il-kontribut ta' teknoloġiji li jagħmlu anqas ħsara lill-ambjent, billi ma jipproduċu l-ebda (jew ftit li xejn) $CO_2$ nett u u billi ġeneralment joħolqu livelli ferm aktar baxxi ta' sustanzi oħra li jniġġsu. Madankollu, l-enerġija minn sorsi li jiġġeddu tista' tħalli impatti fuq pajsaġġi u ekosistemi. Il-ħruq ikkontrollat ta' skart muniċipali juża kemm materjal li jista' jiġġedded kif ukoll materjal li ma jiġġeddidx u jista' wkoll iwassal għal tniġġis lokalizzat ta' l-arja. Madankollu, id-dħaħen mill-ħruq ikkontrollat ta' skart huma suġġetti għal regolamenti stretti fosthom kontrolli rigorużi tal-kwantitajiet ta' kadmju, merkurju u sustanzi oħra bħalhom. Bl-istess mod, l-inklużjoni ta' l-enerġija mill-ilma kemm fuq skala kbira kif ukoll fuq skala żgħira tipprovdi biss indikatur ġenerali tal-provvista ta' enerġija favur l-ambjent. Filwaqt li skemi idriċi fuq skala żgħira ġeneralment ftit ikollhom impatt ambjentali, skemi idriċi fuq skala kbira jista' jkollhom impatti kbar negattivi (għargħar, impatti fuq ekosistemi, livelli ta' l-ilma, ħtiġijiet ta' żgumbrar tal-popolazzjoni).

## Tabella 1 Il-konsum totali ta' enerġija (%) skond il-karburant

| | Il-Konsum totali ta' l-enerġija (%) fl-2002 skond il-karburant | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | Faħam u linjite | Żejt | Gass | Enerġija nukleari | Enerġija minn sorsi li jiġġeddu | Skart industrijali | Importazzjoni-Esportazzjoni ta' elettriku | Konsum totali ta' enerġija (1 000 TOE) |
| **ŻEE** | 18.5 | 37.6 | 23.1 | 13.8 | 6.8 | 0.2 | 0.0 | 1 843 310 |
| **UE-25** | 18.2 | 38.0 | 23.1 | 14.8 | 5.7 | 0.2 | 0.1 | 1 684 042 |
| **UE-15 qabel l-2004** | 14.7 | 39.9 | 23.6 | 15.6 | 5.8 | 0.2 | 0.3 | 1 482 081 |
| **UE-10** | 43.5 | 23.8 | 19.5 | 8.8 | 5.0 | 0.3 | – 1.0 | 201 961 |
| **L-Awstrija** | 12.3 | 41.5 | 21.4 | 0.0 | 24.0 | 0.6 | 0.2 | 30 909 |
| **Il-Belġju** | 12.7 | 35.5 | 25.4 | 23.2 | 1.6 | 0.4 | 1.2 | 52 570 |
| **Il-Bulgarija** | 35.6 | 23.4 | 11.6 | 27.9 | 4.4 | 0.0 | – 2.9 | 18 720 |
| **Ċipru** | 1.5 | 96.7 | 0.0 | 0.0 | 1.9 | 0.0 | 0.0 | 2 420 |
| **Ir-Repubblika Ċeka** | 49.9 | 19.9 | 18.9 | 11.1 | 2.2 | 0.3 | – 2.4 | 40 991 |
| **Id-Danimarka** | 21.1 | 44.1 | 23.3 | 0.0 | 12.3 | 0.0 | – 0.9 | 19 821 |
| **L-Estonja** | 57.2 | 21.5 | 12.0 | 0.0 | 10.5 | 0.0 | – 1.2 | 4 963 |
| **Il-Finlandja** | 18.5 | 28.9 | 10.5 | 16.4 | 22.2 | 0.6 | 2.9 | 35 136 |
| **Franza** | 5.2 | 34.7 | 14.1 | 42.4 | 6.1 | 0.0 | – 2.5 | 265 537 |
| **Il-Ġermanja** | 24.9 | 37.1 | 22.0 | 12.4 | 3.1 | 0.4 | 0.3 | 343 671 |
| **Il-Greċja** | 31.4 | 57.0 | 6.1 | 0.0 | 4.7 | 0.0 | 0.8 | 29 736 |
| **L-Ungerija** | 14.1 | 24.8 | 42.2 | 14.0 | 3.5 | 0.0 | 1.4 | 25 633 |
| **L-Iżlanda** | 2.9 | 24.3 | 0.0 | 0.0 | 72.8 | 0.0 | 0.0 | 3 382 |
| **L-Irlanda** | 17.0 | 56.6 | 24.3 | 0.0 | 1.9 | 0.0 | 0.3 | 15 139 |
| **L-Italja** | 7.9 | 50.9 | 33.2 | 0.0 | 5.3 | 0.2 | 2.5 | 173 550 |
| **Il-Latvja** | 2.4 | 27.2 | 30.8 | 0.0 | 34.8 | 0.0 | 4.8 | 4 189 |
| **Il-Litwanja** | 1.7 | 29.4 | 25.3 | 42.1 | 8.0 | 0.0 | – 6.4 | 8 671 |
| **Il-Lussemburgu** | 2.3 | 62.4 | 26.5 | 0.0 | 1.4 | 0.0 | 7.4 | 3 979 |
| **Malta** | 0.0 | 100.0 | 0.0 | 0.0 | 0.0 | 0.0 | 0.0 | 823 |
| **L-Olanda** | 10.7 | 37.9 | 45.8 | 1.3 | 2.2 | 0.3 | 1.8 | 78 195 |
| **In-Norveġja** | 3.1 | 29.0 | 23.4 | 0.0 | 47.7 | 0.0 | – 3.2 | 26 278 |
| **Il-Polonja** | 61.7 | 22.4 | 11.4 | 0.0 | 4.7 | 0.6 | – 0.7 | 88 837 |
| **Il-Portugall** | 13.4 | 61.4 | 10.5 | 0.0 | 14.0 | 0.0 | 0.6 | 25 966 |
| **Ir-Rumanija** | 22.0 | 26.7 | 37.2 | 4.0 | 10.5 | 0.3 | – 0.7 | 35 753 |
| **Is-Slovakkja** | 22.9 | 18.4 | 31.6 | 24.9 | 3.9 | 0.3 | – 1.9 | 18 570 |
| **Is-Slovenja** | 22.8 | 35.5 | 11.3 | 20.8 | 11.0 | 0.0 | – 1.4 | 6 864 |
| **Spanja** | 16.7 | 50.5 | 14.4 | 12.5 | 5.6 | 0.0 | 0.4 | 130 063 |
| **L-Iżvezja** | 5.5 | 30.7 | 1.6 | 34.2 | 27.1 | 0.1 | 0.9 | 51 435 |
| **It-Turkija** | 26.3 | 40.8 | 19.6 | 0.0 | 12.9 | 0.0 | 0.4 | 75 135 |
| **Ir-Renju Unit** | 15.8 | 34.7 | 37.9 | 10.0 | 1.2 | 0.0 | 0.3 | 226 374 |

**Nota:** It-TOE jirreferi għal-livell ekwivalenti ta' tunnellati ta' żejt. Ma hemm l-ebda informazzjoni disponibbli mill-Eurostat dwar l-enerġija fil-każ tal-Liechtenstein.

Is-sors ta' l-*informazzjoni*: L-Eurostat (Rif: www.eea.eu.int/coreset).

## Il-kuntest politiku

Il-konsum totali ta' enerġija mqassam skond it-tip ta' karburant jipprovdi ħjiel tal-kejl tal-pressjoni ambjentali kkawżata (jew f'riskju li tkun ikkawżata) mill-produzzjoni u l-konsum ta' enerġija. L-ishma relattivi tal-karburanti fossili, ta' l-enerġija nukleari, u ta' enerġiji minn sorsi li jiġġeddu flimkien ma' l-ammont totali ta' konsum ta' enerġija huma siewja sabiex jiġi stabbilit il-piż ambjentali sħiħ tal-konsum ta' enerġija fl-UE. Ix-xejriet fl-ishma ta' dawn il-karburanti se jkunu fost il-fatturi determinanti dwar jekk l-UE hix qed tilħaq l-għan tagħha għat-tnaqqis ħruġ ta' gassijiet b'effett ta' serra kif miftiehem taħt il-Protokoll ta' Kyoto.

Hemm żewġ miri marbuta indirettament ma' dan l-indikatur: 1) Il-mira ta' l-UE għal tnaqqis ta' 8 % fl-ħruġ ta' gassijiet b'effett ta' serra sa bejn l-2008 u l-2012 meta mqabbla mal-livelli ta' l-1990, kif miftiehem fl-1997 taħt il-Protokoll ta' Kyoto tal-Konvenzjoni ta' Qafas tal-Ġnus Magħquda dwar il-Bidla fil-Klima (UNFCCC); u 2) Il-*White Paper* għal Strateġija u Pjan ta' Azzjoni tal-Komunità (KUMM(97)599 finali) li tipprovdi qafas għal azzjoni mill-Istati Membri sabiex tkun żviluppata enerġija minn sorsi li jiġġeddu u, b'mod indikattiv timmira li sa l-2010 is-sehem ta' l-enerġija minn sorsi li jiġġeddu jiżdied għal 12 % tal-konsum totali ta' enerġija fl-UE-15 ta' qabel l-2004.

## Inċertezzi fl-indikatur

Tradizzjonalment, l-informazzjoni nġabret kull sena mill-Eurostat permezz tal-kwestjonarji konġunti (użati mill-Eurostat u l-Aġenzija Internazzjonali għall-Enerġija), skond metodoloġija stabbilita u armonizzata. L-informazzjoni tgħaddi għand l-Eurostat b'mod elettroniku, permezz ta' sett komuni ta' Tabelli, u mbagħad tiġi ttrattata sabiex jinstabu inkonsistenzi u tiddaħħal f'bażi tad-dati. Normalment ma jkunux meħtieġa stimi għaliex l-informazzjoni annwali tkun kompleta.

Is-sehem ta' xi karburant partikulari fil-konsum ta' l-enerġija jista' jonqos anki jekk l-użu attwali dak il-karburant għall-enerġija jiżdied. Bl-istess mod, is-sehem tiegħu jista' jikber minkejja tnaqqis possibbli fil-konsum totali ta' enerġija minn dak il-karburant. It-tkabbir jew tnaqqis fis-sehem ta' xi karburant partikolari jiddependi fuq il-bidla fil-konsum ta' enerġija li tuża lilu bħala sors meta mqabbel mal-konsum totali ta' enerġija.

Madankollu, minn lenti ambjentali, il-kontribut relattiv ta' kull karburant għandu jitqiegħed f'kuntest usa'. Il-livelli assoluti (għall-kuntrarju ta' dawk relattivi) tal-konsum ta' enerġija għal kull karburant huma l-qofol ta' kif nistgħu nifhmu l-pressjonijiet ambjentali. Dawn jiddependu fuq il-konsum totali ta' enerġija kif ukoll fuq it-taħlita ta' karburanti użata u fuq kemm jintużaw it-teknoloġiji li jnaqqsu t-tniġġis.

Il-konsum totali ta' enerġija mhux bilfors jirrappreżenta b'mod preċiż il-ħtiġijiet ta' enerġija ta' pajjiż (bħala domanda finali għall-enerġija). F'xi każijiet, il-bdil tal-karburant jista' tassew ikollu effett li jibdel il-konsum totali ta' enerġija anki jekk ma jkun hemm l-ebda bidla fid-domanda aħħarija għall-enerġija. Dan għaliex karburanti u teknoloġiji differenti jikkonvertu l-enerġija primarja f'enerġija siewja b'rati differenti ta' effiċjenza.

# 30 Il-konsum ta' enerġija rinnovabbli

## Il-mistoqsija politika ewlenija

Qegħdin aħna nirrikorru għal sorsi ta' enerġija rinnovabbli sabiex nissodisfaw il-konsum tagħna ta' enerġija?

## Il-messaġġ prinċipali

Is-sehem ta' l-enerġiji rinnovabbli fil-konsum totali ta' enerġija żdied fil-perjodu bejn l-1990 u l-2002, iżda xorta għadu f'livell baxx. Jeħtieġ aktar żieda sinifikanti sabiex tintlaħaq il-mira indikattiva ta' l-UE għal sehem ta' 12 % sa l-2010.

## Il-Valutazzjoni ta' l-indikatur

Il-kontribut ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli fil-konsum totali ta' enerġija żdied bejn l-1990 u l-2004 fl-UE-25, iżda naqas xi ftit fl-2002 minħabba produzzjoni aktar baxxa ta' idroelettriku (b'riżultat ta' nuqqas ta' xita) sabiex laħaq il-5.7 %. Dan għadu ferm 'il bogħod mill-mira indikattiva stabbilita fil-White Paper dwar l-Enerġija Rinnovabbli (KUMM(97)599 finali) sabiex sa l-2010, 12 % tal-konsum totali ta' enerġija fl-UE ikun iġġenerat minn sorsi rinnovabbli (fil-preżent, il-mira ta' 12 % tapplika biss għall-Istati Membri ta' l-UE-15, ta' qabel l-2004).

Bejn l-1990 u l-2002, l-aktar sors ta' enerġija rinnovabbli li kiber b'pass mgħaġġel kien ir-riħ b'żieda medja ta' 38 % fis-sena, segwit mill-enerġija solari. Iż-żieda fl-użu tar-riħ sabiex ikun iġġenerat l-elettriku kienet spjegata prinċipalment bit-tkabbir qawwi fid-Danimarka, il-Ġermanja u Spanja, inkoraġġit minn linji politiċi ta' sostenn għall-iżvilupp ta' l-enerġija mir-riħ. Madankollu, peress li l-enerġija mir-riħ u dik solari bdew minn livelli tassew baxxi, dawn ammontaw biss għal 3.2 % u 0.5 % tal-konsum totali ta' enerġija rinnovabbli fl-2002. L-enerġija ġeotermika kkontribwiet għal 4.0 % ta' l-enerġija totali rinnovabbli fl-2002. Is-sorsi ewlenin ta' enerġija rinnovabbli kienu l-bijomassa u l-iskart, u l-enerġija idrika, li ammontaw għal 65.6 % u 26.7 % ta' l-enerġija totali rinnovabbli, rispettivament.

Għadd ta' kwestjonijiet li jikkonċernaw l-ambjent u nuqqas ta' siti adatti jfissru li l-enerġija idrika fuq skala kbira mhix probabbli li tikkontribwixxi għal żidiet futuri sinifikanti fl-enerġija rinnovabbli fl-UE-25. It-tkabbir għalhekk jeħtieġ li jiġi minn sorsi oħra bħar-riħ, il-bijomassa, l-enerġija solari u enerġija idrika ta' skala żgħira. Iż-żieda fl-użu tal-bijomassa għal skopijiet ta' enerġija jeħtieġ li tikkonsidra l-użu konfliġġenti ta' l-art għal żoni agrikoli jew ta' tisġir ta' siġar, u b'mod partikulari l-ħtiġijiet għall-konservazzjoni tan-natura.

## Definizzjoni ta' l-indikatur

Is-sehem tal-konsum ta' l-enerġija rinnovabbli huwa l-proporzjon bejn il-konsum intern totali ta' enerġija minn sorsi rinnovabbli u l-konsum intern totali ta' enerġija kkalkulat għal sena kalendarja, mogħti f' perċentwali. Kemm l-enerġija rinnovabbli kif ukoll il-konsum totali ta' enerġija huma mkejla f'ekwivalenti ta' elf tunnellata żejt (ktoe).

Is-sorsi ta' enerġija rinnovabbli huma definiti bħala sorsi non-fossili rinnovabbli: ir-riħ, l-enerġija solari, l-enerġija ġeotermika, il-mewġ, l-enerġija tal-marea, enerġija idrika, bijomassa, gassijiet tal-miżbla, gassijiet minn impjanti tat-trattament tad-drenaġġ u bijogassijiet.

## Il-bażi loġika ta' l-indikatur

Is-sehem tal-konsum ta' l-enerġija minn enerġija rinnovabbli jipprovdi indikazzjoni wiesgħa tal-progress lejn tnaqqis fl'-impatt ambjentali mill-konsum ta' l-enerġija, għalkemm l-impatt globali tiegħu jrid jiġi kkunsidrat fil-kuntest tal-konsum totali ta' l-enerġija, it-taħlita totali ta' karburanti, l-impatti potenzjali fuq il-bijodiversità u l-miżura safejn jiġi installat apparat sabiex jitnaqqas it-tniġġis.

Is-sorsi ta' enerġija rinnovabbli huma ġeneralment ikkunsidrati favur l-ambjent, b'emissjonijiet tassew baxxi ta' $CO_2$ għal kull unità ta' enerġija ġġenerata, li saħansitra jaħsbu għall-emissjonijiet assoċjati mal-bini ta' l-impjant. L-emissjonijiet ta' sustanzi oħra li jniġġsu huma wkoll ħafna drabi aktar baxxi fil-produzzjoni ta' enerġija rinnovabbli milli għal dik minn karburanti fossili. L-eċċezzjoni hija l-inċinerazzjoni ta' skart muniċipali u solidu (MSW) li, minħabba l-ispiża assoċjata mas-separazzjoni ġeneralment tinvolvi l-ħruq ta' xi skart imħallat, inkluż materjali kkontaminati b'metalli tqal. Madankollu, l-emissjonijiet minn inċinerazzjonijiet ta' SMS huma suġġetti għal regolamenti stretti li jinkludu kontrolli rigorużi fuq il-kwantitajiet ta' kadmju, merkurju, u sustanzi oħra simili.

Il-biċċa l-kbira tas-sorsi ta' enerġija rinnovabbli (u dawk mhux rinnovabbli) jkollhom xi impatt fuq il-pajsaġġ, il-ħsejjes u l-ekosistemi, għalkemm ħafna minn dawn jistgħu jitnaqqsu b'għażla għaqlija tas-sit. Skemi kbar ta' enerġija idrika b'mod partikulari jistgħu jkollhom impatti negattivi fosthom għargħar, tħarbit ta' ekosistemi u l-idroloġija, u impatti soċjo-ekonomiċi jekk tkun meħtieġa riallokazzjoni. Ċerti skemi solari fotovoltajċi jeħtieġu kwantitajiet relattivament kbar ta' metalli tqal fil-bini tagħhom u l-enerġija ġeotermika tista' terħi gassijiet li

**Figura 1 Il-sehem ta' l-enerġija rinnovabbli fil-konsum totali ta' enerġija. UE-25**




**Nota:** Sors ta' l-informazzjoni: Eurostat (Rif: www.eea.eu.int/coreset).

jniġġsu li jinġarru mil-likwidu sħun tagħha jekk dan ma jiġix ikkontrollat b'mod adegwat. Ċerti tipi ta' bijomassa u prodotti ta' bijokarburanti għandhom ħtiġijiet sostanzjali fuq l-art, l-ilma u l-argrikoltura bħalma huma fertilizzanti u pestiċidi.

## Il-Kuntest politiku

L-użu ta' l-enerġija (kemm il-produzzjoni ta' l-enerġija kif ukoll il-konsum finali) huwa l-akbar kontributur fl-UE għall-emissjonijiet ta' gass tossiku li joħloq l-effett tas-serra. Is-sehem ta' dawn l-emissjonijiet marbut ma' l-enerġija żdied minn 79 % fl-1990 għal 82 % fl-2002. Penetrazzjoni akbar fis-suq ta' l-enerġija rinnovabbli għandha tgħin sabiex jintlaħaq l-impenn ta' l-UE taħt il-Protokoll ta' Kyoto tal-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-bidla fil-klima. Il-mira totali ta' Kyoto għall-Istati Membri ta' l-UE-15 ta' qabel l-2004 titlob tnaqqis ta' 8 % fl-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett tas-serra sa l-2008–2012 mil-livelli ta' l-1990, filwaqt li ħafna mill-Istati Membri għodda għandhom miri individwali taħt il-Protokoll ta' Kyoto.

Il-mira ewlenija għall-indikatur hija definita fil-White Paper għal Strateġija u Pjan ta' Azzjoni tal-Komunità (KUMM(97)599 finali), li tipprovdi qafas għal azzjoni mill-Istati Membri sabiex tiġi żviluppata enerġija rinnovabbli u tistabbilixxi mira indikattiva sabiex is-sehem ta' l-enerġija rinnovabbli fil-konsum totali ta' enerġija (GIEC) fl-UE-15 jitla' għal 12 % sa l-2010.

**Tabella 1** **Is-sehem ta' l-enerġija rinnovabbli fil-konsum totali ta' enerġija (%)**

| | Is-sehem ta' l-enerġija rinnovabbli fil-konsum totali ta' enerġija (%) 1990–2002 | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | **1990** | **1995** | **1996** | **1997** | **1998** | **1999** | **2000** | **2001** | **2002** |
| **ŻEE** | 5.4 | 6.1 | 6.1 | 6.3 | 6.5 | 6.7 | 6.8 | 6.8 | 6.8 |
| **UE-25** | 4.3 | 5.0 | 4.9 | 5.2 | 5.3 | 5.5 | 5.6 | 5.8 | 5.7 |
| **UE-15 qabel l-2004** | 4.9 | 5.3 | 5.3 | 5.5 | 5.6 | 5.6 | 5.8 | 5.9 | 5.8 |
| **UE-10** | 1.4 | 3.1 | 2.9 | 3.0 | 3.4 | 4.1 | 4.3 | 4.7 | 5.0 |
| **L-Awstrija** | 20.3 | 22.0 | 20.6 | 21.1 | 20.8 | 22.4 | 22.7 | 23.6 | 24.0 |
| **Il-Belġju** | 1.4 | 1.4 | 1.3 | 1.2 | 1.3 | 1.3 | 1.3 | 1.4 | 1.6 |
| **Il-Bulgarija** | 0.6 | 1.6 | 2.0 | 2.3 | 3.4 | 3.5 | 4.2 | 3.6 | 4.4 |
| **Ċipru** | 0.3 | 2.1 | 2.0 | 2.0 | 1.9 | 1.9 | 1.8 | 1.8 | 1.9 |
| **Ir-Repubblika Ċeka** | 0.3 | 1.5 | 1.4 | 1.6 | 1.6 | 2.0 | 1.6 | 1.8 | 2.2 |
| **Id-Danimarka** | 6.7 | 7.6 | 7.2 | 8.3 | 8.7 | 9.6 | 10.7 | 11.1 | 12.3 |
| **L-Estonja** | 4.7 | 9.1 | 10.4 | 10.7 | 9.7 | 10.4 | 11.0 | 10.6 | 10.5 |
| **Il-Finlandja** | 19.2 | 21.3 | 19.8 | 20.6 | 21.8 | 22.1 | 24.0 | 22.7 | 22.2 |
| **Franza** | 7.0 | 7.6 | 7.2 | 6.9 | 6.8 | 7.0 | 6.8 | 6.8 | 6.1 |
| **Il-Ġermanja** | 1.6 | 1.9 | 1.9 | 2.2 | 2.4 | 2.6 | 2.9 | 2.8 | 3.1 |
| **Il-Greċja** | 5.0 | 5.3 | 5.4 | 5.2 | 4.9 | 5.4 | 5.0 | 4.6 | 4.7 |
| **L-Ungerija** | 0.1 | 0.1 | 0.1 | 0.1 | 0.1 | 1.5 | 1.7 | 1.6 | 3.5 |
| **L-Iżlanda** | 65.8 | 64.9 | 65.5 | 66.8 | 67.6 | 71.3 | 71.4 | 73.2 | 72.8 |
| **L-Irlanda** | 1.6 | 2.0 | 1.6 | 1.6 | 2.0 | 1.9 | 1.8 | 1.8 | 1.9 |
| **L-Italja** | 4.2 | 4.8 | 5.2 | 5.3 | 5.4 | 5.8 | 5.2 | 5.5 | 5.3 |
| **Il-Latvja** | 9.4 | 6.8 | 4.5 | 7.6 | 11.4 | 30.1 | 28.8 | 35.0 | 34.8 |
| **Il-Litwanja** | 0.2 | 0.4 | 0.3 | 0.3 | 6.5 | 7.9 | 9.0 | 8.3 | 8.0 |
| **Il-Lussemburgu** | 1.3 | 1.4 | 1.2 | 1.4 | 1.6 | 1.3 | 1.5 | 1.3 | 1.4 |
| **Malta** | 0.0 | 0.0 | 0.0 | 0.0 | 0.0 | 0.0 | 0.0 | 0.0 | 0.0 |
| **L-Olanda** | 1.1 | 1.2 | 1.6 | 1.8 | 1.9 | 2.1 | 2.1 | 2.1 | 2.2 |
| **In-Norveġja** | 53.1 | 48.9 | 43.3 | 43.7 | 44.0 | 44.8 | 51.0 | 44.1 | 47.7 |
| **Il-Polonja** | 1.6 | 4.0 | 3.6 | 3.7 | 4.0 | 4.0 | 4.2 | 4.5 | 4.7 |
| **Il-Portugall** | 15.9 | 13.3 | 16.1 | 14.7 | 13.6 | 11.1 | 12.9 | 15.7 | 14.0 |
| **Ir-Rumanija** | 4.2 | 6.2 | 12.9 | 11.2 | 11.8 | 12.5 | 10.9 | 9.3 | 10.5 |
| **L-iSlovakkja** | 1.6 | 3.0 | 2.8 | 2.6 | 2.7 | 2.8 | 3.0 | 4.1 | 3.9 |
| **Is-Slovenja** | 4.6 | 8.9 | 9.4 | 7.7 | 8.3 | 8.8 | 11.6 | 11.5 | 11.0 |
| **Spanja** | 7.0 | 5.5 | 7.0 | 6.4 | 6.3 | 5.2 | 5.8 | 6.5 | 5.6 |
| **L-iŻvezja** | 24.9 | 26.1 | 23.6 | 27.6 | 28.2 | 27.8 | 31.6 | 28.8 | 27.1 |
| **It-Turkija** | 18.5 | 17.4 | 16.6 | 15.8 | 15.9 | 15.1 | 13.1 | 13.1 | 12.9 |
| **Ir-Renju Unit** | 0.5 | 0.9 | 0.8 | 0.9 | 1.0 | 1.1 | 1.1 | 1.1 | 1.2 |

**Nota:** Sors ta' l-informazzjoni: Eurostat. Ma hemm l-ebda data disponibbli mill-Eurostat dwar l-enerġija fil-każ ta' Liechtenstein (Rif: www.eea.eu.int/coreset).

Id-direttiva (2003/30/KE) dwar il-bijokarburanti timmira sabiex tippromwovi l-użu ta' bijokarburanti minflok id-diżil u l-petrol fit-trasport u tistabbilixxi mira indikattiva għal sehem ta' 5.75 % ta' bijokarburanti sa l-2010.

Id-Direttiva (2001/77/KE) dwar l-elettriku rinnovabbli tistabbilixxi mira indikattiva sabiex sa l-2010, 21 % tal-konsum gross ta' l-elettriku fl-UE-25 ikun iġġenerat minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli.

## Inċertezza ta' l-indikatur

Tradizzjonalment id-data nġabret mill-Eurostat permezz tal-kwestjonarji annwali konġunti, użati mill-Eurostat u l-Aġenzija Internazzjonali għall-Enerġija, fejn tiġi segwitha metodoloġija ferm stabbilita u armonizzata. Informazzjoni metodoloġika dwar il-kwestjonarji annwali konġunti u l-kumpilazzjoni tad-dati tista' tinstab fil-*'website'* tal-Eurostat għal informazzjoni tad-dati dwar l-istatistiċi ta' l-enerġija.

Il-bijomassa u l-iskart, kif definiti mill-Eurostat, ikopru l-materjal organiku, non-fossili ta' oriġini bijoloġika, li jista' jintuża għall-ġenerazzjoni tas-sħana jew ta' l-elettriku. Dan jinkludi l-injam u l-iskart ta' l-injam, il-bijogass, l-iskart solidu muniċipali (MSW) u l-bijokarburanti. Il-MSW jinkludi l-iskart bijodegradabbli jew mhux bijodegradabbli ġġenerat minn setturi differenti. Skart muniċipali u skart solidu mhux bijodegradabbli mhumiex meqjusa bħala rinnovabbli, iżda d-data disponibbli fil-preżent ma tippermettix li l-kontenut mhux bijodegradabbli ta' l-iskart ikun identifikat b'mod separat, ħlief għall-industrija.

L-indikatur ikejjel il-konsum relattiv ta' enerġija minn sorsi rinnovabbli fil-konsum totali ta' enerġija għal pajjiż partikulari. Is-sehem ta' enerġija rinnovabbli jista' jikber anki jekk il-konsum attwali ta' enerġija minn sorsi rinnovabbli jitbaxxa. B'mod simili, is-sehem jista' jonqos minkejja żieda fil-konsum ta' enerġija minn sorsi rinnovabbli. L-emissjonijiet ta' $CO_2$ ma jiddependux fuq is-sehem ta' dawk rinnovabbli iżda fuq l-ammont totali ta' enerġija kkunsmata minn sorsi fossili. Għalhekk, minn perspettiva ambjentali, l-ilħuq tal-mira ta' l-2010 għas-sehem ta' l-enerġija rinnovabbli mhux bilfors timplika li l-emissjonijiet ta' $CO_2$ mill-konsum ta' enerġija se jonqsu.

# 31 Elettriku minn sorsi rinnovabbli

## Il-mistoqsija politika ewlenija

Qegħdin aħna nirrikorru għal sorsi ta' enerġija rinnovabbli sabiex nissodisfaw il-konsum tagħna ta' l-elettriku'?

## Il-Messaġġ prinċipali

Is-sehem ta' l-enerġija rinnovabbli fil-konsum ta' l-elettriku fl-UE żdied bi ftit fil-perjodu bejn l-1990 u l-2001 iżda naqas fl-2002 minħabba produzzjoni aktar baxxa minn enerġija idrika. Jeħtieġ ferm aktar tkabbir biex tintlaħaq il-mira indikattiva ta' l-UE għal sehem ta' 21 % sa l-2010.

## Il-Valutazzjoni ta' l-indikatur

L-enerġija rinnovabbli toffri kontribut importanti sabiex jiġi issodisfat il-konsum ta' elettriku, b'sehem ta' 12.7 % fl-2002. Madankollu, dan is-sehem ma żdiedx b'mod sinifikanti mill-1990 (12.2 %) minkejja tkabbir f'termini assoluti. Il-produzzjoni totali ta' elettriku rinnovabbli żdiedet bi 32.3 % fil-perjodu bejn l-1990 u l-2002, iżda din kienet biss ftit aktar mgħaġġla mit-tkabbir fil-konsum gross ta' elettriku. Imqabbel ma' l-2001, is-sehem ta' l-enerġiji rinnovabbli fil-konsum gross ta' elettriku fl-2002 naqas b'1.5 punti perċentwali minħabba produzzjoni aktar baxxa mill-enerġija idrika, b'riżultat tax-xita anqas li niżlet. Jeħtieġ tkabbir sostanzjali sabiex tintlaħaq il-mira indikattiva ta' l-UE-25, stabbilita f'Direttiva 2001/77/KE, ta' 21 % sa l-2010.

Hemm differenzi notevoli fis-sehem ta' l-enerġiji rinnovabbli bejn l-Istati Membri ta' l-UE-25. Dawn jirriflettu d-differenzi fil-linji politiċi magħżula minn kull pajjiż sabiex isostnu l-iżvilupp ta' enerġija rinnovabbli u d-disponibilità ta' riżorsi naturali.

Fost l-UE-25, l-Awstrija kellha l-akbar sehem ta' elettriku rinnovabbli fil-konsum totali ta' elettriku jekk tinkludi l-enerġija idrika fuq skala kbira, u t-tielet l-akbar sehem jekk teskludiha. Id-Danimarka u l-Finlandja għandhom l-akbar ishma ta' elettriku rinnovabbli fil-konsum totali ta' elettriku jekk teskludi l-enerġija idrika fuq skala kbira. Is-sehem kbir tal-Finlandja huwa prinċipalment minħabba l-produzzjoni ta' l-elettriku mill-bijomassa, filwaqt li l-elettriku rinnovabbli tad-Danimarka huwa ġġenerat bl-enerġija mir-riħ, u f'miżura anqas, mill-bijomassa u l-iskart. F'dawn iż-żewġ pajjiżi, kien hemm fis-seħħ politiċi tal-gvern sabiex jistimulaw it-tkabbir ta' dawn it-teknoloġiji. F'termini assoluti, il-Ġermanja għandha l-akbar produzzjoni ta' elettriku rinnovabbli jekk teskludi l-enerġija idrika fuq skala kbira, l-aktar mir-riħ u l-bijomassa.

Filwaqt li l-enerġija idrika fuq skala kbira tiddomina l-produzzjoni ta' l-elettriku rinnovabbli, mhux probabbli li tiżdied b'mod notevoli fil-ġejjieni fl-UE-25 inġenerali, minħabba kwestjonijiet li jikkonċernaw ambjent u nuqqas ta' siti adegwati. Sorsi oħra ta' enerġija rinnovabbli bħar-riħ, il-bijomassa, l-enerġija solari u dik idrika fuq skala żgħira jridu għalhekk jikbru b'mod sostanzjali jekk il-mira ta' l-2010 trid tintlaħaq.

## Definizzjoni ta' l-indikatur

Is-sehem ta' l-elettriku rinnovabbli huwa l-proporzjon mogħti bħala perċentwali bejn l-elettriku ġġenerat minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli u l-konsum gross nazzjonali ta' elettriku, kkalkulat għal sena kalendarja. Dan ikejjel il-kontribut ta' l-elettriku ġġenerat minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli lejn il-konsum nazzjonali ta' elettriku.

Minbarra li huwa wieħed mill-indikaturi ċentrali ta' l-EEA, dan huwa wkoll wieħed mill-*indikaturi strutturali* wżati sabiex isostnu l-analiżi tal-Kummissjoni Ewropea fir-rapport tagħha tar-Rebbiegħa lill-Kunsill ta' l-Ewropa. Il-metodoloġiji huma l-istess għaż-żewġ indikaturi.

Is-sorsi ta' enerġija rinnovabbli huma definiti bħala sorsi non-fossili ta' enerġija rinnovabbli: ir-riħ, l-enerġija solari, l-enerġija ġeotermika, il-mewġ, l-enerġija tal-marea, l-enerġija idrika, il-bijomassa, il-gassijiet tal-miżbla, il-gassijiet ta' l-impjanti tat-trattament tad-drenaġġ u l-bijogassijiet.

L-elettriku ġġenerat minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli tinkludi l-ġenerazzjoni ta' elettriku minn impjanti idriċi (mhux inkluż dak iġġenerat b'riżultat ta' sistemi ta' ħażna bil-pompa), mir-riħ, l-enerġija solari, l-enerġija ġeotermika u elettriku mill-bijomassa/skart. L-elettriku mill-bijomassa/skart tinkludi l-elettriku ġġenerat mill-injam/skart ta' l-injam u l-ħruq ta' skart solidu ieħor ta' natura rinnovabbli (tiben, likur iswed), mill-inċinerazzjoni ta' skart solidu muniċipali, mill-bijogassijiet (inkluż gassijiet tal-miżbla, tad-drenaġġ u ta' l-irziezet) u minn bijokarburanti likwidi.

Il-konsum gross nazzjonali ta' elettriku jinkludi t-total tal-ġenerazzjoni gross nazzjonali ta' elettriku mill-karburanti kollha (inkluż l-awtoproduzzjoni), biż-żieda ta' l-importazzjonijiet ta' elettriku, nieqes l-esportazzjonijiet.

**Figura 1** **Is-sehem ta' l-elettriku rinnovabbli fil-konsum gross ta' l-elettriku fl-UE-25 fl-2002**




**Nota:** Id-Direttiva (2001/77/KE) dwar l-Elettriku rinnovabbli tiddefinixxi l-elettriku rinnovabbli bħala sehem ta' elettriku ġġenerat minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli fil-konsum gross ta' elettriku. Dan ta' l-aħħar jinkludi l-importazzjonijiet u l-esportazzjonijiet ta' elettriku. L-elettriku ġġenerat minn sistemi ta' ħażna ta' enerġija idrika hija inkluża fil-konsum gross ta' elettriku iżda mhix imdaħħla bħala sors ta' energija li jista' jiġġedded. Impjanti kbar ta' enerġija idrika għandhom kapaċita' ta' aktar minn 10 MW.

Sors ta' l-informazzjoni: Eurostat.

## Il-bażi loġika ta' l-indikatur

Is-sehem tal-konsum ta' elettriku minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli jipprovdi indikazzjoni wiesgħa tal-progress lejn tnaqqis fl-impatt ambjentali tal-konsum ta' l-elettriku, għalkemm l-impatt globali tiegħu jrid jittieħed fil-kuntest tal-konsum totali ta' elettriku, it-taħlita totali ta' karburanti, l-impatti potenzjali fuq il-bijodiversità u l-miżura safejn jiġi installat apparat sabiex jitnaqqas it-tniġġis.

L-elettriku rinnovabbli huwa ġeneralment ikkunsidrat favur l-ambjent, b'emissjonijiet netti tassew baxxi ta' $CO_2$ għal kull unità ta' elettriku ġġenerat, anki jekk tikkunsidra l-emissjonijiet marbuta mal-bini tal-faċilitajiet għall-ġenerazzjoni ta' l-elettriku. L-emissjonijiet ta' sustanzi oħra li jniġġsu huma wkoll ġeneralment aktar baxxi fil-każ tal-ġenerazzjoni ta' elettriku rinnovabbli milli għal elettriku ġġenerat minn karburanti fossili. L-eċċezzjoni għal dan hija l-inċinerazzjoni ta' skart muniċipali u solidu (MSW) li, minħabba l-ispejjeż kbar tas-separazzjoni, ġeneralment tinvolvi l-ħruq ta' xi skart imħallat li jkun jinkludi materjali mniġġsa minn metalli tqal. L-emissjonijiet fl-atmosfera minn inċinerazzjonijiet ta' MSW (*Municipal and Solid Waste*) huma suġġetti għal regolamenti stretti li jinkludu kontrolli rigorużi fuq l-emissjonijiet ta' kadmju, merkurju, u sustanzi oħra simili.

L-esplojtazzjoni ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli ġeneralment ikollu xi impatti negattivi fuq pajsaġġi, ambjenti naturali u ekosistemi, għalkemm ħafna mill-impatti jistgħu jitnaqqsu permezz ta' għażla bil-għaqal tas-sit. Sistemi kbar ta' enerġija idrika b'mod partikulari jista' jkollhom impatti negattivi fosthom għargħar, tħarbit ta' ekosistemi u l-idroloġija, u impatti soċjo-ekonomiċi jekk tkun meħtieġa xi rialokazzjoni. Ċerti sistemi solari fotovoltajċi jeħtieġu kwantitajiet relattivament kbar ta' metalli tqal fil-kostruzzjoni tagħhom u l-enerġija ġeotermika tista' terħi gassijiet li jniġġsu li jinġarru minn likwidi sħan jekk ma tiġix

**Tabella 1 Is-sehem ta' l-elettriku rinnovabbli fil-konsum totali ta' elettriku fl-UE-25 (inklużi l-miri indikattivi għall-2010)**

| | Is-sehem ta' l-elettriku rinnovabbli fil-konsum totali ta' elettriku (%) 1990–2002 u l-miri indikattivi ta' l-2010 | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | 1990 | 1995 | 1996 | 1997 | 1998 | 1999 | 2000 | 2001 | 2002 | Miri għall-2010 |
| **ŻEE** | 17.1 | 17.5 | 16.6 | 17.2 | 17.7 | 17.5 | 18.2 | 17.8 | 17.0 | - |
| **UE-25** | 12.2 | 12.7 | 12.4 | 12.8 | 13.1 | 13.1 | 13.7 | 14.2 | 12.7 | 21.0 |
| **UE-15 qabel l-2004** | 13.4 | 13.7 | 13.4 | 13.8 | 14.1 | 14.0 | 14.7 | 15.2 | 13.5 | 22.1 |
| **UE-10** | 4.2 | 5.4 | 4.8 | 5.0 | 5.7 | 5.5 | 5.4 | 5.6 | 5.6 | - |
| **L-Awstrija** | 65.4 | 70.6 | 63.9 | 67.2 | 67.9 | 71.9 | 72.0 | 67.3 | 66.0 | 78.1 |
| **Il-Belġju** | 1.1 | 1.2 | 1.1 | 1.0 | 1.1 | 1.4 | 1.5 | 1.6 | 2.3 | 6.0 |
| **Il-Bulgarija** | 4.1 | 4.2 | 6.4 | 7.0 | 8.1 | 7.7 | 7.4 | 4.7 | 6.0 | - |
| **Ċipru** | 0.0 | 0.0 | 0.0 | 0.0 | 0.0 | 0.0 | 0.0 | 0.0 | 0.0 | 6.0 |
| **Ir-Repubblika Ċeka** | 2.3 | 3.9 | 3.5 | 3.5 | 3.2 | 3.8 | 3.6 | 4.0 | 4.6 | 8.0 |
| **Id-Danimarka** | 2.4 | 5.8 | 6.3 | 8.8 | 11.7 | 13.3 | 16.4 | 17.4 | 19.9 | 29.0 |
| **L-Estonja** | 0.0 | 0.0 | 0.1 | 0.1 | 0.2 | 0.2 | 0.2 | 0.2 | 0.5 | 5.1 |
| **Il-Finlandja** | 24.4 | 27.6 | 25.5 | 25.3 | 27.4 | 26.3 | 28.5 | 25.7 | 23.7 | 31.5 |
| **Franza** | 14.6 | 17.7 | 15.2 | 14.8 | 14.3 | 16.4 | 15.0 | 16.4 | 13.4 | 21.0 |
| **Il-Ġermanja** | 4.3 | 4.7 | 4.7 | 4.3 | 4.9 | 5.5 | 6.8 | 6.2 | 8.1 | 12.5 |
| **Il-Greċja** | 5.0 | 8.4 | 10.0 | 8.6 | 7.9 | 10.0 | 7.7 | 5.1 | 6.0 | 20.1 |
| **L-Ungerija** | 0.5 | 0.7 | 0.8 | 0.8 | 0.7 | 1.1 | 0.7 | 0.8 | 0.7 | 3.6 |
| **L-Iżlanda** | 99.9 | 99.8 | 99.9 | 99.9 | 99.9 | 99.9 | 99.9 | 100.0 | 99.9 | - |
| **L-Irlanda** | 4.8 | 4.1 | 4.0 | 3.8 | 5.5 | 5.0 | 4.9 | 4.2 | 5.4 | 13.2 |
| **L-Italja** | 13.9 | 14.9 | 16.5 | 16.0 | 15.6 | 16.9 | 16.0 | 16.8 | 14.3 | 25.0 |
| **Il-Latvja** | 43.9 | 47.1 | 29.3 | 46.7 | 68.2 | 45.5 | 47.7 | 46.1 | 39.3 | 49.3 |
| **Il-Litwanja** | 2.5 | 3.3 | 2.8 | 2.6 | 3.6 | 3.8 | 3.4 | 3.0 | 3.2 | 7.0 |
| **Il-Lussemburgu** | 2.1 | 2.2 | 1.7 | 2.0 | 2.5 | 2.5 | 2.9 | 1.5 | 2.8 | 5.7 |
| **Malta** | 0.0 | 0.0 | 0.0 | 0.0 | 0.0 | 0.0 | 0.0 | 0.0 | 0.0 | 5.0 |
| **L-Olanda** | 1.4 | 2.1 | 2.8 | 3.5 | 3.8 | 3.4 | 3.9 | 4.0 | 3.6 | 9.0 |
| **In-Norveġja** | 114.6 | 104.6 | 91.4 | 95.3 | 96.2 | 100.7 | 112.2 | 96.2 | 107.2 | - |
| **Il-Polonja** | 1.4 | 1.6 | 1.7 | 1.8 | 2.1 | 1.9 | 1.7 | 2.0 | 2.0 | 7.5 |
| **Il-Portugall** | 34.5 | 27.5 | 44.3 | 38.3 | 36.1 | 20.5 | 29.4 | 34.2 | 20.8 | 39.0 |
| **Ir-Rumanija** | 23.0 | 28.0 | 25.3 | 30.5 | 35.0 | 36.7 | 28.8 | 28.4 | 30.8 | - |
| **L-iSlovakkja** | 6.4 | 17.9 | 14.9 | 14.5 | 15.5 | 16.3 | 16.9 | 17.4 | 18.6 | 31.0 |
| **Is-Slovenja** | 25.8 | 29.5 | 33.0 | 26.9 | 29.2 | 31.6 | 31.4 | 30.4 | 25.9 | 33.6 |
| **Spanja** | 17.2 | 14.3 | 23.5 | 19.7 | 19.0 | 12.8 | 15.7 | 21.2 | 13.8 | 29.4 |
| **L-iŻvezja** | 51.4 | 48.2 | 36.8 | 49.1 | 52.4 | 50.6 | 55.4 | 54.1 | 46.9 | 60.0 |
| **It-Turkija** | 40.9 | 41.9 | 43.0 | 38.1 | 37.3 | 29.5 | 24.3 | 19.1 | 25.6 | - |
| **Ir-Renju Unit** | 1.7 | 2.0 | 1.6 | 1.9 | 2.4 | 2.7 | 2.7 | 2.5 | 2.9 | 10.0 |

**Nota:** Kważi l-elettriku kollu ġġenerat fl-Iżlanda u n-Norveġja ġej minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli. Is-sehem ta' l-elettriku rinnovabbli fin-Norveġja huwa aktar minn 100 % f'xi snin għaliex parti mill-elettriku (rinnovabbli) iġġenerat domestikament huwa esportat lejn pajjiżi oħra. Is-sehem ta' l-elettriku rinnovabbli fil-Ġermanja fl-1990 jirreferi għall-Ġermanja tal-Punent biss. Il-miri indikattivi nazzjonali għas-sehem ta' l-elettriku rinnovabbli fl-2010 huma meħuda mid-Direttiva 2001/77/KE. L-Italja, il-Lussemburgu, l-Awstrija, il-Portugall, il-Finlandja u l-iŻvezja għamlu xi noti dwar il-miri indikattivi tagħhom fid-direttiva; l-Awstrija u l-iŻvezja jinnotaw li l-ilħuq tal-mira tiddependi minn fatturi klimatiċi li jaffettwaw il-ġenerazzjoni ta' enerġija idrika, bl-iŻvezja tqis it-52 % Figura aktar realistika kieku ġew applikati mudelli fit-tul tal-kundizzjonijiet idroloġiċi u klimatiċi. Ma hemm l-ebda data disponibbli mill-Eurostat dwar l-enerġija fil-każ ta' Liechtenstein.

Sors ta' l-informazzjoni: Eurostat (Rif: www.eea.eu.int/coreset).

ikkontrollata b'mod adegwat. It-turbini tar-riħ jista' jkollhom impatt viżiv u ta' ħsejjes fuq iż-żoni fejn ikunu jinsabu. Ċerti tipi ta' prodotti ta' bijomassa jeħtieġu żidiet sostanzjali ta' art, ilma u agrikoltura bħalma huma fertilizzanti u pestiċidi.

## Il-Kuntest politiku

Id-Direttiva oriġinali ta' l-UE dwar il-promozzjoni ta' elettriku minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli fis-suq intern ta' l-elettriku (2001/77/KE) tistabbilixxi mira indikattiva ta' 22.1 % tal-konsum gross ta' l-elettriku fl-UE-15 minn sorsi rinnovabbli sa l-2010. Din tobbliga lill-Istati Membri sabiex jistabbilixxu u jilħqu miri indikattivi nazzjonali konsistenti mad-direttiva u l-impenji nazzjonali tal-Protokoll ta' Kyoto. Fil-każ ta' l-Istati Membri ta' l-UE-10, il-miri indikattivi nazzjonali huma inklużi fit-trattat tas-sħubija: il-mira ta' 22.1 % stabbilita inizjalment għall-UE-15 għall-2010 issir 21 % għall-UE-25.

Is-settur ta' l-enerġija huwa responsabbli għal parti sostanzjali mill-emissjonijiet ta' gassijiet tossiċi li joħolqu l-effett tas-serra fl-Ewropa u għalhekk penetrazzjoni akbar fis-suq ta' elettriku rinnovabbli għandha tgħin sabiex jintlaħaq l-impenn ta' l-UE taħt il-Protokoll ta' Kyoto. Il-mira globali ta' Kyoto għall-Istati Membri ta' l-UE-15 ta' qabel l-2004 titlob tnaqqis ta' 8 % fl-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett tas-serra sa l-2008–2012 mil-livelli ta' l-1990, filwaqt li l-maġġoranza ta' l-Istati Membri ta' l-UE-10 għandhom miri individwali taħt il-Protokoll ta' Kyoto.

## Inċertezza ta' l-indikatur

Tradizzjonalment id-data nġabret mill-Eurostat permezz tal-kwestjonarji annwali konġunti, użati mill-Eurostat u l-Aġenzija Internazzjonali għall-Enerġija, wara metodoloġija stabbilita sewwa u armonizzata. Informazzjoni metodoloġika dwar il-kwestjonarji annwali konġunti u l-kumpilazzjoni tad-data tista' tinstab fil-'*website*' tal-Eurostat għal tagħrif ta' spjega dwar l-istatistiċi fuq l-enerġija.

Id-Direttiva dwar Elettriku rinnovabbli (2001/77/KE) tiddefinixxi s-sehem ta' l-elettriku rinnovabbli bħala l-perċentwal ta' elettriku ġġenerat minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli fil-konsum gross ta' elettriku. In-numeratur jinkludi l-elettriku kollu ġġenerat minn sorsi rinnovabbli, li l-parti l-kbira minnu tmur għal użu domestiku. Id-denominatur jinkludi l-elettriku kollu kkunsmat ġewwa pajjiż, u għalhekk jinkludi l-importazzjonijiet filwaqt li jeskludi l-esportazzjonijiet ta' l-elettriku. Għaldaqstant, is-sehem ta' elettriku rinnovabbli jista' jkun aktar minn 100 % ġewwa pajjiż jekk l-elettriku kollu ikun ġġenerat minn sorsi rinnovabbli u parti mill-elettriku rinnovabbli ġġenerat żejjed ikun esportat lejn xi pajjiż ġar.

Il-bijomassa u l-iskart, kif definiti mill-Eurostat, ikopru l-materjal organiku mhux fossili ta' oriġini bijoloġika, li jista' jintuża għall-ġenerazzjoni tas-sħana u ta' l-elettriku. Dawn jinkludu l-injam u skart ta' l-injam, bijogass, skart solidu muniċipali (MSW) u bijokarburanti. Il-MSW jinkludi l-iskart bijodegradabbli u non-bijodegradabbli ġġenerat minn setturi differenti. Skart muniċipali u skart solidu mhux bijodegradabbli mhumiex meqjusa bħala rinnovabbli, iżda d-data disponibbli fil-preżent ma tippermettix li l-kontenut mhux bijodegradabbli ta' l-iskart ikun identifikat separatament, ħlief għall-industrija.

L-elettriku ġġenerat b'riżultat ta' sistemi ta' ħażna ta' enerġija idrika (jiġifieri l-elettriku meħtieġ sabiex timtela) mhijiex meqjusa bħala sors li jista' jiġġedded ta' enerġija, iżda huwa parti mill-konsum gross ta' elettriku ġewwa pajjiż.

Is-sehem ta' l-elettriku rinnovabbli jista' jikber anki jekk l-elettriku attwali ġġenerat minn sorsi rinnovabbli jonqos. Bl-istess mod, is-sehem jista' jonqos minkejja żieda fil-ġenerazzjoni ta' elettriku minn sorsi rinnovabbli. Għalhekk, minn perspettiva ambjentali, il-kisba tal-mira ta' l-2010 għas-sehem ta' l-elettriku rinnovabbli mhux bilfors timplika li l-emissjonijiet ta' dijossidu karboniku mill-ġenerazzjoni ta' l-elettriku se jonqsu.

# 32 L-istat tal-popolazzjonijiet tal-ħut tal-baħar

## Il-mistoqsija politika ewlenija

L-isfruttament tal-popolazzjonijiet ta' ħut kummerċjali huwa sostenibbli?

## Il-Messaġġ prinċipali

Ħafna popolazzjonijiet ta' ħut kummerċjali f'ibħra Ewropej għadhom mhumiex assessjati. Mill-popolazzjonijiet kummerċjali assessjati fil-grigal ta' l-Atlantiku, 22 sa 53 % huma barra l-limiti bijoloġiċi bla periklu (*Safe Biological Limits* — SBL). Mill-popolazzjonijiet assessjati fil-Baħar Baltiku, il-Baħar tal-Punent ta' l-Irlanda u l-Baħar Irlandiż, 22, 29 u 53 % rispettivament, għadhom barra s-SBL. Fil-Mediterran, il-perċentwal tal-popolazzjonijiet barra s-SBL ivarja minn 10 sa 20 %.

## Il-Valutazzjoni ta' l-indikatur

Ħafna popolazzjonijiet ta' ħut kummerċjali f'ibħra Ewropej għadhom mhumiex assessjati. Fil-grigal ta' l-Atlantiku, il-perċentwal ta' popolazzjonijiet mhux assessjati ta' importanza ekonomika ivarja minn minimu ta' 20 % (il-Baħar tat-Tramuntana) sa massimu ta' 71 % (il-Punent ta' l-Irlanda) li tfisser żieda mit-13 % u 59 % rispettivament fil-valutazzjoni preċedenti fl-2002. Il-Baħar Baltiku wkoll jippreżenta perċentwal għoli ta' popolazzjonijiet mhux assessjati ta' 67 % meta mqabbel ma' dak preċedenti ta' 56 %. Fir-reġjun tal-Mediterran, il-perċentwal huwa ferm ogħla b'medja ta' 80 %, u b'firxa minn 65 % fil-Baħar Eġew sa 83 % fl-Adrijatiku (l-ogħla valur preċedenti kien 90 % fin-Nofsihan tal-Baħar Alboran).

Mill-popolazzjonijiet kummerċjali assessjati fil-grigal ta' l-Atlantiku, 22 sa 53 % huma barra l-limiti bijoloġiċi bla periklu (SBL). Dan huwa titjib meta mqabbel ma' l-aħħar rekord ta' 33–60 %. Mill-popolazzjonijiet assessjati fil-Baħar Baltiku u fil-Baħar tal-Punent ta' l-Irlanda, 22 u 29 % rispettivament, isir sajd eċċessiv għalihom (33 % fl-imgħoddi) filwaqt li 53 % tal-popolazzjonijiet fil-Baħar Irlandiż għadhom barra s-SBL (ir-rekord preċedenti kien tal-Punent ta' l-iSkozja b'60 %). Fil-Mediterran il-perċentwal tal-popolazzjonijiet barra s-SBL ivarja minn 10 sa 20 %, bil-Baħar Eġew u l-Baħar ta' Kreta jkunu fl-agħar kundizzjoni.

Eżami tal-popolazzjonijiet 'bla periklu' fil-grigal ta' l-Atlantiku juri tnaqqis żgħir li jvarja bejn 0 u 33 %; dawn il-valuri jikkorrispondu għall-Baħar tal-Punent ta' l-Irlanda u l-Baħar tat-Tramuntana, rispettivament. L-aħħar valutazzjoni ta' l-2002 uriet firxa minn 5 sa 33 % għall-Baħar Ċeltiku/Kanal Oċċidentali u l-Artiku, rispettivament. Fil-Mediterran, il-firxa testendi minn 0 % (il-Baħar ta' Kreta) sa 11 % (Sardinja) meta mqabbel ma' minimu ta' 0 % (il-Baħar ta' Kreta u n-Nofsinhar tal-Baħar Alboran) u massimu ta' 15 % (il-Baħar Eġew) fl-2002.

Meta wieħed jeżamina l-popolazzjonijiet Ewropej mill-qrib, jista' jiġbed dawn il-konklużjonijiet:

- L-irkupru tal-popolazzjonijiet ta' l-aringa jidher li qiegħed jissokta.
- Kważi l-popolazzjonijiet kollha tal-ħut tond naqsu u fil-preżent mhumiex sostenibbli.
- L-ispeċi pelaġiċi u industrijali għadhom f'kundizzjoni aħjar iżda xorta għandhom ikunu suġġetti għal rati aktar baxxi ta' sajd.
- Fir-reġjun tal-Mediterran, żewġ popolazzjonijiet tal-qiegħ u żewġ popolazzjonijiet pelaġiċi żgħar biss huma mmonitorjati mill-Kummissjoni Ġenerali tas-Sajd għall-Mediterran (GFCM), bi spazju limitat ta' kopertura. Il-popolazzjonijiet tal-qiegħ għadhom barra l-limiti bijoloġiċi bla periklu. Ħafna valutazzjonijiet li jittrattaw żoni usa' huma bbażati fuq riżultati preliminari. Popolazzjonijiet pelaġiċi żgħar fl-istess żona jippreżentaw varjazzjonijiet kbar iżda ma huma sfruttati kompletament imkien, ħlief għall-inċova u s-saranga fin-Nofsinhar tal-Baħar Alboran u l-Baħar ta' Kreta.
- Skond l-aħħar valutazzjoni mill-Kummissjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tat-Tonn ta' l-Atlantiku (ICCAT) rkupru qawwi ta' pixxispad matul l-aħħar snin irrendiet sostenibbli l-esplojtazzjoni tal-popolazzjoni. Jibqa' xorta t-tħassib dwar l- esplojtazzjoni eċċessiva tat-tonn tax-xewka kaħla. L-inċertezzi tal-valutazzjoni tal-popolazzjonijiet u n-nuqqas ta' rappurtaġġ dokumentat (inkluż l-Istati Membri ta' l-UE) għadhom ixekklu l-ġestjoni ta' dawn l-ispeċi migratorji. Il-qabda tat-tonn tax-xewka kaħla għadha teċċedi r-rata sostenibbli u, minkejja r-rakkomandazzjonijiet ta' l-ICCAT kemm għall-Atlantiku kif ukoll għall-Mediterran, l-ebda miżuri (minkejja t-tnaqqis fil-qabda totali permissibbli) ma ġew infurzati.

**Mappa 1 L-istat tal-popolazzjonijiet tal-ħut kummerċjali f'ibħra Ewropej, 2003–2004**




**Nota:** Sors ta' l-informazzjoni: GFCM, ICCAT, ICES (Rif: www.eea.eu.int/coreset).

## Definizzjoni ta' l-indikatur

L-indikatur jittraċċa il-proporzjon tan-numru ta' popolazzjonijiet mistada b'mod eċċessiv man-numru totali ta' popolazzjonijiet kummerċjali għal kull żona ta' sajd f'ibħra Ewropej. L-indikatur fih ukoll tagħrif dwar: 1) in-numru ta' popolazzjonijiet kummerċjali, sfruttati u mistada b'mod eċċessiv skond iż-żona tal-baħar u 2) l-istat tal-popolazzjonijiet kummerċjali (popolazzjonijiet mistada b'mod eċċessiv f'kull żona), popolazzjonijiet mhux fil periklu, popolazzjonijiet li dwarhom ma saritx valutazzjoni, u popolazzjonijiet ta' importanza mhix kummerċjali fiż-żona partikulari.

Il-ħut imniżżel l-art u l-piż totali tal-ħut tal-bajd huma mogħtija f'eluf ta' tunnellati; iż-żidiet f'miljuni ta' tunnellati; il-mortalità mis-sajd hija mfissra bħala l-proporzjon tal-popolazzjoni li tkun imnaqqsa b'attivitajiet tas-sajd f'sena.

## Il-bażi loġika ta' l-indikatur

Il-linji politiċi ta' l-UE, u b'mod partikulari l-politika komuni dwar is-sajd (CFP), jimmiraw għal sajd sostenibbli fuq perjodu twil permezz ta' ġestjoni adegwata tas-sajd fi ħdan ekosistema b'saħħitha, filwaqt li joffru

**Tabella 1 L-istat tal-popolazzjonijiet tal-ħut kummerċjali fil-Baħar Mediterran sal-2004**

| | 1 | 2 | 3 | 4 | 5 | 6 | 7 | 8 | 9 | 10 | 11 | 12 | 13 | 14 | 15 | 16 | 17 | 18 | 19 | 20 | 21 | 22 | 23 | 24 | 25 | 26 | 27 | 28 | 29 | 30 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **Inċova** | 4 | | 2 | | | 4 | 4 | 1 | 1 | 1 | 1 | 1 | 1 | 1 | 1 | 2 | 4 | 1 | 1 | 1 | | 1 | 1 | | | | | | | |
| **Merluzz tal-Baħar l-Iswed** | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| **Merluzz ikħal** | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| **Vopi** | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | 1 | | | | | | | | |
| **Awrat** | | | 1 | | | | | | | | | | | | | | | | | | | 1 | | | | | | | | |
| **Ħuta ċatta** | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| **Lipp abjad** | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| **Żumbrell** | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| **Mulett kaplat** | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| **Merluzz** | 4 | | | | n | 4 | 3 | 1 | 3 | 1 | 1 | 1 | 1 | 1 | 1 | 1 | 1 | 1 | 1 | 1 | | 1 | 1 | | | | | | | |
| **Sawrell** | | | n | | | | | | | | | | | | | | | | | | | 1 | | | | | | | | |
| **Kavalli** | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| **Barbun** | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| **Saranga** | 4 | | n | | | 4 | 4 | 1 | 1 | 1 | 1 | 1 | 1 | 1 | 1 | 1 | 4 | 1 | 1 | 1 | | 1 | 1 | | | | | | | |
| **Bakkaljaw** | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| **Trilja** | 4 | | n | | n | 4 | 1 | 1 | 3 | 3 | 4 | 1 | 1 | 1 | 1 | 1 | 1 | 1 | 1 | 1 | | 1 | 1 | | | | | | | |
| **Spnotta** | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| **Sardinella** | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| **Lingwata** | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| **Sardina** | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| **Tonn tax-xewka kaħla** | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| **Pixxispad** | 4 | 4 | 4 | 4 | 4 | 4 | 4 | 4 | 4 | 4 | 4 | 4 | 4 | 4 | 4 | 4 | 4 | 4 | 4 | 4 | 4 | 4 | 4 | 4 | 4 | 4 | 4 | | | |

**Nota:** 1. L-Alboran ta'Fuq, 2. Baħar tal-Gżira ta' Alboran, 3. Nofsinhar tal-Baħar Alboran, 4. Alġerija, 5. Gżejjer Bleariċi, 6. It-Tramuntana ta' Spanja, 7. Golf ta' Ljun, 8. Gżira ta' Korsika, 9. Baħar tal-Ligurja u t-Tramuntana tat-Tirrenju, 10. In-Nofinhar u ċ-ċentru tal-Baħar Tirrenju, 11. Sardenja, 12. It-Tramuntana tat-Tuneżija, 13. Il-Golf ta' Hammamet, 14. Il-Golf ta' Gabes, 15. Gżira ta' Malta, 16. In-Nofsinhar ta' Sqallija, 19. Punent tal-Baħar Jonju, 20. Lvant tal-Baħar Jonju, 21. Libja, 17. Tramuntana ta' l-Adrijatiku, 18. Nofinhar tal-Baħar Adrijatiku, 22. Baħar Eġew, 23. Gżira ta' Kreta, 24. In-Nofsinhar tat-Turkija, 25. Gżira ta' Ċipru, 26. L-Eġittu, 27. Lvant tal-Mediterran, 28. Baħar Marmara, 29. Baħar l-Iswed, 30. Baħar Azov.
Kodiċi tal-kuluri:
Blu = fil-limiti bijoloġiċi bla periklu;
Aħmar = barra l-limiti bijoloġiċi bla periklu;
Griż = l-ebda valutazzjoni;
1, 2, 3, 4 fil-kaxex jirreferu għas-sena tal-valutazzjoni, jiġifieri l-2001 (fir-rapport ta' l-2002), 2002, 2003 u 2004 rispettivament;
n = valutazzjoni ġdida.
Sors ta' l-informazzjoni: GFCM, ICCAT (Rif: www.eea.eu.int/coreset).

kundizzjonijiet ekonomiċi u soċjali stabbli għal dawk kollha involuti fl-attività. Indikazzjoni ta' sostenibilità tas-sajd f'żona partikulari huwa il- proporzjon tan-numru ta' popolazzjonijiet mistada b'mod eċċessiv (dawk li huma barra l-limiti bijoloġiċi bla periklu) man-numru totali ta' popolazzjonijiet kummerċjali (li għalihom tkun saret assessjoni tal-qagħda). Valur għoli għal dan il-proporzjon jidentifika żoni li huma taħt pressjoni qawwija mis-sajd.

Ġeneralment, popolazzjoni ssir mistada b'mod eċċessiv meta l-mortalità mis-sajd u kawżi oħra taqbeż iż-żidiet u t-tkabbir. Stampa raġonevolment korretta ta' l-iżvilupp tal-popolazzjonijiet tista' tinkiseb billi wieħed jikkompara ix-xejriet fuq perjodu ta' żmien fiż-żidiet, il-piż totali tal-ħut tal-bajd, il-ħut imniżżel l-art u l-mortalità tal-ħut. Għaldaqstant, mhiex importanti biss il-kwantita' ta' ħut meħud mill-baħar, iżda wkoll l-ispeċijiet u l-qies, kif ukoll it-teknika wżata biex jinqabdu.

## Il-Kuntest politiku

L- esplojtazzjoni sostenibbli tal-popolazzjonijiet tal-ħut huwa regolat permezz tal-Politika Komuni tas-Sajd ta' l-UE (OJ C 158 27.06.1980). Arranġamenti regolatorji, li jidentifikaw livelli ta' qabda msejsa fuq il-CFP, il-prinċipju prekawzjonali u pjanijiet multi-annwali għas-sajd, kienu stabbiliti permezz tal-Kunsill ta' l-Ewropa ta' Cardiff (KUMM(2000)803). Qabdiet Totali Permissibbli (*Total Allowable Catches* — TAC) u kwoti għall-popolazzjonijiet fil-grigal ta' l-Atlantiku u l-Baħar Baltiku huma stabbiliti kull sena mill-Kunsill tas-Sajd. Fil-Baħar Mediterran, fejn ma ġew stabbiliti l-ebda TAC ħlief għat-tonn u l-pixxispad ferm migratorji, il-ġestjoni tas-sajd tinkiseb permezz ta' żoni u staġuni magħluqa sabiex l-attività tas-sajd tinżamm taħt kontroll u l-mudelli ta' sfruttament isiru aktar razzjonali. Il-Kunsill Ġenerali tas-Sajd għall-Mediterran (GFCM) jipprova jarmonizza l-proċess.

L-aħħar pjan ta' azzjoni dwar il-ġestjoni tas-sajd bħala parti mir-riforma tal-CFP ġie ippreżentat lill-Kunsill tas-Sajd f'Ottubru 2002, u Regolament Nru. 2371/2002/KE ta' l-20 ta' Diċembru 2002 tal-Kunsill dwar il-konservazzjoni u l- esplojtazzjoni sostenibbli ta' riżorsi tas-sajd skond il-Politika Komuni tas-Sajd issa qiegħed fis-seħħ. Minn dak iż-żmien ġie adottat sett ġdid ta' regolamenti għal kwistjonijiet speċifiċi.

## Inċertezza ta' l-indikatur

L-organizzazzjonijiet internazzjonali kollha tas-sajd jużaw l-istess prinċipji sabiex jiddeterminaw l-istat tal-popolazzjonijiet, u l-ICES ipperfezzjonat il-metodoloġija wżata. Madankollu, id-deċiżjonijiet huma msejsa fuq marġni ta' sigurtà ġeneralment iffissati għal 30 % fuq il-limiti ta' sigurtà, li fih innifsu jġorr miżura ta' inċertezza, billi l-istimi għall-mortalità mis-sajd (*F-Fishing Mortality*) u l-piż totali tal-ħut tal-bajd (*Spawning Stock Biomass* — SSB) huma minnhom infushom inċerti; id-deċiżjoni dwar il-punti ta' riferiment hija għalhekk biċċa xogħol għall-amministraturi, mhux għax-xjenzati.

Il-Kopertura fir-rigward tal-firxa ġeografika u l-għadd ta' l-ispeċi għall-Mediterran hija limitata. L-ebda punt ta' riferiment ma ġie definit għall-popolazzjonijiet tal-Mediterran. L-istimi dettaljati tal-popolazzjonijiet għall-grigal ta' l-Atlantiku u l-Baltiku huma miksuba mill-Kunsill Internazzjonali għall-Esplorazzjoni tal-Baħar (ICES). Fil-Mediterran, l-istimi tal-popolazzjonijiet jitwettqu mill-Kunsill Ġenerali tas-Sajd għall-Mediterran (GFCM) u, fin-nuqqas ta' tagħrif komplut jew indipendenti dwar l-intensità tas-sajd jew il-mortalità mis-sajd, huma msejsa prinċipalment fuq il-ħut imniżżel l-art. L-istima tal-popolazzjonijiet hija għalhekk imsejsa prinċipalment fuq l-analiżi tax-xejriet tal-ħut imniżżel l-art, l-istħarriġ tal-bijomassa, u analiżi tad-dati dwar il-qabda kummerċjali għal kull sehem ta' sforz (CPUE — *Catch Per Unit Effort*).

Is-settijiet tad-dati huma frammentarji kemm fiż-żmien kif ukoll fl-ispazju. L-attivitajiet ta' monitoraġġ huma msejsa fuq stħarriġ xjentifiku minflok fuq qabdiet kummerċjali, b'riżultat ta' valuri baxxi fl-istimi tas-SSB u għalhekk f'mudelli preġudikati ta' sfruttament. Fil-Mediterran, il-ġestjoni tas-sajd hija kkunsidrata li qiegħda f'fażi bikrija meta mqabbla mal-grigal ta' l-Atlantiku. L-istatistiċi dwar il-qabda u l-isforz mhumiex meqjusa għal kollox li tista' toqgħod fuqhom u sforz notevoli huwa indirizzat sabiex jiġu valutati fatturi korrettivi.

Fil-Mediterran u l- grigal ta' l-Atlantiku qegħdin jintużaw metodi differenti sabiex jiġi stabbilit jekk xi popolazzjoni tkunx barra l-limiti bijoloġiċi bla periklu.

# 33 Il-produzzjoni ta' l-akkwakultura

## Il-mistoqsija politika ewlenija

Il-livell kurrenti ta' l-akkwakultura huwa sostenibbli?

## Il-Messaġġ prinċipali

Il-produzzjoni Ewropea ta' l-akkwakultura kompliet tikber b'pass mgħaġġel matul dawn l-aħħar 10 snin b'riżultat ta' l-espansjoni fis-settur marittimu fil-pajjiżi ta' l-UE u l-EFTA. Dan jirrappreżenta pressjoni akbar fuq il-mases ta' l-ilma fil-viċin u l-ekosistemi relatati, ikkawżata mit-tnixxija ta' nutrijenti minn faċilitajiet ta' l-akkwakultura. Il-livell preċiż ta' l-impatt lokali jvarja skond l-iskala u t-teknika tal-produzzjoni kif ukoll skond il-karatteristiċi idrodinamiċi u kimiċi tar-reġjun.

## Il-Valutazzjoni ta' l-indikatur

F'dawn l-aħħar 10 snin kienet osservata żieda notevoli fil-produzzjoni totali Ewropea ta' l-akkwakultura. Madankollu din ma kinetx konsistenti bejn pajjiżi jew sistemi ta' produzzjoni. Is-settur marikulturali biss ra tkabbir sinifikanti, filwaqt li l-produzzjoni ta' ilma salmastru żdiedet b'rata ferm aktar bil-mod u l-livelli tal-produzzjoni ta' ilma ħelu naqsu. L-irziezet tal-ħut fl-Ewropa jinġabru f'żewġ gruppi distinti: l-irziezet tal-ħut fl-Ewropa tal-punent ikabbru speċi ta' valur għoli bħas-salamun u t-trota qawsalla, sikwit għall-esportazzjoni, filwaqt li speċi ta' valur anqas bħall-karpjun huma kkultivati fl-Ewropa ċentrali u tal-lvant, primarjament għall-konsum lokali.

L-akbar produtturi Ewropej ta' l-akkwakultura jinsabu fir-reġjun ta' l-UE u l-EFTA. In-Norveġja għandha l-akbar produzzjoni b'aktar minn 500 000 tunnellata fl-2001, segwita minn Spanja, Franza, l-Italja u r-Renju Unit. Dawn il-ħames pajjiżi huma responsabbli għal 75.5 % tal-produzzjoni totali ta' akkwakultura f'34 pajjiż Ewropew. Il-produzzjoni ta' 67 000 tunnellata tat-Turkija tirrappreżenta l-ogħla produzzjoni fost il-pajjiżi tas-sħubija fl-UE u r-reġjun tal-Balkani. Il-gradwatorja tal-pajjiżi fl-2001 f'termini ta' produzzjoni kienet tixbaħ ħafna lil dik ta' l-2000.

In-Norveġja hija l-akbar produttur ta' akkwakultura, b'madwar 90 % tal-produzzjoni tagħha jkun is-salamun ta' l-Atlantiku. Huwa fatt notevoli li fl-2001, it-tkabbir ta' din l-ispeċi waħidha fin-Norveġja qabeż l-ammont totali kollettiv ta' l-ispeċi ta' produzzjoni kollha mill-pajjiżi tas-sħubija fl-UE u l-pajjiżi tal-Balkani. Spanja hija t-tieni l-akbar produttur bi produzzjoni ddominata mill-masklu ikħal, segwita minn Franza, bi produzzjoni ddominata mill-ġajdra tal-Paċifiku (*Crassostrea gigas*). Il-produzzjoni tat-Turkija tikkonsisti prinċipalment fi troti, awrat u spnott.

L-akbar sehem mit-tkabbir fil-produzzjoni ta' l-akkwakultura kien fit-trobbija tas-salamun fil-baħar fil-majjistral ta' l-Ewropa, u f'miżura anqas fit-trobbija tat-trota (madwar l-Ewropa tal-punent u t-Turkija), fit-trobbija ta' l-ispnott u l-awrat fil-gaġeġ (l-aktar fil-Greċja u t-Turkija) u fit-trobbija tal-maskli u l-gandoffli (madwar l-Ewropa tal-punent), li, madankollu, ilha turi xejra 'l isfel mill-1999. B'kuntrast, l-akkwakultura fuq l-art tal-karpjun (l-aktar il-karpjun komuni u l-karpjun fiddien) naqset b'mod sinifikanti madwar l-Ewropa tal-lvant u ċentrali, sa ċertu punt minħabba l-bidliet politiċi u ekonomiċi fl-Ewropa tal-lvant. Bħal fil-każ tal-produzzjoni għal kull pajjiż, ma ġew innotati l-ebda bidliet sinifikanti fil-produzzjoni għall-ispeċi prinċipali mill-aħħar valutazzjoni (2000).

Tipi differenti ta' akkwakultura joħolqu sforzi differenti ħafna fuq l-ambjent, b'dawk prinċipali jkunu tfigħ ta' nutrijenti, antibijotiċi u fungiċidi. L-isforzi priċipali fuq l-ambjent huma marbuta mal-produzzjoni qawwija ta' ħut bix-xewka, l-aktar is-salamun f'ilma baħar, salmastru u ħelu, u spnott u awrat f'ambjent marittimu — oqsma li raw l-akbar tkabbir f'dawn l-aħħar snin. L-isforzi marbuta mat-trobbija tal-molluski bivalvi huma ġeneralment meqjusa anqas gravi minn dawk għat-trobbija tal-ħut bix-xewka. It-trobbija tal-karpjun f'vaski f'ilmijiet interni ġeneralment teħtieġ anqas għalf intensiv, u fil-maġġoranza tal-każi proporzjon akbar ta' nutrijenti mormii jinġabar lokalment. F'irziezet ta' l-ilma ħelu jintużaw kimiċi, b'mod partikulari l-formalina u l-malaktita, sabiex jiġi kkontrollat mard fungali u batterjoloġiku. F'irziezet tal-baħar, jintużaw antibijotiċi għall-kontroll tal-mard iżda l-ammonti li jintużaw tnaqqsu drastikament f'dawn l-aħħar snin wara l-introduzzjoni tal-vaċċini. B'mod ġenerali, titjib notevoli ta' l-effiċjenza fl-użu ta' l-għalf u n-nutrijenti u l-ġestjoni ambjentali għenu sabiex titnaqqas sa ċertu punt iż-żieda marbuta mal-pressjoni ambjentali.

L-isforzi eżerċitati fuq l-ambjent mill-akkwakultura mhumiex l-istess. Il-livell ta' l-impatt lokali jvarja skond l-iskala u t-teknika tal-produzzjoni kif ukoll skond il-karatteristiċi idrodinamiċi u kimiċi tar-reġjun.

Fost il-pajjiżi ta' l-UE, Spanja, Franza u l-Olanda, u fost il-pajjiżi ta' adeżjoni, it-Turkija, għandhom l-akbar produzzjoni ta' akkwakultura fil-baħar meta mqabbla mat-tul tal-kosta. L-intensità tal-produzzjoni ta'

akkwakultura kif imkejla għal kull unità ta' tul tal-kosta laħqet medja ta' madwar 8 tunnellati għal kull kilometru ta' kosta fil-pajjiżi ta' l-UE u l-EFTA meta mqabbla maż-2 tunnellati għal kull kilometru fil-pajjiżi tas-sħubija fl-UE u tar-reġjun tal-Balkani. Il-pressjoni aktarx li tkompli tikber hekk kif il-produzzjoni ta' speċi ġodda bħall-merluzz, il-ħalibatt u l-barbun issir aktar konsistenti.

It-trobbija fil-baħar tal-ħut bix-xewka (l-aktar is-salamun ta' l-Atlantiku) qiegħda tikkontribwixxi b'mod sinifikanti lejn l-ammonti ta' nutrijenti fl-ibħra tal-kosta, b'mod partikulari f'pajjiżi bi tfigħ totali relattivament żgħar ta' nutrijenti fl-ibħra tal-kosta. Per eżempju fin-Norveġja (il-kosti tan-Norveġja u tal-Baħar l-Iswed), it- tfigħ ta' fosfru mill-marikultura tidher li qiegħda taqbeż l-ammont totali minn sorsi oħra. B'mod ġenerali, il-pressjoni tan-nutrijenti mill-kultivazzjoni qawwija ta' l-ilma baħar u salmastru qiegħda ssir sinifikanti fil-kuntest ta' nutrijenti totali mgħobbija fuq l-ambjent kostali. Madankollu, id-data ppubblikata dwar l-ammonti totali ta' nutrijenti fl-ibħra tal-kosta għadha fqira u inkonsistenti fir-rappurtaġġ; il-konklużjonijiet għalhekk għandhom jiġu ttrattati b'attenzjoni.

## Definizzjoni ta' l-indikatur

L-indikatur jikkwantifika l-iżvilupp tal produzzjoni ta' l-akkwakultura Ewropeja għal kull żona prinċipali ta' baħar u pajjiż kif ukoll il-kontribut tat-tfigħ ta' nutrijenti mill-akkwakultura f'relazzjoni mat-tnixxijiet totali ta' nutrijenti f'żoni kostali.

Il-produzzjoni titkejjel f'eluf ta' tunnellati, filwaqt li l-produzzjoni ta' l-akkwakultura fil-baħar f'relazzjoni mat-tul tal-kosta hija mogħtija f'tunnellati/kilometru.

## Il-bażi loġika ta' l-indikatur

L-indikatur jittraċċa l-produzzjoni ta' l-akkwakultura u t-tfigħ ta' nutrijenti u b'hekk jipprovdi kejl ta' l-isforzi ta' l-akkwakultura fuq l-ambjent marittimu. L-indikatur huwa wieħed sempliċi u faċilment disponibbli, iżda bħala indikatur indipendenti, is-sinifikat u r-rilevanza

**Figura 1 Il-produzzjoni annwali ta' akkwakultura għal kull żona prinċipali (UE u EFTA, u l-pajjiżi tas-sħubija fl-UE u l-Balkani), 1990–2001**




**Nota:** Il-produzzjoni ta' l-akkwakultura tinkludi l-ambjenti kollha, jiġifieri ilma baħar, salmastru u ħelu.

UE u EFTA: l-Awstrija, il-Belġju, id-Danimarka, il-Finlandja, Franza, il-Ġermanja, il-Greċja, l-Irlanda, l-Italja, l-Olanda, il-Portugall, Spanja, l-iŻvezja, ir-Renju Unit, l-Iżlanda, in-Norveġja u l-iSvizzera; il-pajjiżi tas-sħubija fl-UE u l-Balkani: l-Albanija, il-Bulgarija, ir-Repubblika Ċeka, il-Kroazja, l-Estonja, il- Macedonja, l-Ungerija, il-Latvja, il-Litwanja, il-Polonja, ir-Rumanija, il-Jugoslavja, ir-Repubblika Slovakka, is-Slovenja, Ċipru, Malta u it-Turkija.

Il-Lussemburgu, Liechtenstein u l-Bosnja-Ħerzegovina mhumiex inklużi jew għax ma ssirx produzzjoni ta' l-akkwakultura jew minħabba nuqqas ta' data.

Sors ta' l-informazzjoni: L-Organizzazzjoni tan-NU għall-Ikel u l-Biedja (FAO) Fishstat Plus (Rif: www.eea.eu.int/coreset).

**Figura 2** **Produzzjoni annwali tal-gruppi prinċipali ta' speċi kummerċjali ta' l-akkwakultura, 1990–2001**




**Nota:** Tinkludi l-pajjiżi u l-ambjenti ta' produzzjoni kollha li għalihom id-data hija disponibbli.

nei = mhux indikati f'post ieħor; trota (iridea u nei) tinkludi l-ispeċi kollha tat-trota.

Sors ta' l-informazzjoni: Il-Fishstat Plus tal-FAO (Rif: www.eea.eu.int/coreset).

tiegħu huma limitati minħabba prattiċi ta' produzzjoni u kundizzjonijiet lokali ferm differenti. Dan jeħtieġ li jiġi integrat ma' indikaturi oħra marbuta ma' prattiċi ta' produzzjoni (bħal ngħidu aħna l-produzzjoni totali ta' nutrijenti jew il-ħruġ totali ta' kimika) sabiex jiġi ġġenerat indikatur aktar speċifiku tal-pressjoni. Imsieħeb ma' tagħrif dwar il-kapaċità integrattiva ta' ambjenti naturali differenti, dan it-tip ta' indikatur għandu jippermetti valutazzjoni ta' l-impatt u bazikament tal-proporzjon tal-kapaċità ta' okkupazzjoni ta' l-ambjent użat ċirkostanti u l-limiti għat-tkabbir.

## Il-Kuntest politiku

Sa ftit taż-żmien ilu ma kien hemm l-ebda politika komuni dwar l-akkwakultura fl-Ewropa, għalkemm id-Direttiva (85/337/KEE u l-emenda 97/11/KEE) dwar il-Valutazzjoni ta' l-Impatt Ambjentali (EIA) tobbliga rziezet speċifiċi sabiex jagħmlu EIA u d-Direttiva ta' Qafas dwar l-Ilma tobbliga lill-irziezet kollha sabiex jilħqu l-miri ambjentali għal stat ekoloġiku u kimiku tajjeb ta' l-ilma tal-wiċċ sa l-2015. Ftit hemm linji politiċi nazzjonali li jindirizzaw b'mod speċifiku t-tixrid u l-impatti kumulattivi tas-settur inġenerali fuq is-sistemi ta' l-ilma, jew il-ħtieġa li tiġi kkontrollata l-produzzjoni totali skond il-kapaċità integrattiva ta' l-ambjent. Madankollu, limiti fuq l-ammont ta' għalf li jingħata f'ċerti pajjiżi, bħal ngħidu aħna l-Finlandja, effettivament jillimitaw il-produzzjoni.

Ir-riforma politika komuni tas-sajd (CFP) timmira sabiex ittejjeb il-ġestjoni tas-settur. F'Settembru 2002, il-Kummissjoni ppreżentat stqarrija dwar 'strateġija għall-iżvilupp sostenibbli ta' l-akkwakultura Ewropea' lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew. Il-mira ewlenija ta' l-istrateġija hija ż-żamma tal-kompetittività, il-produttività u s-sostenibbiltà tas-settur ta' l-akkwakultura Ewropea. L-istrateġija għandha tliet miri ewlenin: 1) li toħloq impjiegi fis-sod; 2) li tipprovdi prodotti tas-sajd bla periklu u ta' kwalità tajba u tippromwovi *standards* għas-saħħa u l-benesseri ta' l-annimali; u 3) li tiżgura industrija ambjentalment b'saħħitha.

## Inċertezza ta' l-indikatur

Id-dgħjufija ta' l-indikatur hija marbuta mal-validità tar-relazzjoni bejn il-produzzjoni u l-pressjoni. Il-produzzjoni sservi bħala indikatur siewi u bażiku tal-pressjoni iżda d-differenzi fl-ispeċi tat-trobbija, is-sistemi ta' produzzjoni u l-metodi ta' ġestjoni jfissru li r-relazzjoni bejn il-produzzjoni u l-pressjoni mhijiex uniformi.

**Figura 1** **Produzzjoni ta' akkwakultura marittima f'relazzjoni mat-tul tal-kosta**



**Produzzjoni ta' akkwakultura f'relazzjoni mat-tul tal-kosta**

Tunnellati/kilometru

- < 5
- 5–10
- 10–20
- 20–30
- 30–40
- L-ebda data
- Mhux mill-UE

**Nota:** Produzzjoni biss f'ilma baħar u salmastru.

Valuri medji tad-densità tal-produzzjoni għall-pajjiżi li għandhom kosta u li għandhom data disponibbli dwar il-kosta. Imsejsa fuq l-aħħar sena li għaliha hemm data, jiġifieri l-2001 għall-pajjiżi kollha ħlief il-Bulgarija (2000), l-Estonja (1995) u l-Polonja (1993).

Sors ta' l-informazzjoni: Il-Fishstat Plus tal-FAO u L-Istitut Dinji għar-Riżorsi (Rif: www.eea.eu.int/coreset).

# 34 Il-kapaċità tal-flotta tas-sajd

## Il-mistoqsija politika ewlenija

Id-daqs u l-kapaċità tal-flotta tas-sajd Ewropea qegħdin jitnaqqsu?

## Il-Messaġġ prinċipali

Id-daqs tal-flotta tas-sajd ta' l-UE qiegħed jiċkien, bi tnaqqis ta' 19 % fil-qawwa u 11 % fit-tunnellaġġ matul il-perjodu 1989–2003, u 15 % fin-numru matul il-perjodu 1989–2002. Bl-istess mod, il-flotta magħquda ta' l-Estonja, Ċipru, il-Litwanja, il-Latvja, il-Polonja u s-Slovenja naqqset it-tunnellaġġ tagħha f'50 % matul il-perjodu 1992–1995. Madankollu, il-flotta ta' l-EFTA kibret f'termini ta' qawwa (bi 12 %; 1997–2002) u tunnellaġġ (b'34 %; 1989–2003) minkejja tnaqqis ta' 40 % fin-numri (1989–2002).

## Il-Valutazzjoni ta' l-indikatur

Il-qawwa u t-tunnellaġġ huma l-fatturi prinċipali li jiddeterminaw il-kapaċità ta' flotta u għalhekk jagħtu indikazzjoni tal-pressjoni fuq il-popolazzjonijiet tal-ħut. Il-qawwa żejda hija kkunsidrata bħala wieħed mill-fatturi ewlenin li jwasslu għal sajd eċċessiv.

Fil-preżent, il-qawwa totali tal-flotta tas-sajd tammonta għal 7 122 145 kW fl-UE-15 u 2 503 580 kW fl-EFTA (2002). Id-data għall-Estonja, Ċipru, il-Litwanja, il-Latvja, Malta, il-Polonja, il-Bulgarija u r-Rumanija mhix disponibbli. Matul dawn l-aħħar 15-il sena l-kapaċità tal-flotta ta' l-UE f'termini ta' qawwa naqset b'mod gradwali, iżda il-qawwa tal-flotta ta' l-EFTA kibret b'rata konsiderevoli ta' kważi 13 % matul il-perjodu 1997–2002. In-Norveġja, l-Italja, Spanja, Franza u r-Renju Unit żammew l-akbar qawwa fil-flotot tagħhom, li ammontat għal kważi 70 % tal-flotta totali fl-2003.

Fl-2003, it-tunnellaġġ tal-flotta tas-sajd (GRT) kien jikkonsisti f'1 922 912 tunnellata fl-UE-15 u 579 097 tunnellata fil-pajjiżi ta' l-EFTA. L-aħħar ċensiment reġistrat għall-Estonja, Ċipru, il-Litwanja, il-Latvja, Malta, il-Polonja u s-Slovenja, fl-1995, irrapporta 543 631 tunnellata. Matul il-perjodu 1989–2003, il-flotta ta' l-UE tnaqqset b'mod gradwali fit-tunnellaġġ b'madwar 10 %; fl-istess żmien il-flotta ta' l-EFTA rat tkabbir ta' kważi 30 % (Figura 3). Il-flotot ta' l-Estonja, Ċipru, il-Litwanja, il-Latvja, Malta, il-Polonja u s-Slovenja raw tnaqqis drammatiku ta' 50 %, u dawk tal-Bulgarija u r-Rumanija b'70 %, b'riżultat tar-ristrutturazzjoni ta' l-ekonomiji tal-pajjiżi membri ġodda taż-ŻEE; ma hemm l-ebda data disponibbli dwar it-tunnellaġġ tal-flotta f'dawn il-pajjiżi lilhinn mill-1995. Fil-preżent, Spanja, in-Norveġja, ir-Renju Unit, Franza, l-Italja u l-Olanda għandhom l-akbar tunnellaġġ ta' flotot, li ammonta għal kważi 70 % tal-flotta totali fl-2003.

**Figura 1 Bidliet fil-kapaċità tal-flotta tas-sajd Ewropea: 1989–2003**




**Nota:** Il-bidliet fis-saħħa jirreferu għall-1989–2003 fil-każ ta' l-UE-15 u għall-1997–2002 fil-każ ta' l-EFTA. Il-bidliet fit-tunnellaġġ jirreferu għall-1989–2003 fil-każ ta' l-UE u l-EFTA; 1992–1995 fil-każ ta' l-Istati Membri Ġodda u l-Pajjiżi Kandidati (ara l-kodiċi). Il-bidliet fin-numru jirreferu għall-1989–2002 fil-każ ta' l-UE u l-EFTA; 1992–2001 fil-każ ta' l-Istati Membri Ġodda; u 1992–1995 fil-każ tal-Pajjiżi Kandidati.

Kodiċi: Il-pajjiżi ġew miġbura f'dawn il-kategoriji: UE-15 (l-Awstrija, il-Belġju, id-Danimarka, il-Ġermanja, il-Greċja, Spanja, Franza, l-Irlanda, l-Italja, il-Lussemburgu, l-Olanda, il-Portugall, il-Finlandja, l-iŻvezja, ir-Renju Unit); EFTA (l-Iżlanda u n-Norveġja); Stati Membri Ġodda (l-Estonja, Ċipru, il-Litwanja, il-Latvja, Malta, il-Polonja u s-Slovenja); Pajjiżi Kandidati (il-Bulgarija u r-Rumanija).

Is-sors ta' l-informazzjoni: Id-DĠ għas-Sajd, Il-Eurostat, L-Organizzazzjoni tan-NU għall-Ikel u l-Biedja (FAO).

**Figura 2 Il-kapaċità tal-flotta tas-sajd Ewropea: numru ta' bastimenti**




**Nota:** Dati disponibbli: Numru ta' bastimenti fl-1989–2002 għall-UE-15; fl-1989–1992 u l-1998–2002 għall-EFTA; fl-1989–1995 u l-2001 għall-Istati Membri Ġodda (ara l-kodiċi); fl-1992–1995 u l-2001 għall-Bulgarija u Ir-Rumanija.

Tifsira: Il-pajjiżi ġew miġbura fil-kategoriji bħal f'Figura 1.

Sors ta' l-informazzjoni: Id-DĠ għas-Sajd, Il-Eurostat, Il-FAO (Rif: www.eea.eu.int/coreset).

Fl-2002 kien hemm 90 595 bastiment tas-sajd fl-UE-15 u 12 589 fil-pajjiżi ta' l-EFTA. Skond id-DĠ għas-Sajd, il-flotot ta' l-Estonja, Ċipru, il-Litwanja, il-Latvja, Malta, il-Polonja u s-Slovenja ammontaw għal madwar 6 200 bastiment fl-2001. Kemm il-flotot ta' l-UE kif ukoll dawk ta' l-EFTA ċkienu b'mod gradwali fid-daqs matul dawn l-aħħar 15-il sena, filwaqt li l-flotot ta' l-Estonja, Ċipru, il-Litwanja, il-Latvja, Malta, il-Polonja, u s-Slovenja kibru b'mod gradwali matul l-aħħar 10 snin (Figura 2). Ta' min jinnota li l-ogħla valur osservat fl-1994 kien riżultat ta' l-introduzzjoni ta' pajjiżi ġodda fir-reġistru, jiġifieri l-Finlandja u l-iŻvezja. Il-Greċja, l-Italja, Spanja, in-Norveġja u l-Portugall żammew l-akbar numru ta' bastimenti, li ammontaw għal kważi 70 % tal-flotta totali fl-2003. Fil-każ tal-Greċja u l-Portugall, it-tqabbil tan-numru ta' bastimenti mal-kapaċità tal-flotta jindika li dawn iż-żewġ flotot jikkonsistu prinċipalment minn bastimenti żgħar.

Minkejja t-tnaqqis ġenerali fid-daqs u l-kapaċità (Qawwa u tunnellaġġ) li rat il-flotta ta' l-UE f'dawn l-aħħar 15-il sena, ma kien osservat l-ebda titjib evidenti fil-kundizzjoni tal-popolazzjonijiet tal-ħut. Skond id-DĠ għas-Sajd *Waħda mill-aktar problemi bażiċi u persistenti tal-politika komuni tas-sajd kienet il-kapaċità żejda kostanti tal-flotta ta' l-UE. Miżuri ta' konservazzjoni kienu persistentement imminati minn attivitajiet tas-sajd f'livelli ferm ogħla mil-livell ta' pressjoni li l-popolazzjonijiet disponibbli tal-ħut setgħu jirreżistu bla periklu. Hekk kif it-teknoloġija ġdida qiegħda tagħmel il-bastimenti tas-sajd dejjem aktar effiċjenti, il-kapaċità tal-flotta għandha titnaqqas sabiex jinżamm bilanċ bejn il-kapaċità tas-sajd u l-ammonti ta' ħut li jistgħu jittieħdu minn ġol-baħar*

**Figura 3 Il-kapaċità tal-flotta tas-sajd Ewropea: tunnellaġġ**




**Nota:** Dati disponibbli: 1989–2003 għall-UE-15; 1989–1992 u 1998–2003 għall-EFTA; 1992–1995 għall-Istati Membri Ġodda (ara l-kodiċi); 1989–1995 għall-Pajjiżi Kandidati.

Kodiċi: Il-pajjiżi ġew miġbura fil-kategoriji bħal f'Figura 1.

Sors ta' l-informazzjoni: Id-DĠ għas-Sajd, Il-Eurostat, l-FAO (Rif: www.eea.eu.int/coreset).

*permezz tas-sajd*. Il-pjanijiet ta' gwida multi-annwali (MAGPs) rriżultaw mhux adegwati u kienu sostitwiti minn skema aktar sempliċi fil-politika komuni aġġornata dwar is-sajd (Jannar 2003).

## Definizzjoni ta' l-indikatur

L-indikatur huwa kejl tad-daqs u l-kapaċità tal-flotta tas-sajd, li min-naħa tiegħu huwa meqjus li jagħti indikazzjoni tal-pressjoni fuq ir-riżorsi tal-ħut tal-baħar u l-ambjent.

Id-daqs tal-flotta tas-sajd Ewropea huwa mogħti bħala n-numru ta' bastimenti, il-kapaċità bħala qawwa totali tal-magna f'kW, u t-tunnellaġġ totali f'tunnellati.

## Il-bażi loġika ta' l-indikatur

Il-kapaċità tas-sajd, definita f'termini ta' tunnellaġġ u qawwa tal-magna u kultant tan-numru ta' bastimenti, hija waħda mill-fatturi prinċipali li jiddeterminaw il-mortalità tal-ħut ikkawżata mill-flotta. F'termini sempliċi, kapaċità żejda twassal għal sajd eċċessiv u pressjoni ambjentali akbar li ddgħajjef il-prinċipju ta' l-użu sostenibbli. Hekk kif it-teknoloġija ġdida qiegħda tagħmel il-bastimenti tas-sajd dejjem aktar effiċjenti, id-daqs u l-kapaċità tal-flotta għandhom jitnaqqsu sabiex jinżamm bilanċ bejn il-pressjoni tas-sajd u l-ammonti ta' ħut disponibbli. Ġew stabbiliti erba' pjanijiet gwida multi-annwali (MAGPs) sabiex tinkiseb is-sostenibbiltà billi ġew iffissati, għal kull Stat Membru tal-kosta, il-livelli massimi tal-kapaċità tas-sajd skond it-tip ta' bastiment.

Madankollu, il-MAGPs naqsu milli jilħqu l-aspettattivi u rriżultaw diffiċli biex tiġġestihom. Il-MAGP IV, li ntemm f'Diċembru 2002, kien għalhekk sostitwit bi skema aktar sempliċi. Taħt l-iskema l-ġdida l-kapaċità tal-flotta għandha titnaqqas b'mod gradwali, jiġifieri l-introduzzjoni ta' kapaċità ġdida fil-flotta mingħajr għajnuna pubblika trid tkun ikkumpensata bit-tneħħija talanqas ta' kapaċità ekwivalenti, ukoll mingħajr għajnuna pubblika.

## Il-Kuntest politiku

Il-linji politiċi ta' l-UE jimmiraw sabiex jinkiseb sajd sostenibbli fuq perjodu twil fi ħdan ekosistema b'saħħitha permezz ta' ġestjoni adegwata tas-sajd, filwaqt li jkunu offruti kundizzjonijiet ekonomiċi u soċjali stabbli għal dawk kollha involuti fl-attività tas-sajd.

L-esplojtazzjoni sostenibbli tal-popolazzjonijiet tal-ħut huwa żgurat permezz tal-Politika Komuni ta' l-UE dwar is-Sajd (ĠU C 158 27.06.1980).

Fi ħdan l-erba' MAGPs, sar sforz sabiex jinkiseb bilanċ sostenibbli bejn il-flotta u r-riżorsi disponibbli. Ir-Regolament Nru 2091/98/KE tat-30 ta' Settembru 1998 tal-Kummissjoni ttratta s-segmentazzjoni tal-flotta tas-sajd u l-attività tas-sajd tal-Komunità b'rabta mal-programmi gwida multi-annwali, u r-Regolament 2792/1999/KE tal-Kunsill stabbilixxa r-regoli u l-arranġamenti dettaljati dwar l-għajnuna strutturali tal-Komunità fis-settur tas-sajd, prinċipalment permezz tal-fondi strutturali u l-għodda finanzjarja għall-industriji tas-sajd bħal ngħidu aħna l-gwida ta' l-għodda finanzjarja għall-industriji tas-sajd (*Financial Instrument for Fisheries Guidelines* — FIFG).

Skond ir-riforma politika dwar is-sajd komuni, il-MAGPs naqsu milli jilħqu l-aspettattivi u rriżultaw diffiċli biex tiġġestihom. Is-sussidji għall-kostruzzjoni/modernizzar u l-ispejjeż operattivi imminaw l-isforzi li saru, anki b'għajnuna pubblika, sabiex tkun eliminata l-kapaċità eċċessiva billi tiġi megħjuna l-introduzzjoni ta' bastimenti ġodda fil-flotta. Il-MAGP IV, li ntemm f'Diċembru 2002, kien sostitwit bi skema aktar sempliċi taħt ir-riforma tal-CFP (ir-Regolament Nru 2371/2002/KE tal-Kunsill dwar il-konservazzjoni u l-esplojtazzjoni sostenibbli tar-riżorsi tas-sajd skond il-Politika Komuni dwar is-Sajd).

## Miri

Ma teżisti l-ebda mira speċifika. Madankollu, il-mira taħt il-CFP riformata hija li jitnaqqsu d-daqs u l-kapaċità tal-flotta tas-sajd sabiex jinkiseb sajd sostenibbli.

## Inċertezza ta' l-indikatur

Is-settijiet tad-dati huma frammentarji kemm fiż-żmien kif ukoll fl-ispazju. Id-dati dwar l-Estonja, Ċipru, il-Litwanja, il-Latvja, Malta, il-Polonja, is-Slovenja, il-Bulgarija u r-Rumanija huma koperti biss mill-FAO, apparti valutazzjoni mhux daqstant preċiża tan-numru ta' bastimenti rrappurtata mid-DĠ għas-Sajd għall-2001. Id-data għall-EFTA hija koperta mill-Eurostat. Id-data għall-UE-15 ġejja mill-Eurostat u d-DĠ għas-Sajd. Id-data dwar il-qawwa għall-Estonja, Ċipru, il-Litwanja, il-Latvja, Malta, il-Polonja, is-Slovenja, il-Bulgarija u r-Rumanija hija nieqsa, u fil-każ tat-tunnellaġġ u n-numru ta' bastimenti din teżisti għall-maġġoranza ta' dawn il-pajjiżi iżda għal perjodu limitat biss, 1992–1995.

Ir-ristrutturazzjoni tal-flotta u t-tnaqqis fil-kapaċità tagħha mhux bilfors iwasslu għal tnaqqis fil-pressjoni tas-sajd billi żviluppi fit-teknoloġija u d-disinn jippermettu bastimenti ġodda li jeżerċitaw pressjoni ta' sajd akbar minn bastimenti eqdem ta' tunnellaġġ u qawwa ekwivalenti.

# 35 Id-domanda għat-trasport tal-passiġġieri

## Il-mistoqsija politika ewlenija

Id-domanda għat-trasport tal-passiġġieri qiegħda tiġi separata mit-tkabbir ekonomiku?

## Il-Messaġġ prinċipali

It-tkabbir fil-volum tat-trasport tal-passiġġieri kważi laħaq dak tal-PGD. It-tkabbir fit-trasport kien marġinalment anqas mit-tkabbir fil-PGD bejn l-1997 u l-2001, iżda reġa' qabżu fl-2002. Is-separazzjoni bejn id-domanda għat-trasport u l-PGD f'dan il-perjodu kienet anqas minn 0.5 % fis-sena meta mqabbla mat-tkabbir ta' 2.1 % fis-sena fit-trasport, u din is-separazzjoni ma nkisbitx kull sena.

## Il-Valutazzjoni ta' l-indikatur

Matul dawn l-aħħar għaxar snin, id-domanda għat-trasport tal-passiġġieri kibret fil-pajjiżi taż-ŻEE inġenerali, u b'hekk għamlitha aktar diffiċli biex wieħed jistabbilizza jew inaqqas l-impatti ambjentali tat-trasport. Il-maġġoranza tal-pajjiżi raw tkabbir kull sena, iżda hemm xi eċċezzjonijiet, b'mod partikulari l-Ġermanja, fejn id-domanda baqgħet kważi stabbli mill-1999 'l hawn. Id-domanda għat-trasport għal kull ras ukoll żdiedet, u sa l-2002 kienet laħqet aktar minn 10 000 kilometru fil-pajjiżi li għalihom id-data hija disponibbli.

Il-fattur prinċipali għal dan huwa ż-żieda fil-qligħ flimkien mat-tendenza li wieħed jonfoq bejn wieħed u ieħor l-istess sehem mill-qligħ disponibbli fuq it-trasport. Qligħ addizzjonali għalhekk ifisser nefqa addizzjonali għall-ivvjaġġar, li jippermetti vjaġġar aktar ta' spiss, aktar veloċi, aktar fit-tul u aktar lussuż. Id-distanza medja li jivvjaġġaw ta' kuljum iċ-ċittadini ta' l-UE-15 żdiedet minn 32 kilometru fl-1991 għal 37 kilometru fl-1999, bl-aktar modi ta' trasport li kibru b'pass mgħaġġel ikunu l-karozzi privati u l-avjazzjoni.

It-tkabbir globali fit-trasport tal-passiġġieri kien jixbah ħafna lil dak tal-PGD. It-tkabbir tat-trasport kien marġinalment anqas mit-tkabbir tal-PGD bejn l-1997 u l-2001, iżda reġa' qabżu fl-2002. Mill-1997, is-separazzjoni bejn id-domanda għat-trasport u t-tkabbir tal-PGD kienet ta' anqas minn 0.5 % fis-sena meta mqabbla mat-tkabbir ta' 2.1 % fis-sena għat-trasport.

Fattur wieħed li jispjega din is-separazzjoni żgħira huwa l-instabilità akbar fil-prezzijiet tal-karburanti mill-1997 'il quddiem, li għandha mnejn naqqset it-tendenza li wieħed jinvesti f'karozzi addizzjonali. Il-'protesti dwar il-prezzijiet tal-karburanti' fl-2000, għalkemm prinċipalment mit-trasportaturi tal-merkanzija, urew ir-reazzjoni ta' l-utenti tat-toroq għall-prezzijiet ogħla. Dan huwa wkoll konsistenti mat-tkabbir akbar fl-2002, billi l-prezzijiet tal-karburanti sa dak iż-żmien kienu reġgħu tbaxxew. Madankollu l-konġestjoni dejjem akbar f'ċerti bliet kienet ukoll ippreżentata bħala fattur ta' spjega.

Data dwar ir-raġunijiet għall-ivvjaġġar li tkopri l-UE kollha mhix disponibbli. Madankollu, skond stħarriġ nazzjonali dwar il-mobilità, 40 % tad-domanda għat-trasport tal-passiġġieri fid-disgħinijiet kienet għad-divertiment. It-turiżmu huwa mottiv importanti ta' vjaġġar, u l-maġġoranza tal-vjaġġi attribwiti għat-turiżmu huma f'distanzi twal. L-importanza tat-turiżmu għat-traffiku ta' l-ajru hija murija b'mod ċar bil-preżenza tad-destinazzjonijiet turistiċi ta' Palma de Mallorca, Tenerife u Malaga fost l-aktar 20 ajruport li jgħaddu minnhom passiġġieri.

Il-mira ddikjarata tal-politika komuni dwar it-trasport, għaż-żamma ta' l-ishma modali ta' l-1998, fil-preżent mhix qiegħda tintlaħaq. Is-sehem tat-trasport bil-karozza huwa stabbli f'madwar 72 % filwaqt li t-trasport bl-ajru qiegħed jiżdied u t-trasport bil-karozzi tal-linja u l-ferrovija qiegħed jonqos b'mod kostanti. F'figuri totali, il-karozzi tal-linja u l-ferroviji qegħdin bejn wieħed u ieħor iżommu s-swieq rispettivi tagħhom, filwaqt li t-tkabbir kollu qiegħed fit-traffiku tat-triq u b'mod partikulari f'dak ta' l-ajru.

Ġid akbar fost iċ-ċittadini joffri aktar nies l-għażla li jixtru karozza u li jużaw il-flessibiltà żejda li din tagħti. Huwa biss f'ċentri urbani ffullati u għal distanzi itwal li t-trasport pubbliku jista' jikkompeti f'termini ta' ħin ta' l-ivvjaġġar.

L-avjazzjoni rat tnaqqis żgħir fis-sehem tas-suq wara l-attakki terroristiċi tal-11 ta' Settembru 2001 fuq iċ-Ċentru Dinji tal-Kummerċ u l-Pentagon, il-gwerer suċċessivi u l-epidemija tas-SARS. Dan wassal għal konsolidament akbar ta' l-industrija tal-linji ta' l-ajru iżda pprovda wkoll opportunitajiet għal-linji rħas ta' l-ajru, li qegħdin ikabbru b'pass imgħaġġel is-sehem tas-suq tagħhom. Għalhekk l-ispiża relattiva tal-vjaġġi bl-ajru naqset, biex kompliet issostni t-tkabbir riċenti fl-ivvjaġġar bl-ajru.

## Definizzjoni ta' l-indikatur

Sabiex titkejjel is-separazzjoni tad-domanda tal-passiġġieri mit-tkabbir ekonomiku, jiġi mkejjel il-volum tat-trasport tal-passiġġieri f'relazzjoni mal-PGD (jiġifieri l-intensità). Xejriet separati għaż-żewġ komponenti huma mogħtija għall-UE-25. Separazzjoni relattiva sseħħ meta d-domanda għat-trasport tal-passiġġieri tikber b'rata anqas minn dik tal-PGD. Separazzjoni totali sseħħ meta d-domanda għat-trasport tal-passiġġieri tonqos filwaqt li l-PGD jiżdied jew jibqa' stabbli.

L-unità hija l-passiġġier-kilometru (passiġġier-km), li tirrappreżenta passiġġier jivvjaġġa distanza ta' kilometru. Hija msejsa fuq trasport tal-passiġġieri b'karozza, karozza tal-linja, kowċ u ferrovija. Stimi tat-trasport bl-ajru tal-passiġġieri huma, fejn disponibbi (UE-15), inklużi fit-trasport intern totali tal-passiġġieri. Id-data kollha hija bbażata fuq movimenti fit-territorju nazzjonali, irrispettivament min-nazzjonalità tal-vettura.

Id-domanda għat-trasport tal-passiġġieri u l-PGD reali huma murija bħala indiċi (1995 = 100). Ir-relazzjoni ta' l-ewwel mat-tieni hija maħduma fuq is-sena ta' qabel (jiġifieri s-separazzjoni annwali/bidliet fl-intensità) bil-għan li jkunu jistgħu jiġu osservati bidliet fl-intensità annwali tad-domanda għat-trasport tal-passiġġieri f'relazzjoni mat-tkabbir ekonomiku.

L-indikatur jista' jiġi ppreżentat ukoll bħala s-sehem tat-trasport bil-karozza tal-passiġġieri fit-trasport intern totali (jiġifieri s-sehem modali separat għat-trasport tal-passiġġieri). L-Eurostat bħalissa qiegħed jaħdem fuq metodi għall-kalkulazzjoni u l-attribuzzjoni territorjali tad-data dwar il-prestazzjoni tat-trasport bl-ajru li, jekk tkun inkluża, ikollha impatt notevoli fuq l-ishma modali tal-passiġġieri. Meta r-riżultati tal-Eurostat ikunu disponibbli, l-indikatur tas-sett prinċipali jiġi rivedut u l-ishma modali separati jkunu murija.

## Il-bażi loġika ta' l-indikatur

It-trasport huwa wieħed mis-sorsi ewlenin ta' gassijiet b'effett tas-serra u jikkawża wkoll tniġġis notevoli ta' l-arja, li jista' jagħmel ħsara kbira għas-saħħa tal-bniedem u l-ekosistemi. L-indikatur jgħin sabiex wieħed jifhem l-iżviluppi fis-settur tat-trasport tal-passiġġieri (il-'kobor' tat-trasport), li min-naħa tiegħu jispjega x-xejriet osservati fl-impatt tat-trasport fuq l-ambjent.

**Figura 1** **Ix-xejra fid-domanda għat-trasport tal-passiġġieri u l-PGD**

Indiċi: UE-25 fl-995 = 100




**Nota:** Jekk l-indikatur tas-separazzjoni (strixxi vertikali) jkun ogħla minn 100, id-domanda għat-trasport tkun qiegħda taqbeż it-tkabbir tal-PGD (jiġifieri strixxa pożittiva = l-ebda separazzjoni) filwaqt li valur taħt 100 ifisser li d-domanda għat-trasport tkun qiegħda tikber aktar bil-mod mill-PGD (jiġifieri strixxa negattiva = separazzjoni). L-indiċi ta' l-UE-25 għad-domanda għat-trasport tal-passiġġieri ma jinkludix lil Malta, Ċipru, l-Estonja, il-Latvja u l-Litwanja minħabba nuqqas ta' serje sħiħa taż-żmien f'dawn il-pajjiżi. Is-separazzjoni għad-domanda tal-passiġġieri wkoll teskludi lil dawn il-5 pajjiżi, li flimkien jirrappreżentaw madwar 0.3–0.4 % tal-PGD ta' l-UE-25. Ara wkoll id-Definizzjoni ta' l-indikatur.

Sors ta' l-informazzjoni: Il-Eurostat u d-DĠ għall-Enerġija u t-Trasport, Kummissjoni Ewropea (Rif: www.eea.eu.int/coreset).

## Tabella 1 Xejra fl-intensità annwali tad-domanda għat-trasport tal-passiġġieri

| Xejriet fid-domanda għat-trasport tal-passiġġieri (passiġġier/km għall-karozzi, ferroviji u karozzi tal-linja/kowċis); Indiċi 1995 = 100 | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | **1995** | **1996** | **1997** | **1998** | **1999** | **2000** | **2001** | **2002** |
| **ŻEE** | 100 | 102 | 103 | 106 | 108 | 110 | 112 | 113 |
| **UE-25** | 100 | 102 | 103 | 106 | 108 | 110 | 112 | 113 |
| **UE-15 qabel l-2004** | 100 | 102 | 103 | 105 | 108 | 110 | 112 | 113 |
| **UE-10** | m.a. | m.a. | m.a. | m.a. | m.a. | m.a. | m.a. | m.a. |
| **Il-Belġju** | 100 | 101 | 102 | 105 | 108 | 108 | 110 | 112 |
| **Id-Danimarka** | 100 | 103 | 105 | 107 | 110 | 110 | 109 | 111 |
| **Il-Ġermanja** | 100 | 100 | 100 | 101 | 104 | 102 | 104 | 105 |
| **Il-Greċja** | 100 | 104 | 108 | 113 | 119 | 125 | 131 | 137 |
| **Spanja** | 100 | 104 | 107 | 112 | 118 | 121 | 124 | 133 |
| **Franza** | 100 | 102 | 104 | 107 | 110 | 110 | 114 | 115 |
| **L-Irlanda** | 100 | 107 | 115 | 120 | 129 | 138 | 144 | 152 |
| **L-Italja** | 100 | 102 | 104 | 107 | 107 | 116 | 115 | 115 |
| **Il-Lussemburgu** | 100 | 102 | 104 | 105 | 105 | 107 | 109 | 111 |
| **L-Olanda** | 100 | 101 | 104 | 105 | 107 | 108 | 108 | 110 |
| **L-Awstrija** | 100 | 100 | 99 | 101 | 102 | 103 | 103 | 104 |
| **Il-Portugall** | 100 | 105 | 112 | 118 | 126 | 131 | 134 | 140 |
| **Il-Finlandja** | 100 | 101 | 103 | 105 | 108 | 109 | 111 | 113 |
| **L-iżvezja** | 100 | 101 | 101 | 102 | 105 | 106 | 108 | 111 |
| **Ir-Renju Unit** | 100 | 102 | 103 | 104 | 104 | 105 | 106 | 108 |
| **Ċipru** | m.a. | m.a. | m.a. | m.a. | m.a. | m.a. | m.a. | m.a. |
| **Ir-Repubblika Ċeka** | 100 | 102 | 102 | 102 | 105 | 108 | 109 | 110 |
| **L-Estonja** | 100 | m.a. | m.a. | m.a. | m.a. | m.a. | m.a. | m.a. |
| **L-Ungerija** | 100 | 100 | 101 | 102 | 104 | 106 | 106 | 108 |
| **Il-Latvja** | m.a. | m.a. | m.a. | m.a. | m.a. | m.a. | m.a. | m.a. |
| **Il-Litwanja** | 100 | m.a. | m.a. | m.a. | m.a. | m.a. | m.a. | 123 |
| **Malta** | m.a. | m.a. | m.a. | m.a. | m.a. | m.a. | m.a. | m.a. |
| **Il-Polonja** | 100 | 102 | 108 | 114 | 115 | 120 | 123 | 127 |
| **Is-Slovenja** | 100 | 108 | 104 | 95 | 92 | 92 | 90 | 85 |
| **L-iSlovakkja** | 100 | 98 | 95 | 94 | 97 | 106 | 105 | 108 |
| **L-Iżlanda** | 100 | 105 | 111 | 118 | 122 | 124 | 125 | 127 |
| **In-Norveġja** | 100 | 104 | 104 | 106 | 107 | 108 | 110 | 112 |
| **Il-Bulgarija** | m.a. | m.a. | m.a. | m.a. | m.a. | m.a. | m.a. | m.a. |
| **Ir-Rumanija** | m.a. | m.a. | m.a. | m.a. | m.a. | m.a. | m.a. | m.a. |
| **It-Turkija** | 100 | 107 | m.a. | m.a. | 121 | m.a. | m.a. | m.a. |

**Nota:** Data dwar id-domanda totali għat-trasport tal-passiġġieri inkluż it-trasport bl-ajru mhix disponibbli għall-pajjiżi u s-snin kollha. Sabiex ikun zgurat tqabbil aktar ġust tax-xejriet, l-indiċi mogħti fit-Tabella ma jinkludix id-domanda għat-trasport bl-ajru. L-UE-25 kollettiv jeskludi lil Ċipru, l-Estonja, il-Latvja, il-Litwanja u Malta, minħabba nuqqas ta' data disponibbli dwar id-domanda tal-passiġġieri mill-1995 'l hawn.

Sors ta' l-informazzjoni: Id-data dwar id-domanda tal-passiġġieri wżata fl-indikaturi strutturali (Frar 2005), Eurostat (Rif: www.eea.eu.int/coreset).

Ir-rilevanza tal-politika dwar is-separazzjoni modali għall-impatt ambjentali tat-trasport tal-passiġġieri titnissel mid-differenzi fil-prestazzjoni ambjentali (konsum ta' riżorsi, emissjonijiet ta' gassijiet b'effett tas-serra, sustanzi li jniġġsu u ħsejjes, konsum ta' art, inċidenti, eċċ) ta' modi differenti ta' trasport. Dawn id-differenzi qegħdin jiċkienu fuq bażi ta' passiġġier-km, li jagħmilha aktar diffiċli sabiex jiġu determinati l-effetti ambjentali komplessivi diretti u futuri ta' bidliet modali. L-effett ambjentali komplessiv ta' bidliet modali jista' fil-fatt ikun magħruf biss fuq bażi individwali, fejn jistgħu jiġu kkunsidrati ċirkostanzi lokali u effetti speċifiċi fuq l-ambjent lokali (bħal ngħidu aħna t-trasport f'żoni urbani jew fuq distanzi twal).

## Il-Kuntest politiku

Il-mira tas-separazzjoni ġiet imfissra l-ewwel darba fl-istrateġija għall-integrazzjoni tat-trasport u l-ambjent li kienet adottata mill-Kunsill tal-Ministri f'Helsinki (1999). Il-mira tas-separazzjoni tissemma wkoll fl-istrateġija għall-iżvilupp sostenibbli, adottata mill-Kunsill ta' l-Ewropa f'Gothenburg, bil-għan li titnaqqas il-konġestjoni kif ukoll l-effetti negattivi oħra tat-trasport. Il-Kunsill reġa' afferma l-mira tas-separazzjoni fir-reviżjoni ta' l-istrateġija għall-integrazzjoni fl-2001 u l-2002.

Is-separazzjoni tat-tkabbir ekonomiku u d-domanda għat-trasport tissemma fis-sitt programm ta' azzjoni ambjentali bħala azzjoni prinċipali sabiex tiġi ttrattata l-bidla fil-klima u jitnaqqsu l-impatti tat-trasport fuq is-saħħa f'żoni urbani.

Il-bidla fit-trasport mit-triq għall-ferrovija hija element strateġiku importanti fil-politika ta' l-UE dwar it-trasport. L-oġġettiv kien ifformulat l-ewwel darba fl-istrateġija għall-iżvilupp sostenibbi (SDS). Fir-reviżjoni ta' l-istrateġija għall-integrazzjoni tat-trasport u l-ambjent fl-2001 u l-2002, il-Kunsill isostni li s-separazzjoni modali għandha tinżamm stabbli għal talanqas l-għaxar snin li ġejjin, anki jekk ikun hemm aktar tkabbir fit-traffiku.

Bidla modali hija fundamentali u l-Kummissjoni tipproponi miżuri mmirati għal bidla modali fil-*white paper* dwar il-politika komuni dwar it-trasport (CTP) 'Politika Ewropea dwar it-Trasport għall-2010: Iż-żmien għad-Deċiżjonijiet'. Il-mira hija li t-tkabbir fit-trasport jinfired b'mod sinifikanti mit-tkabbir fil-PGD bil-għan li jitnaqqsu l-konġestjoni u effetti negattivi oħra sekondarji tat-trasport. Mira oħra hija li sseħħ bidla fl-użu tat-trasport mit-triq għall-ferrovija, baħar u trasport pubbliku sabiex is-sehem tat-trasport tat-triq fl-2010 ma jkunx akbar minn dak ta' l-1998.

## Inċertezza ta' l-indikatur

Id-data kollha għandha tkun ibbażata fuq movimenti fit-territorju nazzjonali, irrispettivament min-nazzjonalità tal-vettura. Madankollu, il-metodoloġija tal-ġbir tad-dati mhix armonizzata fuq il-livell ta' UE u l-kopertura hija nkompleta.

B'konnessjoni mat-trasport bl-ajru, il-Eurostat bħalissa ma jiġborx dati dwar il-prestazzjoni tat-trasport fit-territorju nazzjonali tal-pajjiżi fejn isseħħ din il-prestazzjoni, kif ikun meħtieġ bil-'prinċipju tat-territorju nazzjonali'. Il-Eurostat qiegħed jaħdem fuq metodi għall-kalkulazzjoni u l-attribuzzjoni territorjali tad-data dwar il-prestazzjoni għat-trasport bl-ajru. Sakemm din id-data tkun disponibbli, it-total ta' l-UE-25 għall-indikatur tas-sett prinċipali għandu jinkludi stimi tad-domanda għat-trasport bl-ajru mid-DĠ tal-Kummissjoni Ewropea dwar l-Enerġija u t-Trasport. L-istess stimi mhumiex disponibbli għal pajjiżi individwali u għall-istess snin.

It-tagħbija tal-vettura hija fattur determinanti sabiex ikun valutat jekk hemmx separazzjoni jew le tad-domanda għat-trasport tal-passiġġieri mit-tkabbir tal-PGD. Il-fatturi tat-tagħbija fil-każ tat-trasport ta' passiġġieri bil-karozza (jiġifieri l-ammont medju ta' passiġġieri f'kull karozza) mhumiex varjanti obbligatorji fid-data dwar il-prestazzjoni tat-trasport tal-passiġġieri li tinġabar permezz tal-kwestjonarju komuni tal-Eurostat/ECMT/UNECE dwar l-istatistiċi għat-trasport. Billi l-fatturi tat-tagħbija mhux dejjem ikunu disponibbli, assessjoni tajba tax-xejriet fit-trasport tal-passiġġieri hija diffiċli ħafna. Wieħed ma jistax, ngħidu aħna, jgħid sewwa xi proporzjon mix-xejra osservata ta' passiġġier-km jirriżulta minn bidliet fin-numru medju ta' passiġġieri f'kull karozza. Għal stampa kompluta tad-domanda għat-trasport u l-problemi ambjentali relatati, ikun għalhekk siewi li wieħed jikkumplimenta d-data dwar in-numru ta' passiġġieri-km b'data dwar vetturi-km.

# 36 Id-domanda għat-trasport tal-merkanzija

## Il-mistoqsija politika ewlenija

Id-domanda għat-trasport tal-merkanzija qiegħda tiġi sseparata mit-tkabbir ekonomiku?

## Il-Messaġġ prinċipali

Il-volum tat-trasport tal-merkanzija kiber b'pass mgħaġġel u ġeneralment kien imsieħeb mat-tkabbir fil-PGD. Għalhekk il-mira għas-separazzjoni tat-tkabbir fil-PGD mit-tkabbir fit-trasport ma ntlaħqitx. Eżami aktar mill-qrib jiżvela differenzi reġjonali kbar, bi tkabbir aktar veloċi mill-PGD fl-UE-15 u aktar bil-mod mill-PGD fl-Istati Membri ta' l-UE-10. Dan huwa prinċipalment riżultat tar-ristrutturazzjoni ekonomika fl-Istati Membri ta' l-UE-10 matul dawn l-aħħar għaxar snin.

## Il-Valutazzjoni ta' l-indikatur

Id-domanda għat-trasport tal-merkanzija kibret b'mod sinifikanti mill-1992 'il quddiem, u b'hekk għamlitha aktar diffiċli biex wieħed jikkontrolla l-impatti ambjentali tat-trasport. Iżda bħala bażi għat-tkabbir kważi ekwivalenti mal-PGD hemm stampa aktar kumplessa. Id-domanda għat-trasport tal-merkanzija kibret b'pass notevolment aktar veloċi fl-UE-15 filwaqt li l-istampa għall-UE-10 hija l-oppost.

Fil-każ ta' l-UE-15, l-ispjegazzjoni prinċipali hija li s-suq intern qiegħed jikkawża ċerta rialokazzjoni ta' proċessi ta' produzzjoni, li tikkawża tkabbir addizzjonali fid-domanda għat-trasport lilhinn mit-tkabbir fil-PGD. Fil-każ ta' l-UE-10, ir-raġuni prinċipali hija ċ-ċaqliqa qawwija fil-produzzjoni minn industrija tradizzjonali relattivament qawwija ta' valur baxx għal produzzjoni u servizzi ta' valur ogħla. Din, imsieħba ma' tkabbir ekonomiku b'saħħtu, tfisser li t-tkabbir fit-trasport tal-merkanzija mhux qiegħed ilaħħaq mat-tkabbir fil-PGD. Iż-żewġ effetti huma temporanji, iżda d-data ma fiha l-ebda indikazzjoni li qiegħda sseħħ separazzjoni reali.

Is-sehem ta' modi alternattivi (ferrovija u kanali interni) fit-trasport tal-merkanzija naqas f'dawn l-aħħar għaxar snin. B'konsegwenza ta' hekk, il-mira deskritta fil-politika komuni dwar it-trasport (CTP) għall-istabbilizzazzjoni ta' l-ishma tal-ferrovija, kanali interni, trasport bil-baħar u katusi li jwasslu ż-żejt, u ċ-ċaqliq tal-bilanċ mill-2010 'il quddiem, mhix se tintlaħaq jekk ma jkunx hemm treġġigħ lura qawwi tax-xejra prezenti.

Dan l-iżvilupp jista' jiġi mfisser billi wieħed jagħti ħarsa lejn it-tipi ta' prodotti li jiġu ttrasportati. Dan għandu sehem importanti fl-għażla modali. Prodotti li jitħassru u ta' valur għoli jeħtieġu trasport veloċi u li tista' torbod fuqu — it-trasport tat-triq huwa ħafna drabi l-aktar forma veloċi u affidabbli disponibbli, u jipprovdi livell għoli ta' flessibilità permezz ta' punti ta' ġbir u kunsenja. Prodotti agrikoli u prodotti mmanifatturati huma fost l-aktar prodotti importanti li jiġu ttrasportati madwar l-Ewropa. L-ishma tagħhom f'tunnellati-km ukoll qegħdin jiżdiedu.

Billi s-sistema tat-trasport tippermettiha, il-produzzjoni moderna tippreferi kunsenja 'eżatt fil-ħin' tal-prodotti. Il-veloċità tat-trasport u l-flessibilità huma għalhekk importanti ħafna. Minkejja l-konġestjoni, it-trasport tat-triq huwa ħafna drabi aktar veloċi u aktar flessibbli mit-trasport bil-ferrovija jew bil-baħar. Barra minhekk, b'riżultat ta' ippjanar spazjali u żvilupp infrastrutturali, ħafna destinazzjonijiet jistgħu jintlaħqu biss bit-triq, u trasport konġunt huwa wżat biss b'mod limitat. Barra dan, is-settur tat-toroq huwa wisq liberalizzat, filwaqt li kien biss relattivament reċentement li s-setturi tal-kanali interni u l-ferroviji nfetħu għall-kompetizzjoni wiesgħa. Fl-aħħarnett it-tunnellata medja ta' prodotti ttrasportata bit-triq tivvjaġġa madwar 110 km, distanza li fuqha l-ferrovija u l-kanali interni huma anqas effiċjenti peress li t-trasport bit-triq ikun meħtieġ lejn u mill-punt tat-tagħbija. Aktar minhekk, meta wieħed juża trasport konġunt għal distanzi daqstant qosra, jintilef ħin prezzjuż minħabba n-nuqqas ta' unitajiet ta' tagħbija standardizzati u kollegamenti komdi u veloċi bejn il-kanali interni u l-ferrovija. Fil-każ tat-trasport bil-baħar, it-tunnellata medja ta' prodotti tinġarr aktar minn 1 430 km. Hawnhekk il-ħin mhuwiex daqstant importanti. Il-prezz baxx tat-trasport huwa probabbilment l-aktar fattur dominanti.

## Definizzjoni ta' l-indikatur

Sabiex titkejjel is-separazzjoni tad-domanda għat-trasport tal-merkanzija mit-tkabbir ekonomiku, jiġi kkalkulat il-volum tat-trasport tal-merkanzija f'relazzjoni mal-PGD (jiġifieri l-intensità). Xejriet separati għaż-żewġ komponenti tagħha huma murija għall-UE-25. Separazzjoni relattiva sseħħ meta d-domanda għat-trasport tal-merkanzija tikber b'rata anqas minn dik tal-PGD. Separazzjoni totali sseħħ meta d-domanda għat-trasport tal-merkanzija tonqos u l-PGD ikompli jikber jew jibqa' stabbli. Jekk id-domanda u l-PGD jitbaxxew it-tnejn, dawn jibqgħu akkoppjati.

L-unità hija t-tunnellata-kilometru (tunnellata-km), li tirrappreżenta l-ispostament ta' tunnellata fuq distanza ta' kilometru. Din tinkludi t-trasport bit-triq, ferrovija u kanali interni. It-trasport bil-ferrovija jew b'kanali interni huwa msejjes fuq spostamenti fit-territorju nazzjonali, irrispettivament min-nazzjonalità tal-vettura jew bastiment. It-trasport bit-triq huwa bbażat fuq movimenti kollha ta' vetturi rreġistrati fil-pajjiż li jirrapporta.

Id-domanda għat-trasport tal-merkanzija u l-PGD huma murija bħala indiċi (1995 = 100). Ir-relazzjoni ta' l-ewwel mat-tieni hija maħduma fuq is-sena ta' qabel (jiġifieri s-separazzjoni annwali/bidliet fl-intensità) bil-għan li jkunu jistgħu jiġu osservati bidliet fl-intensità annwali tad-domanda għat-trasport tal-merkanzija f'relazzjoni mat-tkabbir ekonomiku.

L-indikatur jista' jiġi ppreżentat ukoll bħala s-sehem tat-trasport tat-triq fit-trasport intern totali (jiġifieri separazzjoni modali għat-trasport tal-merkanzija). Il-Eurostat bħalissa qiegħed jaħdem fuq metodi għall-kalkulazzjoni u l-attribuzzjoni territorjali ta' data dwar il-prestazzjoni għat-trasport bil-baħar li, jekk tkun inkluża, ikollha impatt sinifikanti fuq l-ishma modali. Meta r-riżultati tal-Eurostat ikunu disponibbli, l-indikatur tas-sett prinċipali jiġi rivedut u l-ishma modali jkunu murija.

## Il-bażi loġika ta' l-indikatur

It-trasport huwa wieħed mis-sorsi ewlenin ta' emissjonijiet ta' gassijiet b'effett tas-serra u jikkawża tniġġis notevoli ta' l-arja, li jista' jagħmel ħsara kbira għas-saħħa tal-bniedem u l-ekosistemi. It-tnaqqis fid-domanda għalhekk inaqqas il-piż ambjentali tat-trasport tal-merkanzija. Is-separazzjoni tat-trasport tal-merkanzija mit-tkabbir tal-PGD hija marbuta biss indirettament ma' l-impatt ambjentali.

Ir-rilevanza tal-politika tas-separazzjoni modali għall-impatt ambjentali tat-trasport tal-merkanzija tfeġġ mid-differenzi fil-prestazzjoni ambjentali (konsum ta' riżorsi, emissjonijiet ta' gassijiet b'effett tas-serra, emissjonijiet ta' sustanzi li jniġġsu u ħsejjes, konsum ta' art, aċċidenti, eċċ) ta' modi differenti ta' trasport. Dawn id-differenzi qegħdin jiċkienu fuq bażi ta' tunnellata-km, li jagħmilha aktar diffiċli sabiex jiġu determinati l-effetti ambjentali globali diretti u futuri ta'

**Figura 1** **Xejriet fid-domanda għat-trasport tal-merkanzija u l-PGD**

Indiċi: UE-25 fl-1995 = 100




**Nota:** L-indikatur tas-separazzjoni huwa kkalkulat bħala r-relazzjoni tad-domanda għat-trasport tal-merkanzija mal-PGD imkejla bil-prezzijiet tas-suq ta' l-1995. L-istrixxi juru l-intensità tad-domanda għat-trasport fis-sena kurrenti f'relazzjoni ma' l-intensità fis-sena ta' qabel. Indiċi ogħla minn 100 jirriżulta minn domanda fit-trasport li taqbeż it-tkabbir fil-PGD (jiġifieri strixxa pożittiva = l-ebda separazzjoni) filwaqt li indiċi taħt 100 ifisser li d-domanda għat-trasport tkun qiegħda tikber aktar bil-mod mill-PGD (jiġifieri strixxa negattiva = separazzjoni). Ara wkoll id-Definizzjoni ta' l-indikatur.

Sors ta' l-informazzjoni: Il-Eurostat (Rif: www.eea.eu.int/coreset).

## Tabella 1 Xejriet fl-intensità annwali tad-domanda għat-trasport tal-merkanzija

| | Xejriet fid-domanda għat-trasport tal-merkanzija (tunnellata/km għat-triq, ferrovija u kanali interni); indiċi 1995 = 100 | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | **1995** | **1996** | **1997** | **1998** | **1999** | **2000** | **2001** | **2002** | **2003** |
| **ŻEE** | 100 | 102 | 106 | 109 | 111 | 114 | 115 | 117 | 118 |
| **UE-25** | 100 | 101 | 106 | 109 | 112 | 115 | 116 | 118 | 118 |
| **UE-15 qabel l-2004** | 100 | 102 | 105 | 110 | 113 | 117 | 118 | 120 | 119 |
| **UE-10** | 100 | 98 | 106 | 106 | 104 | 106 | 105 | 109 | 115 |
| **Il-Belġju** | 100 | 93 | 97 | 93 | 87 | 112 | 115 | 116 | 112 |
| **Id-Danimarka** | 100 | 95 | 96 | 96 | 103 | 107 | 99 | 100 | 103 |
| **Il-Ġermanja** | 100 | 99 | 103 | 106 | 111 | 114 | 115 | 114 | 115 |
| **Il-Greċja** | 100 | 120 | 136 | 155 | 161 | 162 | 162 | 163 | 164 |
| **Spanja** | 100 | 100 | 108 | 121 | 129 | 142 | 153 | 174 | 181 |
| **Franza** | 100 | 101 | 104 | 108 | 114 | 115 | 114 | 113 | 111 |
| **L-Irlanda** | 100 | 113 | 123 | 142 | 176 | 209 | 211 | 241 | 263 |
| **L-Italja** | 100 | 106 | 106 | 112 | 108 | 112 | 113 | 115 | 105 |
| **Il-Lussemburgu** | 100 | 69 | 84 | 93 | 115 | 136 | 152 | 157 | 164 |
| **L-Olanda** | 100 | 102 | 109 | 116 | 122 | 119 | 118 | 116 | 109 |
| **L-Awstrija** | 100 | 104 | 107 | 113 | 123 | 130 | 136 | 140 | 141 |
| **Il-Portugall** | 100 | 120 | 130 | 131 | 136 | 139 | 154 | 153 | 144 |
| **Il-Finlandja** | 100 | 100 | 105 | 113 | 117 | 125 | 119 | 123 | 121 |
| **L-iŻvezja** | 100 | 102 | 106 | 103 | 102 | 109 | 105 | 109 | 111 |
| **Ir-Renju Unit** | 100 | 104 | 106 | 108 | 106 | 105 | 105 | 105 | 106 |
| **Ċipru** | 100 | 103 | 105 | 108 | 110 | 114 | 118 | 122 | 130 |
| **Ir-Repubblika Ċeka** | 100 | 97 | 114 | 97 | 99 | 101 | 103 | 110 | 115 |
| **L-Estonja** | 100 | 113 | 146 | 183 | 209 | 223 | 245 | 261 | 298 |
| **L-Ungerija** | 100 | 99 | 103 | 120 | 115 | 119 | 116 | 119 | 118 |
| **Il-Latvja** | 100 | 126 | 149 | 148 | 141 | 156 | 169 | 183 | 214 |
| **Il-Litwanja** | 100 | 99 | 111 | 112 | 126 | 135 | 129 | 165 | 185 |
| **Malta** | 100 | 103 | 106 | 109 | 113 | 116 | 116 | 116 | 116 |
| **Il-Polonja** | 100 | 104 | 110 | 109 | 105 | 106 | 103 | 103 | 107 |
| **Is-Slovenja** | 100 | 95 | 106 | 104 | 110 | 128 | 131 | 121 | 125 |
| **L--iSlovakkja** | 100 | 71 | 70 | 74 | 72 | 65 | 62 | 62 | 66 |
| **L-Iżlanda** | 100 | 103 | 109 | 112 | 121 | 127 | 130 | 132 | 139 |
| **In-Norveġja** | 100 | 123 | 138 | 143 | 144 | 147 | 146 | 147 | 156 |
| **Il-Bulgarija** | 100 | 88 | 86 | 73 | 61 | 31 | 33 | 35 | 38 |
| **Ir-Rumanija** | 100 | 102 | 102 | 78 | 66 | 73 | 81 | 94 | 104 |
| **It-Turkija** | 100 | 120 | 123 | 133 | 132 | 142 | 131 | 131 | 133 |

**Nota:** Sors ta' l-informazzjoni: Data dwar id-domanda tal-merkanzija wżata fl-indikaturi ta' l-istrutturali (Frar 2005), Eurostat (Rif: www.eea.eu.int/coreset).

bidliet modali. Id-differenzi fil-prestazzjoni fi ħdan modi speċifiċi wkoll jistgħu jkunu sostanzjali, ngħidu aħna ferroviji qodma f'konfront ma' ferroviji ġodda. L-effetti ambjentali komplessivi ta' bidliet modali jistgħu fil-fatt ikunu magħrufa biss fuq bażi individwali, fejn jistgħu jiġu kkunsidrati ċirkostanzi lokali u effetti speċifiċi fuq l-ambjent lokali (bħal ngħidu aħna t-trasport f'żoni urbani jew minn żoni sensittivi). Id-daqs ta' l-effetti ambjentali ta' bidliet modali jista' jkun limitat, billi bidla modali hija biss opzjoni għal swieq żgħar. L-opportunitajiet għal bidla modali jiddependu, ngħidu aħna, fuq it-tipi ta' prodotti li jiġu trasportati — pereżempju prodotti li jitħassru jew prodotti goffi — u l-ħtiġijiet speċifiċi tat-trasport ta' dawn il-prodotti.

## Il-Kuntest politiku

L-UE stabbiliet hija stess il-mira għat-tnaqqis tar-rabta bejn it-tkabbir ekonomiku u d-domanda għat-trasport tal-merkanzija ('separazzjoni') bil-għan li jinkiseb trasport aktar sostenibbli. It-tnaqqis tar-rabta bejn it-tkabbir fit-trasport u l-PGD huwa tema ċentrali fil-politika ta' l-UE dwar it-trasport sabiex jitnaqqsu l-impatti negattivi tat-trasport.

Il-mira għas-separazzjoni tad-domanda għat-trasport tal-merkanzija mill-PGD issemmiet l-ewwel darba fl-istrateġija għall-integrazzjoni tat-trasport u l-ambjent li kienet adottata mill-Kunsill tal-Ministri f'Ħelsinki (1999). Din indikat it-tkabbir mistenni fid-domanda għat-trasport bħala qasam li kien jeħtieġ azzjoni urġenti. Fl-istrateġija għall-iżvilupp sostenibbli li kienet adottata mill-Kunsill ta' l-Ewropa f'Gotenburg, il-mira tas-separazzjoni hija stabbilita bil-għan li jitnaqqsu l-konġestjoni u effettivi negattivi oħra sekondarji tat-trasport. Fir-reviżjoni ta' l-istrateġija għall-integrazzjoni fl-2001 u l-2002, il-Kunsill irriafferma l-mira sabiex titnaqqas ir-rabta bejn it-tkabbir fit-trasport u l-PGD.

Fis-sitt programm ta' azzjoni ambjentali, is-separazzjoni tat-tkabbir ekonomiku u d-domanda għat-trasport hija indikata bħala waħda mill-miri prinċipali sabiex tkun trattata l-bidla fil-klima u jittaffew l-impatti tat-trasport fuq is-saħħa f'żoni urbani.

L-ispostament tal-merkanzija mit-triq għall-ilma u l-ferrovija huwa element strateġiku importanti fil-politika ta' l-UE dwar it-trasport. Il-mira tfissret l-ewwel darba fl-istrateġija għall-iżvilupp sostenibbi (SDS). Fir-reviżjoni ta' l-istrateġija għall-integrazzjoni tat-trasport u l-ambjent fl-2001 u l-2002, il-Kunsill sostna li s-separazzjoni modali għandha tinżamm stabbli għal talanqas l-għaxar snin li ġejjin, anki jekk ikun hemm aktar tkabbir fit-traffiku.

Fil-*white paper* dwar il-politika komuni għat-trasport (CTP) 'Politika Ewropea dwar it-Trasport għall-2010: Iż-Żmien għad-Deċiżjonijiet', il-Kummissjoni tipproponi numru ta' miżuri maħsuba għal bidla modali. Il-mira hija li t-tkabbir fit-trasport jinfired b'mod sinifikanti mit-tkabbir fil-PGD biex b'hekk jitnaqqsu l-konġestjoni u effetti negattivi oħra sekondarji tat-trasport. Mira oħra hija li jiġu stabbilizzati l-ishma tal-ferrovija, kanali interni, trasport qasir bil-baħar u pajpijiet taz-żejt fil-livell ta' l-1998 u ssir il-bidla fl-użu tat-trasport mit-triq għall-ferrovija, baħar u trasport pubbliku mill-2010 'il quddiem.

## Inċertezza ta' l-indikatur

Id-domanda għat-trasport totali intern tal-merkanzija teskludi t-trasport marittimu minħabba problemi metodoloġiċi marbuta ma' l-allokazzjoni ta' trasport marittimu internazzjonali għal pajjiżi speċifiċi. Għalhekk, l-effett tal-globalizzazzjoni (produzzjoni qegħda tiċċaqlaq mill-Ewropa, ngħidu aħna lejn iċ-Ċina) ma għandux impatt li jista' jitkejjel fuq l-indikatur minkejja li għandu konsegwenzi reali kbar għad-domanda għat-trasport totali tal-merkanzija.

Fatturi ta' tagħbija għat-trasport ta' merkanzija fit-triq mhumiex obbligatorji u jinġabru biss fil-qafas ta' Regolament Nru 1172/98/KE tal-Kunsill. Anki fil-każ tal-pajjiżi li jkejlu dawn il-varjanti, id-data kienet irrappurtata biss lill-Eurostat mill-1999 'il quddiem. Il-valutazzjoni tat-tagħbija tal-vetturi ma kinetx prevista bir-Regolament. It-tagħbija tal-vettura hija fattur determinanti sabiex ikun assessjat jekk hemmx separazzjoni jew le tad-domanda għat-trasport tal-merkanzija mill-attività ekonomika.

# 37 L-użu ta' karburanti alternattivi u aktar nodfa

## Il-mistoqsija politika ewlenija

L-UE qiegħda tirreġistra progress sodisfaċenti fl-użu ta' karburanti alternattivi u aktar nodfa?

## Il-Messaġġ prinċipali

- Ħafna Stati Membri introduċew inċentivi sabiex jippromwovu l-użu ta' karburanti b'kontenut baxx u mingħajr kubrit qabel it-termini ta' skadenza obbligatorji (massimu ta' 50 ppm 'ftit' fl-2005 u massimu ta' 10 ppm 'xejn' fl-2009). Il-penetrazzjoni mħallta żdiedet minn madwar 20 għal kważi 50 % bejn l-2002 u l-2003, iżda din għadha ferm 'il bogħod mill-mira ta' 100 % għall-2005.

- Il-penetrazzjoni tal-bijokarburanti u karburanti oħra alternattivi hija baxxa. Is-sehem tal-bijokarburanti fl-UE-25 huwa anqas minn 0.4 %, li għadu ferm 'il bogħod mill-mira ta' 2 % stabbilita għall-2005. Madankollu, wara l-adozzjoni tad-Direttiva dwar il-Bijokarburanti fl-2003, inizjattivi nazzjonali qegħdin jibdlu malajr is-sitwazzjoni.

## Il-Valutazzjoni ta' l-indikatur

It-tnaqqis fil-kontenut ta' kubrit f'karburanti tal-petrol u d-diżil mistenni li jkollu impatt sinifikanti fuq l-emissjonijiet ta' l-egżost billi għandu jippermetti l-introduzzjoni ta' sistemi aktar sofistikati ta' wara t-trattament. Fid-dawl ta' l-obbligi għall-2005 (50 ppm) u l-2009 (10 ppm), ħafna Stati Membri introduċew inċentivi sabiex jippromwovu dawn il-karburanti. Madankollu, il-kapaċità tar-raffineriji sabiex jissuplixxu l-karburanti taffettwa ż-żmien li dawn jieħdu sabiex jippenetraw is-suq.

Fl-2003, is-sehem flimkien ta' ftit jew l-ebda kubrit fil-petrol u fid-diżil fl-UE-15 kien ta' 49 % u 45 % rispettivament, bi tqassim kważi ugwali bejn il-karburanti bi ftit u l-ebda kubrit. Mqabbla mal-figuri għall-2002 ta' 20 %, dawn il-karburanti raw tkabbir sinifikanti. Jekk dan jissokta bl-istess pass, il-miri għall-2005 u l-2009 jistgħu jintlaħqu. Ħafna pajjiżi abbandunaw il-bejgħ ta' fjuwil tal-petrol u d-diżil regolari (350 ppm kubrit). B'mod partikulari, il-Ġermanja qiegħda fuq quddiem nett billi hija l-uniku pajjiż li joffri biss fjuwil mingħajr kubrit. Fit-tarf l-ieħor ta' l-iskala, erba' pajjiżi (Franza, l-Italja, il-Portugall u Spanja) għadhom mhumiex joffru karburanti bi ftit jew l-ebda kubrit fis-swieq tagħhom.

Il-valutazzjoni tal-penetrazzjoni fis-suq tal-bijokarburanti hija mxekkla minn settijiet mhux sħaħ ta' dati, minħabba li s'issa mhux il-pajjiżi kollha bdew jirrapportaw dwar dan. Skond id-dati disponibbli, is-sehem tal-bijokarburanti fl-UE-25 fl-2002 kien għadu baxx, u kien jammonta għal 0.34 % tal-petrol u d-diżil kollu mibjugħ għal skopijiet ta' trasport (il-konsum irrappurtat ta' bijokarburanti bħala perċentwal tal-konsum totali ta' petrol u diżil). Dan is-sehem aktar minn irdoppja tul dawn l-aħħar tmien snin; madankollu jeħtieġ sforz akbar sabiex jintlaħqu l-miri ta' 2 % u 5.75 % sa tmiem l-2005 u l-2010 rispettivament. Franza u l-Ġermanja għandhom l-ogħla ishma ta' bijokarburanti mibjugħa fis-swieq tagħhom.

## Definizzjoni ta' l-indikatur

L-użu ta' karburanti alternattivi u aktar nodfa jitkejjel permezz ta' żewġ indikaturi differenti:

1) Is-sehem tal-karburanti regolari, bi ftit jew l-ebda kubrit fil-konsum totali ta' karburanti għat-trasport tat-triq. Karburanti b'anqas minn 50 parti ta' kubrit għal kull miljun (ppm) huma sikwit indikati li għandhom livell baxx ta' kubrit u dawk b'anqas minn 10 ppm bħala mingħajr kubrit.

2) Il-perċentwal tal-konsum finali ta' enerġija tal-bijokarburanti għat-trasport fil-konsum totali finali flimkien tal-petrol, diżil u bijokarburanti għat-trasport.

Il-karburanti tal-petrol u d-diżil jitkejlu f'miljuni ta' litri u huma ppreżentati bħala ishma ta' regolari, < 50 ppm kubrit u < 10 ppm kubrit.

Il-konsum finali ta' enerġija tal-bijokarburanti, diżil u petrol għat-trasport jitkejjel f'Terajoules ta' valur kalorifiku nett (NCV) u s-sehem tal-bijokarburanti huwa ppreżentat bħala perċentwal tat-addizzjoni tat-tliet karburanti flimkien.

## Il-bażi loġika ta' l-indikatur

Il-leġislazzjoni ta' l-UE stabbiliet rekwiżiti għall-kontenut ta' kubrit fi karburanti tat-trasport tat-triq u s-sehem minimu ta' bijokarburanti fil-konsum totali ta' karburanti għat-trasport tat-triq. L-indikatur intgħażel sabiex isegwi dawn ir-rekwiżiti politiċi billi jissorvelja l-progress miksub.

**Figura 1 L-użu ta' fjuwil fi ftit jew mingħajr kubrit (%), UE-15**




**Nota:** Sors ta' l-informazzjoni: Il-Kummissjoni Ewropea, 2005. Il-kwalità tal-karburanti tal-petrol u d-diżil użati għat-trasport tat-triq fl-Unjoni Ewropea: It-tieni rapport annwali (rapport għas-sena 2003). Rapport mill-Kummissjoni Ewropea (KUMM(2005)69 finali) (Rif: www.eea.eu.int/coreset).

Il-promozzjoni ta' karburanti bi ftit jew mingħajr kubrit għandha tippermetti aktar tnaqqis fl-emissjonijiet ta' sustanzi li jniġġsu minn vetturi tat-triq, filwaqt li l-promozzjoni ta' bijokarburanti hija essenzjali sabiex jitnaqqsu l-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett tas-serra u speċjalment tas-$CO_2$.

## Il-Kuntest politiku

Il-leġislazzjoni ta' l-UE tesiġi tnaqqis fil-kontenut ta' kubrit ta' karburanti tat-trasport tat-triq għal 50 mg/kg (ftit kubrit) sa l-2005 u aktar tnaqqis għal taħt il-50 kg/mg (mingħajr kubrit) sa l-2009. Tirrakkomanda wkoll li l-konsum ta' karburanti għat-trasport tat-triq fl-UE għandu jkollu sehem ta' 2 % ta' bijokarburanti sa l-2005 u 5.75 % sa l-2010.

**Figura 2 Is-sehem tal-bijokarburanti fil-karburanti tat-trasport (%)**




**Nota:** Id-direttiva dwar il-bijokarburanti timmira sabiex tippromwovi l-użu ta' bijokarburanti għat-trasport minflok id-diżil u l-petrol. Il-mira ewlenija hija li jiżdied il-konsum tal-bijokarburanti, aktar milli l-produzzjoni tagħha, li tista' tiġi esportata jew ma tkunx lejn pajjiżi oħra. Is-sehem tal-bijokarburanti għandu jilħaq it-2 % sa l-2005 u l-5.75 % sa l-2010. Id-denominatur jinkludi l-pajjiżi kollha ta' l-UE-25 b'konsum ta' diżil u petrol. In-numeratur jirreferi għall-konsum finali ta' enerġija tal-bijokarburanti fis-settur tat-trasport. Sa l-2002, ftit pajjiżi biss kellhom konsum ta' bijokarburanti jew kienu qegħdin jirrappurtaw konsum ta' bijokarburanti lill-Eurostat. Numru progressivament akbar ta' pajjiżi ta' l-UE mistennija jirrappurtaw konsum ta' bijokarburanti lill-Eurostat meta d-data tkun disponibbli għall-2003, is-sena tad-dħul fis-seħħ tad-direttiva.

Sors ta' l-informazzjoni: Il-Eurostat (Rif: www.eea.eu.int/coreset).

## Inċertezza ta' l-indikatur

Id-data tinġabar fuq bażi annwali mill-Kummissjoni Ewropea u għalhekk tista' titqies bħala korretta u affidabbli. Ir-rekwiżit tal-ġbir ta' dati dwar karburanti bi ftit jew l-ebda kubrit u l-bijokarburanti huwa obbligatorju u għalhekk ir-riżultati huma armonizzati fuq il-livell ta' UE.

Data dwar is-sehem ta' karburanti bi ftit jew mingħajr kubrit fil-mument hija disponibbli biss għall-UE-15 u għat tliet snin (2001, 2002 u 2003), b'riżultat ta' l-obbligi tagħhom ta' rapportaġ. Data dwar il-bijokarburanti fil-mument hija disponibbli għal tmienja mill-pajjiżi ta' l-UE-25 (id-data għall-Italja u d-Danimarka hija disponibbli, iżda

## Tabella 1 Konsum finali ta' enerġija fis-settur tat-trasport

| | 1994 | | | | | | 2002 | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | Konsum finali ta' enerġija f'terajoules (valur kalorifiku nett) | | | Ishma tal-karburanti fil-konsum finali ta' enerġija (%) | | | Konsum finali ta' enerġija f'terajoules (valur kalorifiku nett) | | | Ishma tal-karburanti fil-konsum finali ta' enerġija (%) | | |
| | Spirtu tal-magna (petrol) | Gass/diżil żejt | Bijokarburanti | Spirtu tal-magna (petrol) | Gass/diżil żejt | Bijokarburanti | Spirtu tal-magna (petrol) | Gass/diżil żejt | Bijokarburanti | Spirtu tal-magna (petrol) | Gass/diżil żejt | Bijokarburanti |
| **UE-25** | 5 541 712 | 4 864 585 | 4 896 | 53.2 | 46.7 | 0.05 | 5 242 160 | 6 635 686 | 40 052 | 44.0 | 55.7 | 0.34 |
| **UE-15** | 5 105 540 | 4 574 576 | 4 896 | 52.7 | 47.2 | 0.05 | 4 791 160 | 6 192 212 | 38 964 | 43.5 | 56.2 | 0.35 |
| **UE-10** | 436 172 | 290 009 | 0 | 60.1 | 39.9 | 0.0 | 451 000 | 443 473 | 1 088 | 50.4 | 49.5 | 0.12 |
| **Il-Belġju** | 125 004 | 178 591 | 272 | 41.1 | 58.8 | 0.09 | 91 960 | 244 452 | 0 | 27.3 | 72.7 | 0.00 |
| **Ir-Repubblika Ċeka** | 69 256 | 50 591 | 0 | 57.8 | 42.2 | 0.0 | 84 876 | 110 445 | 1 088 | 43.2 | 56.2 | 0.55 |
| **Id-Danimarka** | 81 048 | 71 995 | 0 | 53.0 | 47.0 | 0.0 | 84 216 | 78 509 | 0 | 51.8 | 48.2 | 0.0 |
| **Il-Ġermanja** | 1 301 344 | 983 687 | 952 | 56.9 | 43.0 | 0.04 | 1 187 516 | 1 127 380 | 18 700 | 50.9 | 48.3 | 0.80 |
| **L-Estonja** | 12 540 | 6 683 | | 65.2 | 34.8 | 0.0 | 13 464 | 13 790 | | 49.4 | 50.6 | 0.0 |
| **Il-Greċja** | 116 424 | 83 669 | | 58.2 | 41.8 | 0.0 | 153 692 | 97 079 | | 61.3 | 38.7 | 0.0 |
| **Spanja** | 403 040 | 511 830 | 0 | 44.1 | 55.9 | 0.0 | 361 636 | 881 363 | 6 358 | 28.9 | 70.5 | 0.51 |
| **Franza** | 660 352 | 934 576 | 3 502 | 41.3 | 58.5 | 0.22 | 570 196 | 1 256 818 | 13 566 | 31.0 | 68.3 | 0.74 |
| **L-Irlanda** | 43 340 | 34 940 | | 55.4 | 44.6 | 0.0 | 69 784 | 80 074 | | 46.6 | 53.4 | 0.0 |
| **L-Italja** | 721 952 | 622 487 | 0 | 53.7 | 46.3 | 0.0 | 703 692 | 831 237 | 0 | 45.8 | 54.2 | 0.0 |
| **Ċipru** | 7 920 | 11 040 | | 41.8 | 58.2 | 0.0 | 10 076 | 14 382 | | 41.2 | 58.8 | 0.0 |
| **Il-Latvja** | 18 700 | 11 125 | | 62.7 | 37.3 | 0.0 | 14 960 | 18 950 | | 44.1 | 55.9 | 0.0 |
| **Il-Litwanja** | 18 568 | 14 678 | | 55.9 | 44.1 | 0.0 | 15 796 | 25 676 | | 38.1 | 61.9 | 0.0 |
| **Il-Lussemburgu** | 23 980 | 24 746 | | 49.2 | 50.8 | 0.0 | 24 464 | 48 307 | | 33.6 | 66.4 | 0.0 |
| **L-Ungerija** | 63 492 | 33 502 | | 65.5 | 34.5 | 0.0 | 58 740 | 74 617 | | 44.0 | 56.0 | 0.0 |
| **Malta** | 3 740 | 4 484 | | 45.5 | 54.5 | 0.0 | 2 244 | 4 991 | | 31.0 | 69.0 | 0.0 |
| **L-Olanda** | 172 128 | 187 178 | | 47.9 | 52.1 | 0.0 | 183 656 | 256 507 | | 41.7 | 58.3 | 0.0 |
| **L-Awstrija** | 101 684 | 82 612 | 170 | 55.1 | 44.8 | 0.09 | 91 036 | 165 393 | 340 | 35.5 | 64.4 | 0.13 |
| **Il-Polonja** | 187 044 | 111 926 | | 62.6 | 37.4 | 0.0 | 185 548 | 119 117 | | 60.9 | 39.1 | 0.0 |
| **Il-Portugall** | 81 532 | 88 196 | | 48.0 | 52.0 | 0.0 | 91 036 | 173 642 | | 34.4 | 65.6 | 0.0 |
| **Is-Slovenja** | 33 704 | 14 890 | | 69.4 | 30.6 | 0.0 | 33 792 | 22 631 | | 59.9 | 40.1 | 0.0 |
| **L-iSlovakkja** | 21 208 | 31 091 | | 40.6 | 59.4 | 0.0 | 31 504 | 38 874 | | 44.8 | 55.2 | 0.0 |
| **Il-Finlandja** | 84 128 | 69 457 | | 54.8 | 45.2 | 0.0 | 80 520 | 84 938 | | 48.7 | 51.3 | 0.0 |
| **L-iŻvezja** | 183 216 | 88 365 | | 67.5 | 32.5 | 0.0 | 180 048 | 110 826 | | 61.9 | 38.1 | 0.0 |
| **Ir-Renju Unit** | 1 006 368 | 612 250 | | 62.2 | 37.8 | 0.0 | 917 708 | 755 690 | | 54.8 | 45.2 | 0.0 |
| **L-Iżlanda** | 6 072 | 2 496 | | 70.9 | 29.1 | 0.0 | 6 424 | 2 242 | | 74.1 | 25.9 | 0.0 |
| **In-Norveġja** | 73 744 | 72 798 | | 50.3 | 49.7 | 0.0 | 72 336 | 87 011 | | 45.4 | 54.6 | 0.0 |
| **Il-Bulgarija** | 43 428 | 21 573 | | 66.8 | 33.2 | 0.0 | 26 884 | 35 955 | | 42.8 | 57.2 | 0.0 |
| **Ir-Rumanija** | 51 568 | 66 538 | | 43.7 | 56.3 | 0.0 | 76 648 | 89 845 | | 46.0 | 54.0 | 0.0 |
| **It-Turkija** | 174 856 | 228 293 | | 43.4 | 56.6 | 0.0 | 137 280 | 262 514 | | 34.3 | 65.7 | 0.0 |

**Nota:** Sa l-2002, ftit pajjiżi biss ta' l-UE kellhom konsum ta' bijokarburanti jew kienu qegħdin jirrappurtaw konsum ta' bijokarburanti lill-Eurostat. Numru progressivament akbar ta' pajjiżi ta' l-UE mistennija jirrappurtaw konsum ta' bijokarburanti lill-Eurostat meta d-data tkun disponibbli għall-2003, is-sena tad-dħul fis-seħħ tad-direttiva.

Sors ta' l-informazzjoni: Il-Eurostat (Rif: www.eea.eu.int/coreset).